











# Manifest Elettorali 2026



INT MALTA

Il-Ħolma Tiegħek. Il-Proġett Tagħna.

INT MALTA

Il-Ħolma Tiegħek. Il-Proġett Tagħna.

# Manifest Elettorali 2026

PARTIT LABURISTA

# Werrej

**25 mira għal ħajja eħfef, isbaħ u aħjar** 12

**Qabża ta' Kwalità** 16
Il-viżjoni tagħna
L-Indiċi tal-Benesseri
L-għaxar dimensjonijiet tal-Indiċi tal-Benesseri
Ir-riżultati

**01**
**Ekonomija li toħloq il-ġid** 24

L-ekonomija fis-snin li ġejjin
Għajnuna diretta lill-SMEs u lis-self-employed
Politika ekonomika ta' stabbiltà
Ease of doing business
Inkubatur għall-istart-ups
Sostenn lin-negozji tal-familja
Setturi ekonomiċi ġodda
L-ekonomija diġitali
Is-servizzi finanzjarji
Il-manifattura u ż-żoni industrijali
Is-settur marittimu
L-avjazzjoni u l-loġistika
Ir-riċerka u l-innovazzjoni
Il-gaming u l-e-sports

## 02
### Dinja tax-xogħol ġdida 40

Titjib fil-pagi
Prattiċi moderni tax-xogħol
Nipproteġu d-dinjità tal-ħaddiema
Il-ħaddiema ta' għada
Ninvestu fil-ħiliet tal-ħaddiema
Nindirizzaw il-ħtieġa ta' ħaddiema f'setturi ġodda
Il-pensjonanti tal-futur
Il-ħarsien tiegħek fuq il-post tax-xogħol

## 03
### Edukazzjoni li tippreparak għall-ġejjieni 50

L-aqwa edukazzjoni u kura bikrija
Edukazzjoni primarja u sekondarja
Opportunitajiet indaqs fl-edukazzjoni
Skejjel tal-knisja u indipendenti
Edukazzjoni postsekondarja u terzjarja
Edukazzjoni inklussiva
Il-ħiliet tal-qari u l-kitba fl-edukazzjoni
l-Rispett u fiduċja fl-għalliema
Għajnuna akbar lill-istudenti
Skejjel ġodda, moderni u attrezzati

## 04
### Id-dar tiegħek 64

L-aqwa edukazzjoni u kura bikrija
Akkomodazzjoni affordabbli
My First Home: sostenn ikbar lill-first-time buyers
Our Next Home: il-familji bit-tfal ikkunsidrati bħala first-time buyers
Akkommodazzjoni Soċjali
Tnaqqis fit-taxxa tal-boll fuq is-suċċessjoni u donazzjoni ta' proprjetà
Buyers' Charter
Serħan il-moħħ lis-sidien tal-proprjetà

## 05
### L-aqwa bidu għall-familji 74

Għajnuna finanzjarja lill-familji
Aktar ħin mal-familja
Spalla għall-familji fil-bżonn
Ippjanar tal-familja u fertilità

## 06
## Soċjetà li twieżen 80

Niġġieldu l-faqar
Inwieżnu persuni vulnerabbli
Garanzija għall-Anzjani
Anzjanità attiva
Djar tal-anzjani
Id-dimensja

## 07
## Inklużjoni 90

Niġġieldu l-faqar
Pass pass mal-ġenituri u t-tfal li jirċievu terapija
Awtonomija u protezzjoni għall-persuni b'diżabbiltà
Ħajja dinjituża lill-persuni b'diżabbiltà
Proġetti u servizzi
speċjalizzati fil-qasam
tad-diżabbiltà

## 08
## Ugwaljanza bil-fatti 98

Is-saħħa tal-mara
Niġġieldu l-vjolenza domestika u reati oħra simili
Ugwaljanza
Drittijiet tal-bniedem

## 09
## Il-benesseri tiegħek 104

Is-saħħa mentali hija fundamentali għall-benesseri
tal-bniedem
L-użu tal-media soċjali u l-għodod diġitali
Tfal attivi u konxji x'jieklu
Poplu attiv, pajjiż b'saħħtu
Niġġieldu l-obeżità

## 10
## Aktar riżultati fl-isports 112

Atleti ta' prestazzjoni għolja
L-inklussività fl-isports
Għajnuna lill-assoċjazzjonijiet u lill-federazzjonijiet
Infrastruttura tal-ogħla livell

## 11

### Investiment fl-arti u l-kultura 118

Arti u kultura aċċessibbli għal kulħadd
Investiment fl-arti u l-industrija kreattiva
Nelevaw il-professjoni tal-artisti u l-kreattivi
Għajnuna diretta lill-artisti lokali
Appoġġ lill-awturi u l-pubblikaturi lokali
Niċċelebraw l-arti Maltija f'pajjiżna u barra minn xtutna
L-industrija tal-films domestika
Nattiraw l-aqwa films lejn pajjiżna
Nagħtu ħajja mill-ġdid lill-fortifikazzjonijiet
Il-mużewijiet ta' pajjiżna
Restawr kontinwu tal-patrimonju Malti
L-ilsien Malti
L-akbar investiment fil-festa Maltija

## 12

### Kwalità fit-turiżmu 130

Arti u kultura aċċessibbli għal kulħadd
Turiżmuta' kwalità
Appoġġ lill-operaturi turistiċi
Ristoranti kompetittivi
Konnettività aqwa u swieq diversi
L-Istitut għall-Istudji Turistiċi
Żoni turistiċi
Attrazzjonijiet turistiċi
Niċeċ turistiċi li jagħmlu lil pajjiżna uniku

## 13

### Għawdex gżira tal-villaġġi 140

Gozo Channel b'xejn għall-passiġġieri
Il-pjan tagħna biex insaħħu l-konnettività bil-baħar bejn il-gżejjer
Trasport pubbliku aktar effiċjenti
Konnessjoni bl-ajru bejn Malta u Għawdex
Infrastruttura moderna għal Għawdex
Distribuzzjoni tal-enerġija
Tkabbir Ekonomiku f'Għawdex
Għajnuna diretta lin-negozji f'Għawdex
Turiżmu ta' kwalità f'Għawdex
Il-pjan tagħna għas-servizz tas-saħħa f'Għawdex
L-edukazzjoni
L-isports f'Għawdex
Futur sabiħ għas-setturi tal-arti u l-kultura f'Għawdex
Ambjent isbaħ f'Għawdex
Servizzi lit-tfal u l-familji f'Għawdex
Il-Qorti ta' Għawdex
Il-biedja f'Għawdex
Servizzi pubbliċi f'Għawdex

## 14

## Pajjiż sabiħ 158

L-akbar investiment fl-ambjent ta' pajjiżna
Manoel Island lura għand in-nies
Governanza ambjentali
Poplu li jgawdi l-kampanja
Parks naturali madwar il-pajjiż kollu
Inħarsu l-widien ta' pajjiżna
Irħula b'ambjent sabiħ
Ħarsien tal-bijodiversità
Afforestazzjoni
Il-ħajja ta' taħt il-baħar
Nibdlu l-iskart f'riżorsa
L-ekonomija ċirkolari ta' pajjiżna
Il-kaċċa u l-insib

## 15

## Il-bliet u l-irħula tagħna 172

Ambjent isbaħ fejn tgħix
Lokalitajiet indaf
Ippjanar li jagħmel sens
Settur tal-kostruzzjoni rregolat
Proġetti fl-irħula
Aktar riżorsi disponibbli għall-kunsilli lokali
Koordinament effettiv bejn il-kunsilli lokali u l-entitajiet tal-Gvern
Involviment akbar tal-kunsilli reġjonali

## 16

## Settur tal-enerġija reżiljenti 182

Ġenerazzjoni tal-enerġija stabbli
L-akbar investiment fid-distribuzzjoni tal-enerġija
Kontijiet irħas u servizz xieraq
Enerġija rinnovabbli
L-użu tal-ilma
Familji parteċipi fil-proċess ta' dikarbon izzazzjoni
Operat industrijali li jħares l-ambjent

## 17

## Pjan ħolistiku għat-trasport 190

Malta in motion: sistema integrata ta' trasport
Trasport pubbliku fuq l-art
Trasport pubbliku bil-baħar
Parkeġġi u trasport privat u kummerċjali
Aktar investiment fit-toroq
Infrastruttura marittima
Infrastruttura għall-mixi u ċ-ċikliżmu
Mobbiltà alternattiva
Trasport nadif
Ir-riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir

## 18

### Servizz tas-saħħa eċċellenti 202

Prijorità lill-prevenzjonii
Teknoloġija għas-servizz tal-pazjent
Sistema tas-saħħa aċċessibbli kullimkien
Investiment kontinwu fl-Isptar Mater Dei
Ir-riġenerazzjoni tal-Isptar San Luqa
L-aqwa appoġġ lill-pazjenti tagħna
Aċċess għall-mediċini
Assistenza lill-pazjenti tad-dijabete
Fost l-aqwa kura fid-dinja kontra l-kanċer
Kura Paljattiva
Mard rari
Saħħa sesswali

## 19

### Provvista tal-ikel b'saħħitha 212

Inħarsu l-biedja lokali
L-użu tal-ilma mill-bdiewa u r-raħħala
Għajnuna lir-raħħala
Is-sehem tan-naħal fl-agrikoltura
Ikel bnin u lokali
Settur tas-sajd li jrendi
Is-sajd għal-lampuki
Settur tal-akwakultura li jġib valur miżjud

## 20

### Ħarsien tal-annimali 224

Ngħożżu l-pets tagħna
Annimali abbandunati
Għajnuna kontinwa lill-għaqdiet volontarji u s-santwarji tal-annimali
Tisħiħ tal-qafas regolatorju dwar l-annimali eżotiċi

## 21

### Pajjiż sigur 230

L-aqwa kundizzjonijiet għall-ħaddiema fil-forzi dixxiplinati
Fost l-aktar pajjiżi siguri fid-dinja
Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili
Il-Forzi Armati ta' Malta
Rijabilitazzjoni effettiva
Il-vittmi tal-kriminalità
Kontroll tal-immigrazzjoni f'idejn l-awtoritajiet
Inkomplu nżommu l-immigrazzjoni rregolari taħt kontroll
Pajjiżna mudell fil-qasam taċ-ċittadinanza

## 22
### Ġustizzja effettiva 240

Proċeduri fil-Qorti Ċivili
Qorti li sservi lill-familji
Qorti Kriminali
Aktar Drittijiet lill-Vittmi
Qorti Kummerċjali
Inkomplu nsaħħu l-miżuri alternattivi għar-riżoluzzjoni tat-tilwim
Servizzi eqreb lejn iċ-ċittadin
Il-Ġudikatura
L-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat

## 23
### It-tmexxija tal-pajjiż 248

Proċess kontinwu ta' tisħiħ fil-governanza
Demokrazija b'saħħitha
Tisħiħ tal-media u x-xandir pubbliku
Servizz Pubbliku modern
Aktar investiment fil-ħaddiema tal-amministrazzjoni pubblika
Servizz Pubbliku miegħek il-ħin kollu
Settur tal-volontarjat parteċipi fit-tmexxija tal-pajjiż
Ħarsien tal-konsumatur

## 24
### Is-sehem ta' Malta fid-dinja 258

Sigurtà, paċi u newtralità
Malta madwar id-dinja
Malta fl-Unjoni Ewropea
Il-Mediterran huwa darna
Kummerċ internazzjonali
Korp diplomatiku effettiv

# Int Malta.
Il-ħolma tiegħek. Il-proġett tagħna.

Dan il-manifest huwa mibni fuq l-akbar kisbiet li għamel il-Gvern Laburista: iċ-ċertezza u l-istabbiltà. Il-proposti jirrappreżentaw il-kisbiet li għamilna u dak li għad irridu nagħmlu flimkien.

Fl-aħħar tlettax-il sena ħdimna bla heda biex saħħaħna l-ekonomija u l-qagħda finanzjarja ta' pajjiżna. Illum għandna l-akbar tkabbir ekonomiku fl-Ewropa, l-ogħla rata ta' nies jaħdmu u l-anqas ammont ta' nies dipendenti fuq il-benefiċċji soċjali.

Proprju għaliex ksibna dawn ir-riżultati u għandna ekonomija b'saħħitha li nistgħu ninvestu aktar fik u fil-familja tiegħek.

Il-Partit Laburista huwa miegħek f'kull pass.

Ngħinuk waqt l-istudji tiegħek u meta tidħol fid-dinja tax-xogħol. Inkunu spalla miegħek meta tixtri l-ewwel dar jew meta jkollok l-ewwel tarbija. Nagħtuk l-appoġġ tagħna meta tikber il-familja.

Inkunu miegħek meta tibda negozju jew meta tagħmel l-investiment li jkun imiss. Ngħinuk tgħix ħajja komda meta tirtira mix-xogħol.

Dan il-manifest mhuwiex irkant. Huwa sett ta' ideat ġodda, prattiċi u realistiċi. Se niggarantixxu l-kisbiet li għamilna fl-aħħar snin u nagħmlu l-qabża li jmiss flimkien.

Se naħdmu biex inti tgawdi l-aktar ħaġa importanti – il-ħin. Il-ħin biex tagħmel dak li tħobb. Dawn huma miżuri li bihom jibqgħalek aktar ħin mal-familja jew ħin li tiddedika biex tilħaq l-aspirazzjonijiet tiegħek.

Dan il-manifest elettorali huwa differenti minn oħrajn. Nemmnu li l-kwalità tal-ħajja ma titkejjilx biss mid-daqs tal-ekonomija u l-flus. Għalhekk ħloqna wellbeing index li jkejjel il-progress fil-kwalità tal-ħajja li jirriżulta mit-twettiq ta' dawn il-proposti. Se jibqa' jkollok aktar flus fil-but iżda qed nagħtu l-istess prijorità lil aspetti oħra relatati mal-benesseri tiegħek.

Il-pjan tagħna jmur lil hinn minn elezzjoni kull ħames snin. Nidejna pjan għal Malta għal ħamsa u għoxrin sena sħaħ, fejn se nieħdu lil pajjiżna f'diversi oqsma tal-ħajja sal-2050. Dan huwa pjan li bdejna nwettquh minn issa.

L-ambizzjoni tagħna għall-futur hija riflessa f'ħamsa u għoxrin mira li nbena fuqhom dan il-manifest elettorali.

Pajjiżna se jibqa' jikseb riżultati sbieħ fl-ekonomija, fix-xogħol u fit-tkattir tal-ġid. Għandna miri oħra f'kull qasam tal-ħajja, fosthom l-ambjent, il-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, it-trasformazzjoni diġitali, is-saħħa, l-edukazzjoni u l-inklużjoni.

Fuq kollox għandna l-kompetenza u l-kredibbiltà biex inwettqu. Il-poplu moħħu mistrieħ li Gvern Laburista jibqa' jwettaq dak li jwiegħed. Għandu s-serħan il-moħħ li l-Partit Laburista jerġa' jwettaq dawk il-proposti li jkun għażel il-poplu, ikunu xi jkunu ċ-ċirkostanzi internazzjonali.

Illum il-Partit Laburista huwa l-unika forza politika f'Malta b'ideat ġodda u konkreti maħsuba biex jagħmlu l-ħajja tal-familji tagħna eħfef, isbaħ u aħjar.

Is-suċċess ta' pajjiżna huwa fformat mill-kisbiet ta' kull wieħed u waħda minna. Dan il-pajjiż huwa n-nies tiegħu.

Aħna lkoll Malta.
Int Malta.

Il-ħolma tiegħek
Il-proġett tagħna.

Robert



25

m

# 25 mira għal ħajja eħfef, isbaħ u aħjar

**01** Permezz tal-miżuri ta' dan il-manifest elettorali, il-benesseri tal-familji f'pajjiżna se jitjieb b'aktar minn 25%.

**02** Malta se titla' mal-ewwel għaxar pajjiżi fil-kejl tal-iżvilupp uman tan-Nazzjonijiet Uniti sal-2050.

**03** Id-dħul disponibbli medjan tal-familji Maltin u Għawdxin se jitla' għal 135% tal-medja Ewropea sal-2050.

**04** Sal-2050 pajjiżna se jitla' mal-ewwel għaxar pajjiżi Ewropej fejn jidħol l-indiċi tas-sodisfazzjon bil-ħajja tal-Eurostat.

**05** Ir-rata ta' tkabbir ekonomiku reali tkun medja ta' 4% fil-ħames snin li ġejjin.

**06** Aktar minn żewġ terzi tat-tkabbir ekonomiku se jkun iġġenerat minn setturi diġitali u ta' servizzi u manifattura b'valur miżjud għoli.

**07** Illum il-ġid nazzjonali ras għal ras f'pajjiżna jaqbeż il-medja tal-Unjoni Ewropea u taż-Żona Ewro. Fil-ħames snin li ġejjin qed nimmiraw li l-ġid nazzjonali ras għal ras jitla' fost l-aqwa ħamsa fiż-Żona Ewro.

**08** Ir-rata ta' qgħad tibqa' qrib it-3% filwaqt li tibqa' fost l-anqas fiż-Żona Ewro kollha, inkluż ir-rata ta' qgħad fost iż-żgħażagħ.

**09** Insostnu l-investiment fil-familji u n-negozji filwaqt li l-piż tad-dejn nazzjonali se jkompli jonqos għal madwar 40% tal-ġid nazzjonali sal-2030.

**10** Ir-rata ta' Maltin u Għawdxin f'ċaħda materjali u soċjali severa tibqa' taħt l-4% u pajjiżna jibqa' fost l-aqwa ħames pajjiżi Ewropej. L-ammont ta' persuni dipendenti fuq l-assistenza soċjali jonqos b'10% oħra.

**11** Id-distakk fir-rata ta' impjiegi bejn il-ġeneri tonqos bin-nofs filwaqt li l-gender pay gap ta' pajjiżna tkun fost l-aqwa tliet pajjiżi Ewropej.

**12** Malta tingħaqad mal-aktar pajjiżi avvanzati fil-European Innovation Scoreboard. Se nibqgħu nżommu postna mal-aqwa pajjiżi Ewropej fil-persentaġġ ta' negozji li jużaw l-intelliġenza artifiċjali.

**13** Ir-rata ta' dawk li jitilqu mill-skola wara l-edukazzjoni obbligatorja se tinżel taħt it-8%. Se nkomplu niksbu riżultati pożittivi fis-Secondary Education Certificate (SEC) sabiex ir-riżultati tal-istudenti Maltin u Għawdxin jaqbżu l-medja Ewropea.

**14** Ir-rata ta' gradwati f'pajjiżna se titla' għal 50% filwaqt li n-numru ta' gradwati f'suġġetti ta' xjenza, teknoloġija, inġinerija jew matematika jilħaq il-medja Ewropea.

**15** Ir-rata ta' Maltin u Għawdxin li huma sidien ta' darhom tibqa' tkun aktar minn 80% u fost l-akbar madwar l-Ewropa.

**16** Ir-rata ta' ħaddiema li qed jitħarrġu taqbeż il-medja Ewropea fil-ħames snin li ġejjin.

**17** Sal-2030 il-ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli tilħaq il-25% tal-enerġija kollha li jiġġenera pajjiżna.

**18** Sal-2030 pajjiżna jkollu tnaqqis ta' madwar 40% fl-emissjonijiet tal-karbonju meta kkumparat mal-2005.

**19** Kull persuna f'pajjiżna ma tkunx aktar minn għaxar minuti mixi 'l bogħod minn spazju miftuħ jew aħdar.

**20** Il-pensjonanti f'pajjiżna jgawdu minn żidiet li huma minn tal-anqas id-doppju taż-żieda għall-għoli tal-ħajja, b'garanzija ta' titjib ta' €50 fil-ġimgħa fil-pensjoni tagħhom.

**21** Pajjiżna se jibqa' jtejjeb ir-riżultati miksuba fil-klassifika Ewropea fid-drittijiet LGBTIQ+.

**22** Pajjiżna jkompli jkun l-aqwa pajjiż Ewropew fl-eGovernment.

**23** Malta tibqa' bl-aħjar healthy life expectancy fl-Ewropa, filwaqt li nnaqqsu r-rata ta' obeżità f'pajjiżna.

**24** Kull tifel u tifla ta' pajjiżna jieħdu sehem fi sport, arti jew attivitajiet kulturali.

**25** Se nżidu l-konnettività bejn Malta u Għawdex b'aktar minn 25% sa tmiem il-leġiżlatura li jmiss.

# Qabża ta' Kwalità

# Il-viżjoni tagħna

Matul dawn l-aħħar tlettax-il sena, pajjiżna għamel qabża sinifikanti fl-ekonomija, fix-xogħol u fil-ġid li ġġenera dan it-tkabbir. Dan il-progress wassal għal aktar opportunitajiet, aktar investiment u aktar għajnuna għall-familji u n-negozji Maltin u Għawdxin.

Il-progress ta' pajjiżna f'dawn l-aħħar snin huwa ċar u rikonoxxut internazzjonalment. Indiċi globali bħall-Human Development Index jikkonfermaw dan l-avvanz. Illum Malta tinsab fost l-aqwa ħamsa u għoxrin pajjiż fid-dinja u taqbeż il-medja Ewropea.

Il-Partit Laburista jemmen li s-suċċess ta' pajjiżna ma jitkejjilx biss bit-tkabbir ekonomiku iżda mill-mod kif dan it-tkabbir jinbidel fi kwalità tal-ħajja aħjar għall-poplu tagħna.

Din hija l-bażi tal-viżjoni tagħna għall-futur. Viżjoni li tħares lil hinn mit-tkabbir ekonomiku u li tpoġġi l-kwalità tal-ħajja fiċ-ċentru tal-iżvilupp. Għalhekk qed nintroduċu Indiċi tal-Benesseri, l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu u li jħares lil hinn mill-ekonomija.

# L-Indiċi tal-Benesseri

L-Indiċi tal-Benesseri għandu għan ċar: li jkejjel b'mod konkret kif il-miżuri tagħna jtejbu l-benesseri tal-poplu Malti u Għawdxi. Mhux biss kemm noħolqu ġid, imma kemm dan il-ġid jinħass fil-ħajja ta' kuljum.

L-Indiċi tal-Benesseri huwa mibni fuq għaxar dimensjonijiet b'żewġ indikaturi kull wieħed. L-għaxar dimensjonijiet ikopru aspetti importanti tal-kwalità tal-ħajja, fejn kull dimensjoni għandha l-istess piż. Dan ifisser li kull dimensjoni tikkontribwixxi 10% għall-indiċi totali, filwaqt li kull wieħed miż-żewġ indikaturi fi ħdan id-dimensjoni jammonta għal 50% tagħha.

Kull dimensjoni hija marbuta direttament ma' miżuri konkreti mill-manifest:

- **Is-sostenibbiltà ambjentali** titkejjel permezz tal-emissjoniet tal-karbonju u s-sehem tal-enerġija rinnovabbli. Din il-mira nilħquha b'żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli ta' 25% sal-2030, investiment fis-sistemi tal-ħażna tal-enerġija, aktar investiment f'mezzi ta' trasport sostenibbli, investiment f'interconnector addizzjonali, estensjoni tas-sistema shore-to-ship u sistema ta' trasport pubbliku aktar effiċjenti u nadif u inizjattivi ġodda ta' afforestazzjoni.

- **Il-kwalità tal-ambjent lokali** titkejjel permezz tal-aċċess għal spazji miftuħa u d-disponibbiltà ta' żoni rikreattivi. Din il-mira nilħquha b'titjib fl-aċċess għal spazji ħodor li jkunu jinsabu sa massimu ta' għaxar minuti mixi, investiment f'żoni bħal Manoel Island, White Rocks, Fort Campbell u l-estensjoni ta' parks naturali oħra.

- **Is-saħħa** titkejjel permezz tal-aspettattiva ta' ħajja b'saħħitha u r-rati tal-obeżità. Din il-mira nilħquha b'tisħiħ tas-servizzi tas-saħħa u tal-prevenzjoni, tisħiħ tal-proċeduri tal-IVF u enfasi akbar fuq is-saħħa mentali, il-benesseri u l-attività fiżika.

- **Il-benesseri personali** jitkejjel permezz tal-ħin liberu u s-sodisfazzjon bil-ħajja. Din il-mira nilħquha b'miżuri biex jissaħħaħ il-bilanċ bejn il-ħajja u x-xogħol, estensjoni tal-parental u maternity leave, sitt xhur parental leave, leave addizzjonali wara l-ewwel sena mit-twelid u aktar inizjattivi biex jitjieb il-ħin liberu u s-sodisfazzjon fil-ħajja

- **L-akkomodazzjoni** titkejjel permezz ta' stabbiltà u sigurtà fl-akkomodazzjoni. Se nagħtu aktar appoġġ għal min qed jixtri dar permezz ta' inċentivi b'saħħithom, fosthom self mingħajr imgħaxx sa 25% tal-valur tal-proprjetà għall-first-time buyers, tnaqqis fit-taxxa tal-boll, spiża tan-nutar orħos u żieda fil-provvista tal-akkomodazzjoni soċjali.

- **Il-protezzjoni soċjali** titkejjel permezz tar-rati tal-faqar u l-inklużjoni soċjali kif ukoll l-assistenza soċjali. Se ndaħħlu numru ta' miżuri soċjali biex ikomplu jnaqqsu l-faqar u l-esklużjoni, fosthom żieda annwali ta' €10 fil-ġimgħa fil-pensjonijiet u tnaqqis ta' 10% fir-rata ta' dipendenza fuq l-assistenza soċjali.

# L-għaxar dimensjonijiet tal-Indiċi tal-Benesseri



6 Il-Protezzjoni Soċjali

7 Il-Parteċipazzjoni Ċivika u d-Drittijiet

8 Id-Dħul u l-Ġid

9 L-Edukazzjoni u l-Ħiliet

10 Il-Kwalità tax-Xogħol

- **Il-parteċipazzjoni ċivika u d-drittijiet** jitkejlu permezz tal-parteċipazzjoni attiva taċ-ċittadini u l-ħarsien tad-drittijiet tal-minoranzi. Din il-mira se nilħquha permezz ta' aktar involviment taċ-ċittadini fil-ħajja ċivika u promozzjoni tal-wirt kulturali, b'inizjattivi bħall-estensjoni tal-passaport ta' Heritage Malta għal kulħadd. Malta se tibqa' ttejjeb ir-riżultati miksuba fl-Indiċi Rainbow tal-ILGA-Europe.

- **Id-dħul u l-ġid** jitkejlu permezz tal-produzzjoni ekonomika u d-dħul tal-familji. Din il-mira se nilħquha permezz ta' żieda fil-pensjonijiet, pagi aħjar għal-ħaddiema, aktar impjiegi f'setturi ta' valur miżjud u sistema ta' tassazzjoni aktar ġusta.

- **L-edukazzjoni u l-ħiliet** jitkejlu permezz tal-edukazzjoni formali u t-tagħlim tul il-ħajja. Din il-mira se nilħquha permezz ta' aktar opportunitajiet għal taħriġ u tagħlim tul il-ħajja. Se nżidu n-numru ta' studenti fl-edukazzjoni terzjarja sabiex ir-rata ta' gradwati titla' għal 50%.

- **Il-kwalità tax-xogħol** titkejjel permezz tas-sodisfazzjoni fuq il-post tax-xogħol u l-ugwaljanza bejn is-sessi fix-xogħol. Se nkomplu ntejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol, ninċentivaw żidiet fil-pagi u noħolqu aktar possibbiltajiet ta' arranġamenti flessibbli tax-xogħol.

L-iskop ta' dan l-indiċi mhuwiex li jkun lista bla tmiem ta' kejlijiet imma li jagħti stampa ċara, bilanċjata u konkreta tal-impatt tal-manifest fuq il-ħajja tan-nies. Kull indikatur huwa bbażat fuq kejl speċifiku u oġġettiv, sabiex inkunu nistgħu nsegwu l-iżvilupp tiegħu b'mod ċar u konsistenti.

# Ir-riżultati

L-Indiċi tal-Benesseri mhuwiex biss għodda teknika jew statistika. Huwa impenn ċar li kull deċiżjoni politika, kull investiment u kull riforma jkunu bbażati fuq il-bniedem u l-benesseri tiegħu.

Ir-riżultati ta' dan l-indiċi juru li l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-manifest mistennija twassal għal titjib ta' aktar minn 25% fil-kwalità tal-ħajja meta mqabbel mal-livelli attwali.

Din hija l-qabża ta' kwalità li jmiss għal pajjiżna. Il-ħidma biex inkomplu nibnu Malta u Għawdex aħjar għall-ġenerazzjonijiet tal-lum u ta' għada filwaqt li nersqu eqreb lejn il-viżjoni tagħna għal Malta sal-2050.


01

# Ekonomija li toħloq il-ġid

Malta baqa' jkollha fost l-aqwa rati ta' tkabbir ekonomiku fl-Unjoni Ewropea. L-industriji ta' valur miżjud li għandna f'pajjiżna flimkien mal-politika tal-Gvern joħolqu ekosistema ideali għan-negozji. Se nibqgħu nkunu ta' spalla għan-negozji tagħna biex jespandu u joħolqu aktar impjiegi ta' kwalità. Fl-istess waqt se nkomplu nattiraw investimenti ġodda lejn pajjiżna f'setturi emerġenti.

# L-ekonomija fis-snin li ġejjin

**01** Viżjoni Malta 2050 huwa pjan strateġiku li jistabbilixxi l-aspirazzjonijiet tal-pajjiż għall-ħamsa u għoxrin sena li ġejjin bil-għan li jtejjeb il-kwalità tal-ħajja ta' kull ċittadin. Bdejna tranżizzjoni gradwali lejn setturi li jsostnu l-impjiegi tal-futur, itejbu l-produttività, iżidu l-esportazzjoni u jattiraw investiment ta' kwalità lejn Malta u Għawdex. Fuq kollox dawn huma setturi li jrendu tkabbir ekonomiku sostenibbli. Fost dawn is-setturi ta' valur miżjud għoli se nagħtu prijorità lill-ekonomija diġitali, is-servizzi finanzjarji, is-settur marittimu, l-avjazzjoni, it-turiżmu ta' kwalità u l-manifattura avvanzata. Dawn is-setturi u oħrajn magħhom huma l-mutur għal żvilupp fit-tul u bbilanċjat li fuqhom huma mibnija r-reżiljenza ekonomika u kwalità tal-ħajja ogħla.

**02** Il-politika tagħna hija garanzija għal aktar tkabbir ekonomiku, tant li fil-ħames snin li ġejjin l-IMF qed tbassar li pajjiżna se jibqa' jirrapporta l-akbar tkabbir ekonomiku fiż-Żona Ewro. Qed nimmiraw li kull sena pajjiżna jirreġistra tkabbir ekonomiku medju ta' 4% li jkun sostnut minn investiment pubbliku qawwi, domanda domestika b'saħħitha, esportazzjoni tas-servizzi diġitali u turiżmu ta' kwalità.

**03** Il-familji u n-negozji moħħhom mistrieħ li kull sena Gvern Laburista jressaq baġit b'saħħtu u responsabbli li jagħraf iwieżen liż-żgħir, jippremja l-bżulija u jistimula l-kummerċ. Qed nibnu Malta aqwa għal uliedna u nofs l-investiment pubbliku se jkun fuq proġetti ta' diġitalizzazzjoni, l-edukazzjoni, ir-riċerka, it-taħriġ, l-enerġija rinnovabbli, is-saħħa u l-ambjent.

**04** Gvern Laburista jibqa' jagħżel il-politika tat-tkabbir u l-investment fuq l-awsterità. Minkejja l-għajnuniet b'saħħithom li qed nagħtu lill-familji u lin-negozji f'dawn iż-żminijiet ta' sfidi internazzjonali u minkejja l-budgets b'saħħithom li ppreżentajna, il-finanzi ta' pajjiżna baqgħu jissaħħu. Mhux talli lħaqna l-miri fiskali, talli pajjiżna rnexxielu jikseb riżultati aqwa. Dan grazzi għall-għaqal u l-kredibbiltà li għandna fit-tmexxija tal-finanzi tal-pajjiż. Fil-ħames snin li ġejjin se nżommu d-defiċit taħt it-3% u naħdmu għal bilanċ fil-kotba finanzjarji tal-Gvern.

**05** Il-politika tagħna dwar ix-xogħol wasslet għal full-employment u llum għandna l-anqas rata ta' qgħad fl-istorja. Fl-2025 Malta saret l-aktar pajjiż b'rata ta' impjiegi għolja fl-Unjoni Ewropea. Fis-snin li ġejjin irridu nsostnu dan ir-riżultat b'saħħtu, b'disa' minn kull għaxar impjiegi ġodda li noħolqu jkunu f'livell maniġerjali u ta' natura teknika jew professjonali.

# Għajnuna diretta lill-SMEs u lis-self-employed

06 Irridu li n-negozji jsaħħu l-operat tagħhom, jagħmlu profitti tajba u jinvestu dejjem aktar fil-ħaddiema u n-negozju tagħhom. Fl-aħħar snin ħaddimna diversi skemi u inċentivi biex in-negozji jibqgħu jinvestu u jikbru. Kumpaniji li jkollhom turnover sa €1 miljun fis-sena se jibdew jiġu intaxxati b'rata ta' 25% minflok ir-rata eżistenti ta' 35% fuq profitti li jinżammu jew jiġu investiti mill-ġdid fil-kumpanija.

07 Inniedu skema ġdida SMEBoost fejn persuni self-employed se jirċievu għotja biex ir-rata effettiva tal-kontribuzzjoni għas-sigurtà soċjali tonqos għal 10%. Is-self-employed se jibqgħu jħallsu bir-rata ta' 15% iżda jirċievu għotja ekwivalenti għal 5% tal-ammont tal-paga ddikjarata. L-iskema se tissarraf f'għotja ta' bejn €627 u €1,428 fis-sena.

08 Fl-aħħar leġiżlatura tajna stabbiltà lil bosta negozji madwar il-pajjiż kollu billi bdilnielhom kirjiet kummerċjali fi ċnus għal 50 sena. Issa se nindirizzaw il-każijiet ta' dawk in-negozji li għandhom kirjiet regolari iżda għad ma kellhomx iċ-ċans li jiksbu titolu fiss fuq il-proprjetà li jużaw.

# Politika ekonomika ta' stabbiltà

09 Ir-rata ta' inflazzjoni ta' Malta hija taħt il-medja Ewropea u din mistennija li tibqa' stabbli. Fiż-żmien li ġej se nibqgħu nżommu l-prezzijiet taħt kontroll u se nibqgħu nkunu ta' spalla għall-familji u n-negozji jekk ikun hemm żidiet fil-prezzijiet ikkawżati minn inċertezza globali.

10 Inkomplu nħaddmu l-politika tagħna favur stabbiltà fil-prezzijiet tal-enerġija u nissussidjaw il-prezz tal-fuel, il-gass u l-kontijiet tad-dawl.

11 Fi żmien ta' tensjonijiet ġeopolitiċi bla preċedent, Gvern Laburista mmexxi mill-Prim Ministru Robert Abela joffri ċertezza, stabbiltà u serħan il-moħħ. Se mmexxu bl-istess mod kif mexxejna tul il-pandemija u l-gwerer riċenti u nipproteġu l-interess tal-familji u tan-negozji tagħna. Meta ffaċċjati bi kriżijiet internazzjonali mtawla, se jidħol fis-seħħ pakkett ta' miżuri li jtaffi l-impatt fuq il-prezzijiet. Se nwarrbu €250 miljun, jew 1% tal-ġid nazzjonali, li jintużaw biss f'każ ta' emerġenza u nilqgħu għal kwalunkwe xokk fuq l-ekonomija.

# Ease of doing business

12 Ħadna miżuri sabiex innaqqsu l-burokrazija, noħolqu servizzi elettroniċi u nnaqqsu l-karti. Dan huwa proċess kontinwu marbut mal-iżvilupp tal-qafas regolatorju ta' pajjiżna u t-traspożizzjoni tal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Se ntellqu proċess ta' business process reengineering mal-Gvern kollu u nużaw kunċetti bħall-AI u l-once-only principle biex nissimplifikaw il-proċessi u nnaqqsu l-burokrazija żejda b'35%.

13 It-twaqqif tal-Credit Review Office se jiffaċilita l-medjazzjoni bejn il-banek kummerċjali u n-negozji dwar nuqqas ta' qbil fuq applikazzjonijiet għal self kummerċjali. Se naħdmu mal-banek fuq il-pass li jmiss biex jitfassal Banking Charter li jiżgura li l-banek joperaw taħt regoli aktar ċari u trasparenti li jħarsu l-interessi tal-klijenti.

14 Fix-xhur li ġejjin se nikkonkludu l-konsultazzjoni mal-banek kummerċjali biex in-negozji jkollhom id-dritt legali li jiftħu kont bankarju bażiku, b'konformità mar-regolamenti tal-Unjoni Ewropea dwar is-superviżjoni finanzjarja.

15 In-negozji se jkunu jistgħu jżommu verżjoni diġitali tad-dokumenti, liċenzji u permessi fin-National Business Wallet. Din il-pjattaforma se tikkumplimenta s-Central Data Repository u Due Diligence fejn id-data tingħata darba, tintuża biss b'kunsens u tiġi vverifikata b'mod sigur u trasparenti. Dan il-wallet se jagħti aċċess immedjat għall-informazzjoni, inaqqas il-burokrazija u jħaffef il-proċessi.

16 Li tibda u tmexxi negozju f'Malta għandu jkun proċess sempliċi u bla xkiel. Se nniedu Business Portal u niftħu one-stop-shop li jiġbor fih is-servizzi u l-għajnuniet kollha għan-negozji taħt saqaf wieħed.

17 Niffaċilitaw aktar l-aċċess għall-finanzjament tal-istart-ups u n-negozji li jridu jkabbru jew jittrasformaw l-operat tagħhom billi nallokaw aktar fondi għall-Venture Capital, Seed Investment u Business Accellerator.

18 Irridu nattiraw aktar investiment barrani ta' valur miżjud li joħloq impjiegi ta' kwalità, bl-inqas impatt fuq l-ambjent u li ma joħloqx piż sproporzjonat fuq l-infrastruttura. Applikazzjonijiet ta' investituri li jkunu konformi mal-prijoritajiet ta' Viżjoni Malta 2050, inkluż skemi ta' assistenza, permessi, liċenzji u reġistrazzjoni, se jieħdu prijorità u jiġu pproċessati f'iqsar żmien.

19 Se naħdmu mal-accountants u l-komunità kummerċjali biex nittrasformaw is-sistema ta' tassazzjoni minn waħda manwali u retrospettiva għal sistema real-time. Is-self-employed u l-accountants se jkunu jistgħu jużaw l-AI u sistema ta' e-invoicing biex jikkompilaw it-taxxa u jissottomettu d-deduzzjoni tal-VAT.

20 Il-koperattivi se jiġu eżentati milli jissottomettu kontijiet awditjati għal skop ta' taxxa u minflok jibdew jimlew id-dikjarazzjoni tat-taxxa huma stess bħas-self-employed.

## Inkubatur għall-istart-ups

21 Se nibdew riforma sabiex issir aktar attraenti għal start-ups u kumpaniji biex jużaw share options u share awards għall-impjegati tagħhom.

22 Malta trid tattira aktar start-ups barranin li jagħżlu lil pajjiżna bħala l-bażi tagħhom. Se nżidu l-promozzjoni tal-programmi ta' start-up visa u nomad residence permit madwar id-dinja sabiex nattiraw aktar talent lejn pajjiżna.

23 Nemmnu bis-sħiħ fil-potenzjal taż-żgħażagħ u l-ideat intraprenditorjali tagħhom. Intrapriża 16 għamlitha possibbli biex żgħażagħ ta' bejn sittax u tmintax-il sena jwaqqfu l-ewwel negozju tagħhom, b'sistema rregolata u responsabbli li tħarishom. Se nvaraw programm ta' mentorship bis-sehem ta' imprendituri lokali biex iż-żgħażagħ ikollhom l-għarfien meħtieġ biex jibnu n-negozji tagħhom.

24 Iż-żgħażagħ li jwaqqfu start-up se nipprovdulhom servizz ta' assistenza legali b'xejn u neżentawhom milli jħallsu l-miżati tal-Malta Business Registry fl-ewwel ħames snin mit-twaqqif tan-negozju tagħhom.

## Sostenn lin-negozji tal-familja

25 In-negozji tal-familja huma s-sinsla tal-ekonomija Maltija u se nagħtuhom appoġġ akbar biex jgħaddu n-negozju minn ġenerazzjoni għal oħra. Bil-għan li niffaċilitaw it-trasferiment tan-negozju, se nnaqqsu t-taxxa tal-boll b'mod permanenti minn 5% għal 1.5% fuq trasferiment ta' negozju bejn membri tal-familja.

26 Fid-dawl li f'ċertu ċirkostanzi t-trasferiment tan-negozju jaf jieħu aktar żmien jew ma jilħaqx isir minħabba li jiġi nieqes wieħed mill-ġenituri, se nibdew nirreġistraw id-donazzjoni fid-data li jkun beda l-proċess ta' trasferiment. Permezz ta' dan it-tibdil l-eredi jibbenefikaw xorta mir-rata tat-taxxa tal-boll ta' 1.5% ġaladarba l-proċess jiġi konkluż fi żmien sena mill-mewt ta' wieħed mid-donaturi.

27 Irridu nkomplu ngħinu lin-negozji żgħar u medji jikbru u jippjanaw fit-tul. Se nibnu fuq il-qafas regolatorju li daħħalna għan-negozji tal-familja filwaqt li nagħtu għajnuna akbar għad-diġitalizzazzjoni u taħriġ fil-governanza, l-ESG u l-ippjanar tas-suċċessjoni.

# Setturi ekonomiċi ġodda

28 Malta għandha l-potenzjal li ssir bażi diġitali għal intraprendituri internazzjonali li jridu jistabbilixxu u jmexxu negozju fl-Ewropa b'mod diġitali. Permezz tal-Malta eResidency, intraprendituri barranin se jkunu jistgħu jwaqqfu kumpanija f'Malta b'mod diġitali, iwettqu obbligi amministrattivi online, jaċċessaw servizzi diġitali u jużaw lil Malta bħala bażi rregolata u kredibbli fl-Unjoni Ewropea. B'dan il-programm se nattiraw aktar start-ups u kumpaniji żgħar lejn pajjiżna, noħolqu domanda għal servizzi professjonali u niġġeneraw dħul ġdid mingħajr ma nżidu pressjoni fuq l-infrastruttura u l-użu tal-art.

29 Ġibna l-akbar investiment lejn pajjiżna fil-qasam tas-semiconductors u rridu li pajjiżna jkompli javvanza f'dan is-settur modern li joħloq impjiegi ta' kwalità. Permezz ta' SEMPACK Malta pajjiżna se jieħu postu fil-katina globali tas-semiconductors fejn jidħol il-packaging, prototyping, testing, simulation, quality assurance u engineering services. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza ġdid diġà qed jassisti aktar minn għoxrin start-up f'dan is-settur. Se nkomplu nibnu fuq is-suċċess ta' dan iċ-ċentru u DhubMT sabiex nagħtu l-aqwa sostenn lill-kumpaniji li joperaw f'dan is-settur. Bis-saħħa tal-ftehim ta' kooperazzjoni ma' istituti ta' riċerka barranin bħall-IMEC fil-Belġju se niżguraw li aktar riċerkaturi u intraprendituri Maltin ikollhom opportunitajiet ta' riċerka tal-aqwa livell.

30 Ħadna deċiżjonijiet sabiex Malta tavvanza fis-settur tal-ispazju. Nidejna Strateġija Nazzjonali għall-Ispazju u tlesta proċess ta' konsultazzjoni pubblika dwar l-ewwel qafas regolatorju għal dan is-settur. Il-kollaborazzjoni mal-European Space Agency u l-iffirmar tal-Artemis Accords komplew isaħħu l-kredibbiltà ta' pajjiżna bħala ġurisdizzjoni responsabbli fi ħdan il-komunità spazjali internazzjonali. Dan ix-xogħol iwitti t-triq għall-espansjoni ta' settur ekonomiku ta' valur għoli ġdid fi space data services and applications. Dan jipprovdi informazzjoni meħuda minn satelliti lill-kumpaniji u start-ups li joperaw f'setturi bħall-agrikoltura, is-settur marittimu, il-klima u l-ippjanar urban, fost oħrajn.

31 Malta kienet fost l-ewwel pajjiżi li daħħlet qafas regolatorju fil-qasam tal-blockchain u l-assi diġitali. Se noħolqu qafas regolatorju ġdid biex pajjiżna jsir ġurisdizzjoni ewlenija għall-Web3 Innovation immirat lejn tokenisation, digital assets, decentralised autonomous organisations (DAOs) u smart contact-based finance tools.

32 Wara s-suċċess li ksibna fis-settur tal-iGaming, se naħdmu sabiex pajjiżna jimraħ fis-settur emerġenti tal-prediction markets. Dan huwa settur li qed jikber globalment u huwa bbażat fuq previżjonijiet fuq riżultati ta' avvenimenti futuri. Irridu li Malta tkun minn tal-ewwel biex noħolqu qafas regolatorju ċar u modern għal dan is-settur, b'enfasi fuq il-ħarsien tad-drittijiet tal-konsumatur, l-integrità tas-suq u r-responsabbiltà.

33 Ġibna investimenti minn kumpaniji ta' reputazzjoni internazzjonali fis-settur tal-MedTech lejn pajjiżna. Permezz ta' dawn il-proġetti flimkien ma skemi apposta minn Malta Enterprise ftaħna l-bieb biex pajjiżna jkollu ekosistema li tiġbed aktar investimenti f'dan is-settur. Din l-industrija tagħtina l-opportunità li noħolqu aktar impjiegi ta' kwalità filwaqt li pajjiżna jkollu aċċess dirett għall-aħħar teknoloġija fis-settur tas-saħħa.

# L-ekonomija diġitali

34 L-avvanz teknoloġiku bla preċedent qiegħed iwitti t-triq għall-ħames rivoluzzjoni industrijali. Għalhekk se nsostnu l- investiment annwali ta' €100 miljun għad-diġitalizzazzjoni u l-adozzjoni ta' teknoloġiji bħall-AI, IoT, cybersecurity, AR/VR, blockchain, quantum computing, deep tech u robotika. Dan l-investiment se nsarrfuh f'taħriġ u sostenn finanzjarju biex in-negozji jintegraw din it-tekonoloġija avvanzata fl-operat tagħhom.

35 Seba' snin ilu konna fost l-ewwel pajjiżi fl-Ewropa li nidejna strateġija dwar l-użu tal-intelliġenza artifiċjali. It-teknoloġija qed tavvanza b'ritmu mgħaġġel u għalhekk nidejna strateġija aġġornata għall-AI. L-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija se żżid l-investiment f'din it-teknoloġija u Malta tkompli tkun fuq quddiem nett f'din it-trasformazzjoni diġitali.

36 Nemmnu li Malta għandha tkun l-aktar pajjiż AI-friendly fl-Ewropa. Int min int u għandek kemm għandek żmien, għandu jkollok aċċess għal din it-teknoloġija li tagħmillek il-ħajja aktar faċli, inkluż fl-istudju u x-xogħol. Wara li nidejna korsijiet bażiċi b'xejn fl-AI għal kulħadd flimkien ma' abbonament bla ħlas għall-pjattaformi tal-AI, se noffru korsijiet aktar avvanzati li jwasslu sa MQF level 3.

37 Se nagħtu opportunità liż-żgħażagħ kollha taħt it-tletin sena, speċjalment lil dawk li mhumiex fl-edukazzjoni jew it-taħriġ, biex jinkitbu fi programm ta' apprentistat imħallas fl-industrija diġitali. Kumpaniji li jieħdu sehem f'din l-inizjattiva jirċievu tnaqqis fit-taxxa.

38 Se ngħinu lin-negozji jagħmlu l-qabża diġitali u jinvestu fil-kapital biex ikabbru l-operat tagħhom b'mod effiċjenti u jsiru aktar kompetittivi. Għal dan il-għan se nagħtu kreditu tat-taxxa ta' 60% fuq l-investiment li jagħmlu n-negozji u l-kumpaniji fid-diġitalizzazzjoni, l-awtomazzjoni u l-AI. Għal din l-iskema biss se nallokaw €120 miljun u l-kumpaniji li se jibbenefikaw minnha se jirċievu sa massimu ta' €15-il miljun fuq erba' snin biex jagħmlu din il-qalba teknoloġika.

39 Bejn 17% u 20% tan-negozji Maltin qed jużaw l-AI fl-operat tagħhom, rata li taqbeż il-medja Ewropea. L-inċentivi finanzjarji għad-diġitalizzazzjoni u l-investiment fir-riċerka se jikkontribwixxu sabiex fil-ħames snin li ġejjin in-numru tan-negozji li jużaw l-AI jitla' għal 40%.

40 Malta kienet minn ta' quddiem fil-ħolqien ta' regolatur diġitali permezz tal-Malta Digital Innovation Authority (MDIA). Se nsaħħu l-mandat ta' din l-awtorità biex tkun tista' tissorvelja l-użu responsabbli u etiku tal-AI, l-algorithms u d-data. Fl-istess waqt se noħolqu pre-certification pathways u sandbox fejn start-ups fl-AI jkunu jistgħu jittestjaw il-prodotti tagħhom b'mod etiku u legali f'Malta.

41 Nieħdu vantaġġ miċ-ċokon ta' pajjiżna biex inkun testbed Ewropew għal applikazzjonijiet emerġenti u soluzzjonijiet innovattivi, partikolarment għodod diġitali li jaħdmu bl-intelliġenza artifiċjali. Dawn se jkunu jistgħu jiġu ttestjati, irregolati u implimentati b'mod responsabbli ġewwa pajjiżna.

42 Inkomplu nsaħħu l-konnettività u l-veloċità tal-internet madwar il-pajjiż kollu u ninvestu fl-infrastruttura diġitali bi tħejjija għall-introduzzjoni tas-6G f'pajjiżna.

# Is-servizzi finanzjarji

43 Is-settur tas-servizzi finanzjarji jibqa' wieħed strateġiku għall-ekonomija Maltija. Se nsaħħu r-reputazzjoni ta' Malta bħala ċentru finanzjarju innovattiv u ta' fiduċja billi nibnu fuq il-qafas regolatorju robust li hemm fis-seħħ. Barra minn hekk se nissimplifikaw il-proċess tal-ħruġ tal-liċenzji, verifiki ta' konformità u rapportaġġ, filwaqt li nwessgħu s-sandbox regolatorju biex nippermettu l-użu tal-AI u cross-border testing.

44 Pajjiżna jista' jsir Family Office Hub fil-Mediterran u jattira uffiċċji tal-familja li qed ifittxu ġurisdizzjoni stabbli, irregolata u effiċjenti minn fejn imexxu n-negozju tagħhom. Daħħalna liġijiet sabiex insaħħu dan is-settur u se nattiraw aktar minn dawn in-negozji sabiex noħolqu ekosistema professjonali ta' kwalità li ddur madwar l-investiment fit-tul, il-filantropija, succession planning, venture capital u investiment f'negozji ġodda.

45 L-industrija tas-servizzi finanzjarji hi waħda dinamika li tinbidel il-ħin kollu. Il-kompetittività ta' dan is-settur tiddependi mill-ħiliet tal-ħaddiema. Se noffru boroż ta' studju u taħriġ akkreditat lill-professjonisti biex jagħmlu t-tranżizzjoni għall-FinTech u jispeċjalizzaw fil-blockchain, cryptocurrencies u digital assets.

46 Inkomplu ninvestu fl-infrastruttura diġitali bil-ftuħ ta' National Payments Hub u Centralised Identity Management li se jissimplifikaw il-proċess tal-ħlas ta' pagamenti immedjati u l-proċeduri ta' konformità.

## Il-manifattura u ż-żoni industrijali

47 L-art industrijali hija riżorsa limitata ħafna f'pajjiżna u għandha tintuża għal dawk l-investimenti li jrendu l-akbar valur ekonomiku u l-aktar impjiegi ta' kwalità. Għal dan il-għan se nħejju abbozz ta' liġi biex jiċċara l-operat ta' Malta Enterprise u INDIS Malta dwar l-allokazzjoni ta' art industrijali. Malta Enterprise se tibqa' taħdem biex tattira investiment barrani u tassisti lin-negozji. Mill-banda l-oħra INDIS Malta se tiffoka fuq l-allokazzjoni, l-amministrazzjoni u l-iżvilupp tal-art u l-infrastruttura industrijali. Din ir-riforma se tagħti aktar ċarezza dwar il-mod ta' kif tittieħed deċiżjoni dwar art industrijali u se twassal biex pajjiżna jkollu l-ewwel Politika Industrijali.

48 Fis-sentejn li ġejjin se niftħu kumpless ġdid f'Ħal Far biex negozji żgħar u medji bħal sprayers, mechanics u mastrudaxxi jespandu u jittrasformaw l-operat tagħhom 'il barra mill-irħula f'post aktar attrezzat.

49 Se noħolqu Innovation Hub li jilqa' fih negozji li joperaw fl-oqsma tal-enerġija rinnovabbli, food technology, pharma, smart manufacturing, additive manufacturing, med tech u micro-electronics.

50 Is-suċċess ekonomiku ta' pajjiżna wassal sabiex aktar żgħażagħ jiftħu n-negozju tagħhom, speċjalment f'setturi meqjusa bħala light industry. Sas-sena d-dieħla se jitlesta x-xogħol fuq il-bini ta' kumpless biex joffri spazju tal-ogħla livell minn fejn joperaw dawn in-negozji.

51 Se naħdmu fuq proġett pilota għaż-żamma u s-sigurtà taż-żoni industrijali permezz ta' sorveljanza kontinwa bl-użu tal-AI, drones u smart cameras. B'hekk INDIS Malta tkun tista' tieħu azzjonijiet f'waqthom biex tiżgura ż-żamma tal-ordni fiż-żoni industrijali, inkluż tindif, manutenzjoni u tiswijiet.

# Is-settur marittimu

52 Bdiet il-ħidma sabiex jitneħħew it-tankijiet taż-żejt minn ġewwa l-Qajjenza flimkien mal-proċess tal-ippjanar relatat mal-proġett Is-Siċċa. Dan il-post se jiġi ttrasformat f'Innovation Hub minn fejn negozji fis-settur tal-ekonomija l-ħadra u l-ekonomija l-blu jwettqu proġetti fl-akwakultura, marine biotech, l-ekonomija ċirkulari u l-enerġija rinnovabbli offshore, fost oħrajn.

53 Il-Bandiera Maltija hija meqjusa fost l-aqwa fid-dinja fil-qasam marittimu, tant li r-reġistru ta' pajjiżna huwa l-akbar wieħed fl-Ewropa u s-sitt l-akbar fid-dinja. Fis-snin li ġejjin se nikkonsolidaw il-pożizzjoni tagħna billi nsaħħu l-qafas regolatorju għall-bastimenti merkantili, nissimplifikaw aktar il-proċess ta' reġistrazzjoni u nimirħu fi swieq ġodda biex aktar sidien ta' bastimenti u jottijiet jirreġistraw l-opri tagħhom f'Malta.

54 Pajjiżna huwa parteċipi f'diskussjonijiet tekniċi u politiċi dwar l-impatt tas-Sistema tal-Unjoni Ewropea għall-Iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS) fuq is-settur marittimu. Filwaqt li nemmnu li għandhom jittieħdu miżuri sabiex innaqqsu l-emissjonijiet, se nkomplu nieħdu pożizzjoni attiva kontra miżuri li jaffettwaw il-kompetittività ta' pajjiżna u li xorta ma jwasslux għal tnaqqis fl-emissjonijiet.

55 Jitlesta l-proġett ta' reklamazzjoni tal-art fil-Freeport u l-espansjoni ta' Terminal Numru 2. Dan il-proġett se joħloq 165 impjieg ġdid, itejjeb il-faċilitajiet għall-iżbark ta' bastimenti li jġorru 23,000 container, iżid il-kapaċità ta' ħażna għal erba' miljun container fis-sena u jnaqqas l-inkonvenjent għar-residenti taż-żona

56 Se ninċentivaw start-ups fil-ħolqien ta' prototipi biex nippromwovu prattiċi aktar sostenibbli fl-akwakultura. Barra minn hekk se naħdmu flimkien mal-istituzzjonijiet edukattivi ta' pajjiżna biex jiġu offruti aktar korsijiet u programmi ta' taħriġ fil-marine science.

57 Il-Gvern qed jikkollabora mal-Università ta' Malta sabiex pajjiżna jkollu l-ewwel vapur li jintuża għal skop ta' riċerka fil-Mediterran. L-użu ta' dan il-bastiment se jelimina d-dipendenza fuq pajjiżi barranin għal riċerka xjentifika fuq il-baħar u se joffri pjattaforma nazzjonali għall-istudji marittimi u ambjentali. Dan ifisser li fuqu se jkun jista' jingħata taħriġ speċjalizzat lil kadetti, studenti u riċerkaturi tal-Università ta' Malta u l-MCAST, fost oħrajn.

## L-avjazzjoni u l-loġistika

58 Malta tista' tiffaċilita l-ġarr tal-merkanzija u l-kummerċ bejn l-Ewropa u l-Afrika ta' Fuq, kemm bil-baħar u anke bl-ajru. Wettaqna l-istudji meħtieġa biex noħorġu sejħa internazzjonali għall-ħolqien ta' Free-zone Logistics Hub fiż-żona tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, bil-possibbiltà ta' konnessjoni diretta mal-Freeport. Dan il-logistics hub se jsaħħaħ il-katina tad-distribuzzjoni u l-provvista f'pajjiżna filwaqt li joħloq domanda għal servizzi oħra, bħal warehousing, il-ħolqien ta' precious cargo vault, trasportazzjoni fuq l-art u stevedoring.

59 Ħadna deċiżjonijiet sabiex pajjiżna jsir ġurisdizzjoni moderna u aktar attraenti għar-reġistrazzjoni tal-inġenji tal-ajru. Inkomplu nsaħħu l-ekosistema b'saħħitha fis-settur tal-avjazzjoni billi nattiraw aktar kumpaniji li joffru servizzi anċillari bħall-assigurazzjoni u aircraft leasing.

60 Se noħolqu reġistru diġitali ġdid għar-reġistrazzjoni tal-inġenji tal-ajru bil-ħsieb li niffaċilitaw il-proċess u nnaqqsu l-ħin tal-ipproċessar.

61 Irridu nħejju rwieħna għall-industrija tal-avjazzjoni ta' għada, inkluż il-qalba lejn operat sostenibbli. Jeħtieġ li pajjiżna jkollu ħażna sigura ta' sustainable aviation fuel. Permezz ta' dawn il-faċilitajiet pajjiżna jkun jista' jidħol fi ftehimiet ma' faċilitajiet f'pajjiżi ġirien tagħna sabiex jinħolqu green air corridors li minnhom itiru ajruplani li jiġġeneraw anqas emissjonijiet.

62 Malta attirat operaturi bħal Lufthansa Technik, easyJet, Ryanair u IAC biex pajjiżna sar ċentru għall-attivitajiet ta' manutenzjoni, tiswija u rinnovazzjoni (MRO) u aircraft livery. Fiż-żmien li ġej se nkomplu niddiversifikaw dawn l-attivitajiet f'pajjiżna billi nespandu l-faċilitajiet iddedikati għat-testing tal-magni, avionics u hydraulics.

63 Pajjiżna jista' jkun mudell fl-edukazzjoni u t-taħriġ fl-avjazzjoni. Permezz tal-kollaborazzjoni bejn l-MCAST, Malta Enterprise u l-industrija tal-avjazzjoni ħloqna numru ta' korsijiet speċifiċi biex aktar żgħażagħ Maltin jidħlu f'dan is-settur. Il-pass li jmiss huwa li naħdmu mal-operaturi fis-settur sabiex inwaqqfu Akkademja Nazzjonali tal-Avjazzjoni. Din l-akkademja se tipprovdi taħriġ speċjalizzat, prattiku u akkreditat li jwassal għal impjiegi ta' kwalità.

64 Iż-żgħażagħ li qed jagħmlu l-kors għal-liċenzja tal-piloti u dawk kollha li qed jistudjaw fil-marittimu se jibdew jirċievu l-istipendju biex ngħinuhom itaffu parti mill-ispiża relatata mal-kors. Barra minn hekk se nniedu borża ta' studju ġdida immirata lejn dawk iż-żgħażagħ li jixtiequ jiksbu l-liċenzja tal-piloti.

# Ir-riċerka u l-innovazzjoni

65 Il-prestazzjoni ta' Malta fir-riċerka u l-innovazzjoni rat titjib qawwi, tant li pajjiżna tela' fil-quċċata tal-kategorija ta' innovaturi moderati fil-European Innovation Scoreboard. Dan it-titjib huwa frott it-tisħiħ u l-investiment li sar fl-edukazzjoni u t-taħriġ, id-diġitalizzazzjoni, l-innovazzjoni ekoloġika u l-proprejtà intellettwali. Ir-riċerka u l-innovazzjoni huma fil-qalba tal-Viżjoni Malta 2050 u l-mira tagħna għall-ħames snin li ġejjin hi li ningħaqdu mal-aktar pajjiżi avvanzati fl-innovazzjoni fl-Ewropa. Se nżidu l-investiment fir-riċerka, niggarantixxu programm annwali ta' fondi b'saħħtu, inwaqqfu ċentri ġodda għar-riċerka, nikkollaboraw ma' aktar istituzzjonijiet barranin u naħdmu id f'id mal-industrija. Dan l-investiment jagħtina l-opportunità li ntejbu l-kompetittività tagħna, noħolqu karrieri tajbin u nsibu soluzzjonijiet għall-isfidi li jaffaċċja pajjiżna.

66 Pajjiżna jrid ikompli jevolvi fil-qasam tal-informatika u l-qalba diġitali. Se nagħtu kreditu ta' taxxa ta' 175% fuq l-infiq fir-riċerka u l-innovazzjoni u naċċelleraw ir-rata tad-deprezzament fuq sentejn għal investiment fl-AI, id-diġitalizzazzjoni, l-awtomazzjoni u s-cybersecurity.

67 Malta għandha tkun ċentru għar-riċerka u l-innovazzjoni f'materji li huma ta' importanza strateġika għal stati gżejjer żgħar bħalna. Għalhekk se nwaqqfu tliet ċentri għar-riċerka li jiffukaw fuq l-enerġija u l-addattament għat-tibdil fil-klima, ix-xjenza marittima u t-trasformazzjoni diġitali fis-saħħa, inkluż il-bioinformatics.

68 Pajjiżna jeħtieġ numru akbar ta' riċerkaturi b'PhD u għalhekk se nżidu l-opportunitajiet ta' studju u boroż ta' studju, speċjalment fl-oqsma ta' STEAM.

69 Nagħrfu l-irwol strateġiku tal-industrija fit-trasformazzjoni tal-ekonomija għal waħda bbażata fuq l-għarfien, b'sehem akbar u dirett fir-riċerka u l-innovazzjoni. Għal dan il-għan se nniedu pakkett b'saħħtu ta' stimolu li jinkludi għajnuniet f'forma ta' innovation vouchers, tax credits, scholarships u kofinanzjament ta' proġetti ta' riċerka. Se ninkoraġġixxu wkoll kollaborazzjoni akbar bejn l-industrija, l-Università ta' Malta, l-MCAST u ċ-ċentri għar-riċerka l-ġodda.

70 Se nsaħħu l-fondi disponibbli biex deep-tech spinouts ikollhom finanzjament għall-ideat tagħhom.

71 Se nwaqqfu repożitorju ta' data fis-settur pubbliku sabiex ninċentivaw aktar il-prattiċi ta' open science u open data. Din se tkun informazzjoni li mhijiex ta' natura personali u tkun tista' tintuża minn entitajiet, riċerkaturi u intraprendituri għall-iżvilupp ta' prodotti u servizzi innovattivi ġodda. Riċerka ffinanzjata minn fondi pubbliċi se tkun aċċessibbli għall-pubbliku.

72 Insaħħu l-qafas leġiżlattiv u s-sistema tal-privattivi sabiex aktar individwi u kumpaniji jirreġistraw il-patents, trademarks u design rights f'pajjiżna.

## Il-gaming u l-e-sports

73 L-industrija tal-gaming f'Malta toħloq impjiegi b'pagi għoljin, tattira investiment barrani ta' kwalità u hija klijentela għal ħafna negozji żgħar. Dan is-settur qed jevolvi b'pass mgħaġġel u għalhekk se noħolqu qafas legali dwar it-tassazzjoni indiretta li jħares il-kompetittività tiegħu.

**74** L-industrija tal-gaming f'Malta hija fost l-akbar oqsma tal-ekonomija. Din tħaddem mal-14,000 persuna u għandha valur miżjud ta' madwar 8%. Il-futur tal-industrija tal-gaming u l-e-sports f'Malta huwa wieħed sabiħ. Fis-sentejn li ġejjin se nassistu t-twettiq ta' tmien proġetti f'dan il-qasam, b'investiment ta' €60 miljun u l-ħolqien ta' 1,300 impjieg ġdid.

**75** Inwessgħu l-poteri tal-Malta Gaming Authority biex tibda tilliċenzja wkoll working studios li huma narrative-driven games, e-sports platforms u immersive virtual content.

**76** Waqqafna l-Gaming Malta Academy u se nsarrfu l-kollaborazzjoni li għandu pajjiżna mal-Unity Technologies u Epic Games (Unreal Engine) biex inħarrġu aktar żgħażagħ fl-industrija tal-gaming u l-e-sports. Dawn se jkunu jistgħu jibnu karriera fil-video-game development, fit-teknoloġija immersiva, fis-simulazzjoni, fl-animazzjoni, AR u VR.

**77** Se nintegraw aktar it-tagħlim tal-coding u nintroduċu l-video-game development fl-edukazzjoni sekondarja. L-istudenti se jkollhom l-opportunità li jipparteċipaw f'interschool e-sports league.

**78** Inwaqqfu ċentru għall-e-sports li jkun attrezzat b'faċilitajiet tal-gaming moderni minn fejn jiġu organizzati tournaments u logħob ieħor kompetittiv.



02

# Dinja tax-xogħol ġdida

Iż-żieda fl-opportunitajiet tax-xogħol wasslet għal titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema Maltin u Għawdxin. Illum pajjiżna għandu l-anqas rata ta' qgħad fl-istorja. Il-ħaddiema u s-self-employed sar għandhom aktar opportunitajiet biex itejbu l-impjieg u d-dħul tagħhom. Il-progress li għamilna f'dan is-settur jagħtina l-opportunità li noħolqu suq tax-xogħol ġdid, wieħed ibbażat fuq il-bilanċ bejn il-flessibbiltà fl-arranġamenti tax-xogħol u ż-żieda fil-produttività.

# Titjib fil-pagi

**01** Gvern Laburista se jibqa' joħloq il-ġid u dak il-ġid irridu li jkompli jilħaq lil kulħadd. Tajna tax cut li hija d-doppju ta' dak li wegħedna u daħħalna rata ġdida tat-taxxa għall-ġenituri b'żewġt itfal. Issa se nirriformaw is-sistema magħrufa bħala ċ-ċekk tal-bżulija u minflok se nagħtu tax cut oħra fil-forma ta' bonus b'saħħtu. Il-ħaddiema se jibbenefikaw minn bonus annwali ta' €1,000 li mhux taxxabbli. Dawk kollha li għandhom dħul annwali ekwivalenti jew aktar mill-paga minima, inkluż is-self-employed, anjzani li jkomplu jaħdmu u ħaddiema part-time, se jibbenefikaw minn dan il-bonus b'saħħtu. Dawk li jaħdmu part-time bi dħul annwali ta' anqas minn €12,000 fis-sena se jibbenefikaw minn bonus pro-rata, li ma jkunx anqas minn €500.

**02** Se nagħtu l-aqwa bidu għaż-żgħażagħ li jidħlu fid-dinja tax-xogħol. Dawn iż-żgħażagħ se jkunu eżentati milli jħallsu t-taxxa tad-dħul fuq l-ewwel €30,000 kull sena għall-ewwel tliet snin tagħhom fid-dinja tax-xogħol. B'hekk iż-żgħażagħ se jifdlilhom sa massimu ta' €12,300 fil-but li jistgħu jużawhom f'dan il-mument importanti ta' ħajjithom. Din l-eżenzjoni fit-taxxa se tapplika wkoll għal dawk iż-żgħażagħ li jiftħu l-ewwel start-up tagħhom.

**03** Gvern Laburista jippremja l-bżulija b'inċentivi li jħallu aktar flus fil-bwiet tal-ħaddiema. Id-dħul intaxxat minn impjieg part-time li jiġi intaxxat bl-10% se jogħla minn €10,000 għal €15,000 fis-sena, filwaqt li d-dħul ta' persuni self-employed part-time se jitla' minn €12,000 għal €20,000 fis-sena.

**04** Għal kontra ta' dak li kien jiġri fi żmien amministrazzjonijiet Nazzjonalisti, Gvern Laburista neħħa l-friża minn fuq il-paga minima nazzjonali. Din għoliet darbtejn mill-2017 sal-lum. Hekk kif fl-2027 jintemm il-ftehim li hemm fis-seħħ, il-Low Wage Commission se twettaq proċess ieħor biex għal darb'oħra tiżdied il-paga minima nazzjonali.

# Prattiċi moderni tax-xogħol

**05** Nifitħu diskussjoni mal-imsieħba soċjali dwar l-introduzzjoni tar-right to request flexible work arrangement fejn il-ħaddiema jkollhom id-dritt li jitolbu lill-employers tagħhom biex jipprovdulhom kundizzjonijiet ta' remote working, flexi-time, compressed week, reduced hours jew part-time. Min-naħa tiegħu l-employer irid jikkonsidra din it-talba u jagħti tweġiba fi żmien stipulat. Il-fatt li tidħol it-talba ma jfissirx li din se tkun milqugħa awtomatikament. L-employer jista' jirrifjuta din it-talba jekk in-natura tax-xogħol ma tippermettix din il-flessibbiltà jew it-talba timpatta ħażin l-operat tan-negozju.

**06** Se noffru servizz ta' konsulenza bla ħlas lin-negozji li jkunu jridu jibdlu l-mudell tax-xogħol tagħhom għal prattiċi moderni u flessibbli.

**07** In-negozji li jħaddmu magħhom anqas minn ħamsin ħaddiem u jagħżlu li jibdlu l-operat tagħhom biex jibdew joffru l-faċilità ta' remote working se jkunu eleġibbli għal għotja li titla' sa €1,000 għal kull ħaddiem li jaqilbu remotely, sa massimu ta' €50,000. Din l-għotja tkun tista' tintuża biex jinxtara hardware, software u konnessjoni tal-internet sigura, fost oħrajn.

**08** Il-bilanċ bejn il-ħajja u x-xogħol huwa dritt mhux privileġġ. Wettaqna proċess ta' konsultazzjoni pubblika dwar l-introduzzjoni tar-right to disconnect. Fiż-żmien li ġej se nippreżentaw proposti lill-imsieħba soċjali dwar il-mudell li għandu jintuża biex jilħaq bilanċ bejn dan id-dritt u d-doveri tal-impjegati. Is-Servizz Pubbliku se jdaħħal ir-right to disconnect immedjatament wara li jintlaħaq qbil mal-imsieħba soċjali.

# Nipproteġu d-dinjità tal-ħaddiema

**09** Naġġornaw il-liġi tax-xogħol biex inħarsu d-drittijiet tal-ħaddiema li jużaw remote working jew arranġamenti oħra ta' prattiċi moderni. L-emendi leġiżlattivi jridu jassiguraw li l-ħaddiema ma jiġux iddiskriminati jew imċaħħda minn taħriġ u promozzjonijiet minħabba dawn l-arranġamenti ta' xogħol.

10 Fil-leġiżlatura li għaddiet wettaqna proċess ta' reviżjoni u armonizzazzjoni tal-Wage Regulation Orders. Dan il-proċess wassal għal tisħiħ tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, fosthom eliġibbiltà aktar wiesgħa għas-sick leave u paga minima l-istess għal kulħadd. Se nkomplu naħdmu fuq aktar emendi f'dawn il-liġijiet sabiex jitneħħew inkonsistenzi fid-drittijiet ta' gruppi ta' ħaddiema differenti.

11 L-ekonomija ta' pajjiżna u n-natura tax-xogħol inbidlu drastikament. Irridu nkunu attrezzati biżżejjed sabiex inlaħħqu ma' dawn l-iżviluppi u għalhekk se nittrasformaw id-Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impjiegi f'awtorità. L-istruttura l-ġdida se jkollha l-poteri meħtieġa u r-riżorsi meħtieġa li jirriflettu d-daqs tas-suq tax-xogħol u tagħti rimedju lill-ħaddiema f'anqas żmien.

12 Bdejna riforma maħsuba sabiex timmodernizza t-Tribunal Industrijali u iżżid l-effiċjenza. It-tibdil se jsaħħaħ il-proċeduri u t-Tribunal se jibda jkun ippresedut minn maġistrat.

# Ninvestu fil-ħiliet tal-ħaddiema

13 Irridu li aktar żgħażagħ ikomplu jistudjaw u jitħarrġu wara li jtemmu l-perkors edukattiv tagħhom. Għalhekk se nniedu l-Individual Learning Accounts fejn il-Gvern jikkontribwixxi €500 fis-sena għal kull tifel u tifla għal għaxar snin. Dawn il-fondi se jkunu jistgħu jintużaw sabiex ikopru sa massimu ta' €5,000 tal-ispiża relatata ma' korsijiet edukattivi, taħriġ akkreditat u inizjattivi ta' upskilling.

14 Il-ġenituri jagħtu gwida importanti lil uliedhom meta dawn ikunu qed jagħżlu s-suġġetti, karriera jew impjieg li jagħtihom sodisfazzjon. Se nniedu inizjattivi u attivitajiet maħsuba sabiex iħarrġu lill-ġenituri jgħinu lil uliedhom jagħmlu deċiżjonijiet informati relatati mal-karriera tagħhom.

**15** Il-ħaddiema Maltin u Għawdxin huma l-unika riżorsa prima li għandu pajjiżna u t-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema tagħna huwa kruċjali biex insaħħu l-kompetittività u nsaħħu l-pagi. Fis-snin li ġejjin se nkomplu ndaħħlu inċentivi bħall-Investing in Skills Scheme ta' Jobsplus sabiex aktar ħaddiema jtejbu l-ħiliet tagħhom u jakkwistaw oħrajn ġodda.

**16** Bil-għan li ngħinu lill-ħaddiema full-time fil-privat ilaħħqu mal-impenji tax-xogħol, id-dar u l-istudju se nintroduċu jumejn fis-sena ta' study leave mħallas mill-Gvern li jibqa' tiela' sa għaxart ijiem, skont il-livell ta' studju li qed isewgu.

**17** Irridu li l-ħaddiema fin-negozji żgħar u medji jkollhom l-istess opportunitajiet li jkollhom ħaddiema li jaħdmu f'intrapriżi akbar. Nagħrfu wkoll li numru ta' employers isibu diffikultajiet biex isibu min iħarreġ. Se naħdmu mal-korpi kostitwiti sabiex jinħoloq grupp ta' trainers, inkluż trainers barranin, li jkun disponibbli biex jagħti taħriġ lil ħaddiema ta' negozji differenti.

**18** Nagħrfu li bosta ħaddiema u negozji jippreferu taħriġ provdut in-house li jkun konvenjenti u affordabbli aktar. Fil-leġiżlatura li jmiss se naraw li aktar negozji jagħmlu użu minn skemi vantaġġużi bħal Investing in Skills u MicroInvest sabiex joħolqu faċilitajiet u korsijiet għat-taħriġ għall-ħaddiema tagħhom.

**19** L-iSkills Pass tirrikonoxxi l-ħiliet, il-kwalifiċi u l-kompetenza tal-ħaddiema f'setturi partikolari. Wara l-introduzzjoni tal-iSkills Pass fis-setturi tal-ospitalità u l-kostruzzjoni, se nestendu dan il-kunċett għall-ħaddiema oħra, fosthom il-carers u s-sewwieqa.

**20** Noħolqu Skills Passport diġitali li jkun jiġbor fih iċ-ċertifikati kollha tal-individwu li jużah, inkluż kwalifiċi formali, ċertifikati relatati ma' taħriġ u rikonoxximent ta' edukazzjoni informali. Dan se jkun aċċessibbli fuq sistema li taħdem bil-blockchain li tkun simili għal dik imħaddma mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi.

**21** Il-Garanzija taż-Żgħażagħ għenet biex illum Malta għandha fost l-anqas rata ta' qgħad fost iż-żgħażagħ fl-Unjoni Ewropea. Dan ma jnaqqas xejn mill-impenn tagħna li kull żagħżugħ jew żagħżugħa jirċievu edukazzjoni, taħriġ u xogħol. Din il-ħidma se tkompli permezz ta' investiment ta' €10 miljun f'taħriġ, mentorships u esperjenzi ta' xogħol biex dawn iż-żgħażagħ jiksbu l-ħiliet u l-kwalifiċi li jkollhom bżonn.

# Nindirizzaw il-ħtieġa ta' ħaddiema f'setturi ġodda

22 Il-Kunsill Nazzjonali għall-Ħiliet se jaqdi wkoll l-irwol ta' Malta's Future Lab. Dan se jaħdem ma' istituzzjonijiet edukattivi sabiex jantiċipa l-bidliet drastiċi li qed jgħaddi minnhom is-suq tax-xogħol, partikolarment bl-użu tat-teknoloġiji ġodda u l-intelliġenza artifiċjali. Dan l-eżerċizzju mhux biss jindirizza skills gaps li jinħolqu fl-ekonomija iżda jipproponi alternattivi teknoloġiċi minflok l-ingaġġ ta' ħaddiema barranin.

23 Fiż-żmien li ġej se titlesta l-ħidma marbuta mal-ħolqien ta' reġistru tal-ħiliet tal-ħaddiema. Dan se jagħtina l-opportunità li nifhmu aħjar il-kapaċitajiet ewlenin tal-workforce lokali u nippjanaw għall-futur. Din l-għodda se nużawha wkoll sabiex nevalwaw il-ħiliet ta' ħaddiema barranin u jkunu jistgħu jużaw kwalifiċi li kisbu f'pajjiżhom lokalment.

24 In-negozji żgħar u medji se jingħataw assistenza sabiex ikollhom stampa ċara tal-ħiliet tal-ħaddiema tagħhom u jidentifikaw nuqqas ta' ħiliet li jkollhom bżonn jindirizzaw. Assistenza ta' din ix-xorta se tingħata permezz ta' assistenza individwali lin-negozji u l-iżvilupp ta' għodda diġitali li tanalizza wkoll numru ta' fatturi, fosthom il-kultura fuq il-post tax-xogħol, id-diġitalizzazzjoni u s-sodisfazzjon tal-ħaddiema.

# Il-pensjonanti tal-futur

25 Gvern Laburista jagħti garanzija lill-ħaddiema li l-età tal-irtirar ma titlax u li r-rata ta' kontribuzzjoni soċjali ma tiżdiedx. Il-ħaddiema li jaqilgħu commission jew allowance se jkunu jistgħu jinkluduhom mad-dħul, iħallsu kontribuzzjoni soċjali fuqhom u jtejbu l-pensjoni tagħhom.

26 Il-pensjoni privata mhux se tieħu post il-pensjoni tal-Istat iżda nemmnu li l-ħaddiema għandhom ikollhom inċentivi sabiex jinvestu fi skema tal-pensjoni privata. Minbarra l-krediti ta' taxxa eżistenti, il-Gvern se jkun qed jikkontribwixxi sa €100 fix-xahar fil-pensjoni privata ta' ħaddiema tas-Servizz Pubbliku li jagħmlu dan l-arranġament.

# Il-ħarsien tiegħek fuq il-post tax-xogħol

27 Il-ħidma li qed inwettqu favur il-ħarsien tal-ħaddiema se nikkonsolidawha fi strateġija nazzjonali ġdida dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. L-istrateġija għandha toħloq sinerġija bejn l-esperjenza u r-riżorsi bil-għan li jiġi mħares il-benesseri tal-ħaddiema u kull ħaddiem jingħata l-valur u l-protezzjoni li jixraqlu.

28 Il-post tax-xogħol għandu joffri kemm sigurtà fiżika kif ukoll sostenn psikoloġiku. Se nsaħħu l-mandat tal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol sabiex tkun tista' tintroduċi miżuri amministrattivi sabiex jipprevjenu l-istress fuq il-post tax-xogħol.

29 Nagħrfu li s-saħħa u s-sigurtà ma jfissrux biss riskji fiżiċi iżda wkoll fatturi li jaffettwaw il-kundizzjonijiet mentali u soċjali tal-ħaddiema. Se nintroduċu politiki u skemi ta' appoġġ li jindirizzaw ir-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol, fosthom sistemi ta' interventi bikrija, inizjattivi li jgħinu ħaddiema jirritornaw lura għax-xogħol wara perjodi ta' diffikultà u għodod speċjalizzati għall-evalwazzjoni tar-riskju.

30 Is-sistema nazzjonali tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol se tkompli tiġi aġġornata skont l-ogħla standards internazzjonali. Fil-leġiżlatura li jmiss se nirratifikaw żewġ konvenzjonijiet importanti tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol: Occupational Safety and Health Convention u Promotional Framework for Occupational Safety and Health Convention.

31 Fl-2025 inawgurajna l-ewwel ċentru ta' taħriġ akkademiku tal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol. Se nkomplu ninvestu fit-taħriġ u naraw li dan iċ-ċentru jibda jintuża wkoll għal taħriġ prattiku dwar kif wieħed jieħu ħsieb tiegħu nnifsu waqt ħidmietu.

32 Sabiex titjieb il-kwalità tal-evalwazzjoni tar-riskji u jiġu stabbiliti standards uniformi fis-setturi kollha, se jiġu żviluppati risk-assessment templates speċifiċi għal kull industrija. Dawn se jkunu aċċessibbli online u mingħajr ħlas. Dan is-servizz se jgħin ħaddiema li jaħdmu għal rashom u negozji żgħar u medji sabiex jagħmlu evalwazzjoni tar-riskji mingħajr spejjeż addizzjonali.

33 It-teknoloġija tista' tintuża biex tipprevjeni l-inċidenti u għalhekk se nibdew diskussjonijiet mal-imsieħba soċjali dwar l-użu tal-intelliġenza artifiċjali fil-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Dawn is-sistemi jistgħu jwettqu sorveljanza ta' gass jew storbju, jew saħansitra jwaqqfu makkinarju milli jkompli jaħdem f'każ ta' riskju imminenti.

34 Se ngħinu lin-negozji jinvestu f'apparat innovattiv li jħares il-ħaddiema tagħhom. Apparat bħal smart personal protective equipment jidentifika periklu qabel iseħħ, inkluż waqgħat, stress ikkawżat minn temp jew temperaturi estremi u riskji oħra.

35 Voluntiera li jaħdmu f'għaqdiet differenti għandhom jiġu mħarsa wkoll. Se nintroduċu taħriġ bażiku dwar is-saħħa u s-sigurtà lil dawn il-persuni sabiex ikunu jistgħu jwettqu proġetti bl-għarfien u l-preparazzjoni meħtieġa. L-għaqdiet volontarji se jiġu megħjuna wkoll biex jagħmlu risk assessments fi proġetti kbar li jkollhom.







# 03

# Edukazzjoni li tippreparak għall-ġejjieni

Il-viżjoni tagħna għas-sistema edukattiva ta' pajjiżna hija msejsa fuq żewġ prinċipji; il-ħsieb kritiku u l-għodod tat-tagħlim. Fuq kollox nemmnu li ma jistax ikollok sistema edukattiva li ġġib ir-riżultati mingħajr l-investiment neċessarju fl-edukaturi. Filwaqt li se nibqgħu nagħmlu l-investiment li hemm bżonn fl-infrastruttura edukattiva ta' pajjiżna, qed nagħtu l-istess prijorità lill-valur tat-tagħlim u l-ħiliet li għandhom bżonn uliedna għall-preżent u għall-futur.

# L-aqwa edukazzjoni u kura bikrija

**01** L-ewwel elf jum ta' tarbija huwa ż-żmien ta' formazzjoni fiżika, soċjali, emozzjonali u konjittiva. Il-probbabiltà li t-tfal jirnexxu hija ferm ogħla fost dawk li jibdew fuq sisien sodi. Pajjiżna kważi laħaq il-miri tal-Unjoni Ewropea għas-sena 2030, b'44% tat-tfal jattendu ċ-childcare u 96% jattendu l-kindergarten. Se nkomplu naħdmu biex innaqqsu d-disparità fost it-tfal u ngħollu l-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni bikrija fost tfal li jkunu ġejjin minn ambjent diffiċli.

**02** Se nkomplu naħdmu mal-edukaturi, il-ġenituri u t-tfal infushom sabiex jiġi aġġornat il-kurrikulu fl-edukazzjoni u l-kura bikrija. Dan għandu jkun ibbażat fuq metodi innovattivi ta' tagħlim, l-esplorazzjoni, il-logħob u dak kollu li jqanqal interess u kurżità lejn it-tagħlim fit-tfal.

**03** Filwaqt li naġġornaw il-kontenut u l-objettivi tat-tagħlim, l-edukaturi se jkollhom il-flessibbiltà u l-awtonomija sabiex iwasslu t-tagħlim bl-aħjar mod skont l-abbiltajiet tat-tfal. Se niżguraw li l-edukaturi jkollhom is-sapport u l-għodod meħtieġa sabiex jilħqu l-objettivi tal-kurrikulu aġġornat.

**04** Se nintroduċu standards ġodda għaċ-ċentri taċ-childcare kollha biex niżguraw li t-tfal qed jirċievu l-aqwa tagħlim f'post sigur, attrezzat u addattat għalihom.

**05** L-edukaturi fiċ-childcare u l-kindergarten huma parti integrali mill-professjoni tat-tagħlim. Fl-aħħar ftehim li kkonkludejna għas-servizz taċ-childcare investejna aktar biex inwasslu servizz konsistenti u dejjem aħjar għall-familji. Minbarra titjib fil-paga, l-edukaturi se jirċievu taħriġ kontinwu biex ikomplu jtejbu l-ħiliet tagħhom u javvanzaw 'il quddiem fil-professjoni tagħhom.

**06** Noħolqu korsijiet qosra fl-early intervention sabiex inwessgħu l-għarfien u l-abbiltà tal-edukaturi u professjonisti oħra biex jidentifikaw diffikultajiet fit-tagħlim u l-imġiba tat-tfal kmieni kemm jista' jkun.

**07** Flimkien mas-sessjonijiet introduttorji għall-kindergarten u fl-ewwel sena tal-Primarja, se norganizzaw programm qasir għall-ġenituri biex jifhmu l-irwol tagħhom aħjar u jgħinu lil uliedhom f'din it-tranżizzjoni.

# Edukazzjoni Primarja u Sekondarja

**08** Jeħtieġ li l-kurrikulu nazzjonali jiġi aġġornat sabiex dan verament jipprepara lill-istudenti biex isiru ċittadini sħaħ, b'ħiliet neċessarji għad-dinja tal-lum u għada. Il-ħidma fuq dan l-aġġornament bdiet diġà u fil-leġiżlatura li jmiss se tintensifika l-konsultazzjoni mal-edukaturi, il-ġenituri u l-istudenti. L-aġġornament għandu jwassal għal titjib fil-kwalità tal-edukazzjoni, mill-kindergarten sas-Sekondarja.

**09** Infasslu strateġija komprensiva għall-ħiliet bażiċi bil-għan li ssaħħaħ il-litteriżmu, in-numeriżmu u l-kompetenzi diġitali fost l-istudenti ta' kull età. Din l-istrateġija għandha tiżgura opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja filwaqt li ttejjeb il-produttività nazzjonali u l-inklużjoni soċjali.

**10** Reading Recovery qed jgħin tfal fit-tieni sena li jkunu qed isibuha diffiċli jaqraw u jiktbu bl-Ingliż. Se nestendu dan il-programm għat-tagħlim tal-Malti u l-Matematika. Dawk it-tfal li jkollhom bżonn għajnuna addizzjonali fil-Malti, l-Ingliż jew il-Matematika se jkollhom sessjonijiet individwali ta' nofs siegħa kuljum ma' għalliema mħarrġa f'dawn is-suġġetti.

**11** Il-kurrikulu l-ġdid għandu jippromwovi aktar it-tagħlim tal-lingwi. It-tfal għandhom ikunu esposti għat-tielet lingwa minn età żgħira f'kuntest ta' logħob u interazzjoni. B'hekk it-tfal jiksbu ħiliet bażiċi biex jikkomunikaw f'lingwi oħrajn barra l-Malti u l-Ingliż u nħeġġuhom ikomplu jistudaw il-lingwi f'livell postsekondarju u ogħla.

**12** Il-kurrikulu nazzjonali għandu jħejji tajjeb lill-istudenti fl-għażla tal-karrieri tagħhom. Id-diskussjoni dwar l-aġġornament tal-kurrikulu nazzjonali għandha tiffoka wkoll fuq kif u meta għandha ssir l-għażla tas-suġġetti. L-istudenti għandhom ikunu esposti għal firxa wiesgħa ta' suġġetti qabel jagħmlu l-għażla tagħhom.

**13** Il-litteriżmu diġitali u l-Computational Thinking se jkunu integrati aktar fit-tagħlim u addattati għal tfal ta' etajiet differenti. B'hekk meta l-istudenti jaslu fis-Sekondarja jkollhom awtonomija teknoloġika b'bażi soda fil-coding, l-AI u r-raġunament loġiku.

**14** Inkomplu nintroduċu robotics clubs fl-iskejjel primarji u sekondarji fejn l-istudenti jistgħu jesperimentaw, jibnu u japplikaw il-ħiliet komputazzjonali.

**15** Hekk kif nagħtu importanza lill-ħiliet diġitali u komputazzjonali, se nagħtu l-istess prijorità lill-ħiliet transversali u umani bħall-kreattività, il-ħsieb kritiku, l-addattabbiltà, ir-raġunament etiku u l-kollaborazzjoni biex l-istudenti jkunu mħejjija aħjar għad-dinja ta' għada.

16 Il-litteriżmu finanzjarju se jiġi integrat aktar fit-tagħlim ta' suġġetti oħra, fosthom il-Matematika u l-PSCD. B'hekk l-istudenti jkunu kapaċi jieħdu deċiżjonijiet informati u jtejbu s-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom matul ħajjithom.

17 L-attivita fiżika, id-drama, il-mużika u l-arti mhumiex biss suġġetti li jistgħu jirnexxu fihom it-tfal iżda għodda tat-tagħlim. Se niddedikaw aktar ħin għat-tagħlim ta' dawn is-suġġetti u nagħmlu użu effettiv minnhom biex jiġu mgħallma suġġetti oħra bħall-istorja, ix-xjenza u l-lingwi.

18 Irridu nkomplu nibnu fuq il-mudell ta' School Based Assessment (SBA). Se nagħtu aktar taħriġ lill-edukaturi u nagħmlu reviżjoni ta' numru ta' mudelli ta' assessment. Dan it-tibdil irid jassigura li tiġi riflessa aħjar il-ħidma tal-istudenti tul il-perkors edukattiv tagħhom.

19 Se nagħmlu reviżjoni tas-suġġetti offruti fl-Applied Vocational Certificate (AVC) sabiex insaħħu r-relevanza ta' dawn il-korsijiet u aktar studenti jkomplu l-istudju tagħhom ġewwa l-Istitut tas-Snajja' fl-MCAST.

20 Se niżviluppaw aktar programmi ta' apprentistat fi stadji differenti tal-perkors edukattiv. Din l-inizjattiva ssaħħaħ ir-rabta diretta bejn l-edukazzjoni u l-industrija u l-istudenti jtejbu l-ħiliet tagħhom b'mod effettiv.

21 Id-dibattitu u r-rispett lejn opinjonijiet differenti huma l-bażi ta' soċjetà demokratika. Se ntellgħu l-ewwel edizzjoni tan-National Students' Debate League fejn jiltaqgħu studenti minn skejjel differenti biex jaqsmu ideat dwar temi attwali u jitgħallmu minn xulxin.

## Opportunitajiet indaqs fl-edukazzjoni

22 L-istrateġija dwar l-early school leavers u l-programm Family Community School Link qed iħallu r-riżultati mixtieqa. Irnexxielna nnaqqsu r-rata ta' early school leavers minn 20.5% fl-2013 għal 8.6% fl-2026. Issa li r-rata ta' early school leavers niżlet taħt il-medja tal-Unjoni Ewropea qed nimmiraw li fil-ħames snin li ġejjin ir-rata tkompli tinżel għal 8%.

23 Ma rridux li jkun hemm tfal li jintilfu fis-sistema u għalhekk se nsaħħu r-rabta li teżisti bejn l-iskola, il-familja u l-komunità. Il-programm Family Community School Link huwa bbażat fuq il-prevenzjoni u l-intervent bikri biex inaqqas ir-riskju ta' early school leavers. Dan il-programm beda bi prova f'għaxar skejjel u se nestenduh fiċ-childcare u fl-iskejjel primarji kollha.

24 L-iskejjel jitfgħu dawl fuq realtajiet differenti li jeżistu fid-djar. L-għotja li nagħtu lill-kapijiet tal-iskejjel biex jiżguraw li t-tfal ma jkunx jonqoshom affarijiet bażiċi se titla' minn €10,000 għal €30,000.

25 Irridu nħeġġu l-parteċipazzjoni ta' aktar tfal f'attivitajiet ekstrakurrikulari u se nerġgħu ngħollu r-rifużjoni tat-taxxa b'€100 oħra. Għalhekk ġenituri li jinvolvu lil uliedhom f'attivitajiet sportivi, artistiċi u kulturali wara l-ħin tal-iskola se jibbenefikaw minn rifużjoni tat-taxxa sa massimu ta' €400 fis-sena. Dawk il-ġenituri li d-dħul tagħhom mhux taxxabbli se jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-istess għajnuna permezz ta' għotja. Ir-rifużjoni fuq l-ispiża marbuta ma' attivitajiet ekstrakurrikulari sportivi se nestenduha wkoll għat-tfal li jattendu akkademji tal-football u attivitajiet oħra bħal hybrid training.

26 Klabb 3-16 huwa servizz utli ħafna fejn it-tfal jagħmlu l-homework u jieħdu sehem f'attivitajiet wara l-ħin tal-iskola. Se nsaħħu din l-inizjattiva billi nintroduċu attivitajiet addattati għal studenti ta' etajiet differenti. Minbarra t-taħriġ fl-arti u fl-isports, se norganizzaw catch up classes għal studenti li jkollhom bżonn itejbu l-ħiliet tagħhom fil-qari, il-kitba u n-numri.

27 L-MCAST se jkompli jaqdi l-irwol tiegħu bħala kulleġġ tal-komunità. Se nintroduċu programmi qosra, flessibbli u modulari li jkunu bbażati fuq il-ħtiġijiet lokali u mmirati lejn dawk l-adulti li ma jistgħux jattendu korsijiet full-time. Fl-istess waqt se nsaħħu r-rabtiet mal-għaqdiet lokali, għaqdiet mhux governattivi, kunsilli lokali u n-negozju biex noħolqu pathways ta' taħriġ personalizzat għal komunitajiet u gruppi vulnerabbli.

## Skejjel tal-knisja u indipendenti

28 Fl-aħħar leġiżlatura żidna s-sostenn li nagħtu lill-iskejjel tal-knisja u skejjel indipendenti. It-tnaqqis fit-taxxa għall-ġenituri li jibagħtu lil uliedhom fi skejjel indipendenti se nestenduh fil-livell postsekondarju u ngħollu l-ammont ta' tnaqqis fit-taxxa għal €8,500 fuq kull wild.

# Edukazzjoni Postsekondarja u Terzjarja

**29** Se nwettqu investiment fil-Higher Secondary School ġewwa n-Naxxar permezz ta' proġett ta' tisbiħ u mmodernizzar tal-iskola, il-ftuħ ta' Student Hub, investiment fil-librerija u t-tlestija tal-ground tal-football.

**30** GEM16+ huwa wieħed minn tliet programmi offruti mill-Higher Secondary School li jagħti ċans ieħor liż-żgħażagħ biex ikomplu jistudjaw. Se nsaħħu dan il-programm tant utli billi nwessgħu l-għażla tas-suġġetti offruti.

**31** Fil-leġiżlatura li jmiss se jkompli l-proċess ta' mmodernizzar tal-Junior College u b'hekk noffru aktar servizzi lill-istudenti. Se ninvestu f'tagħmir sportiv ġdid għall-multipurpose sports hall u l-fitness hub, noħolqu studios ġodda għall-arti performattiva u jsir rinnovar tal-canteen u l-gamesroom.

**32** L-Istitut għall-Arti Kreattiva tal-Mosta se jiġi rrilokat fil-kampus tal-MCAST f'Raħal Ġdid. Se nibnu istitut modern li jkun mgħammar b'faċilitajiet mill-aqwa għall-arti, id-disinn u t-teknoloġija kreattiva. L-investiment f'dan l-istitut irid jagħti spazju lill-istudenti biex jevolvu t-talenti tagħhom u jippreparaw ruħhom biex jidħlu fl-industrija kreattiva.

**33** Fl-MCAST se noħolqu ċentri tematiċi fl-oqsma tas-snajja' u l-innovazzjoni, fosthom l-inġinerija, creative arts, aviation maintenance, marine technology u s-sigurtà ċibernetika. Dawn iċ-ċentri se jkunu mgħammra b'fab labs u makerspaces li jużaw it-teknoloġija diġitali u l-AI. L-MCAST se tissieħeb ma' universitajiet u ċentri ta' riċerka fl-Ewropa biex toffri diplomi konġunti u skambji lill-istudenti tagħha.

**34** L-Istitut għas-Snajja' fl-MCAST se jaħdem aktar mill-qrib tal-industrija biex jorganizza korsijiet qosra ta' taħriġ tekniku. Barra minn hekk, se niftħu Trade Business Incubation Hub fil-Villaġġ tas-Snajja' f'Ta' Qali u f'Ta' Dbieġi f'Għawdex biex ngħaqqdu l-prattika mal-għarfien intraprenditorjali.

**35** Se nsaħħu t-taħriġ offrut miċ-Ċentru għall-Istudji Marittimi fl-MCAST b'investiment f'simulators, VR u programmi ġodda dwar green shipping u sustainable fishing, l-użu tal-AI fis-settur marittimu u fuel reduction. Dan l-investiment jimxi id f'id mal-inizjattivi l-oħra maħsuba biex isaħħu l-pożizzjoni ta' Malta bħala ċentru marittimu globali.

36 Noħolqu ċentru modern għat-taħriġ tal-infermiera fl-MCAST mgħammar b'laboratorji moderni u simulators kliniċi avvanzati. Dan iċ-ċentru se jtejjeb il-kwalità ta' taħriġ offrut lill-istudenti li qed jistudjaw biex isiru infermiera, isaħħaħ ir-rabta mas-settur tas-saħħa u jżid l-ammont ta' infermiera kwalifikati.

37 Se ninvestu f'binja ġdida għall-Fakultà tal-Kirurġija Dentali fl-Università ta' Malta li tkun mgħammra b'virtual simulators, teaching clinics, laboratorji, X-Ray room u surgical room. L-istudenti se jkunu jistgħu jirċievu l-aqwa livell ta' tagħlim u joffru servizzi lill-komunità. Dan l-investiment se jgħin sabiex ikunu jistgħu jiġu offruti programmi edukattivi ġodda fid-dentistrija.

38 L-istudenti jridu jakkwistaw kemm ħiliet akkademiċi u anke ħiliet professjonali. L-Università ta' Malta se ssaħħaħ it-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol fil-korsijiet tagħha biex l-istudenti jkunu jistgħu japplikaw dak li jkunu tgħallmu fil-prattika.

39 L-Università ta' Malta se tintroduċi korsijiet micro-credentials ġodda sabiex setturi ewlenin, fosthom l-early years, ikunu jistgħu jħarrġu u jtejbu l-ħiliet tal-ħaddiema tagħhom. Dawn il-korsijiet se jkunu mibnija fuq tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol, blended learning u flexible pathways.

# Edukazzjoni inklużiva

40 Nemmnu f'sistema edukattiva ta' inklużjoni u mhux integrazzjoni, fejn is-servizzi jingħataw skont il-bżonnijiet tal-istudenti. Se nibdew noffru servizz ta' assessment bla ħlas biex isir statement of needs għat-tfal li jkollhom bżonn sapport addizzjonali fit-tagħlim.

41 Irridu ngħinu lill-edukaturi jippjanaw aħjar il-lezzjonijiet tagħhom u jlaħħqu mal-bżonnijiet edukattivi tal-istudenti permezz ta' taħriġ u refresher courses dwar l-inklużjoni fit-tagħlim. Il-Learning Support Educators (LSEs) se jkollhom l-opportunità li jispeċjalizzaw fl-assistenza fit-tagħlim għat-tfal bl-awtiżmu, l-ADHD u d-dyslexia, fost kundizzjonijiet newrodiverġenti oħra.

42 L-ebda tifel jew tifla ma għandu jintilef fis-sistema edukattiva. Se nniedu programm ta' screening fl-iskejjel għad-dyslexia, dyspraxia jew dyscalculia fost tfal ta' bejn il-ħamsa u s-seba' snin. B'hekk niżguraw li dawn it-tfal jirċievu s-sapport kollu meħtieġ, kemm mid-dar u kemm mill-iskola.

**43** Se nsaħħu t-taqsima tal-iSpecific Learning Difficulties bl-ingaġġ ta' professjonisti ġodda. Dawn se jkunu jistgħu jagħmlu aktar assessments u joffru servizzi oħra ta' sapport lil tfal b'diffikultajiet biex jitgħallmu.

**44** Ftaħna ċ-Ċentru tas-Servizzi għat-Tfal, l-Adolexxenti u ż-Żgħażagħ f'Birkirkara u se nkomplu nwessgħu s-servizzi offruti fl-iskejjel. B'hekk it-tfal jirċievu t-terapija fl-iskejjel tagħhom u allura ma jkunx hemm distinzjoni bejnhom u bejn tfal oħra.

**45** Inkomplu nintroduċu therapy dogs fl-iskejjel biex joffru appoġġ emozzjonali u akkademiku lit-tfal kollha, speċjalment lil dawk it-tfal bi stress, ansjetà, awtiżmu, ADHD jew diżabbiltà.

**46** Se nżidu l-kotba dyslexia friendly, audiobooks u reading pens fil-libreriji fl-iskejjel u fil-klassijiet sabiex il-qari jsir aktar pjaċevoli għat-tfal. Barra minn hekk, se norganizzaw programmi u reading clubs għat-tfal b'kundizzjonijiet newrodiverġenti. Dawn se jkunu jistgħu jtejbu l-ħiliet tal-qari filwaqt li jżidu l-kunfidenza fihom infushom.

**47** Noħolqu calming spaces fl-iskejjel u nipprovdu noise-reducing headphones għat-tfal b'kundizzjonijiet newrodiverġenti li huma sensittivi għall-ħsejjes, dwal u movimenti.

**48** Nibdew nintroduċu sit-stand desks fil-klassijiet għat-tfal bl-ADHD severa. Dawn id-desks iħallu lit-tfal jiċċaqilqu u b'hekk ikunu jistgħu joqogħdu attenti aktar waqt il-lezzjonijiet.

## Il-ħiliet tal-qari u l-kitba fl-edukazzjoni

**49** Il-qari huwa l-bażi ta' edukazzjoni sħiħa li jqanqal l-immaġinazzjoni, il-ħsieb kritiku u l-kreattività fl-istudenti tal-Primarja. Se ndaħħlu miżuri li jrawmu kultura favur il-qari u l-kitba bħala attivitajiet li jħobbu jagħmlu t-tfal, fosthom ammont ta' ħin iddedikat għall-qari kuljum.

**50** L-użu ta' social robots fl-iskejjel għen ħafna studenti sabiex itejbu l-ħiliet tagħhom, inkluż studenti li kienu jsibuha diffiċli sabiex jieħdu sehem attiv fil-lezzjonijiet. Se nkomplu nżidu l-użu ta' dan it-tagħmir f'aktar skejjel sabiex jgħin lit-tfal u jassisti lill-għalliema fil-ħidma tagħhom.

51 Irridu nrawmu l-imħabba għall-qari minn età żgħira. Fl-aħħar erba' snin tqassmu 'l fuq minn mitt elf ktieb b'xejn lill-istudenti tal-Primarja. L-inizjattiva l-Kotba Ħbieb tat-Tfal se nestenduha għat-tfal li jattendu ċ-childcare u l-kindergarten kif ukoll għall-istudenti kollha tal-iskola medja. Dawn ukoll se jkollhom l-opportunità li jibnu librerija ċkejkna f'darhom.

52 Familji vulnerabbli u oħrajn bi dħul baxx qed jingħataw kotba b'xejn sabiex ikollhom librerija d-dar. Se nsaħħu din l-inizjattiva billi nagħtu gwida lil dawn il-ġenituri kif jaqraw lil uliedhom u jassistuhom fil-homework.

53 Għaqqadna l-isports mal-qari sabiex inħajru kemm jista' jkun tfal isiru jħobbu l-qari u l-kitba. Dan il-kunċett se nestenduh sabiex nippromwovu l-qari permezz ta' attivitajiet interessanti oħra, fosthom l-istudji ambjentali, l-arti performattiva u t-tisjir.

# Rispett u fiduċja fl-għalliema

54 L-aqwa investiment li nistgħu nagħmlu fl-edukazzjoni huwa fl-edukaturi nfushom. Fihom nafdaw il-futur ta' wliedna u ta' pajjiżna. L-aħħar ftehim settorjali kien l-aqwa wieħed għall-edukaturi, bl-akbar żidiet li qatt ingħataw f'dan is-settur. Fil-ħames snin li ġejjin l-edukaturi se jaraw titjib ieħor fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom, speċjalment fejn jidħlu l-ħarsien u l-benesseri tagħhom.

55 L-edukaturi huma policy makers ukoll u għandhom irwol ċentrali fit-tfassil u l-ippjanar tas-sistema edukattiva. Waqqafna l-Malta Education Foresight Forum u ftaħna t-Transformational Hub sabiex naċċertaw ruħna li l-edukaturi jkunu fil-qalba tat-tibdil li nagħmlu. Issa jmiss li nniedu pjattaforma diġitali fejn l-edukaturi jkollhom l-opportunità li jesploraw u jaqsmu ideat, prattiċi tajbin u metodi ġodda ta' tagħlim.

56 Se nkomplu ninvestu fil-ħiliet tal-edukaturi tagħna bil-kunċett ta' self-sought training volontarju. L-edukaturi se jkunu jistgħu jitħarrġu u javvanzaw fil-professjoni tagħhom permezz ta' programm ġdid ta' talent management.

57 L-edukaturi jgħinu lill-istudenti jiżviluppaw ħiliet kritiċi, kreattivi u kollaborattivi. Għaldaqstant se ninvestu fi programmi ta' taħriġ għall-edukaturi f'teknoloġiji ġodda, l-AI, it-tagħlim diġitali, blended learning, soft skills u metodi oħra ta' tagħlim ippersonalizzat.

58 Se nwessgħu s-sistema ta' mentoring biex l-edukaturi kollha jkunu jistgħu jirċievu gwida u għajnuna mingħand edukaturi oħra li jkunu speċjalizzati jew għandhom aktar esperjenza minnhom.

59 Nemmnu li l-edukaturi għandhom ikunu ffukati biss fuq it-tagħlim u jaħdmu f'ambjent san u sigur għalihom u għall-istudenti. Se nniedu behavioural framework ġdid għall-istudenti li jwassal għall-introduzzjoni ta' protokolli ġodda fl-iskejjel kollha dwar l-imġiba, il-proċedura ta' tfittxija u r-rispons f'każ ta' emerġenza.

60 Noħolqu sistema ċċentralizzata ta' rapportaġġ kif ukoll behavioural risk assessment bil-għan li nidentifikaw minn kmieni u nipprevjenu każijiet ta' aggressjoni, social withdrawal u theddid mill-istudenti. Il-ħaddiema tal-iskejjel se jkunu mħarrġa fi crisis management, de-escalation u early detection sabiex ikollhom għarfien dwar kif għandhom jirrispondu f'sitwazzjonijiet bħal dawn.

61 Inwaqqfu rapid response psychosocial service fl-iskejjel biex jagħti servizz ta' appoġġ immedjat f'każ li jseħħ xi inċident. Dan is-servizz se jkun jista' jibqa' jintuża fil-ġranet ta' wara li jkun seħħ l-inċident, kemm mill-edukaturi u anke mill-istudenti.

## Għajnuna akbar lill-istudenti

62 L-istipendju huwa għajnuna diretta lill-istudenti, speċjalment meta jkun l-unika dħul li jkollhom. Flimkien mal-aħħar żieda li tajna u l-kumpens annwali għall-għoli tal-ħajja, l-istudenti se jibbenefikaw minn żieda oħra ta' 15% fl-istipendju tagħhom.

**63** Aktar minn 4,000 student fl-MCAST u fl-Università ta' Malta qed isegwu wieħed minn 46 kors preskritt jew ta' prijorità. Dawn qed jibbenefikaw minn stipendju ogħla li f'ċertu korsijiet ilaħħaq l-€445 fix-xahar. Fil-ħames snin li ġejjin se nkomplu nwessgħu l-lista ta' korsijiet li huma meqjusa preskritti jew ta' prijorità skont il-Viżjoni Malta 2050. B'hekk se nagħtu inċentiv akbar lill-istudenti biex jagħżlu karrieri li huma l-aktar bżonjużi għal pajjiżna fil-preżent u fil-futur.

**64** Konxji li ħafna żgħażagħ jagħmlu internships u traineeships waqt jew wara l-kors edukattiv tagħhom iżda ma jitħallsux. Se nibdew proċess sabiex it-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol jiġi rrikonoxxut fil-liġijiet tax-xogħol ta' pajjiżna. Permezz ta' din ir-riforma rridu nagħtu ħlas xieraq lil dawn l-istudenti u gradwati, insaħħu l-kwalità tat-tagħlim u nagħtu rikonoxximent formali lil dawn l-esperjenzi ta' xogħol.

**65** Fl-aħħar ħames snin l-istudenti fl-apprentistati bdew jirċievu ammont ekwivalenti għall-paga minima għax-xogħol li jagħmlu. Dawn l-istudenti se jirċievu żieda oħra fl-istipendji u l-għotjiet imħallsa mill-Gvern.

**66** Irridu li aktar studenti Maltin jieħdu sehem f'opportunitajiet ta' tagħlim barra minn xtutna. L-istudenti li jipparteċipaw fl-iskambju ta' Erasmus+ u jmorru jagħmlu semester f'università akkreditata barra minn xtutna se jirċievu għotja ta' €1,000.

**67** Insaħħu l-boroż ta' studji eżistenti u nniedu oħrajn ġodda biex aktar studenti jiksbu ħiliet ġodda f'oqsma strateġiċi bħal AI u big data analysis, machine learning, is-sigurtà ċibernetika, blockchain, green tech, l-ekonomija ċirkolari u HealthTech.

**68** Hemm bżonn li kulħadd ikollu l-opportunità li jistudja fil-livell ta' masters u dottorat. Se nibdew inħallsu bil-quddiem l-ewwel pagament tal-ischolarships amministrati mill-Gvern lil żgħażagħ li ma jkollhomx biżżejjed flus sabiex iħallsu l-ispejjeż inizjali relatati mal-istudji tagħhom.

# Skejjel ġodda, moderni u attrezzati

69 Uliedna jixirqilhom li jitgħallmu f'postijiet addattati u attrezzati għat-tagħlim. Se tissokta l-ħidma taħt il-programm Edu Infrastructure biex jiġu mmodernizzati 100 skola f'Malta u Għawdex fuq perjodu ta' tlettax-il sena. Ġew irrinnovati l-iskejjel ta' Ħal Għaxaq, iż-Żejtun, Santa Venera u n-Nadur f'Għawdex. Miexi b'ritmu mgħaġġel ix-xogħol fuq l-iskejjel ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi, ix-Xgħajra, Birkirkara, l-Imrieħel, il-Belt Valletta, Tas-Sliema, San Ġwann, il-Blata l-Bajda, ir-Resource Centre San Miguel u l-ALP Paola. Dan ix-xogħol jinkludi installazzjoni ta' sistemi ta' arja kkundizzjonata, laboratorji STEAM ġodda u ambjent li jixbah aktar lil dak tad-dar għall-Klabb 3-16. Dawn il-faċilitajiet se jkunu jistgħu jintużaw ukoll għal skopijiet komunitarji.

70 Ftaħna skejjel ġodda fl-Imsida u fir-Rabat Għawdex u se jkompli l-programm ta' bini ta' skejjel ġodda. Fil-leġiżlatura li jmiss se jitlesta x-xogħol fuq il-bini tal-iskejjel tal-Mellieħa u n-Naxxar. Il-bini ta' skejjel ġodda u l-immodernizzar ta' oħrajn eżistenti qed jagħtu prijorità akbar lill-aċċessibbiltà skont il-prinċipji tal-Universal Design for Learning.

71 L-istudenti u l-edukaturi huma esperti dwar il-klassijiet tal-futur. Permezz tal-programm Open Horizons qed isiru 71 proġett intiż biex jippromwovi t-tagħlim fil-miftuħ, is-suġġetti STEAM u t-tisħiħ tal-abbiltajiet fil-litteriżmu numeriku. Dan il-programm se nkomplu nsaħħuh u ngħollu l-allokazzjoni għal €10,000 għal kull proġett.

72 Irridu ngħaqqdu l-edukazzjoni u n-natura flimkien sabiex nipprovdu metodi ta' tagħlim interessanti għall-istudenti. Se nkomplu nwessgħu l-inizjattiva Green School Initiative u noħolqu ġonna edukattivi u spazji ta' tagħlim fil-miftuħ ġewwa 35 skola.



04

# Id-dar tiegħek

Li jkollok id-dar tiegħek huwa wieħed mill-aktar investimenti importanti li tagħmel f'ħajtek. Illum mhux biss ngħinu nies jaċċessaw is-suq tal-proprjetà iżda naħsbu f'dawk kollha li jagħmlu pass biex jixtru l-ewwel dar tagħhom. Irridu nkunu spalla miegħek f'dan il-pass ukoll. L-inċentivi li daħħalna u se nkomplu ndaħħlu jagħmluha eħfef għal kulħadd sabiex ikollu l-ewwel dar tiegħu.

# Akkomodazzjoni affordabbli

**01** Minkejja li 82% tal-Maltin u l-Għawdxin huma sidien ta' darhom, il-prijorità tagħna tibqa' dik li aktar żgħażagħ u familji jixtru l-proprjetà tagħhom b'kundizzjonijiet ġusti. Qed inħaddmu mudell flimkien mal-Knisja u s-settur privat sabiex jinbnew mill-inqas 260 unit ġdid ta' akkomodazzjoni affordabbli f'Ħal Kirkop, il-Fgura, Marsaskala u San Ġiljan. Dawn se jinbiegħu lill-familji Maltin u Għawdxin bi skont ta' mill-inqas 30% meta mqabbel mal-prezz tas-suq.

**02** Fil-ħames snin li ġejjin se noħorġu sejħiet oħra simili biex jinbnew numru ta' units ġodda oħra li jkunu aċċessibli bi prezzijiet affordabbli għall-first-time buyers li jkunu jeħtieġu l-għajnuna biex isiru sidien ta' darhom.

**03** Is-suq tal-proprjetà qed juża metodi differenti ta' xiri, inkluż opportunitajiet biex inkwilini jixtru l-proprjetà li jkunu qed jikru. Irridu nkomplu nibnu fuq ir-relazzjoni tajba li diġà teżisti bejn ħafna sidien u inkwilini ħalli nkomplu nsaħħu l-istabbiltà u ngħinu aktar familji jsiru sidien ta' darhom.  Dawk is-sidien li jaċċettaw li jbigħu l-proprjetà lill-inkwilini li jkunu joqogħdu fil-proprjetà tagħhom se jibbenefikaw minn tnaqqis fit-taxxa tal-boll. It-tnaqqis se jkun ekwivalenti għall-ammont ta' taxxa tal-kera li jkun ħallas is-sid waqt li l-proprjetà kienet mikrija lill-istess xerrej, sa massimu ta' ħames snin.

**04** Se nkunu miegħek fl-aktar mumenti diffiċli biex ngħinuk tqum fuq saqajk. Sal-lum dawk il-persuni li jgħaddu minn separazzjoni setgħu jiġu megħjuna permezz tal-Equity Sharing Scheme. Persuni li jkunu qed ifittxu dar residenzjali ġdida għax ikunu qed jisseparaw se jkunu qed jieħdu l-inċentivi tal-first-time buyers relatati mat-taxxa tal-boll.

**05** Wara li ħloqna qafas regolatorju li jirregola l-intrapriżi soċjali, se nagħtu inċentivi lill-housing cooperatives li jkunu jistgħu jiżviluppaw proprjetà li ma tinbiegħx għal skop ta' profitt.

**06** Is-sidien li jbigħu l-proprjetà tagħhom lill-housing cooperatives mhux se jħallsu t-taxxa tal-boll.

# My First Home: sostenn ikbar lill-first-time buyers

**07** Se nintroduċu skema ġdida My First Home fejn il-Gvern se jislef sa 25% tal-valur tal-proprjetà lill-first-time buyers bla interessi. Il-first-time buyers kollha minn 23 sena 'l fuq se jkunu eliġibbli għal dan is-self fuq proprjetajiet ta' valur sa massimu ta' €300,000 għal persuni single bi dħul massimu ta' €40,000 u €350,000 għall-koppji bi dħul konġunt massimu ta' €60,000. Il-first-time buyers li se jibbenefikaw mill-iskema My First Home jistgħu sal-età ta' 65 sena jixtru sehem il-Gvern bla interessi u jsiru sidien uniċi tal-proprjetà.

**08** Se nkomplu ngħinu liż-żgħażagħ iwettqu l-ħolma tagħhom li jsiru sidien ta' darhom billi nsaħħu l-għajnuniet eżistenti, inkluż ir-roħs fit-taxxa tal-boll, l-iskema tal-equity sharing, l-għotja ta' €10,000 fuq għaxar snin u l-għotja ta' €15,000 għal min jixtri proprjetà f'Żona ta' Konservazzjoni Urbana (UCA) jew proprjetà vakanti f'Malta, li titla' għal €40,000 għal min jixtri proprjetà f'Għawdex. Issa li r-roħs fit-taxxa tal-boll għall-first-time buyers saret skema permanenti u ġew aġġornati l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà, se nagħtu għajnuna ikbar liż-żgħażagħ billi ngħollu l-ammont eżentat mill-ħlas tat-taxxa tal-boll minn €200,000 għal €300,000.

**09** Ngħinu lil min jixtri proprjetà fl-ispejjeż li jkollu. Minbarra d-depożitu, min qed jixtri jrid iħallas it-taxxi stabbiliti bil-liġi, l-ispejjeż marbuta mar-reġistrazzjoni u r-riċerki, kif ukoll it-tariffa li biha jitħallas in-nutar għal xogħlu. Quddiem dawn l-ispejjeż se nirrifondu lura lill-first-time buyers sa massimu ta' €1,200 għall-ispejjeż tar-riċerki u spejjeż oħra relatati max-xiri tal-proprjetà, inkluż is-servizz tan-nutar.

**10** Il-valur tal-proprjetà li fuqu jagħmel tajjeb il-Gvern f'każ li min qed jixtri ma jkollux biżżejjed flus biex iħallas l-10% depożitu se nerġgħu ngħolluh minn €250,000 għal €300,000.

# Our Next Home: il-familji bit-tfal ikkunsidrati bħala first-time buyers

11 Familji b'aktar minn wild wieħed li jridu jkabbru l-proprjetà fejn jgħixu se jkunu qed jieħdu l-inċentivi tal-first-time buyers relatati mat-taxxa tal-boll u l-għotja tal-UCA. Din l-iskema tista' tintuża mill-ġdid kull darba li l-familja tikber.

# Akkomodazzjoni Soċjali

12 Gvern Laburista se jibqa' jkun ta' spalla għal dawk li jkollhom bżonn akkomodazzjoni soċjali, bil-mira tagħna tibqa' li l-ebda persuna ma tkun bla saqaf fuq rasha. Fl-aħħar tlettax-il sena aktar minn 3,800 familja bbenefikaw minn forma ta' akkomodazzjoni soċjali u l-lista ta' stennija naqset bin-nofs. Se nkomplu nibnu aktar units ta' akkomodazzjoni soċjali u nsaħħu l-għajnuniet għal min jikri bil-għan li nkomplu nnaqqsu din il-lista.

13 Mill-2022 'il hawn inbnew 'il fuq minn 450 akkomodazzjoni soċjali f'għaxar lokalitajiet. Matul il-ħames snin li ġejjin se nlestu l-bini ta' 700 unit ieħor ġdid.

14 Il-kriterji tal-eliġibbiltà għall-akkomodazzjoni soċjali se jiġu rriveduti sabiex jirriflettu aħjar ir-realtajiet tal-preżent. Se ngħollu l-ammont tad-dħul massimu bi €3,000 għall-persuni single u familji. Fil-każ ta' familji bit-tfal se nżidu l-ammont tad-dħul massimu b'€200 oħra għal kull wild.

15 L-Equity Sharing Scheme tipprovdi għajnuna għal dawk li għandhom bżonn għajnuna biex jixtru proprjetà waħidhom. L-iskema se terġa' tiġi estiża għal dawk li għandhom età ta' tlieta u għoxrin sena jew aktar sabiex ngħinu aktar persuni jsiru sidien ta' darhom.

16 Bil-għan li nkomplu ninċentivaw il-mobbiltà soċjali se nsaħħu l-Housing Benefit Scheme biex ngħinu aktar lil dawk li jikru r-residenza primarja tagħhom mingħand sidien privati. Kull sentejn issir ir-reviżjoni tad-dħul tal-benefiċjarji. Dawk li ma jibqgħux eliġibbli minħabba li d-dħul tagħhom ikun qabeż dak stipulat fl-iskema, se jingħataw inċentiv ta' darba u s-sussidju jonqos gradwalment fuq sentejn, sakemm issir ir-reviżjoni ta' wara. Fl-ewwel sena l-benefiċċju se jonqos b'50% u fit-tieni sena jonqos b'25% oħra.

17 Madwar elf familja qed jibbenefikaw minn kirjiet garantiti għal għaxar snin bl-iskema Nikru biex Nassistu. Tejjibna l-kriterji sabiex aktar sidien ta' proprjetà jipparteċipaw f'din l-inizjattiva. L-investiment fuq din l-iskema se jkompli u b'hekk nassiguraw li anqas nies ikunu fil-lista ta' stennija tal-akkomodazzjoni soċjali.

18 Nidħlu f'diskussjonijiet mal-banek biex intejbu l-kriterji tas-Social Loan Scheme, fosthom żieda fil-kriterji tad-dħul u l-valur massimu tal-proprjetà. Il-kriterji l-ġodda se jżidu l-ammont ta' individwi u familji li bħalissa qed isibuha diffiċli sabiex jixtru proprjetà.

19 Fl-aħħar snin sar xogħol ta' manutenzjoni u tisbiħ fuq 65 żona tal-housing b'nefqa ta' €22 miljun. Fil-ħames snin li ġejjin se ninvestu €16-il miljun biex nirriġeneraw il-kumplament tal-housing estates, li jinkludi xogħol fuq il-faċċata, bjut u l-komun kif ukoll proġetti ta' urban greening.

20 Se nkomplu l-programm ta' installazzjoni ta' lifts sabiex kemm jista' jkun blokok fil-housing estates ikunu mgħammra bihom.

21 Anke fl-akkomodazzjoni soċjali rridu mmexxu bl-eżempju fuq l-użu ta' enerġija rinnovabbli. Fil-ħames snin li ġejjin se ninvestu €15-il miljun f'installazzjonijiet ta' aperturi ġodda, pannelli fotovoltajċi u heat pump water heaters f'elf unit ta' akkomodazzjoni soċjali.

**22** Il-proprjetajiet dilapidati jistgħu jiġu ttrasformati fi djar ġodda. Is-sidien li jirriġeneraw proprjetajiet li kienu dilapidati u jikruhom għal skop t'akkomodazzjoni soċjali mhux se jħallsu taxxa fuq il-kera ġġenerata minn dik l-istess proprjetà.

## Tnaqqis fit-taxxa tal-boll fuq is-suċċessjoni u donazzjoni ta' proprjetà

**23** Nifmhu li bosta familji stinkaw tul ħajjithom u investew dak kollu li faddlu f'proprjetà oħra barra r-residenza ordinarja. Illum eredi wieħed li jiret ir-residenza ordinarja tal-ġenituri tiegħu ma jħallasx it-taxxa tal-boll. F'każ ta' aktar minn eredi wieħed, l-ulied li jirtu proprjetà li ssir ir-residenza ordinarja tagħhom, anki jekk din ma kinitx ir-residenza tal-persuna mejta, se jiġu eżentati milli jħallsu t-taxxa tal-boll fuq is-suċċessjoni.

**24** Jekk l-ulied jirtu proprjetà li ma tkunx se sservi bħala r-residenza ordinarja tagħhom, il-ħlas tat-taxxa tas-suċċessjoni se jkun pospost sas-seba' sena mill-wirt jew sa meta l-ulied ibigħu din il-proprjetà, skont liema jiġi l-ewwel, biex ma nżidux piżijiet finanzjarji immedjati fuq dawk li jirtu.

**25** Se ntemmu l-prattika li jekk il-ġenituri qabel jiġu neqsin jagħmlu perjodu twil barra mid-dar residenzjali tagħhom, pereżempju għax marru joqogħdu għand xi qarib, din ma tibqax ma titqies eżenti mit-taxxa tas-suċċessjoni. Il-proprjetà fejn kienu joqogħdu qabel se tibqa' meqjusa r-residenza ordinarja tal-ġenituri.

**26** Ħafna koppji jħallu lil xulxin bħala l-werrieta universali u għalhekk se nneħħu t-taxxa tal-causa mortis li trid tħallas il-parti l-oħra fuq nofs il-valur tal-proprjetà li mhijiex id-dar matrimonjali.

**27** Il-ġenituri li jirtu r-residenza ordinarja tat-tfal tagħhom wara li dawn jiġu nieqsa se jiġu eżentati milli jħallsu t-taxxa tal-boll.

28 Irridu nassistu lil dawk il-ġenituri li jgħinu lil uliedhom isiru sidien tal-ewwel residenza tagħhom. Dawk l-ulied li jirċievu b'donazzjoni ta' proprjetà f'ħajjithom u jagħmluha r-residenza ordinarja tagħhom ma jkunux suġġetti għat-taxxa tal-boll.

29 L-eżenzjoni fuq il-ħlas tat-taxxa tal-boll fuq proprjetà li jgħaddu l-ġenituri lil uliedhom b'donazzjoni f'ħajjithom li ma tkunx se ssir ir-residenza ordinarja tagħhom se titla' minn €250,000 għal €1,000,000.

30 Numru akbar ta' ġenituri qed jagħmlu investiment fil-proprjetà tagħhom sabiex jittrasformawhom fi djar separati fejn jgħixu wliedhom. Ġenituri li se jagħmlu investiment u jagħtu proprjetà lil uliedhom li jkunu first-time buyers se jkunu jistgħu jirċievu rifużjoni ta' 50% tal-VAT li jkunu ħallsu fuq l-ispiża tax-xogħlijiet.

# Buyers' Charter

31 L-akbar investiment li jagħmlu l-familji tul ħajjithom hija darhom. Wara numru ta' riformi li saru sabiex jipproteġu lil terzi waqt xogħlijiet ta' kostruzzjoni, jeħtieġ riformi li jipproteġu lill dawk li jkunu qed jixtru d-dar tagħhom. Għal dan il-għan se titnieda konsultazzjoni pubblika li twassal għall-ħolqien ta' Buyers' Charter li jkun jiġbor fih id-drittijiet, l-irwoli u r-responsabbiltajiet ta' kull min hu involut fil-proċess, inkluż l-iżviluppaturi, l-aġenti u l-banek. L-iskop ta' dan iċ-Charter huwa li l-konsumatur ma jiġi żgwidat, la fil-mod kif tiġi rreklamata proprjetà, la fl-informazzjoni pprovduta u wisq anqas waqt il-bejgħ.

32 Se nipprovdu ħarsien akbar lil min jixtri proprjetà u nissimplifikaw il-proċess tax-xiri. Il-ħlas tat-taxxa fuq ix-xiri tal-proprjetà se jkun jista' jsir b'mod elettroniku direttament minn min ikun qed jixtri l-proprjetà.

33 Ikun hemm istanzi fejn in-nutara jkollhom bżonn jissottomettu korrezzjonijiet relatati mar-reġistrazzjoni tal-proprjetà għan-nom tal-klijenti tagħhom. Se nagħmlu t-tibdil li hemm bżonn sabiex dawn il-korrezzjonijiet jibdew isiru online.

# Serħan il-moħħ lis-sidien tal-proprjetà

**34** Noħolqu l-ewwel reġistru tal-proprjetà għal pajjiżna biex ikollna stampa ċara dwar l-użu u l-kundizzjoni li jinsabu fiha d-djar f'Malta u Għawdex. L-informazzjoni se tinġabar in real-time minflok kull għaxar snin kif isir bħalissa. Din is-sistema għandha sservi ta' bażi biex fuqha nfasslu policies, skemi u benefiċċji.

**35** Irridu nibqgħu nipproteġu lil madwar 10,000 familja li kellhom kirjiet ta' qabel l-1995. Se nibqgħu nagħmlu tajjeb għall-ispiża tal-kera filwaqt li niżguraw dħul ġust għas-sidien.

**36** Konxji li għad baqa' persuni li jgħixu fi proprjetà mibnija fuq art agrikola tal-Gvern u li għad ma għandhomx status formali fuq din il-proprjetà. Se nindirizzaw din il-kwistjoni b'liġijiet aġġornati sabiex dawn il-persuni jkunu jistgħu jingħataw l-opportunità li jiksbu titolu uffiċjali fuq id-djar tagħhom.




Aboriginal Art
Centers of Belief
CLASSIC ORIGAMI
STRASBOURG
László Mészáros
Naturschätze in UNGARN



05

# L-aqwa bidu għall-familji

Irridu nkunu ta' spalla mal-familji meta l-aktar li jiġu bżonn. Il-politika tagħna tieqaf mal-familji meta jkunu qed jaħsbu biex ikollhom it-tfal, waqt it-trobbija u meta tikber il-familja. L-għajnuna li nagħtu lill-familji hija immirata sabiex kulħadd ikollu għajxien diċenti, kwalità għolja ta' edukazzjoni, opportunitajiet ta' xogħol u mobbiltà soċjali bil-fatti.

# Għajnuna finanzjarja lill-familji

**01** Gvern Laburista huwa garanzija ta' stabbiltà. Fiż-żmien li ġej se nerġgħu nkunu hemm għall-familji kif konna hemm għalihom bit-tax cuts, bir-roħs fil-kontijiet tal-enerġija, biċ-childcare b'xejn, biż-żidiet fiċ-children's allowance, bl-għotja ta' €1,500 għat-tfal li jkomplu jistudjaw u l-ħafna benefiċċji l-oħra. Koppja tieħu inkonsiderazzjoni bosta fatturi meta tibda taħseb biex tifforma familja jew ikollha wild ieħor, inkluż l-aspett finanzjarju. L-ispiża biex trabbi familja mhijiex żgħira u Gvern Laburista se jkompli jgħin lill-familji bi tnaqqis akbar fil-piż tat-taxxa. Bl-introduzzjoni gradwali tal-faxxa l-ġdida tat-taxxa għall-ġenituri se jkollna l-ewwel middle class li ma tħallasx taxxa fuq id-dħul tagħha. Dan ifisser li sa tliet snin oħra, familja b'wild wieħed se tibda tiffranka medja ta' €2,800 oħra fis-sena, filwaqt li familja b'aktar minn wild wieħed se tiffranka medja ta' €7,000 oħra fis-sena.

**02** Familji li qed jistennew tarbija se jibdew jirċievu appoġġ finanzjarju akbar fi żmien fejn l-ispejjeż ikunu ogħla. Il-Birth Bonus se ngħolluh għal €5,000 għal kull wild, bl-ewwel pagament ta' €3,000 jitħallas fis-seba' xahar tat-tqala u l-kumplament wara t-twelid tat-tarbija. F'każ ta' adozzjoni, il-ġenituri se jirċievu dan il-bonus wara li ssir l-adozzjoni flimkien mal-adoption grant.

**03** Inżidu l-adoption grant għal €15,000 u l-foster care allowance għal €150 fil-ġimgħa. F'każ li familja taddotta tifel jew tifla li tkun fostered, it-tapering tal-benefiċċju se jitla' b'20% fis-sena.

**04** Il-familji li għandhom tlett itfal jew aktar u li jeħtieġu vettura akbar se jirċievu għotja ta' €5,000 biex jixtru vettura ġdida u €12,000 f'każ li l-vettura tkun waħda elettrika.

# Aktar ħin mal-familja

**05** Minbarra l-għajnuna finanzjarja, il-familji se jkollhom aktar ħin ma' wliedhom speċjalment fl-ewwel xhur li huma meqjusa l-aktar importanti fl-iżvilupp tat-tfal. Nemmnu fl-irwol ugwali u fl-importanza tas-sehem taż-żewġ ġenituri fit-trobbija tat-tfal. Il-leave tal-maternità se nsaħħuħ u jitla' għal 26 ġimgħa, filwaqt li l-leave tal-paternità se jirdoppja għal xahar. Il-ġranet ta' leave addizzjonali se jiġu mħallsa mill-Gvern.

**06** Gvern Laburista se jagħti sostenn qawwi lill-ġenituri ġodda biex ikunu jistgħu jqattgħu aktar ħin ma' wliedhom fl-ewwel sena mit-twelid tat-tarbija. Se nintroduċu sitt xhur parental leave imħallas mill-Gvern. Dan il-leave ġdid jittieħed b'mod volontarju u jista' jinqasam bejn iż-żewġ ġenituri kif jixtiequ huma u skont il-ħtiġijiet ta' dik il-familja.

**07** Ġenituri ġodda jeħtieġu aktar flessibbiltà u ħin biex jaġġustaw għal din ir-realtà ġdida u jipparteċipaw bis-sħiħ fit-trobbija ta' wliedhom. Fl-ewwel sena wara li l-ġenituri jidħlu lura għax-xogħol se jibbenefikaw minn 28 ġurnata leave addizzjonali mħallas mill-Gvern. Il-leave jista' jinqasam bejn iż-żewġ ġenituri. F'każ li l-ġenituri ma jiħdux is-sitt xhur parental leave, 28 ġurnata leave addizzjonali jkunu jistgħu jibdew jintużaw mill-ewwel.

# Spalla għall-familji fil-bżonn

**08** Wara l-introduzzjoni ta' sebat ijiem miscarriage leave u żieda fil-bereavement leave għall-ġenituri li jitilfu lil uliedhom, se nintroduċu NPICU leave f'każ li t-tarbija tkun teħtieġ kura intensiva malli titwieled.

**09** Se nagħtu 20 siegħa antenatal leave għall-visti marbuta mat-tqala kif ukoll 20 siegħa leave għall-visti mediċi obbligatorji li jsiru f'każ ta' adozzjoni.

10 Il-ġenituri ta' tfal b'diżabbiltà se jibqgħu jħallsu t-taxxa bir-rata tal-ġenituri sakemm uliedhom jagħlqu 23 sena u f'każ ta' tfal b'diżabbiltà severa sakemm jibqgħu jieħdu ħsiebhom.

11 Inkomplu nkunu ta' sostenn għall-familji ta' tfal b'diżabbiltà billi nżidu l-allowance għat-tfal b'€200 oħra fis-sena għal €2,020.

12 Żidna l-carers' grant għall-ġenituri ta' tfal b'diżabbiltà severa minn €500 għal nofs il-paga minima. Fil-leġiżlatura li jmiss se ntellgħuha daqs il-paga minima.

13 Familji f'mumenti diffiċli jistgħu jużaw il-bank tad-donazzjoni tal-leave volontarju tas-Servizz Pubbliku. Se nifthu diskussjoni mal-imsieħba soċjali biex is-settur privat ukoll ikollu bank tad-donazzjoni tal-leave volontarju tiegħu biex jgħin familji fil-bżonn.

14 Noħolqu programmi u networks għall-ġenituri li jkunu għaddew minn esperjenzi diffiċli waqt u wara t-tqala biex jaqsmu l-esperjenzi tagħhom u jappoġġjaw koppji u persuni oħra.

15 Iċ-ċentri ċiviċi se jservu ta' family hubs minn fejn se jingħataw numru ta' servizzi ġodda bħal parent, baby u toddler groups, terapija offruta mill-CAYS, appoġġ lit-tfal b'learning difficulties, servizz ta' saħħa mentali u għajnuna lill-vittmi ta' vjolenza domestika.

# Ippjanar tal-familja u fertilità

16 Inwaqqfu Family Planning Clinic li jipprovdi servizz tas-saħħa u appoġġ lil persuni ta' kull età u ġeneru dwar is-saħħa sesswali u t-tqala. Dan huwa proġett li se jagħti prijorità lill-fertilità u l-ippjanar tal-familja, inkluż servizz ta' pre-conception care, assistenza lill-koppji li jkunu qed jaħsbu biex ikollhom it-tfal u gwida lill-koppji kif jevitaw tqala mhux ippjanata.

17 Diversi koppji jiddeċiedu li jkollhom tarbija meta jkunu akbar fl-età. Wara li introduċejna l-possibbiltà li n-nies jistgħu jiffriżaw il-bajd u l-isperma biex jippriservaw il-fertilità tagħhom għall-quddiem, se noffru wkoll fertility testing b'xejn lill-irġiel u n-nisa li għandhom bejn it-18 u l-25 sena. Dawn ikunu jistgħu jingħataw pariri mediċi dwar bidliet li jkunu jistgħu jagħmlu fl-istil ta' ħajja tagħhom biex itejbu ċ-ċans li jsiru ġenituri.

18 Il-prevalenza ta' ċertu mard rari f'pajjiżna ġej mill-fatt li pajjiżna għandu popolazzjoni żgħira. Se noffru genetic testing b'xejn lil dawk il-koppji li jkunu jixtiequ jkunu jafu l-kompatibbiltà ġenetika tagħhom qabel ikollhom it-tfal.

**19** L-IVF huwa rigal tal-ħajja u l-Partit Laburista huwa kburi li bejn l-2013 u l-aħħar tal-2026 se jkunu twieldu aktar minn elf tarbija permezz ta' dan is-servizz. Żidna l-età biex tagħmel l-IVF u daħħalna t-test PGT-M sabiex aktar nies jirċievu dan is-servizz f'Malta. Konxji li għad baqa' koppji li għadhom kostretti jsiefru barra minn pajjiżna biex jippruvaw isiru ġenituri. L-avvanzi fix-xjenza u t-teknoloġija jippermettulna li nerġgħu nwessgħu l-proċeduri tal-IVF sabiex it-test PGT-M ikun jista' jintuża għal kundizzjonijiet ġenetiċi oħra, fosthom mard rari ieħor li ma hawnx kura għalih u li jista' jwassal għal tbatija severa u mewt.

**20** Fl-aħħar leġiżlatura investejna f'ART Clinic ġdida ġewwa l-Isptar Mater Dei u bdejna nagħtu l-mediċini tal-IVF b'xejn. Irridu nkomplu nżidu r-rata tas-suċċess ta' dan is-servizz. Iċ-ċikli tal-IVF offruti b'xejn se jiżdiedu minn tlieta għal ħamsa.



# 06

# Soċjetà li tiwieżen

L-anzjani huma sezzjoni importanti tal-popolazzjoni tagħna. Il-prijorità tagħna hija li l-anzjani jkomplu jgħixu komdi kemm jista' jkun. Id-dħul tagħhom se jibqa' jiżdied u daqshekk ieħor se jiżdiedu l-għajnuniet provduti sabiex jibqgħu jgħixu ħajja indipendenti fil-komunità. Irridu anzjani attivi, b'saħħithom u parteċipi fl-oqsma ewlenin tal-ħajja bħax-xogħol, il-familja u l-volontarjat.

# Niġġieldu l-faqar

**01** Il-Partit Laburista jkejjel il-progress mill-avvanz ta' dawk l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà. Illum, in-numru ta' Maltin u Għawdxin f'riskju ta' faqar jew esklużjoni materjali u soċjali f'pajjiżna jinsab fl-inqas livelli u niżżilnieh minn 24.6% fl-2013 għal 17.2% fl-2025, waqt li tat-tfal niżżilnieh minn 32% fl-2013 għal 24.4% fl-2025. Bl-istess mod in-numru ta' Maltin u Għawdxin f'qagħda ta' ċaħda materjali u soċjali severa niżel minn 10.2% fl-2013 għal 3.7% fl-2025. Dan ifisser li ż-żieda fid-dħul qed tilħaq dejjem aktar nies u bis-saħħa t'hekk irnexxielna nnaqqsu sostanzjalment iċ-ċaħda materjali u soċjali, inkluż dik severa. Bl-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għat-Tnaqqis tal-Faqar u għall-Inklużjoni Soċjali qed nimmiraw li fil-ħames snin li ġejjin in-numru ta' tfal Maltin u Għawdxin f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali jinżel għal taħt l-20% u n-numru totali ta' Maltin u Għawdxin f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali jinżel għal taħt is-16%. Dan irid ikompli jinżel fis-snin ta' wara sabiex sal-2035 Malta jkollha fost l-anqas rata ta' faqar jew esklużjoni soċjali fl-Unjoni Ewropea.

**02** Illum għandna l-anqas rata ta' nies dipendenti fuq l-assistenza soċjali fl-istorja u dawk dipendenti fuq l-assistenza soċjali tal-qgħad niżlu f'livell rekord ta' madwar 200 persuna. Din ir-realtà tikkuntrasta sew ma' dik tal-2013 u jfisser li fl-aħħar snin irnexxielna ntejbu l-qagħda ta' aktar minn 10,000 persuna li m'għadhomx jiddependu fuq il-benefiċċji soċjali. Dan ma sarx b'kumbinazzjoni u t-tnaqqis fin-numru ta' persuni fuq il-benefiċċji soċjali huwa dovut għall-ħolqien ta' eluf ta' impjiegi ġodda u għajnuniet bħaċ-childcare, l-In-Work Benefit u t-tapering tal-benifeċċji, li għamluha aktar faċli għal dawn il-persuni biex jidħlu fid-dinja tax-xogħol. Minkejja dan xorta waħda għad hemm persuni li għadhom jiddependu fuq is-servizzi soċjali. Se nħejju care plan individwali biex ngħinu lil dawn il-persuni jimxu 'l quddiem. Fl-istess waqt se nkomplu ntejbu l-assistenza u l-benefiċċji mogħtija, speċjalment lil dawk il-persuni li ma jistgħux joħorġu jaħdmu minħabba ċ-ċirkostanzi tagħhom.

**03** Fis-snin li għaddew assigurajna li d-deċiżjonijiet li jieħu l-Gvern ma jwasslu għal ebda żieda fil-prezzijiet. Daħħalna wkoll miżuri effettivi biex jilqgħu għal żidiet fil-prezzijiet ġejjin minn barra. Minn meta daħħalna l-mekkaniżmu addizzjonali kontra l-għoli tal-ħajja fl-2022, aktar minn 107,000 familja bbenefikaw minn għotja ta' bejn €100 u €1,500 fis-sena. Dan il-mekkaniżmu, flimkien mal-benefiċċju tal-allowance supplimentari, se naġġustawhom skont il-bżonn biex jirriflettu aħjar il-prezzijiet tal-ġurnata.

**04** Aktar persuni se jibbenefikaw mill-pensjoni nonkontributorja, l-assistenzi soċjali, l-assistenzi mediċi u l-kartuna r-roża. Se nwessgħu gradwalment l-eliġibbiltà għal dawn il-benefiċċji soċjali billi ngħollu l-limitu tal-assi kapitali għal €30,000 għall-koppji u €20,000 għall-persuni single.

**05** Se nwessgħu l-eliġibbiltà għall-Allowance Supplimentari billi nżidu l-limitu tad-dħul għal €25,000 għall-koppji u €18,000 għall-persuni single.

**06** Gvern Laburista żamm il-kelma tiegħu mal-familji u żied iċ-Children's Allowance b'aktar milli wiegħed. Wara ż-żieda ta' €590 għal kull wild u sa €1,000 għal dawk li jaqilgħu inqas minn €30,000, fil-ħames snin li ġejjin se nerġgħu nżidu ċ-Children's Allowance b'€250 għal kull wild għal dawk il-familji bi dħul nett ta' anqas minn €40,000.

**07** Se nkomplu nsaħħu l-In-Work Benefit u nżiduh b'€150 għal kull wild lill-familji li jirċievu dan il-benefiċċju. Koppji fejn ġenitur wieħed biss ikun jaħdem jibbenefikaw minn benefiċċju ogħla ta' €250.

**08** Irridu nkissru l-faqar interġenerazzjonali permezz ta' miżuri konkreti. Se nwessgħu Skema 9 biex nindirizzaw il-bżonnijiet kollha ta' familja partikolari bħala unit wieħed. Se niżguraw li familji vulnerabbli jkollhom il-prodotti essenzjali kollha, niggwidawhom kif jagħtu l-aqwa trobbija lil uliedhom, iqassmu l-flus u jtejbu l-pożizzjoni tagħhom fid-dinja tax-xogħol.

**09** Familji vulnerabbli se jkunu jistgħu jibbenefikaw minn energy audit biex jidentifikaw liema appliances jikkonsmaw u jaħlu l-aktar enerġija. Wara li jsir dan l-audit se jingħataw għajnuna biex jibdlu l-appliances antiki tagħhom ma' oħrajn ġodda li huma energy efficient.

## Inwieżnu persuni vulnerabbli

**10** Infasslu aftercare programme għal żgħażagħ li jagħlqu 18-il sena u li ma jibqgħux jgħixu f'istituzzjoni għall-adolexxenti. Permezz ta' dan l-aftercare programme se nagħtuhom garanzija ta' aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ, saqaf taħt rashom fl-immedjat u sapport finanzjaru.

11 Lestejna x-xogħol preparatorju relatat mal-proġett ta' secure care facility għal adolexxenti li jkollhom anqas minn 18-il sena. Ix-xogħol fuq dan iċ-ċentru se jibda fix-xhur li ġejjin u minn hawnhekk se jibdew jiġu offruti servizzi professjonali sabiex jgħinu lil dawn il-persuni jibnu ħajjithom mill-ġdid.

12 Żgħażagħ bi problemi serji ta' mġiba li jkunu qed jirrijabilitaw ruħhom f'istituzzjoni fuq ordni ġudizzjarja se nħarrġuhom f'sengħa jew ngħinuhom jiftħu negozju żgħir għal rashom waqt li jintegraw lura fis-soċjetà.

13 Inniedu national debt advisory service li jagħti gwida kunfidenzjali lil min ikun maqbud fi problema ta' dejn. Dawn il-persuni se jingħataw pariri dwar kif iħallsu d-dejn mingħajr ma jidħlu f'aktar problemi. Is-servizz se jinkludi wkoll money coach li jgħin lill-persuni li jonfqu aktar mill-mezzi li jkollhom.

# Garanzija għall-Anzjani

14 L-anzjani moħħhom mistrieħ li taħt Gvern Laburista l-pensjoni tagħhom se tibqa' tiżdied kull sena. Illum il-pensjoni minima hija ekwivalenti għall-pensjoni massima taħt l-aħħar amministrazzjoni Nazzjonalista. Qed nagħtu garanzija lill-pensjonanti li fil-ħames snin li ġejjin il-pensjoni se tiżdied b'€50 fil-ġimgħa. B'hekk, kull sena l-anzjani se jaraw il-pensjoni tagħhom tiżdied b'€10 fil-ġimgħa, li tinkludi wkoll iż-żieda tal-għoli tal-ħajja.

15 Kull minn ħadem fil-passat u ħallas ħames snin kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jista' jagħmel tajjeb għad-differenza u jikkwalifika għall-pensjoni minima. Bħalissa dawk li ma ħallsux kontribuzzjonijiet biżżejjed jistgħu jaħdmu s-snin li baqagħlhom jew inkella jħallsu d-differenza. Issa se nagħmluha possibbli wkoll li koppja tittrasferixxi bejnietha sa ħames snin kontribuzzjonijiet żejda mħallsa biex il-parti li ma jkollhiex bolol biżżejjed tkun tista' tikkwalifika għall-pensjoni minima. Dawk li diġà ħallsu d-differenza jistgħu jittrasferixxu l-bolol żejda xorta waħda u jtejbu l-pensjoni tagħhom.

16 Fl-2024 bdejna proċess biex nindirizzaw l-inġustizzja li ħoloq Gvern Nazzjonalista bejn il-pensjonanti li twieldu qabel u wara l-1962. Sal-2028 se nkunu indirizzajna lil kull min ġie affettwat b'din id-deċiżjoni u l-ogħla dħul pensjonabbli se jkun l-istess għall-pensjonanti kollha, irrispettivament minn meta twieldu.

17 Irridu nkomplu ninkoraġġixxu lil dawk li jagħlqu 61 sena u jibqgħu jaħdmu minkejja li jkollhom biżżejjed bolol biex jirtiraw. Se nintroduċu benefiċċju addizzjonali ta' €500 fis-sena bħala forma ta' rikonoxximent għall-impenn tagħhom.

18 Mill-2027 il-Bonus tal-Għoli tal-Ħajja se jibda jitħallas bl-istess rata lill-pensjonanti kollha, irrispettivament minn meta rtiraw.

19 Fl-2027 se tiġi fi tmiemha r-riforma fil-pensjoni tar-romol biex mis-sena d-dieħla r-romol se jibdew jirċievu l-pensjoni sħiħa tal-konjuġi li jkun miet.

20 Ir-romol li kellhom id-dritt għall-pensjoni tagħhom u tilfuh meta romlu biex jieħdu l-pensjoni tar-romol se jkollhom żieda fil-pensjoni b'20% bħala forma ta' kumpens għall-pensjoni li jkunu tilfu.

21 Se nkomplu ntejbu l-pensjoni tas-servizz billi kull sena ngħollu l-ammont li ma jkunx ikkunsidrat għall-pensjoni tas-sigurtà soċjali bi €300.

22 L-għotja li jirċievu ta' kull sena dawk l-anzjani li ma jikkwalifikawx għall-pensjoni kontributorja se tibda tiżdied bil-COLA.

23 L-anzjani li jiddeċiedu li jbigħu d-dar tagħhom biex jixtru proprjetà iżgħar se jkunu eżentati milli jħallsu t-taxxa tal-boll.

24 L-Għotja għal Ċittadini Anzjani li għandhom 'il fuq minn 75 sena se terġa' tiżdied b'€200 oħra.

25 Nibnu fuq il-miżuri effettivi li daħħalna biex aktar anzjani jibqgħu jgħixu ħajja kemm jista' jkun indipendenti f'darhom. L-għajnuna li jagħti l-Gvern lill-anzjani li għandom live-in carer żidnieha għal €9,000 u se nibqgħu ntellgħuha sal-paga minima nazzjonali.

# Anzjanità attiva

26 Il-popolazzjoni Maltija qed tgħix aktar, tant li pajjiżna għandu fost l-ogħla rata ta' life expectancy fl-Ewropa b'età medja ta' 84 sena. Quddiem din ir-realtà se nħaddmu l-istrateġija ta' mainstreaming ageing biex kwistjonijiet relatati mal-anzjanità jiġu kkunsidrati u integrati fit-tfassil tal-politiki u l-istrateġiji. Fil-prattika, dan ifisser li l-Gvern iqis il-bżonnijiet, id-drittijiet u l-kontribut tal-anzjani f'kull qasam. L-għan aħħari hu li jkollna soċjetà fejn il-persuna tikber b'dinjità, indipendenza u parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjetà.

27 L-anzjani kollha li jgħixu fil-komunità u għandhom id-dijabete se jkunu monitored biex nipprevjenu kumplikazzjonijiet u problemi ta' saħħa 'l quddiem.

28 L-anzjani li jagħżlu li jibqgħu jgħixu waħidhom fil-komunità għandu jkollhom il-mezzi u s-sapport kollu biex jagħmlu dan bl-aktar mod sigur. Se nqassmu smart wearable device lill-anzjani li għandhom 'il fuq minn 80 sena u jgħixu waħidhom. Is-saħħa ta' dawn l-anzjani se tkun tista' tiġi segwita u f'każ ta' emerġenza tittieħed azzjoni immedjata. Dan l-apparat jimmarka sinjali ta' diġenerazzjoni rapida f'saħħet l-anzjani, ikejjel l-istat ta' idrazzjoni u r-rata li biha tħabbat il-qalb u jfakkar lill-anzjani meta għandhom jieħdu l-mediċina. Dan is-servizz se nipprovduh ukoll lill-anzjani li qed jistennew biex jidħlu f'dar tal-anzjani.

29 Se nnaqqsu l-iżolament bl-użu tat-teknoloġija u l-AI, intejbu l-monitoraġġ tas-saħħa u nagħtu indipendenza akbar lill-anzjani. L-anzjani li jgħixu waħidhom fil-komunità se ngħinuhom jattrezzaw darhom b'sistemi intelliġenti u t'awtomatizzazzjoni bħal fall-detection sensors, dawl addattiv u voice-controlled appliances.

30 L-Università tat-Tielet Età mhijiex biss opportunità ta' tagħlim iżda mezz kif mas-600 anzjan baqgħu attivi u qed jiġġieldu l-iżolament u s-solitudni. B'kollaborazzjoni mal-Università ta' Malta u d-Direttorat tal-Lifelong Learning se nsaħħu dawn il-programmi u noħolqu oħrajn ġodda, inkluż programmi interġenerazzjonali.

31 Irridu aktar anzjani li jgħixu f'dar tal-anzjani jattendu l-Università tar-Raba' Età. Għalhekk se norganizzaw sessjonijiet bħal dawn fuq bażi reġjonali u nipprovdu trasport għal dawk li jattendu.

32 Iċ-Ċentri għall-Anzjanità Attiva joffru opportunitajiet lill-anzjani biex jibqgħu attivi fiżikament, mentalment u soċjalment. Bis-saħħa tal-kollaborazzjoni bejn il-kunsilli lokali u d-Dipartiment tal-Anzjanità Attiva, illum bosta lokalitajiet qed jamministraw Ċentri għall-Anzjanità Attiva. Il-Gvern se jkompli jinvesti aktar riżorsi sabiex jiġu estiżi l-ġranet tal-ftuħ ta' dawn iċ-ċentri, ivarja l-attivitajiet li jsiru fihom u jkompli jiftaħ ċentri oħra madwar il-pajjiż kollu, inkluż f'Ħaż-Żabbar u Ħaż-Żebbuġ.

33 Se noħolqu esperjenza immersiva għall-anzjani li jattendu ċ-ċentri għall-anzjanità attiva sabiex iżuru pajjiżi oħra b'mod virtwali jew jinteraġixxu ma' anzjani oħra minn madwar id-dinja. L-użu ta' din it-teknoloġija tista' tintuża wkoll f'reminiscence therapy fejn l-individwu jgħix mill-ġdid episodji mill-passat li jgħinuh jiftakar aktar u jikkomunika aħjar.

34 Ngħallmu lill-anzjani kif iħarrġu lil anzjani oħra biex jiksbu ħiliet diġitali u jagħmlu użu sigur mill-internet u l-media soċjali.

35 Estendejna s-servizz ta' trasport b'xejn lill-anzjani f'aktar irħula u żidna l-vetturi disponibbli sabiex jintużaw fl-irħula għal dan l-iskop. Dan is-servizz se jibda jiġi offrut ukoll f'perjodi oħra matul il-ġurnata u jsiru vjaġġi lil hinn mill-konfini tar-raħal.

36 Illum l-anzjani li jgħixu fil-komunità jgawdu minn għexieren ta' servizzi varji, minn trasport b'xejn sa assistenza medika fid-djar. Se nibdew noffru servizz ta' hairdressing għall-persuni homebound li jgħixu waħidhom.

37 L-annimali domestiċi huma kumpanija għal bosta anzjani u persuni vulnerabbli li jgħixu fis-solitudni. Anzjani u persuni vulnerabbli li jadottaw kelb jew qattus se jibbenefikaw minn check-ups veterinarji b'xejn.

## Djar tal-anzjani

38 Inkomplu bl-investiment fid-djar tal-anzjani tal-Gvern biex nagħtu l-aħjar servizz possibbli u naqdu l-ħtiġijiet tar-residenti bl-aħjar mod. Ġew iffirmati l-kuntratti sabiex jibda x-xogħol fuq il-bini ta' żewġt idjar ġodda għall-anzjani f'Bormla u l-Imsida.

**39** Fix-xhur li ġejjin se jiġi fi tmiemu x-xogħol ta' rinnovazzjoni fuq id-djar tal-anzjani fil-Mosta u l-Imtarfa u jibda x-xogħol fuq id-dar tal-anzjani fiż-Żejtun.

**40** Fl-aħħar ħames snin investejna ħafna fir-Residenza San Vinċenz de Paule biex intejbu s-servizz provdut u l-anzjani jkunu jistgħu jgħixu ħajja komda f'ambjent isbaħ u addattat għall-ħtiġijiet tagħhom. Sar rinnovar tas-swali, infetħet sala psikoġerjatrika u oħra għall-kura paljattiva, ġiet installata magna tal-MRI ġdida u nħolqu ġnien għall-persuni bid-dimensja u razzett terapewtiku. Fiż-żmien li ġej se nkomplu ninvestu f'din il-faċilità biex tkompli ssir punt ta' referenza għall-kura tal-anzjani li jgħixu fil-komunità. L-investiment li jmiss fir-Residenza San Vinċenz de Paule jinkludi l-espansjoni tad-Day Hospital. Din se tinvolvi aktar kliniċi, laboratorju għat-testijiet tad-demm u renal dialysis ward.

**41** F'ħidma mal-isptar ta' onkoloġija Sir Anthony Mamo, anzjani fil-komunità li jbatu b'ċertu tipi ta' kanċer se jibdew jirċievu ċertu tip ta' kimoterapija fir-Residenza San Vinċenz de Paule. Dan permezz tal-ftuħ ta' Medical Investigation and Treatment Unit ġewwa d-Day Hospital ta' San Vinċenz.

**42** Ġie ppubblikat it-tender biex nibnu sptar ġdid għall-kura intermedjarja fir-Residenza San Vinċenz de Paul li jkun jesa' 300 sodda. Dan l-isptar se jappoġġja l-kura, l-irkupru u t-tranżizzjoni ta' pazjenti mill-isptar għall-kura fid-dar u jnaqqas il-piż minn fuq l-Isptar Mater Dei.

**43** Irridu niżguraw li l-anzjani jirċievu l-aqwa livell ta' assistenza u servizz. Il-carers li jaħdmu mal-anzjani se jibda jkollhom bżonn skills pass flimkien ma' għarfien bażiku tal-lingwa Maltija.

**44** Il-proġett pilota HEARTS li qiegħed jiġi ttestjat fir-Residenza San Vinċenz de Paule se jiġi estiż fi djar tal-anzjani oħra. Robots semi-humanoid qed jassistu l-carers fix-xogħol tagħhom u dawn ikunu jistgħu jiffukaw aktar fuq l-għoti ta' kura speċjalizzata lill-anzjani.

# Id-dimensja

**45** Ir-riċerka turi li f'pajjiżna hawn madwar 8,000 persuna bid-dimensja. Minkejja li ma teżistix kura għal din il-kundizzjoni, hemm fatturi li jistgħu jnaqqsu l-prevalenza tad-dimensja jekk jiġu indirizzati kmieni. Dawn il-fatturi jinkludu pressjoni għolja, tipjip, konsum tal-alkoħol u nuqqas ta' eżerċizzju fiżiku, fost oħrajn. Bħala parti mill-implimentazzjoni tat-tieni strateġija nazzjonali dwar id-dimensja, se nqajmu kuxjenza akbar dwar fatturi preventivi, nallokaw aktar fondi għar-riċerka u nindirizzaw in-nuqqas ta' professjonisti f'dan il-qasam.

**46** Se nniedu programm ta' screening biex nipprevjenu l-vascular dimensja fost dawk li għandhom 'il fuq minn 50 sena u għandhom mard tal-qalb u nuqqas ta' ċirkulazzjoni. Irridu nilħqu persuni f'riskju ta' mard bħal dan kmieni kemm jista' jkun. Dawn se jkunu jistgħu jagħmlu bidliet fl-istil ta' ħajja tagħhom u jnaqqsu l-probabbiltà li taqbadhom id-dimensja 'l quddiem.

**47** Irridu li l-pazjenti tad-dimensja jgħixu ħajja dinjituża kemm jista' jkun. Se nżidu l-għażla ta' mediċini offruti bla ħlas lill-persuni bid-dimensja, inkluż mediċina li tistabbilizza r-rata li biha l-kundizzjoni tipprogressa.

**48** Se nqassmu automated pill dispensers lill-persuni bid-dimensja li jgħixu waħidhom fil-komunità sabiex niżguraw li jieħdu l-mediċini b'mod regolari.

**49** Ftaħna żewġ ċentri għall-persuni bid-dimenjsa f'Ħal Safi u fl-Imtarfa. Se niftħu ċentri oħrajn f'Tas-Sliema u f'Għawdex. Dawn iċ-ċentri jaħdmu billejl u binhar b'tim ta' professjonisti mħarrġa u jipprovdu ambjent sigur lill-persuni li jagħmlu użu minnhom.

**50** Qed nagħtu taħriġ lill-Pulizija, lill-membri tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili u lill-ħaddiema tal-kunsilli lokali dwar kif għandhom jaġixxu meta jiġu f'kuntatt ma' persuna bid-dimensja. Dan it-taħriġ se noffruh ukoll lill-membri tal-kleru u l-għaqdiet lokali.



07

# Inklużjoni

Il-persuni b'diżabbiltà nagħtuhom l-għodda u r-riżorsi biex ikunu indipendenti u awtonomi. Il-politika tagħna trid tassigura li aktar persuni b'diżabbiltà jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol u jkollhom għajxien diċenti. Fuq kollox irridu nagħtuhom is-saħħa sabiex jieħdu l-aktar deċiżjonijiet importanti fil-ħajja tagħhom. Is-servizzi li noffru lil persuni b'diżabbiltà jridu jkunu addattati għall-ħtiġijiet personali tagħhom u tal-familji tagħhom.

# Pass pass mal-ġenituri u t-tfal li jirċievu terapija

**01** It-terapija hija essenzjali għall-iżvilupp tat-tfal u żgħażagħ b'diżabbiltà għaliex timpatta l-kwalità tal-ħajja tagħhom. Irridu nipprovdu sostenn konkret u effettiv sabiex il-ġenituri jkunu jistgħu jiffukaw fuq l-iżvilupp tat-tfal tagħhom mingħajr piż finanzjarju żejjed. Għalhekk se nħallsu l-ispiża kollha marbuta ma' terapiji bażiċi, fosthom occupational therapy, speech and language therapy u physiotherapy, kif ukoll terapiji speċjalizzati għal tfal taħt it-tmintax-il sena.

**02** Il-ġenituri li jieħdu lil uliedhom għat-terapija jew għal appuntamenti l-isptar se jibbenefikaw minn ħamest ijiem carers' leave mħallsa mill-Gvern u l-leave jkun jista' jinqasam f'sigħat.

**03** Iż-żgħażagħ ta' bejn it-tmintax u tlieta u għoxrin sena se jkomplu jibbenefikaw minn għotja ta' €1,000 fir-rifużjoni għat-terapiji li jingħataw mill-privat.

# Awtonomija u protezzjoni għall-persuni b'diżabbiltà

**04** Wettaqna konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet kollha kkonċernati sabiex tħejjew żewġ abbozzi ta' liġijiet li se jwasslu għal bidla radikali fil-ħajja ta' persuni b'diżabbiltà. Immedjatament kif tibda l-leġiżlatura l-ġdida se jsir il-proċess parlamentari sabiex indaħħlu fis-seħħ l-Att dwar l-Awtonomija Personali u l-Att dwar il-Protezzjoni ta' Adulti Vulnerabbli. Dawn huma liġijiet li se jsaħħu l-awtonomija u l-għażliet ta' persuni b'diżabbiltà u jagħmlu lil pajjiżna mudell fil-qasam tal-inklużjoni.

**05** Kulħadd għandu dritt ikun membru sħiħ tas-soċjetà, b'parteċipazzjoni attiva fis-sistema edukattiva u fis-suq tax-xogħol. Se nkomplu nimmodernizzaw is-settur tad-diżabbiltà u noħolqu sistema integrata li tiġbor fiha s-servizzi kollha taħt struttura waħda u kkoordinata. Dan se jkun pass ieħor importanti biex jiġi ssimplifikat il-proċess li bih persuna tista' tinqeda mingħajr il-bżonn ta' assessments ripetuti.

**06** Kull individwu jrid ikollu l-mezzi biex jilħaq il-potenzjal sħiħ tiegħu. Infasslu Individual Support Plan biex il-persuna jkollha pjan ċar u ppersonalizzat għal ħajja inklużiva u dinjituża. Dan il-pjan se jiġi mfassal minn tim ta' professjonisti flimkien mal-persuni b'diżabbiltà u l-ġenituri jew guardians tagħhom. Se ssir evalwazzjoni waħda li tidentifika l-potenzjal u l-bżonnijiet ta' dik il-persuna u jiġi aġġornat il-pjan skont il-ħtieġa.

**07** F'każ li persuna ma tkunx tista' toħroġ taħdem minħabba d-diżabbiltà tagħha, se nallokawlha baġit personali li jkun ibbażat fuq il-bżonnnijiet li joħorġu mill-Individual Support Plan. Dan il-baġit se jkopri l-ispejjeż li l-persuna jkollha bżonn biex tgħix ħajja indipendenti u ta' kwalità.

**08** Aħna nemmnu li l-persuni kollha b'diżabbiltà għandhom jgħixu ħajja indipendenti fil-komunità bil-mezzi u s-sapport kollu. Tlaqna mill-mudell ta' istituzzjonalizzazzjoni għal mudell fejn il-persuni b'diżabbiltà jkunu jistgħu jikkontribwixxu b'mod sħiħ fis-soċjetà. Se niftħu aktar semi-independent living spaces u nixtru dawn is-servizzi minn għaqdiet mhux governattivi. Il-persuni b'diżabbiltà jkunu jistgħu jgħixu f'residenzi żgħar fil-komunità bis-sapport ta' tim professjonali.

**09** Nirdoppjaw l-għotja tal-first-time buyers għal €20,000 għall-persuni b'diżabbiltà severa li jixtru l-ewwel proprjetà tagħhom.

**10** L-intelliġenza artifiċjali u t-teknoloġija assistiva tista' tgħin persuni b'diżabbiltà jgħixu ħajja indipendenti. Għal dan il-għan se nniedu skema ta' Smart Independent Living fejn ngħinu persuni b'diżabbiltà jattrezzaw darhom b'sistemi intelliġenti u awtomatizzati, fosthom it-teknoloġija ta' eye gazing, fall-detection sensors u għodod oħra ta' komunikazzjoni li jgħinuhom fil-ħajja ta' kuljum.

**11** Irridu nagħtu serħan il-moħħ lill-ġenituri ta' persuni b'diżabbiltà li meta jiġu neqsin huma, uliedhom ikunu mħarsa u ma jkun jonqoshom xejn. Se nibdew diskussjonijiet fuq qafas legali sabiex persuni b'nuqqas intelletwali ma jiġux imċaħħda mill-proprjetà li jħallulhom il-ġenituri.

**12** Flimkien ma' Lino Spiteri Foundation se nwaqqfu programm ġdid biex inħarrġu lill-persuni b'diżabbiltà jidħlu fid-dinja tax-xogħol. Dan il-programm se jinkorpora fih pjan ħolistiku u tranżitorju għal ħajja iktar indipendenti fil-komunità.

13 Hemm bżonn li niffaċilitaw kemm jista' jkun l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabbiltà fid-dinja tax-xogħol. Għalhekk se nintroduċu sistema ta' work buddy fejn il-kollegi prospettivi jitħarrġu minn qabel kif jistgħu jappoġġjaw u jiggwidaw lill-kollegi tagħhom li jkollhom diżabbiltà.

14 Nibnu fuq is-suċċess ta' KreAzzjoni fejn persuni b'diżabbiltà jbigħu prodotti magħmulin minnhom. Se nintroduċu inċentivi ġodda u nagħtu appoġġ finanzjarju lill-persuni b'diżabbiltà biex isiru intraprendituri u jwaqqfu koperattivi u intrapriżi soċjali. B'hekk ikollna firxa usa' ta' servizzi offruti fil-komunità.

## Ħajja dinjituża lill-persuni b'diżabbiltà

15 Persuni b'diżabbiltà li jirċievu pensjoni kontributorja u li qabel kienu jirċievu xi forma ta' assistenza għad-diżabbiltà jew pensjoni għall-korriment bdew jieħdu 10% tal-benefiċċju li kienu intitolati għalih qabel laħqu l-età tal-irtirar. Dan il-persentaġġ se jitla' għal 50% fil-leġiżlatura li jmiss.

16 Membri tal-familja li jkollhom irwol ta' care givers ta' persuni b'diżabbiltà għandu jkollhom rikonoxximent u protezzjoni akbar. Se ndaħħlu liġi sabiex tħares id-drittijiet tax-xogħol, is-sigurtà finanzjarja u l-opportunitajiet ta' taħriġ ta' dawn il-persuni. Din il-liġi se tagħtihom status legali u vuċi mal-mejda tad-deċiżjonijiet, tnaqqas id-dipendenza fuq il-kura istituzzjonali u ssaħħaħ l-inklużjoni fil-komunità.

17 Il-ħidma fis-settur tad-diżabbiltà ġġib magħha sodisfazzjon kbir. Se nibnu fuq il-ftehim kollettiv eżistenti biex il-ħaddiema u l-professjonisti fis-settur tad-diżabbiltà jaraw titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom.

18 Is-sussidju fuq it-trasport għall-iskola, ix-xogħol jew l-attività sportiva se jiġi estiż għal skopijiet rikreattivi biex il-persuni b'diżabbiltà jkunu jistgħu, b'mod indipendenti, jipparteċipaw bis-sħiħ fil-ħajja soċjali. Barra minn hekk, se nikkollaboraw mal-operaturi tat-taxis u r-ride-hailing drivers biex jiżdied in-numru ta' vetturi aċċessibbli b'wheelchair.

19 Is-Servizz Pubbliku se jibda jintroduċi autism-friendly hours u jinstalla calming booths f'dipartimenti u uffiċini differenti tal-Gvern li huma l-aktar imfittxija. Se noħolqu sensory room fid-Dipartiment tal-Emerġenza fl-Isptar Mater Dei.

20 Il-proċess li bih il-persuni b'diżabbiltà, assistenti personali u persuni li jkollhom il-kustodja ta' persuni b'diżabbiltà jingħataw rifużjoni fuq in-nefqa li jkunu għamlu se jiġi ssimplifikat u l-irċevuti se jkunu jistgħu jiġu ssottomessi b'mod diġitali.

21 Noħolqu programm ta' appoġġ għall-persuni bil-kundizzjoni tal-ADHD biex ngħinuhom jemmnu aktar fihom infushom u jiżviluppaw ħiliet tal-ħajja. Dan il-programm se jinkludi fih sessjonijiet ta' coaching, taħriġ u appoġġ lill-persuni b'ADHD tul ħajjithom.

22 Se nibqgħu nappoġġjaw il-proġett tal-Malta Trust Foundation biex jitwaqqaf in-National Empowerment Hub f'Ta' Saura fir-Rabat. Hawnhekk se jinħolqu faċilitajiet moderni sabiex tfal u żgħażagħ b'diżabbiltà jkunu jistgħu jirċievu servizzi professjonali ta' terapija, arti u żvilupp tal-ħiliet taħt saqaf wieħed.

# Proġetti u servizzi speċjalizzati fil-qasam tad-diżabbiltà

23 Lestejna x-xogħol fuq ċentru ġdid ta' respite f'Ħal Kirkop u se jitlesta l-bini ta' ċentru ieħor ġdid f'Ħad-Dingli. Wara se jibda x-xogħol fuq il-bini ta' ċentru ta' respite ġdid f'Tas-Sliema u nidentifikaw post biex isir ċentru ieħor fin-Nofsinhar ta' Malta.

24 Se nibdew riforma fiċ-ċentri ta' matul il-jum sabiex jinqasmu b'etajiet differenti biex noħolqu programmi addattati skont l-età. Fil-ħames snin li ġejjin se nifitħu l-ewwel ċentru li jilqa' persuni ta' bejn il-ħamsa u erbgħin sena u l-wieħed u sittin sena. Barra minn hekk, se noħolqu programm ġdid biex dawn il-persuni jipparteċipaw b'mod sħiħ f'attivitajiet komunitarji. Dan huwa pass konkret lejn soċjetà aktar miftuħa, fejn kulħadd ikollu post, vuċi u rwol.

**25** Nifthu ċentru ta' matul il-jum fit-Tramuntana ta' Malta għall-persuni bi profound and multiple learning disabilities. Dan iċ-ċentru se joffri servizz lill-persuni li bħalissa jattendu ċ-ċentri preżenti u li għandhom bżonnijiet aktar kumplessi u speċifiċi. Il-programmi offruti minn dan iċ-ċentru se jkunu mmexxija skont programm individwali b'involviment dirett ta' professjonisti bħal occupational therapists, fiżjoterapisti u professjonisti oħra.

**26** L-Iskola Dun Manwel Attard fil-Wardija se tkompli tilqa' fiha żgħażagħ ta' bejn is-sittax u l-wieħed u għoxrin sena li jkomplu bl-istudji tagħhom biex iħejju ruħhom għad-dinja tax-xogħol.

**27** Ninvestu fil-programm Life Map li hu immirat għal żgħażagħ b'diżabbiltà li jkollhom bejn sittax u wieħed u għoxrin sena. Dan il-programm huwa immirat għal żagħżagħ li jkollhom behaviour of concern u jgħinhom jiżviluppaw ħiliet funzjonali, attività fiżika u esperjenzi ta' arti kreattiva u performattiva. Life Map għandu l-għan li joħroġ l-abbiltajiet ta' dawn iż-żgħażagħ u jwassalhom għal programmi u servizzi oħra ta' matul il-jum offruti minn Aġenzija Sapport.

**28** Hemm persuni b'diżabbiltà li minkejja li mhumiex anzjani xorta waħda jkollhom bżonn li jgħixu f'istituzzjoni li tipprovdilhom kura medika fit-tul u assistenza l-ħin kollu. Fis-snin li ġejjin se niżviluppaw il-kunċett ta' residenzi fil-komunità għall-persuni b'diżabbiltà.

**29** Permezz tal-Aġenzija Sapport u l-FITA se naħdmu mill-qrib ma' għaqdiet volontarji u entitajiet oħra biex noffru servizz ħolistiku għall-persuni b'nuqqas ta' dawl. Irridu li persuni b'nuqqas ta' dawl jgħixu ħajja ndipendenti. Se nagħtu għajnuna finanzjarja għax-xiri ta' teknoloġija assistiva, ngħallmu l-Braille u nagħtu taħriġ dwar il-mobbiltà bl-użu tal-white cane u l-klieb gwida.

**30** F'Malta persuna jew tnejn kull xahar qed jinstabu li għandhom il-kundizzjoni tal-ALS. Se nkomplu nkunu ta' sostenn għall-ħidma tal-għaqdiet mhux governattivi f'dan is-settur filwaqt li naraw li jinfetħu ċentri oħra li jilqgħu fihom persuni b'mard newroloġiku.

**31** Fl-aħħar leġiżlatura ħloqna spazju ddedikat fiċ-Ċentru tal-Volontarjat Jake Vella f'Raħal Ġdid minn fejn is-Service Dogs Malta Foundation tkun tista' toffri s-servizzi tagħha. Se nkomplu naħdmu ma' din l-organizzazzjoni fuq it-taħriġ ta' klieb gwida. Kull sena se nibdew nallokaw fondi biex niffinanzjaw it-taħriġ ta' klieb li jassistu lil persuni b'kundizzjonijiet differenti.



# 08

# Ugwaljanza bil-fatti

08 08 08

Malta mxiet triq twila fuq l-ugwaljanza u llum pajjiżna huwa mudell għal pajjiżi oħra fir-riformi u d-drittijiet ċivili. Dan ma jfissirx li ma għadx baqa' xi jsir. L-istituzzjonijiet tagħna jridu jkomplu jħarsu l-ugwaljanza f'kull sfera tal-ħajja. Irridu nattrezzawhom bl-għodod leġiżlattivi li jipproteġu nies vulnerabbli mill-abbuż, fosthom l-isfruttament u l-użu ħażin tal-għodod diġitali.

# Is-saħħa tal-mara

**01** Gvern Laburista ġdid iniedi l-ewwel strateġija dwar is-saħħa tal-mara. Din l-istrateġija għandha l-għan li tiżgura li kull mara jkollha aċċess għal servizz tas-saħħa komprensiv u mingħajr ebda forma ta' preġudizzju, f'kull stadju ta' ħajjitha.

**02** Nistabbilixxu l-ewwel Klinika tas-Saħħa tan-Nisa, spazju ddedikat għal check-ups ġinekoloġiċi regolari, preskrizzjonijiet ta' kontraċettivi, amministrazzjoni tal-MAP u konsultazzjoni.

**03** Il-PCOS, l-endometriosis u l-adenomyosis huma tliet kundizzjonijiet li jimpattaw il-kwalità tal-ħajja, is-saħħa fiżika u mentali ta' ħafna nisa. Minbarra l-uġigħ, dawn il-kundizzjonijiet jistgħu joħolqu aktar kumplikazzjonijiet jekk ma jiġux identifikati minn kmieni, inkluż problemi ta' fertilità. Għalhekk se nniedu kampanja ta' għarfien dwar il-PCOS, l-endometriosis u l-adenomyosis sabiex it-tfajliet jagħrfu s-sintomi u jirrikorru għal parir tal-ġineterapista tagħhom.

**04** Wieħed mis-servizzi li se tkun qed toffri l-Klinika tas-Saħħa tan-Nisa se jkun servizz b'fast-track referral system għan-nisa li jista' jkun li jkollhom il-kundizzjoni tal-endometriosis jew l-adenomyosis. Dan is-servizz irid jassigura li nisa b'dawn il-kundizzjonijiet jirċievu t-trattament meħtieġ u mingħajr dewmien.

**05** Il-mediċini għall-kundizzjonijiet tal-endometriosis u l-adenomyosis se jiddaħħlu fil-formolarju tal-Gvern u jingħataw b'xejn lil kull min ikollu bżonnhom.

**06** Inkomplu bil-kampanja End the Stigma. Period! Installajna magni li jipprovdu prodotti mestrwali b'xejn fl-iskejjel sekondarji kollha u se nkunu qed nestendu din l-inizjattiva f'istituzzjonijiet postsekondarji wkoll.

**07** Il-menopawsa m'għandhiex tkun tabù u ma għandniex noqogħdu lura milli nitkellmu dwarha. Il-hormone replacement therapy (HRT) ittaffi s-sintomi tal-menopawsa u se nibdew noffruha b'xejn meta tiġi preskritta mit-tabib. Barra minn hekk se nintroduċu linji gwida għat-tfassil ta' politika dwar il-menopawsa fuq il-post tax-xogħol. Politiki bħal dawn jagħtu l-flessibbiltà u s-sapport meħtieġ lin-nisa li jkunu għaddejjin minn dan il-proċess naturali.

08 Nistgħu nipprevjenu l-kanċer tal-għonq tal-utru u neradikawh minn pajjiżna. Se nqassmu self-screening swab tests, noffru l-vaċċin kontra l-HPV lin-nisa kollha taħt il-35 sena u nwessgħu l-aċċess għal dan il-vaċċin għall-irġiel.

09 Malta għandha waħda mill-aqwa cancer survivor rates fost nisa li kellhom kanċer tas-sider. L-età tal-iscreening tas-sider se nbaxxuha għal 45 sena biex il-kanċer jinqabad kmieni kemm jista' jkun u togħla l-probabbiltà tal-fejqan. Se nintroduċu protokoll ta' screening kmieni u stratifikat għall-qraba immedjati bi storja ta' kanċer tas-sider fil-familja. Fl-istess waqt, se ninvestu f'magni ġodda ta' preċiżjoni akbar u nirrilokaw il-unit tal-iscreening ġewwa Lascaris Wharf għaċ-Ċentru Nazzjonali tal-Iscreening fil-Floriana.

# Niġġieldu l-vjolenza domestika u reati oħra simili

10 Irridu ngħixu f'soċjetà ħielsa minn kull forma ta' vjolenza. Il-ġlieda kontra l-vjolenza domestika se tkompli tissaħħaħ, anke bis-sehem attiv tal-irġiel. L-edukazzjoni tibqa' waħda mill-għodod importanti sabiex tissaħħaħ kultura kontra l-vjolenza domestika. Se ntellgħu kampanja edukattiva fl-iskejjel biex nedukaw lit-tfal dwar relazzjonijiet b'saħħithom u l-importanza tal-kunsens.

11 Il-Multi Agency Risk Assessment inħoloq sabiex iġib numru ta' entitajiet flimkien biex jagħtu assistenza professjonali u f'waqtha lil vittmi ta' vjolenza domestika jew persuni li jkunu f'riskju ta' vjolenza domestika. Se nallokaw aktar riżorsi sabiex dan il-mekkaniżmu jibqa' jassisti nies f'riskju fl-aktar mument tal-bżonn.

12 Nintroduċu ħamest ijiem family violence leave biex ngħinu lill-vittma ssib l-għajnuna immedjata, tirriloka u tipproteġi lil membri oħra tal-familja mill-aggressur.

13 Irridu nevitaw sitwazzjonijiet fejn il-vittmi ta' vjolenza domestika jerġgħu jgħixu t-trawma li jkunu għaddew minnha. Se nassiguraw li l-vittmi jkunu jistgħu jixhdu permezz ta' video conferencing u l-proċeduri li jinvolvu lilhom jingħalqu fl-iqsar ħin possibbli.

14 Daħħalna liġijiet sabiex nipproteġu persuni vulnerabbli minn cyberbullying u cyberstalking. Issa jmiss li ndaħħlu liġijiet kontra image-based abuse u l-użu abbużiv tad-deepfake, żewġ forom ta' vjolenza u sfruttament li jikkawżaw ħsara, fastidju u rikatt.

15 Inwaqqfu revenge porn helpline biex nagħtu appoġġ immedjat lil min jisfa vittma ta' dan ir-reat kriminali.

# Ugwaljanza

16 Se ntellgħu kampanja edukattiva fuq livell nazzjonali biex inkissru l-isterjotipi marbuta mat-trobbija tat-tfal u t-tqassim tar-responsabilitajiet fil-familja.

17 Id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri f'pajjiżna hija ferm anqas mill-medja tal-istess rata fl-Unjoni Ewropea kollha. Fil-ħames snin li ġejjin se nkomplu nnaqqsu d-differenza fil-pagi bl-introduzzjoni ta' equal pay tools li jorbtu lill-kumpaniji l-kbar jirrapportaw perjodikament dwar id-diskrepanzi fil-pagi. Dawn il-kumpaniji se jkunu mitluba li jħejju pjan ta' azzjoni biex jindirizzaw dawn id-diskrepanzi.

18 Inħaddmu l-mekkaniżmu ta' gender and equality budgeting sabiex niżguraw li n-nefqa pubblika tkun waħda ġusta, effettiva u tindirizza l-bżonnijiet uniċi u diversi ta' kull persuna.

19 Fil-leġiżlatura li għaddiet bdejna proċess sabiex jiġu rrevokati liġijiet antikwati u diskriminatorji. Ġew emendati liġijiet ewlenin sabiex titneħħa d-distinzjoni bejn is-sessi, inkluż liġijiet li jirregolaw il-ftuħ ta' kontijiet tal-bank u l-pensjonijiet. Dan il-proċess se jkompli fix-xhur li ġejjin b'enfasi partikolari fuq il-liġijiet tar-reġistru pubbliku u l-liġijiet tal-familja.

20 Saħħaħna r-rappreżentanza femminili fil-bordijiet u l-kumitati fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika iżda nagħrfu li għad baqa' xi jsir. Fil-leġiżlatura li jmiss se nassiguraw li ż-żewġ sessi jkollhom rappreżentanza ta' mhux anqas minn 40% fil-bordijiet u l-kumitati tal-Gvern.

# Drittijiet tal-bniedem

**21** Wettaqna proċess ta' konsultazzjoni estensiv sabiex pajjiżna jkollu l-ewwel Kummissjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bnedmin u l-Ugwaljanza. Il-proċess parlamentari relatat ma' din ir-riforma se jitkompla kif tibda l-leġiżlatura l-ġdida u pajjiżna jkun għamel pass ieħor 'il quddiem favur ugwaljanza bil-fatti.

**22** Fl-2013 pajjiżna beda vjaġġ sabiex jirrikonoxxi d-deċiżjonijiet u l-ħolm ta' individwi u koppji tal-istess sess. Il-ħidma f'dan is-settur se tkompli bi proċess ta' evalwazzjoni tal-liġijiet eżistenti. Dan l-eżerċizzju għandu jassigura li l-liġijiet ta' pajjiżna verament iwasslu għal ugwaljanza bil-fatti għall-familji LGBTIQ+.

**23** Filwaqt li se nkomplu nappoġġjaw is-servizz provdut mill-Malta Gay Rights Movement f'Dar Qawsalla, fiż-żmien li ġej se nlestu x-xogħol fuq l-LGBTIQ+ Hub fil-Belt Valletta. Dan iċ-ċentru se joffri numru ta' servizzi, fosthom counselling, gender wellbeing clinic u spazju għall-komunità.




09

# Il-benesseri tiegħek

Il-kwalità tal-ħajja ma nkejluhiex biss mit-tkabbir ekonomiku. It-titjib fl-għajxien tan-nies isaħħaħ ir-rieda tagħna sabiex ninvestu f'aspetti oħra li għandhom rabta diretta mal-benesseri tan-nies. Irridu li n-nies ikollhom aktar ħin ta' kwalità mal-familja u aktar ħin sabiex igawdu dak li jħobbu. L-ambjent ta' madwarna, l-attività fiżika, l-ikel li nieklu u s-saħħa mentali huma l-pilastri ewlenin tal-ħidma tagħna favur il-benesseri tan-nies.

# Is-saħħa mentali hija fundamentali għall-benesseri tal-bniedem

**01** Minkejja li llum hawn ħafna aktar għarfien dwar is-saħħa mentali, irridu ninnormalizzaw il-mental health check-ups daqslikieku sejjer għal vista regolari għand it-tabib tiegħek. Għal dan il-għan se nniedu proġett pilota fejn persuni ta' etajiet differenti se jkollhom l-opportunità li jagħmlu mental health check-up b'xejn għand il-psikologu tal-għażla tagħhom.

**02** Filwaqt li rridu noħolqu ambjent inqas stressanti għat-tfal, se ngħallmuhom kif jużaw mindset tools, bħall-breathwork u sensory grounding exercises li jsaħħu l-mental fitness tagħhom. Permezz ta' dawn l-eżerċizzji t-tfal ikunu kapaċi jiffaċċjaw aħjar sitwazzjonijiet ta' stress u ansjetà f'ħajjithom.

**03** Noffru taħriġ lill-edukaturi u lill-istudenti fis-sekondarja u postsekondarja biex isiru mental health first-aiders. L-edukaturi se jirċievu wkoll taħriġ speċjalizzat dwar kif l-aħjar jirrelataw ma' tfal li jkunu għaddejjin minn episodji ta' mard serju fil-familja jew telf ta' qarib.

**04** Nagħrfu li nofs iż-żgħażagħ bi sfidi ta' saħħa mentali juru l-ewwel sintomi fil-perjodu tal-adolexxenza. Dawn irridu nilħquhom fi stadju bikri u għalhekk se nipprovdu servizz ta' mental health check-ups fl-iskejjel lill-istudenti kollha fil-ħames u fl-għaxar sena.

**05** Inwasslu servizzi ġodda ta' saħħa mentali fl-istituzzjonijiet edukattivi postsekondarji u terzjarji. L-istudenti se jkunu jistgħu jipparteċipaw f'workshops dwar stress, sleep u time management, jitkellmu f'peer support groups u jirrikorru għal terapija individwali f'każ ta' ansjetà kbira, dipressjoni, trawma jew eating disorder.

**06** Intellgħu kampanji edukattivi intiżi biex kull min ikun għaddej minn perjodu ta' sfidi ta' saħħa mentali jagħraf is-sintomi, ifittex l-għajnuna u ma jiddejjaqx jieħu l-kura.

**07** Il-Crisis Resolution Home Treatment isegwi u jassisti lil persuni li jkunu qed jesperjenzaw diffikultajiet ta' saħħa mentali f'darhom stess. Dan is-servizz se nsaħħuh billi niftħu l-linja tal-helpline għal erbgħa u għoxrin siegħa kuljum u ningaġġaw aktar professjonisti biex nilħqu aktar persuni f'darhom.

**08** Wara li ftaħna ħames mental health clinics fil-komunità, se niftħu oħrajn fil-kumplament taċ-ċentri tas-saħħa u nintroduċu servizz ġdid ta' walk-in b'emerġenza.

**09** Se nkomplu nwasslu l-aqwa kura u trattament għall-prevenzjoni u l-immaniġġjar tas-saħħa mentali. Naġġornaw b'mod kontinwu l-formularju tal-mediċini tal-Gvern b'mediċini psikjatriċi ġodda flimkien mal-lista ta' mediċini li t-tabib tal-familja jista' jordna lil pazjenti li jbatu bi sfidi ta' saħħa mentali.

**10** Il-proġett taċ-Ċentru Psikjatriku Akut ġdid huwa pass importanti biex tonqos id-dipendenza fuq l-isptar Mount Carmel. Dan se jkun jista' jintuża għal skopijiet oħra. Iċ-Ċentru Psikjatriku Akut ġewwa l-isptar Mater Dei se jipprovdi servizzi mediċi-psikjatriċi tal-ogħla livell f'każ ta' emerġenza u f'dawk il-każijiet kollha fejn ikun hemm ħtieġa ta' ammissjoni qasira.

**11** Aktar pazjenti bi sfidi ta' saħħa mentali li jkunu jeħtieġu kura fit-tul se jirċivuha fil-komunità. Se niftħu aktar djar ġodda li jkunu jixbhu aktar l-ambjent ta' dar milli dak ta' sptar.

**12** Niftħu l-ewwel dar fil-komunità ġewwa l-Balluta li tilqa' fiha żgħażagħ b'diżabbiltà intellettwali u diffikultajiet ta' saħħa mentali.

**13** L-isports inaqqas l-istress, l-ansjetà u d-dipressjoni filwaqt li l-arti hija espressjoni ta' emozzjonijiet u talent. Bis-sehem tal-professjonisti mediċi, l-artisti, il-mużiċisti u l-isportivi se nintegraw l-arti u l-attività fiżika fil-care plan tal-individwu bħala forma ta' terapija.

**14** Nibnu fuq il-ftehimiet soċjali fis-seħħ mal-għaqdiet volontarji bħar-Richmond Foundation, Caritas, Fondazzjoni Suret il-Bniedem u kellimni.com biex inwasslu aktar servizzi fil-komunità, fosthom terapija, servizz ta' counselling u l-operat tad-djar fil-komunità.

**15** Fis-snin li ġejjin se nkomplu nimplimentaw l-Istrateġija Nazzjonali għall-Prevenzjoni tas-Suwiċidji. Din hija l-ewwel waħda tax-xorta tagħha u għandha twassal għal aktar għarfien, taħriġ u tisħiħ tas-servizzi u n-network ta' appoġġ eżistenti.

**16** Il-ħaddiema li jkunu qattgħu perjodu twil rikoverati f'istituzzjoni għall-kura ta' saħħa mentali se jirċievu sa sentejn kontribuzzjonijiet akkreditati tas-sigurtà soċjali biex ma jiġux ippenalizzati talli jkunu fittxew l-għajnuna.

**17** Irridu niffaċilitaw ir-ritorn ta' persuni li jkollhom problemi ta' saħħa mentali fid-dinja tax-xogħol. Se nagħtu inċentiv lil min iħaddem sabiex jimpjegawhom fuq bażi part-time jew bir-reduced hours, bil-possibbiltà li 'l quddiem jaqilbuhom fuq bażi full-time.

# L-użu tal-media soċjali u l-għodod diġitali

18 Il-ħajja mhix l-immaġini perfetta li toħloq il-media soċjali u din l-illużjoni qed toħloq stress u pressjoni żejda fuq it-tfal. Gvern Laburista se jdaħħal regolamentazzjoni biex tissaħħaħ il-protezzjoni tat-tfal u l-adolexxenti fuq il-pjattaformi tal-media soċjali. Dawn il-pjattaformi għandhom jadottaw verifiki tal-età effettivi sabiex jingħata serħan il-moħħ lill-ġenituri.

19 L-iscreen time m'għandux jieħu post l-interazzjoni soċjali wiċċ imb wiċċ jew inaqqar mill-ħin tal-irqad, l-ikel jew l-attività fiżika. Se nqajmu kuxjenza fost il-ġenituri dwar l-effetti ta' social isolation u l-użu eċċessiv tal-mobile jew tablet bil-għan li nnaqqsu l-iscreen time u doomscrolling fost it-tfal.

# Tfal attivi u konxji x'jieklu

20 Nestendu l-proġett FitMAP-MALTA fl-iskejjel kollha biex intellgħu ġenerazzjoni ta' żgħażagħ li jkunu kapaċi jagħmlu eżerċizzju fiżiku bażiku waħidhom. L-istudenti se jifhmu aħjar il-livell ta' fitness tagħhom permezz ta' monitoraġġ kontinwu u jistabbilixxu l-miri personali li jridu jilħqu bl-għajnuna tal-għalliema tal-Edukazzjoni Fiżika.

21 L-ikel li nieklu għandu effett fuq saħħitna u kif inħossuna fil-ħajja ta' kuljum. It-tfal se jiġu mgħallma l-edukazzjoni nutrittiva u kif isajru ikel bnin biex ikunu kapaċi jagħmlu għażliet konxji dwar l-ikel li jikkonsmaw.

22 Norganizzaw cooking classes u sessjonijiet qosra dwar in-nutrizzjoni online għall-ġenituri. Din l-inizjattiva għandha tippromwovi tisjir ta' riċetti staġjonali li għandhom valur nutrittiv għoli u prezz affordabbli.

23 It-tfal huma kontinwament esposti għall-konsum u riklami tal-junkfood, fosthom ħelu, luminata u energy drinks. Il-konsum regolari ta' dawn il-prodotti minn età żgħira mhux biss iżid ir-riskju t'obeżità iżda għandu influwenza kbira fuq id-dieta tagħhom 'il quddiem. Għalhekk se nestendu l-projbizzjoni tal-bejgħ ta' dawn il-prodotti fl-iskejjel għal nurseries u klabbs tat-tfal.

24 Se nniedu programm ta' BMI screening fl-iskejjel biex ikollna indikazzjoni u nibdew nindirizzaw il-prevalenza tal-obeżità fost it-tfal. B'hekk nidentifikaw minn kmieni każijiet ta' tfal li jkunu qegħdin itellgħu piż żejjed. Dawk f'riskju t'obeżità se jiġu rriferuti għand dietitian biex flimkien mal-ġenituri tagħhom inħejju weight management programme li jinkludi dieta u programm ta' attività fiżika.

25 Malta mdawra bil-baħar u l-għawm għandu għadd ta' benefiċċji għas-saħħa. Hekk kif fl-aħħar leġiżlatura introduċejna t-tagħlim tar-rota fl-iskejjel it-tfal ta' bejn it-tlieta u ħames snin se jibdew jiġu mgħallma kif jgħumu b'mod sigur u kif iżommu ruħhom attivi.

26 Madwar 5% taż-żgħażagħ f'pajjiżna li għandhom bejn għaxra u sittax-il sena għandhom eating disorder, kemm tfajliet u kemm ġuvintur. Se nniedu programm ta' wellbeing fl-iskejjel sekondarji li jiffoka fuq is-saħħa mentali, positive body image u n-nutrizzjoni.

27 Se nkomplu nappoġġjaw il-ħidma ta' Dar Kenn għal Saħħtek u niftħu ċentru li joffri servizz speċjalizzat għal tfal taħt l-għaxra snin li jkollhom eating disorder.

# Poplu attiv, pajjiż b'saħħtu

28 Irridu ntellgħu ġenerazzjoni li tkun kapaċi tagħmel eżerċizzju fiżiku bażiku waħidha u li tieħu deċiżjonijiet konxji dwar l-ikel li tiekol. Wara r-rispons pożittiv taż-żgħażagħ għall-iskema ta' sitt xhur gym membership b'xejn, se nassiguraw li l-iskema ta' sitt xhur gym membership b'xejn għaż-żgħażagħ bejn is-sittax u l-wieħed u għoxrin sena tiġi mġedda kull sena.

29 Nifhmu wkoll li bosta żgħażagħ jipprattikaw attivitajiet fiżiċi differenti. Għalhekk se nwessgħu l-iskema ta' sitt xhur gym membership b'xejn biex ninkludu forom oħra ta' attivitajiet fiżiċi.

30 L-attività fiżika hija importanti wkoll biex l-anzjani jkollhom stil ta' ħajja sana. Għaldaqstant se nestendu l-inizjattiva ta' sitt xhur membership b'xejn għal dawk l-anzjani li jirċievu l-għajnuna supplimentari.

31 L-attività fiżika sservi ta' terapija għal persuni b'ċerti kundizzjonijiet jew mard, fosthom l-Alzheimer's, il-marda tal-Parkinson's u l-fibromyalgia. Dawn se jibbenefikaw mill-inizjattiva ta' sitt xhur membership b'xejn ukoll.

32 L-attività fiżika hija importanti tul ħajjitna kollha. Bil-ħsieb li nippromwovu ħajja sana u attiva, SportMalta flimkien mal-kunsilli lokali se jorganizzaw low-impact fitness classes għall-anzjani fil-komunità. Barra minn hekk, l-anzjani se jkunu jistgħu jagħmlu użu b'xejn mill-faċilitajiet ta' SportMalta, inkluż il-pixxini tal-għawm.

33 Qed naġġornaw il-proċess tal-ippjanar sabiex nippermettu l-installazzjoni ta' strutturi li jintużaw għall-Obstacle Course Race (OCR). Se nniedu skema sabiex il-kunsilli lokali jkunu jistgħu jipproponu spazju fejn jiġi installat tagħmir għal attivitajiet ta' hybrid fitness, bħal OCR, outdoor gyms, beach gyms, spider monkey bars u tagħmir ta' circuit training.

34 L-isports b'impatt baxx għandu għadd ta' benifiċċji għas-saħħa tal-anzjani u jgħin biex jissaħħu l-għadam u l-muskoli, inaqqas l-uġigħ u jtejjeb il-bilanċ u l-koordinazzjoni. Se noffru servizz ta' sports physiotherapy u resistance training fid-djar tal-anzjani.

# Niġġieldu l-obeżità

35 Inniedu community weight loss programme ġdid biex nippromwovu mġiba pożittiva u kontroll tal-piż. It-tobba tal-familja se jkunu jistgħu jirreferu persuna adulta li għandha piż żejjed u f'riskju ta' obeżità għal programm ta' dieta, eżerċizzju fiżiku u life coaching. Persuni rriferuti mit-tobba se jkunu jistgħu jagħmlu użu mill-faċilitajiet sportivi amministrati minn SportMalta bla ħlas.

36 Irridu ngħinu lil dawk li jieħdu sehem fil-community weight loss programme sabiex jagħmlu eżerċizzju fiżiku waħidhom f'darhom. Dawn il-persuni se jkunu eliġibbli għal għotja ta' €100 biex jixtru home fitness equipment bħal treadmills, stationary bikes u dumbells.

37 Nifthu aktar kliniċi tal-obeżità li jispeċjalizzaw fil-prevenzjoni u t-trattament fit-tul tal-obeżità. Il-kliniċi se jkunu mmexxija minn tim multidixxiplinarju li joffri servizz ta' weight loss management, behavioural therapy, nutritional counselling u trattament ta' mard ieħor relatat mal-obeżità, inkluż id-dijabete. Dan is-servizz se jiġi integrat gradwalment fil-kura primarja u offrut miċ-ċentri tas-saħħa.

**38** Il-politika tal-Gvern hija bbażata fuq il-prevenzjoni, b'enfasi fuq l-edukazzjoni nutrittiva u l-attività fiżika. Minkejja dan hemm il-ħtieġa li l-obeżità nittrattawha bħal kundizzjonijiet mediċi oħra. Il-Gvern se jkompli jinvesti f'aktar mediċini u interventi għall-persuni obeżi u li għandhom mard ieħor assoċjat mal-obeżità, fosthom pressjoni għolja, dijabete, mard tal-qalb, severe arthritis u sleep apnea.

**39** Naħdmu mal-istabbilimenti tal-ikel biex ikun hemm calorie labelling fuq il-menù u l-kontenituri tal-ikel bil-ħsieb li nnaqqsu l-calorie intake.



10

# Aktar riżultati fl-isports

L-isports jagħtina ċ-ċans li jkollna stil ta' ħajja b'saħħtu 'l bogħod mill-vizzji u l-mard. L-appoġġ li nagħtu lil dan is-settur jgħin lill-atleti professjonali u anke lil dawk li jipprattikaw xi sport bħala żvog. Se naħdmu biex ikollna faċilitajiet sportivi madwar il-pajjiż kollu u l-popolazzjoni kollha tkun parteċipi f'xi sport jew ieħor.

# Atleti ta' prestazzjoni għolja

**01** L-atleti elite li qed jirrappreżentaw lil pajjiżna f'kompetizzjonijiet internazzjonali m'għandhomx jagħmlu użu mil-leave personali tagħhom biex jikkompetu. L-isports leave għall-atleti elite li jifformaw parti mit-timijiet nazzjonali u jaħdmu fil-privat se jitla' għal għaxart ijiem meta jikkompetu f'kampjonati organizzati mill-assoċjazzjoni jew federazzjoni Ewropea jew dinjija. Flimkien mal-atleti, il-membri tat-tim tekniku u mediku li se jakkumpanjawhom ukoll se jibbenefikaw minn dan il-leave mħallas mill-Gvern.

**02** Inwaqqfu Ċentru Nazzjonali ta' Prestazzjoni Għolja biex ngħinu lill-atleti elite jtejbu r-riżultati tagħhom. Dan iċ-ċentru se jkun immexxi minn tim multidixxiplinarju li permezz tax-xjenza se janalizza l-prestazzjoni tal-atleti u jfassal programm ta' taħriġ b'dieta personalizzata biex jilħqu l-aħjar forma qabel jikkompetu. Dan iċ-ċentru se jipprovdi wkoll appoġġ mediku speċjalizzat lill-atleti elite, inkluż fiżjoterapija, trattament ta' korrimenti u programmi ta' rkupru.

**03** Nifthu diskussjonijiet ma' pajjiżi Ewropej li jeċċellaw f'dixxiplini sportivi partikolari, inkluż l-Italja u Slovenja, sabiex nissieħbu magħhom u niffaċilitaw l-iskambju tal-atleti, taħriġ professjonali lill-coaches u l-organizzazzjoni ta' training camps. Dawn il-ftehimiet se nsarrfuhom f'opportunitajiet ġodda għall-atleti Maltin u nkomplu ngħollu l-livell tal-isports f'Malta.

**04** Il-logħob tal-billiard u s-snooker f'pajjiżna huwa popolari ħafna u bosta sportivi Maltin ġabu rizultati sbieħ ħafna f'kompetizzjonijiet internazzjonali, inkluż midalja tad-deheb fil-kampjonati Ewropej tal-blackball li saru aktar kmieni din is-sena. Se naħdmu biex nattiraw aktar world ranking tournaments ta' dawn id-dixxiplini f'pajjiżna. Avvenimenti bħal dawn mhux biss iservu ta' vetrina għal pajjizna iżda joffru bosta opportunitajiet lill-isportivi lokali.

**05** Jissoktaw il-preparamenti biex pajjiżna jospita b'suċċess u jikseb l-aqwa riżultati fl-edizzjoni li jmiss tal-Women's U20 Volleyball European Championship, il-Commonwealth Junior Championships u l-Junior European Artistic Swimming Championships, fost kompetizzjonijiet internazzjonali oħra.

# L-inklużjoni fl-isports

**06** Is-suċċess għall-iSpecial Olympics Malta ma jitkejjilx biss mill-midalji mirbuħa, iżda mill-iżvilupp uman u l-progress ta' kull atleta. Filwaqt li qed inwessgħu t-taħriġ strutturat f'numru ta' dixxiplini oħra, se nappoġġjaw it-tisħiħ tal-programm ta' screening tas-saħħa li jiġi offrut lill-atleti. Barra minn hekk se nwasslu aktar servizzi ta' appoġġ lill-familji biex dawn iż-żgħażagħ jirnexxu b'mod sħiħ.

**07** L-iSpecial Olympics Malta se jkollha binja ddedikata fejn tilqa' l-atleti tagħha. Il-binja se tifforma parti mill-Kumpless Sportiv Maria Assunta fil-Ħamrun u se tkun mgħammra b'multi-purpose hall biex jitħarrġu atleti żgħar ta' taħt it-tmien snin. L-iSpecial Olympics Malta se jużaw din il-binja sabiex iwasslu numru ta' servizzi lill-atleti, inkluż screening tas-smigħ u l-vista, mental health check-ups, servizz ta' podjatrija u pariri mediċi dwar id-dieta u n-nutrizzjoni.

**08** Jissoktaw il-preparamenti biex f'Settembru 2026 Malta tospita l-logħob internazzjonali tal-għawm għall-atleti b'diżabbiltà intellettwali u nirsistu biex niksbu l-aqwa riżultati f'din il-kompetizzjoni.

# Għajnuna lill-assoċjazzjonijiet u lill-federazzjonijiet

**09** Irridu ntaffu mill-ispejjeż li għandhom l-assoċjazzjonijiet u l-federazzjonijiet sportivi sabiex dawn joperaw b'mod professjonali, trasparenti u effiċjenti. Se nħallsu nofs il-paga ta' amministratur sportiv wieħed lil kull assoċjazzjoni u federazzjoni sportiva sa massimu ta' €20,000 fis-sena.

**10** SportMalta se tibda toffri sapport amministrattiv lill-assoċjazzjonijiet, federazzjonijiet u klabbs sportivi biex ikunu jistgħu jiffukaw aktar fuq l-iżvilupp tal-atleti u l-prestazzjoni sportiva. Is-sapport li se nipprovdu se jissarraf f'għajnuna diretta f'dak li jirrigwarda l-ġestjoni ta' fondi tal-Unjoni Ewropea, il-preżenza fil-media, it-tisħiħ fil-governanza u l-organizzazzjoni ta' avvenimenti kbar.

# Infrastruttura tal-ogħla livell

**11** Miexi x-xogħol fuq it-trakka tal-kwart ta' mil u t-trakka tal-go karts f'Ħal Far. Sadanittant għaddej il-proċess tal-applikazzjoni għall-iżvilupp ta' ċirkwit tal-motorsport. Kommessi li fil-leġiżlatura li jmiss inlestu l-proġett taċ-Ċentru Nazzjonali tal-Motorsport li se jgħolli l-livell ta' dan l-isport f'pajjiżna u jattira kampjonati internazzjonali.

**12** Nibnu l-ewwel Stadium Nazzjonali għall-Isport fuq ir-Ramel li se jkun mgħammar b'faċilitajiet għall-beach soccer, beach handball, beach rugby u beach tennis. Dan l-istadium se jagħmilha possibbli biex dawn id-dixxipplini jiġu pprattikati matul is-sena kollha, irrispettivament mill-elementi.

**13** Wara l-ftuħ tal-Kumpless Sportiv Maria Assunta u l-Kumpless Sportiv fil-Marsa se nibnu kumpless ieħor ġdid li jkun mgħammar b'indoor multi-purpose halls u faċilità għall-futsal. Dan il-kumpless ta' standard internazzjonali se jkun jista' jospita fih avvenimenti sportivi ta' livell għoli u jinfetaħ għall-użu tal-iskejjel, il-klabbs u r-residenti tal-lokal.

**14** Il-faċilitajiet sportivi jridu jkunu mferrxin mal-pajjiż kollu u eqreb dejjem iżjed tal-pubbliku. Is-sit fejn illum hemm il-ground tal-football tas-Siġġiewi se nittrasformawh f'kumpless sportiv li jkun jista' jintuża minn dixxiplini sportivi differenti. Il-ground eżistenti se jsir mill-ġdid sabiex ikun jista' jospita logħob kompetittiv filwaqt li jinħolqu pitches tal-football iżgħar u  courts għall-basketball u handball, fost faċilitajiet oħra. Il-proġett għandu jinkludi spazju ta' parkeġġ taħt l-art.

**15** Malta saret ċentru importanti kemm għall-ibburdjar kompetittiv u dak ta' divertiment. It-temp favorevoli u l-portijiet naturali tagħna jagħmluha possibbli biex l-ibburdjar jiġi pprattikat is-sena kollha. Se nwaqqfu ċentru għall-ibburdjar f'Manoel Island li jservi għan komunitarju minn fejn il-pubbliku jkun jista' jitgħallem u jipprattika l-ibburdjar, kif ukoll jikri tagħmir bażiku bħal kenuri u dgħajjes żgħar bil-qlugħ għal skop rikreattiv.

**16** Inkomplu bl-investiment fil-Malta Shooting Range bil-bini ta' faċilitajiet ġodda biex jibdew jiġu pprattikati target shooting.

**17** Se noħolqu skate park b'disinn tal-ogħla livell fuq l-ispazju miftuħ li hemm fuq il-car park biswit il-Park Nazzjonali ta' Ta' Qali. Dan l-iskate park se joffri spazju kbir li jkun attrezzat bl-aħjar mod sabiex jiġi pprattikat dan l-isport tant popolari maż-żgħażagħ.

**18** Appoġġjajna lill-Malta Football Association (MFA) biex jibnu Ċentru Nazzjonali tal-Football. Se nkomplu nappoġġjaw lill-MFA fit-twettiq tal-masterplan tagħhom għall-kumpless tal-football f'Ta' Qali. Permezz ta' dan l-investiment l-MFA se tkun qed timmodernizza l-istadium nazzjonali u l-faċilitajiet tal-madwar u b'hekk inkomplu ngħollu l-livell tal-football Malti u ntejbu l-esperjenza tal-partitarji.

**19** Se naħdmu id f'id mal-Malta Premier League sabiex jibda x-xogħol fuq stadium tal-football ġdid ġewwa l-Marsa. Dan l-investiment għandu jkompli jtejjeb il-livell tal-faċilitajiet sportivi taż-żona filwaqt li joħloq faċilitajiet sportivi moderni għall-baseball u r-rugby.

**20** Inkomplu ninvestu fl-infrastruttura ġewwa l-istadium Matthew Micallef St John permezz ta' resurfacing tat-trakka u l-ħolqien ta' warm-up track magħluqa ta' 170 metru bil-għan li l-atleti Maltin ikomplu jitħarrġu u jipprattikaw l-isport favorit tagħhom b'mod professjonali.

**21** Nibnu mill-ġdid l-istadium tal-football fil-Kumpless Sportiv ta' Ħal Kirkop, inkluż wiċċ ġdid tal-ground, trakka moderna għall-atletika u sistema ġdida tad-dawl.

**22** Aktar ma jmur il-logħba tradizzjonali tal-boċċi qed issir aktar popolari mat-tfal u ż-żgħażagħ. Se noħolqu indoor bocce drome u nniedu skema biex il-klabbs tal-boċċi jtejbu l-faċilitajiet u l-pitches tagħhom.

**23** Ħadna deċiżjonijiet sabiex ir-regatta tiġi organizzata bħala avveniment sportiv nazzjonali. Se nsostnu l-appoġġ eżistenti u nniedu fond biex ngħinu lill-klabbs tar-regatta jirrestawraw u jaħdmu dgħajjes ġodda tal-pass.

**24** Il-waterpolo huwa wieħed mill-aktar sports popolari f'pajjiżna u aktar kompetizzjonijiet internazzjonali qed isiru f'Malta jew Għawdex. Se nsaqqfu l-West Stand tal-Pixxina Nazzjonali f'Tal-Qroqq u jitkompla x-xogħol fuq il-bini ta' pixxina ġdida f'Marsaskala.

**25** Nassistu aktar klabbs tal-waterpolo fit-titjib tal-faċilitajiet tagħhom fil-Port ta' Marsamxett, Marsaxlokk u San Ġiljan.

**26** Qed naġġornaw il-proċess tal-ippjanar sabiex nippermettu l-installazzjoni ta' strutturi li jintużaw għall-Obstacle Course Race (OCR). Se nniedu skema sabiex il-kunsilli lokali jkunu jistgħu jipproponu spazju fejn jiġi installat tagħmir għal attivitajiet ta' hybrid fitness, bħal OCR, outdoor gyms, beach gyms, spider monkey bars u tagħmir ta' circuit training.

**27** Kulħadd għandu jkollu aċċess faċli għall-faċilitajiet sportivi. Se niżviluppaw app li turi l-lokazzjoni u l-ħin tal-ftuħ tal-faċilitajiet sportivi madwar il-pajjiż kollu, kemm dawk amministrati minn SportMalta u kemm dawk privati.


11

# Investiment fl-arti u l-kultura

Fl-aħħar snin il-persuni li jaqilgħu l-għajxien tagħhom mis-settur tal-arti u l-kreattività żdiedu kunsiderevolment. Illum dan is-settur sar wieħed mill-kontributuri ewlenin tal-ekonomija Maltija. L-artisti qed jingħataw ħarsien akbar u status professjonali. Minbarra l-għajnuniet diretti lill-artisti, qed naħdmu fuq proġetti li joħolqu spazju adegwat għall-produzzjoni u l-preżentazzjoni ta' tipi differenti ta' arti.

# Arti u kultura aċċessibbli għal kulħadd

**01** Il-passaport ta' Heritage Malta hija inizjattiva li permezz tagħha eluf ta' studenti u anzjani jidħlu b'xejn f'bosta mużewijiet u siti storiċi. Irridu li l-poplu Malti jżur aktar dawn il-postijiet importanti u jżid l-għarfien tiegħu dwar l-istorja u l-identità ta' pajjiżna. Il-passaport ta' Heritage Malta se nestenduh għal kulħadd u b'hekk il-Maltin u l-Għawdxin ma jkollhomx aktar bżonn li jħallsu biex iżuru dawn is-siti tal-poplu.

**02** It-tfal u l-adolexxenti rriduhom jipparteċipaw bis-sħiħ fis-settur kulturali u kreattiv ta' pajjiżna. Se nżidu l-finanzjament iddedikat għall-Culture Pass sabiex aktar studenti minn aktar skejjel primarji, sekondi u postsekondarji jkollhom aċċess għall-arti. Barra minn hekk, se noħolqu inizjattiva simili għal żgħażagħ li għandhom bejn 18 u 21 sena bl-isem ta' Arts Pass. Dawn se jingħataw kreditu ta' €200 fis-sena li jkunu jistgħu jużawh biex jattendu avvenimenti kulturali bħal kunċerti mużikali, wirjiet, produzzjonijiet teatrali, films u sfilati tal-moda, fost oħrajn.

# Investiment fl-arti u l-industrija kreattiva

**03** Jitkompla u jitlesta x-xogħol fuq l-Arts and Culture Hub fil-Marsa, wieħed mill-akbar investimenti fis-settur tal-arti u l-kultura. Dan il-kumpless mhux biss se jinkludi ċentru bil-faċilitajiet kollha li għandhom bżonn l-artisti li jtellgħu l-Karnival iżda wkoll spazji attrezzati għal varjetà ta' artisti u forom tal-arti oħra, fosthom spazju għall-provi tal-mużika, teatru u ċentru għaż-żfin.

**04** Għarafna li hemm teatri fi rħula differenti li mhux qegħdin jintużaw minħabba li hemm bżonn isirilhom xogħol ta' manutenzjoni jew immodernizzar. L-iskema finanzjarja għar-riġenerazzjoni ta' dawn it-teatri għenet sabiex itejbu l-faċilitajiet ta' teatri eżistenti filwaqt li ngħatat il-ħajja mill-ġdid lil teatri oħra. Se nkomplu nappoġġjaw ir-riġenerazzjoni ta' aktar teatri u dawn ikunu jistgħu jintużaw ukoll minn artisti fil-komunità.

**05** Ninvestu fi spazji ddedikati għall-arti viżiva u l-arti applikata, inkluż studios għall-pittura, skultura, printmaking, ċeramika, tessuti u fotografija. Kull wieħed minn dawn ikun mgħammar skont il-ħtiġijiet speċifiċi tiegħu, fosthom ventilazzjoni adatta, kilns, presses u tagħmir speċjalizzat ieħor. Barra minn hekk se noħolqu skema ta' aċċess affordabbli li permezz tagħha artisti u entitajiet kulturali jkunu jistgħu jużaw bini eżistenti fil-komunità.

**06** Ikkonsolidajna l-ħidma ta' entitajiet differenti fl-Aġenzija Nazzjonali għall-Arti Performattiva. Din id-deċiżjoni wasslet għal kollaborazzjoni interdixxiplinari aktar b'saħħitha u opportunitajiet ġodda għall-artisti, l-aktar fiż-żfin, it-teatru u l-kor. Iċ-Ċentru tal-Eżamijiet f'Sant'Iermu, il-Belt Valletta, se jibda jintuża mill-aġenzija sabiex issaħħaħ l-operat tagħha u tipprovdi servizzi u faċilitajiet addizzjonali għall-artisti u l-kreattivi.

**07** Il-produzzjoni tal-mużika hija prijorità għas-settur mużikali ta' pajjiżna. Se nagħtu assistenza speċifika lill-artisti li jipproduċu ġeneri ta' mużika differenti.

**08** Fl-aħħar snin ħdimna biex jittellgħu attivitajiet li jippromwovu l-għana u inizjattivi oħra li jrawmu aktar nies f'din it-tradizzjoni. Iż-Żejtun għadu magħruf bħala r-raħal tal-għannejja u se nallokaw binja hemmhekk sabiex tintuża bħala klabb tal-għana.

# Nelevaw il-professjoni tal-artisti u l-kreattivi

**09** Is-Simpożju Nazzjonali organizzat mill-Kunsill Malti għall-Arti se jkun iddedikat għal ġeneru artistiku differenti kull sena. B'hekk se nagħtu l-importanza mistħoqqa lis-setturi kollha tal-arti u l-kultura u nassiguraw li kull forma artistika titpoġġa fuq livell nazzjonali u internazzjonali.

**10** Introduċejna Charter għall-Istatus tal-Artist biex insaħħu l-vuċi u d-drittijiet tal-artisti u l-kreattivi. Se nimplimentaw numru ta' miżuri li joħorġu minn dan id-dokument, inkluż kunċetti li jagħtu ħarsien xieraq lill-artisti. Se noħolqu kuntratti standard aċċessibbli għal kulħadd fuq is-sit tal-Kunsill Malti għall-Arti li fuqhom ikunu jistgħu jiġu mmudellati l-ftehimiet ta' xogħol li jidħlu fihom l-artisti. Dan il-mudell se jinkludi obbligi ċari u salvagwardji li jħarsu l-interessi tal-partijiet involuti, inkluż ir-rata ta' ħlas u l-kundizzjonijiet tax-xogħol.

11 L-artisti u l-kreattivi għandhom jitħallsu ta' xogħolhom b'mod ġust u trasparenti. Se nagħmlu konsultazzjoni mal-artisti u l-industrija kreattiva fuq il-ħolqien ta' rate cards għal diversi setturi li minnhom toħroġ ir-rata minima u ġusta ta' ħlas. L-artisti u l-kreattivi jibqagħlhom il-libertà u d-dritt li jinnegozjaw rati ta' ħlas aktar vantaġġjużi.

12 Nintroduċu inizjattiva sabiex tgħin lill-artisti jkopru parti mill-ispiża legali tagħhom meta jfittxu rimedju quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar jew il-Qrati Ċivili f'każ ta' tilwim, nuqqas ta' ħlas jew kwistjonijiet ta' proprjetà intellettwali.

## Għajnuna diretta lill-artisti lokali

13 L-artisti jtejbu l-kwalità tal-ħajja tal-poplu tagħna. Se nniedu skema ta' cash rebate fejn l-artisti lokali jkunu jistgħu jibbenefikaw minn rimborż ta' 10% fuq l-ispejjeż tagħhom sa massimu ta' €50,000.

14 In-National Fund for Excellence jkopri l-ispiża kollha li jagħmlu artisti full-time jew part-time sabiex itejbu l-ħiliet tagħhom jew jispeċjalizzaw f'xi forma ta' arti jew oħra. Dan il-fond se jissaħħaħ u jilqa' applikazzjonijiet kull sena sabiex aktar artisti jkunu jistgħu jirċievu taħriġ professjonali barra minn xtutna.

15 Nifhmu li l-bidu ta' negozju fis-settur tal-arti jaf ikun diffiċli aktar minn start-ups f'setturi oħra. Fil-leġiżlatura li jmiss se noffru taħriġ lill-artisti dwar in-negozju, inkluż gwida fuq l-amministrazzjoni tal-finanzi, promozzjoni, prezzijiet u kunċetti legali essenzjali.

16 Start-ups ta' artisti u kreattivi se jgawdu minn pakkett ta' inċentivi maħluq apposta għalihom. Barra minn hekk se noħolqu digital lab li jagħti spazju lil digital creators u start-ups biex ikunu aktar innovattivi u jiżviluppaw l-ideat tagħhom b'mod ħolistiku.

17 Il-faċilitajiet tal-Kunsill Malti għall-Arti se jintużaw sabiex niftħu one-stop-shop minn fejn l-artisti jkunu jistgħu jirċievu servizzi differenti, fosthom ħruġ ta' permessi, tiġdid ta' liċenzji u applikazzjonijiet għal fondi.

18 Appuntajna l-ewwel Rappreżentant Kulturali ġewwa Londra sabiex jgħin artisti Maltin fil-bżonnijiet tagħhom u l-internazzjonalizzazzjoni tax-xogħol tagħhom. Se jkollna aktar rappreżentanti minn dawn fi bnadi oħra tad-dinja bħall-Istati Uniti, l-Asja u l-Afrika ta' Fuq.

# Appoġġ lill-awturi u l-pubblikaturi lokali

**19** Filwaqt li l-kotba stampati għadhom l-għażla naturali ta' ħafna qarrejja, nagħrfu wkoll li hemm domanda dejjem tikber għal kotba diġitali. Se nniedu skema sabiex nassistu awturi u pubblikaturi lokali jipproduċu audio books u kotba diġitali li jistgħu jiġu aċċessati elettronikament.

**20** Irridu li jkun hawn aktar ħwienet tal-kotba li jiffukaw speċifikament fuq pubblikazzjonijiet lokali. Se ninċentivaw il-ftuħ ta' boutique bookstores madwar il-pajjiż, inkluż f'istituzzjonijiet edukattivi, sabiex dawn jassistu l-pubblikaturi lokali fid-distribuzzjoni u l-bejgħ tal-kotba tagħhom.

**21** Nagħrfu li l-industrija tal-kotba lokali tesperjenza sfidi relatati mad-daqs u s-suq ta' pajjiżna. Se nniedu assistenza sabiex jonqsu l-ispejjeż relatati mal-esportazzjoni ta' kotba b'Numru Internazzjonali Standard tal-Ktieb (ISBN) lejn pajjiżi oħra, speċjalment fejn hemm komunitajiet Maltin.

**22** Il-voucher lil kull tifel u tifla li għandhom bejn ħames snin u sittax-il sena wassal għal rispons pożittiv ħafna fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb. Dan l-inċentiv se nibqgħu nagħtuh kull sena u jibda jagħti prijorità lill-kotba ta' awturi u stampaturi lokali.

**23** Jixraq li l-istorja tal-lokalitajiet tagħna tkun miġbura f'post wieħed. Se noħolqu arkivji ta' Melitensia estensiva dwar l-irħula u l-ibliet ta' pajjiżna fil-Librerija Pubblika.

# Niċċelebraw l-arti Maltija f'pajjiżna u barra minn xtutna

**24** Illum pajjiżna għandu l-Biennale ta' Malta, ċelebrazzjoni ta' arti kontemporanja b'installazzjonijiet ta' artisti Maltin u barranin esebiti f'siti storiċi u mużewijiet ta' Heritage Malta. Dan huwa avveniment ta' kburija nazzjonali u waqqafna l-Fondazzjoni għall-Malta Biennale sabiex tiffoka speċifikament fuq l-organizzazzjoni tiegħu. Se nkomplu nagħmlu aktar investiment sabiex il-Biennale ta' Malta jkompli jħabbatha ma' avvenimenti internazzjonali li jsiru f'pajjiżi oħra. Fl-istess ħin dan l-avveniment iservi ta' vetrina għall-patrimonju Malti u jżid l-għarfien tiegħu fost il-Maltin u l-barranin.

25 L-investiment li għamilna fil-Malta International Contemporary Art Space qed iħalli r-riżultati mixtieqa. Issa jmiss li niftħu spazju ddedikat għall-arkitettura u d-disinn ġewwa dawn il-fortifikazzjonijiet fil-Floriana. Il-MICAS Architecture and Design Annex se jipprovdi spazju apposta għal wirjiet temporanji dwar l-arkitettura, l-urbaniżmu u d-disinn.

26 Pajjiżna jieħu sehem attiv fil-Biennale ta' Venezja b'padiljun iddedikat għall-artisti Maltin u x-xogħol tagħhom. Il-parteċipazzjoni ta' artisti lokali f'avvenimenti bħal dawn hija prova tal-progress li għamlu l-artisti lokali fix-xena tal-arti globali. Issa jmiss li nespandu l-ħidma tagħna lil hinn mill-Ewropa billi nieħdu sehem f'avvenimenti internazzjonali oħra, fosthom il-Biennale ta' Gwangju, fil-Korea ta' Isfel.

27 Malta se tipprezenta vetrina ta' talent fl-Edinburgh Fringe Festival tal-2027. Din hija opportunità oħra għal pajjiżna sabiex isaħħaħ il-preżenza tiegħu fix-xena artistika internazzjonali. Bħalissa għaddej proċess ta' taħriġ speċjalizzat lil numru ta' diretturi, produtturi u prattikanti fl-arti performattiva sabiex itellgħu xogħolhom f'dan l-akbar festival tal-arti performattiva fid-dinja.

## L-industrija tal-films domestika

28 Fl-2026 Malta saret membru sħiħ ta' Eurimages, deċiżjoni li se tgħin produtturi tal-films lokali jiksbu finanzjament u jieħdu sehem f'koproduzzjonijiet ċinematografiċi fuq livell internazzjonali. Se nagħtu l-assistenza meħtieġa biex kemm jista' jkun produtturi lokali jibbenefikaw u jkunu parti attiva minn dan in-network tal-Kunsill tal-Ewropa.

29 Screen Support Fund qed jagħti għajnuna diretta lill-produtturi tal-films lokali, b'assistenza speċifika ddisinjata flimkien mal-artisti nfushom. Din l-inizjattiva se tibqa' tinħareġ kull sena sabiex tagħti serħan il-moħħ lill-produtturi tal-films. Il-fondi allokati għaliha se jiżdiedu u se tiġi aġġornata kontinwament skont il-bżonnijiet emerġenti tagħhom.

30 Il-PBS se jalloka ammont ta' riżorsi u fondi li jkunu jistgħu jintużaw minn produtturi lokali għall-produzzjoni ta' dokumentarji edukattivi. Dawn il-produzzjonijiet jistgħu jittellgħu b'kollaborazzjoni ma' koprodutturi Maltin jew barranin u jkunu jistgħu jintwerew fl-iskejjel, f'attivitajiet pubbliċi u fuq ix-xandir nazzjonali.

# Nattiraw l-aqwa films lejn pajjiżna

**31** Il-cash rebate kien u għadu wieħed mill-aqwa inċentivi sabiex kumpaniji internazzjonali tal-films jagħżlu lil pajjiżna sabiex jipproduċu l-films tagħhom. Irridu nassiguraw li pajjiżna jibqa' ġurisdizzjoni kompetittiva f'dan is-settur u għalhekk se nżidu dan l-inċentiv għal 45%.

**32** Saru l-istudji tekniċi meħtieġa sabiex pajjiżna jkun f'pożizzjoni li joħroġ sejħa biex jattira investiment dirett barrani kbir fil-faċilitajiet tal-Malta Film Studios fil-Kalkara. Il-bini tas-sound stage mhux biss se jassigura li nattiraw aktar films lejn Malta, iżda li l-films jinħadmu kompletament f'Malta u jħallu kontribut akbar fl-ekonomija ta' pajjiżna.

**33** Nistgħu noħolqu settur tal-films iddiversifikat u li joħloq aktar impjiegi. Se nintroduċu inċentivi għal produzzjonijiet ta' reklamar internazzjonali li jinħadmu f'pajjiżna.

# Nagħtu ħajja mill-ġdid lill-fortifikazzjonijiet

**34** Forti Tignè hija parti mill-istess ftehim li għamel il-Gvern sabiex jagħti lil Manoel Island lura lin-nies. Dan il-wirt storiku uniku ġewwa Tas-Sliema se jkun aċċessibbli kemm għall-viżitaturi u kif ukoll għall-għaqdiet li jaħdmu fis-settur tal-wirt kulturali. L-ispazju ta' madwar il-forti se jservi ta' spazju miftuħ ieħor f'żona fejn tant hemm bżonn.

**35** Gvern Laburista beda proġett sabiex is-swar tal-Kottonera jiġu rrestawrati għall-ewwel darba. Ix-xogħol fuq il-Cottonera Lines se jkun lest fil-leġiżlatura li jmiss. Wara se jibda xogħol sabiex tinħoloq walkway sigura fuqhom sabiex il-pubbliku jkun jista' jżurhom, igawdi l-veduti tal-Port il-Kbir u jimxi minn ġnien għal ieħor li hemm biswit dawn is-swar.

**36** Wettaqna xogħol ta' restawr estensiv fil-Forti Delimara, inkluż il-bieb oriġinali tal-forti u l-erba' kanuni tagħha li huma uniċi fid-dinja. Fażijiet oħra tar-restawr se jkomplu fis-snin li ġejjin sabiex il-post jibqa' jkun attrazzjoni mill-isbaħ għall-Maltin u t-turisti li jżuruh.

37 Forti Bengħajsa huwa sit ta' madwar 40 tomna li wkoll ġie rritornat għand in-nies. Illum dan il-post ma għadux okkupat minn sidien privati u qed jiġi amministrat minn Heritage Malta. Dan il-post se jkun indokrat bl-aħjar mod u se jintuża wkoll mill-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa, l-iScout Association of Malta u għaqdiet tal-lokalità.

38 Forti Binġemma wkoll ma għadux okkupat minn sidien privati u se jiġi ttrasformat fi space park nazzjonali. Dan il-kunċett se jirreplika s-suċċess tal-Esplora u jservi ta' qafas infrastrutturali ġdid għall-edukazzjoni, l-iżvilupp tal-ħiliet u r-riċerka fl-oqsma tal-ispazju u l-astronomija.

39 Fil-leġiżlatura li jmiss se nwettqu xewqa oħra tan-nies tal-Kottonera, l-għaqdiet u r-residenti tal-madwar. Beħsiebna nikkonkludu n-negozjati sabiex il-Forti San Salvatur jiġi lura f'idejn il-Gvern u wara jibda proċess ta' konsultazzjoni wiesgħa dwar l-aħjar użu tiegħu.

40 Daħħalna n-nomina finali sabiex il-fortifikazzjonijiet tal-Kavallieri ta' San Ġwann jiġu mħarsa bħala wirt dinji tal-UNESCO. Se nibqgħu nagħmlu ħilitna sabiex din in-nomina tirnexxi u pajjiżna jsaħħaħ il-preżenza tiegħu fil-Lista tal-Wirt Dinji tal-UNESCO.

## Il-mużewijiet ta' pajjiżna

41 Wieħed mill-ewwel investimenti li qatt saru minn amministrazzjoni Laburista preċedenti kien il-Mużew tal-Istorja tal-Arkeoloġija. Dan il-mużew uniku jagħti ħarsa wiesgħa lejn in-nies li għammru fuq dawn il-gżejjer u sejbiet fit-tempji li huma fost l-eqdem fid-dinja. Inħarsu lejn dan il-mużew fil-Belt Valletta bħala l-flagship tal-mużewijiet l-oħra kollha. Fil-leġiżlatura li jmiss se nagħmlu investiment biex dan il-mużew jingħata dehra ġdida li żżid l-għarfien tal-qedem u l-importanza tas-sejbiet li saru matul is-snin.

42 Jeħtieġ li jinstab lok ġdid għall-Mużew tal-Istorja Naturali li llum jinsab fl-Imdina. Is-sit ġdid għandu jkun aktar addattat u jrid jirrifletti temi attwali bħat-tibdil fil-klima u l-isfidi li qed jaffaċċjaw il-flora u l-fawna. B'hekk inkunu qed inżidu t-tagħlim u l-kuxjenza favur l-ambjent fost dawk li jżuru dan il-mużew.

43 Irridu nħajru aktar Maltin u Għawdxin iżuru l-mużewijiet u se nżidu l-opportunitajiet fejn wieħed ikun jista' jżurhom bla ħlas. Barra minn hekk se jkun hemm drabi fejn il-mużewijiet jiftħu billejl u tingħata esperjenza mhux tas-soltu lill-viżitaturi.

44 Il-Katakombi ta' San Pawl fir-Rabat kienu l-ewwel sit f'Malta li ngħata ċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew. Se nagħmlu aktar investiment f'siti storiċi oħra maħsub biex dawn ukoll jiġu rrikonoxxuti uffiċjalment bħala elementi ewlenin tal-istorja tal-Ewropa.

## Restawr kontinwu tal-patrimonju Malti

45 L-aktar proġett ambizzjuż fil-qasam tal-patrimonju li se nibdew fil-leġiżlatura li jmiss huwa r-restawr tal-Armerija l-Antika tal-Birgu, binja ta' valur storiku imprezzabbli li nbniet fl-ewwel perjodu ta' żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann. Din se tiġi ttrasformata f'Mużew tal-Poplu li jippreżenta l-iżvilupp tal-identità tal-poplu u l-mixja tiegħu matul iż-żminijiet.

46 Lestejna r-restawr tal-faċċata tal-Main Guard fil-Belt Valletta. Se nlestu wkoll ir-restawr fil-parti ta' ġewwa tal-istess binja sabiex din tinfetaħ għall-viżitaturi u toffri esperjenza diġitali immersiva dwar l-istorja ta' Malta minn żmien il-preistorja sal-lum.

47 Illum il-Victoria Lines jistgħu jintużaw bħala mogħdija nazzjonali għall-mixi ta' 12-il kilometru. Sar tindif estensiv ta' bnadi differenti, tjiebet l-aċċessibbiltà u twaħħlu tabelli sabiex jiggwidaw lill-pubbliku. Sar restawr tal-ħitan fiż-żona ta' Ħal Għargħur u se nlestu xogħol ieħor ta' restawr fuq strutturi oħra tal-Victoria Lines in-naħa tal-Mosta.

48 Lestejna r-restawr tal-Knisja tal-Ġiżwiti fil-Belt Valletta. B'hekk din il-knisja reġgħet sabet id-dinjità tagħna bħala ġawhra arkitettonika, artistika u reliġjuża. Se nkomplu nżidu l-valur ta' dan is-sit billi nwettqu xogħlijiet ta' restawr tal-opri artistiċi li fiha din il-knisja.

49 It-Torri tal-Kaptan ġie ttrasferit lill-Kunsill Lokali tan-Naxxar fl-2024. Issa se nassistu lill-Kunsill Lokali sabiex isir ir-restawr u r-rinnovazzjoni ta' din il-fortifikazzjoni, kemm it-torri nnifsu u anke l-ġnien li għandu madwaru.

50 L-Arkivji Nazzjonali ta' Malta qed jirnexxilu jippromwovi l-istorja, il-kultura u l-identità ta' pajjiżna b'metodi interattivi li jolqtu udjenzi differenti. Se nagħlqu l-proċess tal-għażla għal sit ġdid għall-Arkivji Nazzjonali u naċċeleraw il-proċess ta' diġitalizzazzjoni tal-istorja u l-memorja kollettiva ta' pajjiżna.

# L-ilsien Malti

**51** Irridu li ċ-Ċentru għall-Ilsien Malti jieħu rwol attiv fil-promozzjoni tal-użu tal-lingwa Maltija. Se nibdew noffru s-servizz tat-traduzzjoni u t-terminoloġija b'xejn lil azjendi privati li jkunu jridu jipprovdu sinjali bilingwi fil-postijiet tax-xogħol u l-ħwienet tagħhom.

**52** Qed nimplimentaw strateġija ta' ħolqien ta' għodod diġitali għall-Malti, inkluż ħidma ma' Microsoft fuq datasets lokalizzati li se jkomplu jsaħħu teknoloġiji eżistenti ta' speech-to-text bil-Malti. Se nkunu qed naħdmu fuq sistema ta' text-to-speech u l-ħolqien ta' reader pen bil-Malti sabiex tgħin lil studenti bid-dyslexia.

**53** Qed nappoġġjaw ir-restawr ta' Ville Frere f'Tal-Pietà u kommessi li naraw li dan il-proġett jitgawda mill-komunità. Parti minn din il-proprjetà kienet tintuża minn Mikiel Anton Vassalli u għalhekk se nużaw parti minnha bħala dar tal-ilsien Malti.

**54** Ħloqna cartoons, logħob, produzzjonijiet għaċ-ċinema u programmi ta' qari fuq it-televiżjoni sabiex tfal li għandhom bejn tlieta u ħdax-il sena jittrawmu aħjar fl-użu tal-Malti. Se nkomplu noħolqu aktar materjal awdjoviżiv bil-Malti għat-tfal, fosthom produzzjonijiet televiżivi li jixxandru ta' kuljum u li jkunu aċċessibbli wkoll fuq l-internet.

# L-akbar investiment fil-festa Maltija

**55** Gvern Laburista għamel investiment fil-festa Maltija bil-fatti, b'nefqa ta' €30 miljun li salvat ħmistax-il soċjetà mużikali minn żgumbrament. Din l-għajnuna se tkompli fis-snin li ġejjin sabiex dħul li jiġi ġġenerat minn dawn il-każini jintuża biex jiġu assistiti proġetti oħra kbar li jsiru mis-soċjetajiet mużikali.

**56** Fil-leġiżlatura li jmiss se nagħtu appoġġ lill-Għaqda Każini tal-Banda sabiex isir xogħol ta' manutenzjoni u rinnovar fil-binja tagħhom ġewwa l-Floriana. Dan il-post se jiġi attrezzat bħala ċentru amministrattiv b'faċilitajiet relatati mal-mużika għall-membri tagħhom.

**57** Il-ħidma tal-għaqdiet lokali, is-soċjetajiet mużikali u l-għaqdiet tan-nar tiddependi mill-ġbir ta' fondi minn attivitajiet li jsiru matul is-sena. Se nissimplifikaw il-ħruġ ta' permessi u neliminaw proċessi doppji relatati ma' dawn l-attivitajiet, il-festi u l-ħruq tal-logħob tan-nar.



12

# Kwalità fit-turiżmu

Ir-riżultati sbieħ li qed niksbu fit-turiżmu jagħtuna l-opportunità li niffukaw aktar fuq il-kwalità tat-turisti li jżuruna, kemm jonfqu f'pajjiżna u kemm iqattgħu ljieli fostna. Se nagħtu sostenn dirett lil-lukandi u r-ristoranti sabiex itejbu l-esperjenza tat-turisti u l-kwalità tal-prodotti tagħhom. Dan se nagħmluh filwaqt li nħarsu dawk in-niċeċ turistiċi li jagħmlu lil Malta u Għawdex uniċi.

# Turiżmu ta' kwalità

**01** Is-settur turistiku ta' pajjiżna laħaq livelli rekord, b'aktar minn erba' miljun turist fis-sena u b'nefqa ta' madwar €4 biljun. Ninsabu f'pożizzjoni li nibbażaw l-istrateġija turistika tagħna fuq dak li jaqbel l-aktar lil pajjiżna. Għalhekk se naħdmu mal-partijiet ikkonċernati sabiex jitwettaq proċess ta' reviżjoni strateġika u titfassal strateġija turistika aġġornata għall-perjodu 2027 - 2035. Din l-istrateġija se tidderieġi l-investimenti u l-inċentivi lejn turiżmu ta' kwalità b'turisti li jonfqu aktar u jqattgħu perjodi itwal f'pajjiżna.

**02** Ma għandniex niffukaw fuq il-kwantità ta' akkomodazzjoni turistika iżda l-kwalità tagħha. Daħħalna miżuri konkreti sabiex ngħollu l-kwalità tal-akkomodazzjoni turistika u r-ristoranti ta' pajjiżna, bħat-tisħiħ fl-istandards dwar l-akkomodazzjoni turistika u l-wasla tal-Malta Michelin Guide, fost oħrajn. Se nkomplu naħdmu biex aktar ditti ta' fama internazzjonali jiftħu lukandi u ristoranti ġewwa pajjiżna.

**03** Malta kienet l-ewwel pajjiż li ssieħeb fil-Forbes International Star Award u qed jiġu ppremjati lukandi, spas u ristoranti li jtejbu l-kwalità tas-servizzi u l-prodotti li joffru. Se nkomplu nassistu u nħarrġu aktar operaturi fis-settur turistiku sabiex jiġu rrikonoxxuti għas-servizz ta' eċċellenza u l-esperjenza awtentika li joffru lit-turisti.

**04** Il-lukanda ta' Selmun ukoll hija ppjanata li tinbidel f'akkomodazzjoni turistika ta' livell għoli u li tħaddan prattiċi ta' sostenibbiltà. Il-ħidma li nbdiet sabiex dan is-sit jingħata l-ħajja mill-ġdid se titkompla fil-leġiżlatura li jmiss, inkluż l-għażla ta' operatur privat li se jmexxi dan il-proġett.

**05** Qed naħdmu fuq pjan ta' riġenerazzjoni għall-kumpless City Gate fid-daħla tal-Belt Valletta. Se nappoġġjaw lill-okkupanti eżistenti, nagħtu dehra xierqa lil din il-binja u nagħmlu użu aħjar tal-ispazji vojta jew mitluqa. Dan il-post irid iservi ta' attrazzjoni ewlenija kemm għall-Maltin u kif ukoll għat-turisti.

## Appoġġ lill-operaturi turistiċi

**06** Il-ħidma li wettaqna waslitna f'sitwazzjoni fejn l-operaturi turistiċi qed jirrapportaw riżultati tajbin anke fix-shoulder season. Issa jmiss li l-għajnuniet aċċessibbli għall-operaturi turistiċi jippremjaw it-titjib fil-kwalità ta' akkomodazzjonijiet turistiċi eżistenti. Dawn se jibbenefikaw minn tnaqqis fit-taxxa sa massimu ta' €1 miljun li jkun ekwivalenti għal 50% ta' investiment fuq rinnovar, standards ogħla u titjib fl-esperjenza tal-klijenti.

**07** It-teknoloġija qed tieħu rwol dejjem aktar ċentrali fil-valur turistiku ta' pajjiżna u diversi operaturi bbenefikaw minn inċentivi u għajnuniet sabiex jagħmlu l-qalba diġitali. Din l-assistenza se tibda tkun imfassla apposta għall-operaturi turistiċi sabiex dawn jinvestu aktar fl-esperjenza turistika permezz tal-intelliġenza artifiċjali u għodod bħall-augmented reality.

**08** Irridu li l-lukandi kollha ta' pajjiżna jħaddnu operat sostenibbli u li jiffrankalhom l-ispejjeż. Se naħdmu mal-Bank Malti għall-Iżvilupp biex jingħata self vantaġġjuż lil-lukandiera biex jinvestu f'installazzjonijiet ta' enerġija rinnovabbli, tagħmir li jtejjeb l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u sistemi għat-trattament tal-ilma.

**09** It-titjib fil-prodott turistiku jrid jimxi id f'id mal-ħarsien tal-patrimonju fil-qalba tal-irħula tagħna. Se nintroduċu inċentivi sabiex jiġu rrestawrati binjiet ta' valur arkitettoniku u jiġu ttrasformati f'akkomodazzjonijiet turistiċi.

## Ristoranti kompetittivi

**10** Is-settur tal-ikel lokali żviluppa f'suq iddiversifikat u ta' livell għoli ħafna. Irridu nassiguraw li dan is-settur jibqa' kompetittiv u għalhekk se noħolqu fond ta' €30 miljun immirat għal investiment fir-ristoranti. Ristoranti li joperaw għal rashom ikunu jistgħu jużaw dan il-fond sabiex jibbenefikaw sa massimu ta' €300,000 biex jagħmlu titjib fil-prodott tagħhom, itejbu l-esperjenza tal-klijenti tagħhom, iħarrġu l-ħaddiema jew jirrinovaw il-ħwienet tagħhom.

11 Ir-ristoranti u l-istabbilimenti tal-ikel għandhom ikunu kkategorizzati skont il-kwalità tas-servizz u l-prodott li joffru. Se nirrevedu l-kategoriji eżistenti sabiex dawn jirriflettu l-bżonnijiet tal-preżent, jippromwovu standards ogħla u jgħinu lill-awtoritajiet jiddedikaw inċentivi speċifiċi għal kategoriji differenti.

## Konnettività aqwa u swieq diversi

12 Konnettività b'saħħitha tfisser influss ta' turisti matul is-sena kollha u viżitaturi b'interessi turistiċi varji minn swieq differenti. Irnexxielna niġbdu lejn Malta titjiriet diretti mill-Istati Uniti u se nkomplu naħdmu biex tiżdied il-frekwenza tagħhom. Se naħdmu wkoll biex nattiraw aktar legacy airlines lejn pajjiżna, fosthom titjiriet miċ-Ċina u oħrajn mill-Golf Għarbi.

13 Il-promozzjoni li tagħmel l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu qed tħalli r-riżultati mixtieqa u żdiedu t-turisti minn swieq ġodda bħall-Polonja u l-Irlanda. Filwaqt li se nkomplu nagħmlu ħilitna biex nikkonsolidaw it-turiżmu minn pajjiżi Ewropej, l-MTA se ssaħħaħ ir-reklamar dwar pajjiżna fi swieq ta' valur ogħla bħal Chicago, Toronto u Shanghai.

14 Illum pajjiżna huwa pilastru strateġiku fl-industrija tal-cruise liners fil-Mediterran u kważi miljun passiġġier kull sena qed jużaw il-portijiet tagħna. Vjaġġi li jibdew jew jispiċċaw f'pajjiżna jħallu valur akbar fl-ekonomija lokali. Se nkomplu ninvestu fl-infrastruttura tal-Port il-Kbir sabiex l-operat tal-home porting ikun jista' jespandi u jiżdiedu ż-żjarat minn luxury cruise liners.

## L-Istitut għall-Istudji Turistiċi

15 Pajjiżna għandu fost l-aqwa nies ikkwalifikati fis-settur turistiku tant li llum l-Istitut għall-Istudji Turistiċi jħarreġ nies minn madwar id-dinja kollha. Irridu nkomplu nirreġistraw suċċess fit-tisħiħ tal-ħiliet tal-ħaddiema fit-turiżmu u se ninvestu f'faċilitajiet tal-ogħla livell fl-ITS, inkluż spazju adegwat għat-taħriġ fl-għadis u wellness centre għal studenti li jkunu jridu jispeċjalizzaw f'dawn is-servizzi turistiċi.

16 Illum l-Istitut għall-Istudji Turistiċi joffri għażla vasta ta' korsijiet speċjalizzati, inkluż korsijiet fil-livell ta' Masters u korsijiet ġodda fl-għadis, climate-friendly travel u taħriġ lill-membri tal-ekwipaġġ. Fiż-żmien li ġej se nintroduċu aktar korsijiet ġodda, inkluż taħriġ fis-servizzi tal-ospitalità fl-avjazzjoni u servizzi speċifiċi immirati għal turisti ta' kwalità għolja.

17 Wieħed mill-avvanzi kbar li għamel l-Istitut għall-Istudji Turistiċi kien il-kollaborazzjoni ma' istituzzjonijiet barranin sabiex jipprovdi korsijiet f'pajjiżi oħra, fosthom Franza, l-Italja, il-Finlandja, il-Ġordan, iċ-Ċina u l-Ġappun. L-ITS se jkompli jaħdem biex jiżviluppa rabtiet simili ma' pajjiżi oħra u jagħti l-opportunità lil dawn l-istudenti sabiex jirċievu esperjenza prattika jew jaħdmu f'pajjiżna.

# Żoni turistiċi

18 It-turiżmu huwa industrija importanti ħafna għal pajjiżna iżda ma għandux iħalli impatt mhux mixtieq fuq ir-residenti u l-komunitajiet. Wettaqna proġett pilota fil-Belt Valletta u s-Swieqi sabiex jiġu mħarsa l-ordni u l-indafa pubblika, b'obbligi ġodda relatati ma' kirjiet qosra bħal Airbnb. Issa jmiss li nestendu dawn l-inizjattivi fi rħula oħra turistiċi madwar Malta u Għawdex.

19 Ittriplajna l-ekokontribuzzjoni mħallsa mit-turisti u qed naħdmu mal-Assoċjazzjoni Maltija għal-Lukandi u r-Ristoranti sabiex din tinġabar b'mod aktar effettiv u fil-ħin. Dħul iġġenerat minn din l-inizjattiva se ninvestuh fit-titjib ta' żoni turistiċi flimkien ma' miżuri oħra li jnaqqsu l-inkonvenjent għar-residenti.

20 Fil-leġiżlatura li għaddiet lestejna xogħol f'numru ta' żoni turistiċi viċin il-baħar, fosthom ix-xatt tal-Kalkara u x-xatt tal-Imsida. Sadattant miexi wkoll ix-xogħol fuq ix-xatt ta' Marsaskala u x-xatt ta' Ta' Xbiex. Fil-leġiżlatura li jmiss se nibdew il-bini mill-ġdid ta' Triq ix-Xatt, mill-Gżira lejn Tas-Sliema.

**21** Il-Bajja tax-Xemxija wkoll se jsirilha xogħol ta' riġenerazzjoni, titjib u organizzazzjoni. Il-ħidma f'dan il-post se tkun akkumpanjata minn interventi infrastrutturali maħsuba sabiex jipproteġu l-kosta u l-Għar tal-Veċċja.

**22** Fl-aħħar xhur twettaq il-proġett tal-Pjazza ta' Buġibba u ż-żona tal-madwar. Il-proġett ħoloq spazju li jilqgħek u għolla l-livell ta' din iż-żona turistika. Nagħrfu li din il-parti tal-pajjiż tesperjenza ammont kbir ta' turisti kull sena u għalhekk se nkunu qed nagħmlu riġenerazzjoni tal-partijiet l-oħra tax-xatt ta' San Pawl il-Baħar. Ix-xogħlijiet iridu jsaħħu l-aċċessibbiltà, l-infrastruttura u spazji miftuħa f'din iż-żona sabiex jattiraw aktar turisti ta' kwalità u jipprovdu ambjent isbaħ għar-residenti taż-żona.

**23** Il-Gvern ħadem mal-partijiet involuti sabiex ittieħdu deċiżjonijiet b'saħħithom dwar Kemmuna. Fi Blue Lagoon tkabbret iż-żona rriservata għall-għawm, żdiedet l-indafa u ġie organizzat il-ħin tal-viżitaturi b'tali mod li naqset il-pressjoni drastikament. Fix-xhur li ġejjin se nibdew inwettqu t-tieni fażi ta' dan il-proġett maħsub biex itejjeb l-aċċessibbiltà, is-sigurtà u l-estetika ta' din il-bajja.

**24** Ix-xogħol fuq ix-xatt ta' Birżebbuġa ġie maqsum fi tlieta. L-ewwel tlesta l-parkeġġ fiż-żona tal-Port Ħieles li jesa' 450 karozza. Wara bdejna t-tieni fażi tax-xogħlijiet fuq 1,500 metru kwadru tax-xatt u ħames spazji miftuħa, mill-Batterija ta' Ferretti sal-pitch tal-waterpolo. Kif jitlestew dawn ix-xogħlijiet se tibda t-tielet fażi tal-proġett li tiffoka fuq ir-riġenerazzjoni taż-żona ta' Wied il-Buni.

**25** Għamilna xogħol sabiex inkabbru l-Bajja ta' Għar Aħmar ġewwa Marsaxlokk u aktar familji u turisti jkunu jistgħu jgawdu din il-bajja sabiħa. Se nagħmlu interventi simili fil-Bajja tal-Mistra u ż-żona tal-Armier filwaqt li ntejbu s-sigurtà u l-aċċessibbiltà f'St Peter's Pool u l-Kalanka f'Delimara.

**26** Ġie ddisinjat masterplan għal Wied iż-Żurrieq biex tiġi rriġenerata ż-żona, bi spazju addizzjonali fejn jinżammu d-dgħajjes tas-sajd, faċilitajiet ġodda għall-għaddasa, spazju għall-operaturi li jġorru t-turisti bid-dgħajjes, parkeġġ u aċċess aħjar għall-għawwiema.

27 Bħalissa għaddejja ħidma sabiex il-Bajja ta' Għar Lapsi tingħata l-ħajja mill-ġdid wara l-ħsarat kbar li sofriet fil-maltemp ta' Jannar 2026. Qed jiġi assigurat li jitneħħa l-periklu miż-żona, isir xogħol sabiex terġa' tinħoloq slipway għad-dgħajjes u jingħata aċċess mill-ġdid lill-għawwiema. Wara se jsir pavimentar ġdid u s-sidien tal-kmamar se jiġu megħjuna sabiex tingħata dehra isbaħ u uniformi tal-post.

## Attrazzjonijiet turistiċi

28 Se nkomplu nużaw it-teknoloġija u l-intelliġenza artifiċjali biex intejbu l-esperjenza turistika li joffru l-mużewijiet ta' pajjiżna. Il-Mużew Marittimu fil-Birgu se jibda joffri esperjenza ġdida lill-viżitaturi permezz ta' wirjiet diġitali li jippreżentaw ir-rabta qawwija bejn l-istorja tal-gżejjer Maltin u l-baħar.

29 Għaddej restawr estensiv f'Villa Gwardamanġa f'Tal-Pietà. Il-viżitaturi mhux biss se jgawdu s-sbuħija ta' din il-binja u l-ġnien tagħha iżda se jkollhom ukoll l-opportunità li jitgħallmu affarijiet ġodda dwar il-perjodu tal-Ingliżi f'Malta.

30 Il-produzzjoni tal-inbid hija niċċa turistika importanti għal pajjiżna u fix-xhur li ġejjin se jitlesta l-mużew tal-inbid fiż-Żebbuġ, Għawdex. Iċ-Ċentru tal-Vitikultura tal-Buskett se jibda jinfetaħ għall-viżitaturi u se ntellgħu inizjattivi ma' wineries u produtturi lokali sabiex niġbdu aktar turisti li jkollhom passjoni għal dan is-settur.

31 Il-falkunerija hija tradizzjoni antika li reġgħet ingħatat il-ħajja mill-ġdid bis-saħħa tal-falkuniera Maltin. Se nikkollaboraw ma' dawn il-falkuniera u l-Malta Falconers Club sabiex il-wirjiet tal-falkunerija jittellgħu f'siti storiċi u postijiet oħra popolari mat-turisti.

## Niċeċ turistiċi li jagħmlu lil pajjiżna uniku

32 Is-settur tal-konferenzi kiber sostanzjalment u miegħu żdiedu wkoll il-faċilitajiet li jistgħu jintużaw għal dan l-iskop. Minkejja dan pajjiżna għad għandu bżonn post adegwat minn fejn isiru attivitajiet, fieri u konferenzi ta' ċertu kobor. Se nkunu qed naħdmu mas-settur privat sabiex jinbeda x-xogħol fuq ċentru ġdid tal-konferenzi li jkun jista' jilqa' fih attivitajiet internazzjonali li jattendu għalihom eluf ta' parteċipanti.

**33** L-iskejjel tal-Ingliż jattiraw għexieren ta' eluf ta' studenti lejn pajjiżna kull sena. Se naħdmu mal-operaturi fis-settur sabiex pajjiżna jiġbed numru akbar ta' studenti tal-Ingliż adulti. Dawn għandhom tendenza li jdumu aktar u jonfqu aktar.

**34** L-ikel Mediterranju huwa wieħed mill-attrazzjonijiet awtentiċi li jfittxu t-turisti meta jżuru pajjiżna. Se nniedu proġett ma' numru ta' bdiewa biex jipproteġi u jikkultiva prodotti lokali, fosthom il-larinġa ta' Malta, il-ġbejniet u l-għasel lokali. Dawn u oħrajn bħalhom huma prodotti mfittxija u rridu nagħtu l-opportunità lit-turisti li jgawdu minnhom matul iż-żjara tagħhom f'pajjiżna.

**35** Malta tista' tkun destinazzjoni kulinarja li tgħaqqad flimkien il-gastronomija, l-istorja u l-kultura. Se nissieħbu ma' aġenziji internazzjonali sabiex f'Malta norganizzaw avvenimenti li jlaqqgħu flimkien chefs lokali u barranin, kritiċi tal-ikel u esperti oħra mis-settur f'Malta.

**36** L-investiment li sar fil-faċilitajiet sportivi madwar Malta u Għawdex qed jagħtina l-opportunità li niġbdu turiżmu sportiv lejn Malta matul is-sena kollha. Se nkomplu nutilizzaw dawn il-postijiet bl-aħjar mod filwaqt li noħolqu faċilitajiet ġodda li permezz tagħhom nattiraw dixxiplini sportivi li jintlagħbu fuq ir-ramel.

**37** Aktar għaqdiet mhux governattivi se jiġu megħjuna sabiex iwettqu proġetti kulturali li jħarsu l-patrimonju Malti u jippromwovu l-identità Maltija. Hawnhekk se nagħtu prijorità lill-għaqdiet fl-irħula li joħolqu attrazzjonijiet turistiċi relatati ma' dik il-lokalità


13

# Għawdex gżira tal-villaġġi

Għawdex sar mutur ekonomiku li jiġbed investiment u joħloq impjiegi ta' kwalità. Il-politika tagħna hija bbażata fuq il-bilanċ bejn l-attività ekonomika u l-ħarsien tal-karatteristiċi uniċi tal-gżira. L-ambjent naturali u l-proċess tad-dikarbonizzazzjoni huma pilastri ewlenin fil-politika tagħna għal Għawdex. Iż-żmien li ġej se jkun wieħed eċitanti għal Għawdex, b'investiment qawwi fl-infrastruttura tal-gżira u tisħiħ tal-konnettività bil-baħar u bl-ajru.

# Gozo Channel b'xejn għall-passiġġieri

**01** Fl-aħħar snin pajjiżna sar wieħed mill-ewwel pajjiżi fid-dinja fejn it-trasport pubbliku huwa pprovdut b'xejn, inkluż it-trasport bil-baħar. Minbarra dawn is-servizzi, bosta Għawdxin u Maltin ikollhom jużaw il-vapur ta' Għawdex kuljum. Irridu nwettqu l-wegħda ta' trasport pubbliku b'xejn fl-intier tagħha u għalhekk is-servizz tal-vapur ta' Għawdex se jkun b'xejn għall-Maltin u l-Għawdxin kollha li jaqsmu bil-pass bejn iż-żewġ gżejjer.

**02** Bosta Għawdxin jużaw is-servizz tal-vapur t'Għawdex għall-ħtiġijiet ta' kuljum. Nemmnu li dawn ma għandhomx jistennew ħinijiet twal biex jirritornaw lura lejn djarhom. Ir-residenti Għawdxin se jkunu jistgħu jibbenefikaw minn priority boarding permezz ta' sistema ta' booking elettroniku.

**03** Is-sostenn finanzjarju mogħti lill-Għawdxin sabiex jivvjaġġaw lejn Malta għal skop ta' xogħol jew studju se jitla' minn €650 għal €800 fis-sena. Għawdxin li jaħdmu ħinijiet atipiċi jibbenefikaw minn €100 oħra addizzjonali.

# Il-pjan tagħna biex insaħħu l-konnettività bil-baħar bejn il-gżejjer

**04** L-introduzzjoni tal-fast ferry saħħet il-konnettività bejn il-gżejjer b'mod sinifikanti. L-attività f'Għawdex u n-numru rekord ta' passiġġieri li jaqsmu minn u lejn Għawdex ħolqu l-ħtieġa li tikber il-flotta tal-Gozo Channel. Ħdimna fuq pjan biex nindirizzaw iż-żieda fid-domanda permezz ta' investiment ta' €130 miljun biex il-flotta tal-Gozo Channel titla' għal ħames vapuri. Sal-aħħar ta' din is-sena l-Gozo Channel se toħroġ sejħa għall-offerti biex tixtri żewġ vapuri ġodda, wieħed li jkun jesa' 75 karozza u ieħor li jesa' 250 karozza.

**05** It-tliet vapuri eżistenti tal-Gozo Channel se jinżammu u jsir xogħol ta' retroffiting fuqhom.

**06** Il-vjaġġi bil-fast ferry fi tmiem il-ġimgħa se jibqgħu jsiru skont il-ħin tas-sajf matul is-sena kollha. L-estensjoni tas-servizz billejl se timpatta tajjeb l-attività turistika u dik kulturali filwaqt li tagħmilha aktar faċli għal min irid jaqsam bejn il-gżejjer biex jippjana u jivvjaġġa bil-kumdità.

**07** Se norganizzaw aħjar l-ispazju ta' barra t-terminal tal-Port tal-Imġarr u t-terminal tal-fast ferry fil-Belt Valletta biex niffaċilitaw il-moviment tal-passiġġieri u nnaqqsu l-konġestjoni tat-traffiku fiż-żona.

**08** Flimkien maż-żewġ vapuri ġodda, fil-leġiżlatura li jmiss se jibda jopera wkoll vapur għall-ġarr tal-merkanzija bejn il-Freeport, il-Port il-Kbir u Għawdex. Is-servizz tal-cargo ferry se jagħmel il-wisa' għal aktar passiġġieri u jnaqqas il-pressjoni minn fuq il-Port taċ-Ċirkewwa. Dan is-servizz se jtejjeb l-operat loġistiku tal-kumpaniji tal-merkanzija u jnaqqas mal-11,000 vjaġġ fis-sena mit-toroq tagħna.

**09** L-attività ekonomika f'Għawdex mistennija tkompli tikber. Jeħtieġ li ninvestu fl-infrastruttura tal-Port tal-Imġarr biex jilqa' għal din iż-żieda u jkompli jservi lill-komunità Għawdxija bl-aħjar mod. Twaqqfet task force sabiex taħdem fuq din il-kwistjoni u se nippreżentaw pjan strateġiku fit-tul li jagħmel l-aqwa użu mill-ispazju eżistenti, jikkonsidra estensjoni tal-port u jevita interventi li jagħmlu ħsara lill-ambjent.

**10** Iż-żieda fid-domanda għall-konnettività toħloq il-ħtieġa għal port alternattiv għall-passiġġieri. Il-bini tal-breakwater ġdid fil-port ta' Marsalforn se jippermetti s-servizz tal-fast ferry minn hemmhekk. L-użu ta' Marsalforn bħala terminus ieħor tal-fast ferry ifisser anqas ħin ta' stennija għall-passiġġieri, anqas konġestjoni tat-traffiku fiż-żona tal-Port tal-Imġarr u l-kontinwazzjoni tas-servizz f'każ ta' emerġenza.

**11** Nagħrfu l-inkonvenjent li jgħaddu minnu l-Għawdxin meta jinqabdu Malta minħabba maltemp estrem. L-iskema li tirrifondi spejjeż ta' akkomodazzjoni lill-Għawdxin li jinqabdu Malta meta jkun il-maltemp se tiddaħħal b'mod permanenti.

## Trasport pubbliku aktar effiċjenti

**12** Determinati li nkomplu ntejbu s-servizz tat-trasport pubbliku f'Għawdex. Se nintroduċu rotot ġodda, inżidu l-frekwenza tal-karozzi tal-linja fuq l-aktar rotot użati u nużaw karozzi tal-linja elettriċi iżgħar.

13 Fi tmiem il-ġimgħa se jibda jopera servizz ta' karozza tal-linja tard billejl minn Marsalforn u mix-Xlendi lejn il-Port tal-Imġarr.

14 Flimkien mal-introduzzjoni ta' rotot ġodda u aktar frekwenti, se jibda jopera s-servizz ta' Tallinja On Demand f'Għawdex. Il-passiġġieri se jkunu jistgħu jużaw din l-app biex jagħmlu booking tas-servizz u jkunu jistgħu jirkbu fuq waħda mill-vetturi iżgħar biex iwassluhom fid-destinazzjoni tagħhom direttament.

15 Beda jopera s-servizz ta' park-and-ride minn Ta' Xħajma għall-Port tal-Imġarr. Issa jmiss li nintroduċu rotta oħra lejn iċ-ċentru tar-Rabat u tnejn oħra fis-sajf minn Marsalforn u x-Xlendi. Dawn it-tliet rotot ġodda se jikkumplimentaw is-servizz speċjali li jiġi organizzat meta jittellgħu avvenimenti kbar.

16 Nemmnu fil-kunċett ta' trasport integrat f'Għawdex ukoll. It-tibdil fis-sistema tat-trasport pubbliku jrid jintegra l-iskeda tal-Gozo Channel, tal-fast-ferry u tal-air taxi flimkien. B'hekk il-pubbliku jgawdi minn trasport effiċjenti b'anqas ħin u skariġġ.

17 F'Għawdex se nkomplu bil-ħidma għar-riġenerazzjoni tal-pjazez u ċ-ċentri tal-irħula, fosthom ir-riġenerazzjoni tal-pjazza ta' Għajnsielem u l-ispazji fiċ-ċentri ta' Kerċem u ż-Żebbuġ. Is-sewwieqa jkunu jistgħu jużaw parkeġġi tal-karozzi 'l barra miċ-ċentri tal-irħula. B'hekk iċ-ċentri tal-irħula jinbidlu gradwalment f'żoni pedonali siguri u attraenti, fejn in-nies iqattgħu l-ħin u jiltaqgħu f'ambjent aktar seren.

## Konnessjoni bl-ajru bejn Malta u Għawdex

18 Il-konnettività bejn il-gżejjer se nsaħħuha mhux biss bil-baħar iżda bl-ajru wkoll. Issa li l-Awtorità tal-Ippjanar approvat il-proġett tal-Gozo Rural Airfield fil-limiti tax-Xewkija, se tkun qed toħroġ sejħa għall-offerti biex jibda x-xogħol fuq l-estensjoni tar-runway fuq art kommessa għall-iżvilupp. Dan l-investiment se jsaħħaħ il-konnettività bejn il-gżejjer u l-attività ekonomika f'Għawdex, bl-anqas impatt fuq l-ambjent u l-ħajja tar-residenti tal-madwar.

19 Hekk kif jitlesta x-xogħol fuq l-airfield se jibda jopera servizz ġdid ta' air taxi minn u lejn l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta b'numru ta' titjiriet kuljum. L-introduzzjoni ta' dan is-servizz toffri trasport alternattiv bejn il-gżejjer li jieħu madwar kwarta.

## Infrastruttura moderna għal Għawdex

20 Waħda mill-prijoritajiet ewlenin tagħna għal Għawdex hija l-bini ta' 100 triq ġdida fit-tliet snin li ġejjin. Diġà nbnew numru minn dawn it-toroq, inkluż xogħol ta' servizzi relatati mad-distribuzzjoni tal-elettriku, servizzi tal-ilma u d-drenaġġ. Il-bini ta' toroq ġodda se jagħti prijorità lil interventi maħsuba sabiex isaħħu l-ħażna tal-ilma u jevitaw l-għargħar.

21 Fl-aħħar ħames snin sar investiment sostanzjali fl-infrastruttura tat-toroq Għawdxin li kien maħsub biex inaqqas il-konġestjoni u jtejjeb il-fluss tat-traffiku, speċjalment fir-Rabat u ż-żoni tal-madwar. Wara li lestejna t-toroq ta' taħt iċ-Ċittadella, it-Triq ta' Wara s-Sur, il-junction fi Triq l-Imgħallem u l-bypass Ġorġ Pisani, se nlestu t-triq prinċipali bejn Marsalforn u r-Rabat. Sal-aħħar tal-2026 inkunu lestejna dan il-proġett maġġuri f'Għawdex.

22 Se ngħaddu servizzi ġodda u nibnu mill-ġdid diversi toroq arterjali fin-Nadur u l-Qala.

23 Bdejna nindirizzaw il-problema ta' nuqqas ta' parkeġġ fir-Rabat. Il-bini ta' parkeġġ taħt l-art bi ġnien fuqu fi Pjazza l-Assedju ta' Għawdex se joħloq 230 spazju għall-parkeġġ. Flimkien mal-ispazju għall-parkeġġ li se jinħoloq fil-Victoria Park, f'din iż-żona se nkunu ħloqna 600 spazju għall-parkeġġ taħt l-art.

24 Għawdex jippermetti użu aktar wiesa' ta' trasport alternattiv. Se noħolqu network ta' bike lanes siguri u mogħdijiet għall-mixi li jgħaqqdu l-villaġġi Għawdxin. L-ewwel fażi ta' din l-inizjattiva se tgħaqqad lix-Xagħra u x-Xewkija mar-Rabat bir-rota. Se ninstallaw 150 bicycle racks madwar Għawdex kollu.

25 Se nkomplu ninċentivaw il-qabża lejn trasport aktar sostenibbli f'Għawdex billi noffru skemi fuq vetturi elettriċi, inkluż muturi u pedelecs, imfassla apposta għal Għawdex. Dawn l-iskemi se jkunu kkumplimentati bit-tkomplija tal-installazzjoni ta' aktar charging pillars madwar Għawdex.

# Distribuzzjoni tal-enerġija

**26** Bħalissa l-provvista tal-elettriku lejn Għawdex tiddependi fuq tliet 33 kV cables. Irridu nsaħħu r-reżiljenza u l-istabbiltà tal-provvista tal-elettriku f'Għawdex u għalhekk se ninvestu f'submarine cable ġdid ta' 132 kV li jgħaqqad lil Għawdex ma' Malta.

**27** F'Għawdex ukoll se ninvestu f'ċentri tad-distribuzzjoni tal-elettriku ġodda. Se nibnu ċentri tad-distribuzzjoni ġodda f'Għajnsielem u Kerċem.

**28** Għawdex se jkun l-ewwel parti tal-pajjiż li jsir climate neutral. Se nagħtu inċentivi aktar b'saħħithom għal Għawdex relatati max-xiri ta' pannelli fotovoltajċi, sistemi ta' ħażna tal-enerġija u solar water heaters, fost oħrajn.

# Tkabbir Ekonomiku f'Għawdex

**29** L-Istrateġija għall-Iżvilupp Reġjonali ta' Għawdex tibqa' punt ċentrali ta' referenza għall-iżvilupp soċjoekonomiku ta' Għawdex. Fil-ħames snin li ġejjin se nintensifikaw l-implimentazzjoni tagħha billi jitwettqu xogħlijiet ta' infrastruttura, titjib fil-konnettività u tissaħħaħ id-dimensjoni reġjonali ta' Għawdex. Se niżviluppaw din l-istrateġija sabiex tirrifletti aħjar il-miri ta' Viżjoni Malta 2050 u jinħoloq indiċi tal-benesseri għal Għawdex li jkun separat minn dak maħsub fuq bażi nazzjonali.

**30** L-ekonomija Għawdxija se tkompli tikber b'pass aktar mgħaġġel minn dik ta' Malta, bi tkabbir ekonomiku xprunat minn turiżmu ta' kwalità, mis-settur diġitali, l-ekonomija l-ħadra u l-manifattura b'valur miżjud għoli. Il-mira tagħna hi li l-prodott domestiku gross ras għal ras ta' Għawdex jilħaq il-medja tal-Unjoni Ewropea.

31 Il-Gozo Rural Airfield huwa proġett ta' valur miżjud li se joħloq impjiegi ġodda b'potenzjal ta' 'l fuq minn €2 miljun fis-sena fl-ekonomija Għawdxija. Minbarra li se nattiraw aktar turisti ta' kwalità lejn Għawdex, it-tisħiħ tal-konnettitività bl-ajru se nsarrfuh f'diversifikazzjoni usa' tal-ekonomija Għawdxija. Se noħolqu inċentivi biex niġbdu operaturi fl-industrija tal-avjazzjoni u servizzi anċillari lejn Għawdex, bħall-ġarr ta' merkanzija bid-drones u akkademji tal-avjazzjoni.

32 Niżviluppaw pjan biex nintroduċu l-kunċett ta' logistics hub għal Għawdex, li jtejjeb il-ġestjoni u d-distribuzzjoni tal-merkanzija minn u lejn il-gżira. Dan iċ-ċentru jkun imfassal biex jikkonsolida l-operat loġistiku, jappoġġja negozji lokali, iżid l-effiċjenza u jnaqqas it-traffiku.

33 Irridu li Għawdex jibbenefika wkoll mill-ġid li jinħoloq mill-industrija tal-films. Il-cash rebate se jitla' għal 50% għal dawk il-films u produzzjonijiet li aktar minn 60% mix-xogħol li jsir fuqhom lokalment isir f'Għawdex.

# Għajnuna diretta lin-negozji f'Għawdex

34 Se nagħmlu l-aqwa użu tal-ispazju fil-Gozo Innovation Hub u nwaqqfu business lab biex ngħinu start-ups u negozji żgħar ikabbru l-operat tagħhom. Il-business lab se jservi ta' one-stop-shop għal negozji ġodda u oħrajn eżistenti u minnu se jirċievu sa €10,000 għajnuna f'business support services għall-applikazzjoni u l-ġestjoni ta' skemi, aċċess għal finanzjament, assistenza legali u gwida dwar ir-riżorsi umani u l-operat inġenerali.

35 Inniedu skema ta' rent subsidy biex ninċentivaw it-twaqqif u r-rilokazzjoni ta' start-ups u negozji żgħar f'Għawdex f'setturi ta' valur għoli li joħolqu impjiegi ta' kwalità bħall-AI, med-tech, l-enerġija rinnovabbli, agri-tech u video game development, li joħolqu impjiegi ta' kwalità. Dawn l-istart-ups se jirċievu sa €10,000 f'sussidju tal-kera fl-ewwel tliet snin li jwaqqfu jew jirrilokaw in-negozju tagħhom f'Għawdex.

**36** Inħejju lill-ħaddiema Għawdxin għall-bżonnijiet tal-ekonomija ta' għada. Nagħrfu li l-maġġoranza tan-negozji Għawdxin iħaddmu anqas minn għaxar ħaddiema u allura jsibuha bi tqila biex iħarrġu lill-ħaddiema mingħajr ma jħarbtu l-operat tagħhom. Irridu nħeġġu aktar negozji żgħar u medji jagħtu taħriġ ta' upskilling jew reskilling lill-ħaddiema tagħhom. Dawn se jirċievu sa €1,000 f'għajnuna għal kull ħaddiem li jħarrġu biex ikunu jistgħu jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa waqt il-ħin tat-taħriġ.

**37** L-iskema tal-Gozo Transport Grant se tiġi estiża għas-self-employed li jaħdmu fil-manifattura sabiex ngħinuhom itaffu parti mill-ispiża relatata mal-loġistika u l-ġarr ta' materjal u prodotti bejn il-gżejjer.

**38** Numru dejjem jiżdied ta' digital nomads qed jagħżlu li jgħixu f'Għawdex. Se noħolqu spazju li jintuża bħala digital nomad village u nsaħħu l-ekosistema ta' digital entrepreneurs, remote workers u freelancers  f'Għawdex.

**39** Noħolqu spazju fil-Belt Valletta biex niffaċilitaw in-networking għal start-ups u negozji Għawdxin. Dan il-post se jkun jista' jintuża sabiex jiltaqgħu ma' investituri u klijenti ġodda f'Malta.

**40** Nemmnu fl-ideat taż-żgħażagħ fil-Youth4Entrepreneurship Gozo. Se noħolqu opportunitajiet ta' seed funding, programmi strutturati ta' mentorship u assistenza biex jiżviluppaw l-ewwel prototipi.

## Turiżmu ta' kwalità f'Għawdex

**41** In-numru ta' turisti li jżuru Għawdex qiegħed jikber kull sena, tant li fl-2025 aktar minn 500 turist barrani kuljum qatta' minn tal-anqas lejl f'Għawdex. Se ninvestu mill-ġdid l-ekokontribuzzjoni miġbura f'Għawdex fi proġetti, iż-żamma u l-indafa tal-gżira bil-għan li nkomplu ntejbu l-prodott turistiku Għawdxi.

**42** Inkomplu nsaħħu l-Istitut tal-Istudji Turistiċi f'Għawdex billi nintroduċu u nespandu korsijiet speċjalizzati li jindirizzaw in-niċeċ partikolari tal-gżira. Dan jinkludi wkoll aktar kollaborazzjoni mal-industrija lokali, taħriġ prattiku u opportunitajiet ta' apprendistat.

43 Nappoġġjaw inizjattivi maħsuba biex is-settur tal-konferenzi f'Għawdex ikompli jikber u nagħtu appoġġ finanzjarju akbar għar-rinnovazzjoni u t-titjib ta' faċilitajiet li jospitaw fihom konferenzi, laqgħat u esebizzjonijiet.

44 Bil-ħsieb li nippromwovu aktar lil Għawdex bħala destinazzjoni ideali għall-għadis se nżidu l-attrazzjonijiet marittimi u ninvestu f'hyperbaric chamber ġdid u akbar fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.

# Il-pjan tagħna għas-servizz tas-saħħa f'Għawdex

45 Ħejjejna master plan għall-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u tlestew l-istudji ġeoloġiċi fuq is-sit. Fiż-żmien li ġej se toħroġ sejħa għall-offerti biex jibda x-xogħol fuq il-bini ta' sptar ġdid għal kura akuta li jkun jesa' 400 sodda. Il-pjan jinkludi wkoll il-bini ta' ċentru ġdid tal-anatomija, faċilità ġdida għar-riċerka u parkeġġ taħt l-art għall-użu tal-pazjenti u l-ħaddiema.

46 Se nkomplu nsaħħu l-infrastruttura u s-servizzi mogħtija mill-Isptar Ġenerali ta' Għawdex anke waqt li jkun għaddej ix-xogħol fuq l-isptar il-ġdid. Hawnhekk se noħolqu żewġ swali tal-operazzjonijiet ġodda, nirrinnovaw l-ante-natal u delivery suite u nirdoppjaw is-sodod fl-ITU. Dan l-investiment se jirriżulta f'aktar servizzi ġodda, titjib fl-effiċjenza u tnaqqis fil-ħinijiet ta' stennija.

47 L-Isptar Ġenerali ta' Għawdex se jkun fih taqsima ġdida għall-pazjenti b'dipendenza għolja, renal unit ġdid u taqsima għall-kura paljattiva.

48 Kabbarna d-Dipartiment tal-Kardjoloġija u bdejna x-xogħol fuq l-estensjoni tad-Dipartiment tal-Outpatient. Minn hawn se jibdew jiġu offruti disa' servizzi ġodda, inkluż fototerapija għal mard tal-ġilda, kirurġija plastika, klinika speċjalizzata fuq il-musrana u klinika speċjalizzata fuq il-mard tal-frixa. Il-laboratorju qiegħed jespandi biex joffri aktar testijiet u jservi ta' spalla għall-Isptar Mater Dei.

49 Bdejna noffru servizz avvanzat ta' CT scanners u MRI mill-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Installajna ultrasound machines, mammography machine ġdida u bone density machine ġdida. Se nkomplu nżidu l-effiċjenza tas-servizz permezz ta' photon-counting CT, teknoloġija oħra li se ttejjeb il-kwalità tas-servizz għall-pazjenti.

50 Fis-snin li ġejjin se nkabbru t-Taqsima tal-Onkoloġija biex aktar pazjenti bil-kanċer jirċievu l-kimoterapija f'Għawdex stess. Barra minn hekk, se nkomplu naħdmu mill-qrib ma' għaqdiet volontarji u nġibu aktar tagħmir sabiex pazjenti Għawdxin ikunu jistgħu jinqdew minn ġewwa djarhom stess, fosthom għoti ta' kimoterapija, flushes ta' porta-caths u tagħmir ieħor speċjalizzat.

51 Numru ta' mediċini ġodda, inkluż mediċini tal-kanċer, se jibdew jingħataw minn spiżerija ġdida fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Din se tkun mgħammra b'teknoloġija robotika li tipprepara l-kimoterapija fuq il-post. B'hekk pazjenti Għawdxin ikunu jistgħu jirċievu firxa wiesgħa ta' kimoterapija u imminoterapija f'Għawdex stess u mingħajr il-ħtieġa li jiġu Malta.

52 Sal-aħħar ta' din is-sena se jitlesta x-xogħol fuq il-bini ta' helipad ġdid. Il-ħelikopter jibda jitlaq mill-Isptar Ġenerali ta' Għawdex minflok mix-Xewkija u b'hekk jonqos il-ħin tal-vjaġġ lejn l-Isptar Mater Dei f'każijiet ta' emerġenza.

53 Se nużaw drones sabiex jinġarru mediċini, terapija, kampjuni u tessuti bejn l-Isptar Mater Dei u l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. B'hekk se jiġi ffrankat ħafna ħin, spejjeż u fuq kollox skariġġ għall-pazjenti.

54 Iċ-Ċentru tas-Saħħa fir-Rabat se jibda jopera erbgħa u għoxrin siegħa kuljum. Ir-residenti Għawdxin se jibdew jirċievu servizzi ta' radjografija minn dan iċ-ċentru.

55 Il-bereġ tas-saħħa jistgħu jaqdu numru ta' residenti Għawdxin viċin ta' darhom. Se ninvestu f'bereġ ġodda fix-Xagħra, in-Nadur u s-Sannat.

## L-edukazzjoni

56 Sal-aħħar tal-leġiżlatura li jmiss se nkunu mmodernizzajna l-iskejjel primarji kollha ta' Għawdex. Ftaħna l-iskola primarja ġdida fir-Rabat u bnejna mill-ġdid l-iskola primarja tad-Nadur. Sadanittant għaddej ix-xogħol fuq l-iskejjel primarji f'Ta' Kerċem u ż-Żebbuġ u se jibda x-xogħol fuq l-iskejjel Tas-Sannat u l-Għarb. La jitlestew dawn l-iskejjel se jkun imiss li jibda xogħol ta' rinnovar estensiv fuq l-iskejjel primarji fix-Xewkija, ix-Xagħra u San Lawrenz.

57 Se nkomplu ngħinu lill-istudenti Għawdxin li jistudjaw Malta u l-għajnuna mhux se tiffoka biss fuq it-traġitt bejn Malta u Għawdex. Fl-aħħar baġit żidna l-għotja lill-istudenti Għawdxin għal €280 fix-xahar biex ngħinuhom ilaħħqu mal-bżonnijiet finanzjarji relatati mal-istudji tagħhom. Din l-għotja se nkomplu nżiduha fil-leġiżlatura li jmiss sabiex tinżamm ir-relattività maż-żieda fl-istipendji.

58 Filwaqt li t-tfal se jibqgħu jattendu għal numru ta' sessjonijiet terapewtiċi ġewwa r-resource centre f'Tas-Sannat, se nifirxu dawn is-servizzi f'aktar skejjel. B'hekk  aktar tfal ikunu jistgħu jirċievu din it-terapija mill-iskola.

59 Noħolqu study area fil-kampus tal-Università ta' Malta f'Għawdex li tibqa' miftuħa sa tard filgħaxija. Studenti minn istituzzjonijiet postsekondarji differenti se jkunu jistgħu jużaw dan l-ispazju wkoll matul is-sena kollha.

60 Se niddedikaw aktar riżorsi sabiex aktar korsijiet full-time pprovduti mill-MCAST jiġu pprovduti f'Għawdex. L-enfasi tal-korsijiet tkun fuq ħtiġijiet kurrenti bħal ICT u AI.

61 Fl-aħħar snin komplejna naħdmu biex insostnu l-istorja ta' suċċess tal-kampus ta' Queen Mary University ġewwa Għawdex. Se naħdmu biex nattiraw istituzzjonijiet edukattivi oħra lejn Għawdex, inkluż skejjel privati u istituti speċjalizzati.

## L-isports f'Għawdex

62 Il-Padiljun Sportiv u Akkwatiku l-ġdid fir-Rabat poġġa lil Għawdex fuq ix-xena sportiva internazzjonali u diġà qed jiġbed lejh avvenimenti sportivi internazzjonali. Se nassiguraw li l-faċilitajiet ta' dan iċ-ċentru jintużaw waqt kompetizzjonijiet sportivi internazzjonali li jiġu organizzati f'Malta u oħrajn li jsiru kompletament f'Għawdex.

63 Fl-2022 ħadna deċiżjoni li nsiru membri fl-Island Games Association u l-atleti Għawdxin ġabu riżultati sodisfaċenti f'żewġ edizzjonijiet ta' dawn il-logħob li saru fl-2023 u fl-2025. Se nkomplu nagħtu l-appoġġ kollu meħtieġ lill-atleti Għawdxin sabiex niksbu riżultati tajbin fl-edizzjoni li jmiss ta' dawn il-logħob fl-2027.

64 Noħolqu Villaġġ Sportiv f'Ta' Xħajma li jikkumplimenta l-Padiljun Sportiv u Akkwatiku l-ġdid fir-Rabat. Minbarra xogħol ta' manutenzjoni fuq il-korsa taż-żwiemel, se noħolqu trakka moderna għall-atletika u faċilitajiet sportivi oħra.

65 Tlestew id-disinji relatati mat-titjib fil-faċilitajiet tax-shooting range fiż-Żebbuġ. Dan il-post se jinbidel f'kumpless modern li jkun jista' jattira diversi attivitajiet matul is-sena kollha, inkluż kompetizzjonijiet internazzjonali.

66 L-anzjani Għawdxin se jkollhom l-opportunità jieħdu sehem f'inizjattivi ta' attività fiżika u programmi sportivi apposta għalihom. Se naraw li aktar inizjattivi ta' din ix-xorta jiġu organizzati fil-Padiljun Sportiv u Akkwatiku u b'hekk l-anzjani wkoll igawdu minn dan l-investiment sportiv ġewwa Għawdex.

# Futur sabiħ għas-setturi tal-arti u l-kultura f'Għawdex

67 Is-suċċess ta' Valletta 2018 ħoloq opportunitajiet għall-artisti tagħna, żieda fil-parteċipazzjoni kulturali, investiment fl-irħula, turiżmu u tisħiħ tal-ekonomija kreattiva u kulturali. Irridu li Għawdex igawdi minn opportunitajiet simili ġaladarba l-Belt Victoria ssir Kapitali Ewropea tal-Kultura fl-2031. Gvern Laburista jwiegħed l-appoġġ sħiħ finanzjarju u interministerjali sabiex din l-applikazzjoni tirnexxi. Din il-kandidatura hi opportunità ta' darba f'ġenerazzjoni u tirrappreżenta investiment strateġiku b'valur miżjud fil-futur kulturali u ekonomiku ta' Għawdex.

68 B'antiċipazzjoni għall-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031 u biex insaħħu l-infrastruttura kulturali, se nidentifikaw sit biex niżviluppaw studio spaces għall-artisti. Dan ikun jinkludi fih fab labs għal artisti li jaħdmu fl-injam, il-ġebel, il-ħadid u 3D printing, fost oħrajn.

69 F'Għawdex hemm bżonn aktar spazji u għodod li jgħinu disinjaturi, artiġjani, arkitetti, intraprendituri kreattivi u studenti jiżviluppaw il-proġetti tagħhom. Se noħolqu ċentru multidixxiplinarju għall-arti, id-disinn u l-kreattività fil-qalba tal-komunità Għawdxija, spazju fejn l-ideat isiru realtà, mill-fażi tal-kunċett sal-prodott finali.

70 Irridu nagħtu serħan il-moħħ lill-organizzaturi tal-Karnival, ċelebrazzjoni li saret parti essenzjali tal-identità Għawdxija. Identifikajna sit adegwat fix-Xewkija sabiex fih jinbnew faċilitajiet biex jintużaw mid-dilettanti tal-Karnival. Dan is-sit se jintuża wkoll minn għaqdiet volontarji Għawdxin sabiex iżommu l-vetturi tagħhom jew oġġetti oħra fih.

71 Ir-Rabat se jiġi rreklamat bħala opera city sabiex jiġbed lejh Maltin u barranin li jqattgħu ġranet f'Għawdex speċifikament għal dan il-għan. Se nkomplu nassistu lit-teatri f'Għawdex permezz ta' skemi u għajnuniet iddedikati speċifikament għal dan is-settur, speċjalment l-opri.

72 Din is-sena se jiftaħ il-Mużew ta' Għawdex fir-Rabat. Dan il-post se jservi bħala ċentru ta' identità storika u kulturali tal-gżira Għawdxija. Fost l-attrazzjonijiet uniċi li se jiġu esebiti f'dan il-mużew, se tinħoloq esperjenza immersiva dwar l-istorja tal-bastiment uniku taż-żmien il-Feniċi li jinsab f'qiegħ il-baħar fix-Xlendi.

73 Inkomplu ninvestu fil-konservazzjoni tal-wirt storiku ta' Għawdex permezz ta' xogħol ta' restawr f'diversi siti fir-Rabat, fosthom il-binja tal-Kurja, iċ-Ċimiterju ta' Santa Marta u l-faċċata tal-Kunvent ta' Santu Wistin.

74 Għawdex għandu jkompli jgħożż u jippriserva l-identità u t-tradizzjonijiet tiegħu. Se naħdmu mal-kunsilli lokali sabiex jingħata taħriġ interġenerazzjonali minn anzjani Għawdxin dwar ħiliet kulinarji tradizzjonali, il-bizzilla, l-artiġjanat lokali, il-presepji, in-nases tas-sajd, statwi u x-xogħol fil-qasab, fost oħrajn.

## Ambjent isbaħ f'Għawdex

75 Victoria Park se jkun l-akbar spazju miftuħ f'żona urbana ġewwa Għawdex. Hekk kif ingħalaq il-proċess għas-sejħa għall-offerti se jibda x-xogħol biex dak li sal-lum huwa parkeġġ bit-tarmak jinbidel f'park għall-familja b'parkeġġ taħt l-art u football ground ġdid.

**76** Fil-leġiżlatura li jmiss se jitlesta x-xogħol fuq Ulysses Grove fix-Xewkija. F'dan il-post se jitħawlu aktar siġar indiġeni u jinħoloq aċċess pubbliku mtejjeb li jgħaqqad bnadi differenti tal-post. Dan is-sit se jiġi ttrasformat f'park modern li jinkludi wkoll żona elevata għal-logħob u attivitajiet fiżiċi.

**77** Għawdex ukoll se jibbenefika mis-sejħa għall-proġetti ambjentali taħt il-Community Greening Grant. Ma' dawn se jitlestew ukoll ix-xogħlijiet fuq l-eco-garden fix-Xewkija u l-ġnien u l-faċilitajiet għall-ħażna tal-ilma f'Għajnsielem.

**78** Il-Batterija tal-Qolla l-Bajda fil-Qbajjar ġiet ittrasferita lil Din l-Art Ħelwa sabiex ikun jista' jsir ir-restawr tagħha. Jixraq li ż-żona ta' madwar din il-binja storika wkoll tiġi rriġenerata. Għalhekk se nagħmlu xogħlijiet ta' tindif, tisbiħ u installazzjoni ta' faċilitajiet għall-użu tal-familji b'rispett sħiħ lejn il-kuntest ambjentali sensittiv fil-madwar.

**79** Se nkomplu r-restawr ta' diversi siti naturali u storiċi f'Għawdex, fosthom Għar Gerduf u l-akwedotti fil-limiti ta' Kerċem, Ħondoq ir-Rummien u l-Għar ta' Calypso fix-Xagħra.

**80** Irridu nipproteġu diversi lokalitajiet u siti storiċi li huma esposti għall-elementi tan-natura. Għalhekk se nagħmlu monitoraġġ u interventi li jipproteġu l-blat li jħares fuq il-kappella tal-Lunzjata u ż-żona ta' madwar t-Torri ta' Kenuna fin-Nadur.

**81** Intellqu programm estensiv ta' manutenzjoni u tisbiħ fuq diversi ġonna f'Għawdex, inkuż Ġnien il-Ħaddiem fix-Xewkija, Ġnien Ċensu Xiberras f'Ta' Kerċem u Ġnien il-Maġistrat Salvu Attard fil-Qala.

**82** Se nagħmlu interventi biex inkabbru l-partijiet bir-ramel fil-Bajja tax-Xlendi u l-Bajja ta' Marsalforn.

**83** Inkomplu nsaħħu l-iskema għall-kunsilli lokali Għawdxin li jagħmlu xogħol ta' pavimentar fi sqaqien, restawr ta' statwi u niċeċ, kif ukoll preservazzjoni ta' estetika tipikament Għawdxija.

**84** Fl-aħħar snin tħawlu mijiet ta' siġar fi bnadi differenti madwar Għawdex. Fix-xhur li ġejjin se nlestu l-proġett ta' afforestazzjoni li bdejna fiż-żona tal-Għolja tal-Għammar ħdejn is-Santwarju Ta' Pinu. Dan huwa proġett li jinvolvi t-tħawwil ta' 900 siġra fuq medda ta' art ta' aktar minn 8,000 $m^2$.

# Servizzi lit-tfal u l-familji f'Għawdex

85 Gvern Laburista fetaħ l-Aġenzija Sapport u l-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà ġewwa Għawdex. Issa jmiss li f'Għawdex jkun hemm aktar ċentri ta' respite u independent living centre minn fejn persuni b'diżabbiltà jkunu jistgħu jingħataw assistenza f'Għawdex stess. B'hekk nassiguraw li s-servizzi kollha pprovduti f'Malta jkunu aċċessibbli wkoll f'Għawdex.

86 Immodernizzajna s-servizzi u t-terapiji mogħtija lit-tfal miċ-Child Adolescent and Youth Services fir-Rabat. Dawn is-servizzi se nkomplu nsaħħuhom minn binja ġdida li tkun mgħammra bl-aqwa faċilitajiet, fosthom robotic physiotherapy devices u hydrotherapy pool.

87 Programmi immirati għal żgħażagħ b'diżabbiltà li għandhom bejn 16 u 21 sena se nibdew noffruhom f'Għawdex ukoll. Il-programmi jaħsbu wkoll f'persuni li ma jistgħux joħorġu jaħdmu minħabba d-diżabbiltà tagħhom. Dawn se jkunu jistgħu jattendu programm terapewtiku u jitgħallmu ħiliet bażiċi li jgħinu persuni b'diżabbiltà jgħixu ħajja indipendenti kemm jista' jkun.

88 Nittrasformaw parti mill-binja li qabel kienet l-Iskola Primarja tar-Rabat fil-Vajringa Centre for Music and the Arts. Dan il-post se joffri sessjonijiet ta' terapija u jgħin tfal u żgħażagħ b'diżabbiltà jesprimu ruħhom permezz tal-arti u l-mużika.

89 Se nirrinnovaw l-appartamenti f'Dar Emmaus u nżidu n-numru ta' sodod biex nagħtu servizz aħjar lill-vittmi ta' vjolenza domestika u persuni oħra li jispiċċaw bla saqaf fuq rashom.

# Il-Qorti ta' Għawdex

90 Issa li ġie identifikat u nxtara sit biex iservi ta' Qorti ta' Għawdex, se jibda x-xogħol sabiex din il-binja tiġi ttrasformata f'qorti moderna u li taqdi l-ħtiġijiet ta' dan is-settur. Il-Qorti ta' Għawdex huwa impenn ċar li niggarantixxu aċċess ugwali għall-ġustizzja għaliex se nibdew inwasslu servizzi ġodda f'Għawdex li kienu jingħataw f'Malta biss.

91 Il-binja l-ġdida tal-Qorti t'Għawdex se tinkludi wkoll żona ddedikata għall-vittmi u l-minuri sabiex dawn ikollhom is-sensittività li jkollhom bżonn waqt il-proċeduri.

**92** Se noħolqu helpdesk speċjalizzat sabiex kull min jidħol fil-Qorti jkun jista' jingħata gwida u informazzjoni b'mod immedjat.

**93** Fl-aħħar leġiżlatura daħħalna fis-seħħ id-dritt li l-Għawdxin jagħmlu kawżi Kostituzzjonali f'Għawdex stess. Il-pass li jmiss huwa li l-Qrati Superjuri Ċivili f'Għawdex ikunu ppreseduti minn imħallef ukoll.

**94** Fil-leġiżlatura li jmiss se nkomplu nassiguraw li jissaħħaħ l-aċċess għas-servizz tal-ġustizzja bi ftuħ ta' uffiċċju tal-Aġenzija tal-Għajnuna Legali f'Għawdex.

## Il-biedja f'Għawdex

**95** Fl-aħħar leġiżlatura ħdimna biex niftħu l-Pitkalija ta' Għawdex tax-Xewkija mill-ġdid. Se nagħmlu aktar investiment f'din il-binja sabiex inkomplu nnaqqsu l-ispejjeż u l-iskariġġ għall-bdiewa Għawdxin filwaqt li l-prodotti tagħhom jaslu friski kemm jista' jkun għand il-konsumatur.

**96** Il-produzzjoni ta' new water f'Għawdex se tikber konsiderevolment bis-saħħa ta' investiment ta' €25 miljun fl-impjant tat-trattament tad-drenaġġ f'Ras il-Ħobż. L-impjant se jkun jista' jlaħħaq mal-ħtiġijiet li għandha l-gżira filwaqt li jirdoppja l-ġenerazzjoni ta' ilma li jkun jista' jintuża mill-bdiewa għat-tisqija.

## Servizzi pubbliċi f'Għawdex

**97** Iċ-ċentru amministrattiv tal-Gvern fir-Rabat se jiġi mmodernizzat biex ikun jista' jaqdi l bżonnijiet taċ-ċittadini. Din il-binja se tinbidel f'ċentru amministrattiv attrezzat biex jaqdi l-funzjoni ta' one-stop-shop minn fejn jingħataw is-servizzi tal-Gvern bl-aktar mod effiċjenti.

**98** Saħħaħna l-operat u s-servizzi tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili f'Għawdex. Fis-snin li ġejjin se ninvestu fi stazzjon tat-tifi tan-nar ġdid minn fejn inkunu nistgħu nipprovdu servizz aqwa u noffru ambjent aħjar għall-ħaddiema. Fil-leġiżlatura li jmiss se nipprovdu post aħjar minn fejn topera s-sezzjoni marittima tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili f'Għawdex.

**99** Is-servizz ta' emerġenza veterinarja se nestenduh f'Għawdex sabiex tkun tista' tingħata assistenza immedjata hemmhekk ukoll. Barra minn hekk se nsaħħu l-operat tad-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali f'Għawdex permezz ta' tagħmir ġdid u ambulanza li tassisti annimali morda jew korruti bl-aħjar mod.

**100** Wettaqna proċess ta' konsultazzjoni wiesgħa fuq il-kwistjoni tal-iskart ġewwa Għawdex, partikolarment l-isfidi relatati ma' proprjetajiet li jintużaw fi tmiem il-ġimgħa biss. Se ndaħħlu miżuri addizzjonali relatati mal-ġbir tal-iskart, fosthom l-installazzjoni ta' żewġ underground bins f'postijiet addattati ġewwa Għawdex.



14

# Pajjiż sabiħ

L-ambjent għandu rabta diretta mal-benesseri tan-nies. Jeħtieġ li n-nies ikollhom spazju fejn jirrilassaw u jqattgħu ħin mal-familji tagħhom. Fl-aħħar snin pajjiżna esperjenza investiment fl-ambjent li qatt ma sar bħalu qabel. Meded kbar ta' art inbidlu fi spazji għall-familji u postijiet li setgħu jiġu żviluppati qed jinbidlu fi spazji miftuħa għan-nies. Determinati li nwettqu proġetti ambjentali kbar li jibqgħu jgawdu minnhom il-ġenerazzjonijiet ta' warajna.

# L-akbar investiment fl-ambjent ta' pajjiżna

**01** Iddeċidejna li l-White Rocks jinbidel f'park naturali minflok ma jiġi żviluppat. Dan huwa sit ta' 369,000 m² li stajna nagħtuh lill-pubbliku għax għandna ekonomija li sejra tajjeb u nistgħu nagħtu prijorità lill-ambjent. Hawnhekk diġà tneħħew għaxar tunnellati ta' skart u se nkomplu naħdmu sabiex nirrestawraw l-abitat naturali tal-post. Fl-istess waqt se jkun qed isir it-tibdil meħtieġ sabiex dan il-post jitħares darba għal dejjem mill-iżvilupp.

**02** Wara jkun imiss li nagħmlu l-manutenzjoni meħtieġa fuq il-binjiet eżistenti sabiex dawn jibdew jintużaw min-nies skont ix-xewqat espressi fil-konsultazzjoni pubblika, fosthom l-edukazzjoni, l-arti, ir-riċerka u l-innovazzjoni. Irridu li n-nies iqattgħu ħinijiet itwal f'dan il-post u se noħolqu picnic areas u faċilitajiet relatati mal-attività fiżika, fosthom mountain biking, hiking u obstacle course racing.

**03** Fix-xhur li ġejjin se jibda r-restawr tal-Forti Campbell. Hawnhekk se jinħoloq spazju għall-camping, żoni ta' rikreazzjoni għall-kbar u t-tfal u mogħdijiet siguri maħsuba biex iħeġġu lil dak li jkun sabiex jimxi u jgawdi l-veduti sbieħ li joffri dan il-post.

**04** Żviluppajna parks madwar il-pajjiż kollu u determinati li ż-żona tal-Ħamrun ukoll ikollha park naturali għat-tgawdija tan-nies. Il-Malta Dairy Products ingħatat sit alternattiv fejn tiżviluppa impjant għall-produzzjoni tal-ħalib. Dan kien pass importanti sabiex jitwettaq il-pjan tagħna li dan l-ispazju jinbidel fi proġett ambjentali, b'mijiet ta' siġar u pjanti flimkien ma' tagħmir fejn wieħed jistrieħ u jagħmel l-eżerċizzju fiżiku.

# Manoel Island lura għand in-nies

**05** Gvern Laburista fehem ix-xewqat tal-poplu u l-ħtiġijiet taż-żona ta' madwar il-Port ta' Marsamxett. Fi ftit xhur wettaqna x-xogħol kollu biex Manoel Island jiġi rritornat lura lill-poplu. Dan huwa eżempju ieħor kif Gvern Laburista sewwa l-iżbalji ta' amministrazzjonijiet Nazzjonalisti. Irridu nħarsu lil din iż-żona għall-ġenerazzjonijiet futuri u għalhekk se nagħmlu bidliet fil-pjan lokali sabiex ma jkunx jista' jsir żvilupp fuq Manoel Island.

**06** Iż-żoni naturali ta' Manoel Island, inkluż l-ispazji ħodor u l-bajjiet, se jiġu rritornati lura fl-istat naturali tagħhom. Hekk kif għalaqna n-negozjati sabiex Manoel Island jerġa' jsir post pubbliku, se jkun qed jibda xogħol ta' tindif estensiv mal-gżira kollha. Dan ix-xogħol għandu jwassal għal mogħdijiet aċċessibbli għall-mixi, spazji għall-picnics, faċilitajiet għall-għawwiema u t-tħawwil ta' mijiet ta' siġar madwar il-gżira.

**07** L-idea tagħna għal Manoel Island hija li nittrasformawha f'pulmun aħdar fl-aktar żona urbanizzata tal-pajjiż. Din se tintuża għal skop komunitarju fejn wieħed ikun jista' jistrieħ u jgawdi l-ambjent. Il-kosta tal-gżira, l-ispazji miftuħa u l-bajjiet se nagħmluhom aċċessibbli kemm jista' jkun sabiex fihom isiru attivitajiet relatati mal-benesseri tan-nies. Il-post se jkun fih tracks għall-ġiri, faċilitajiet għall-isports tal-baħar u spazji attrezzati għal attivitajiet ta' rilassament, fosthom il-meditazzjoni, il-yoga u l-qari.

**08** Se nżommu l-wegħda tagħna mar-residenti Gżirjani. F'Manoel Island se niddedikaw ukoll spazju għall-pitch tal-football u pitch tal-boċċi fil-parti li qed tintuża għal skopijiet sportivi.

**09** Manoel Island mhuwiex biss park naturali iżda wkoll wirt storiku mill-isbaħ. Il-Forti Manoel se tibda tintuża għal skop artistiku, kulturali u edukattiv filwaqt li se nibdew ir-restawr tal-Lazzarett. Din il-binja trid tingħata l-ħajja mill-ġdid sabiex tintuża b'mod sostenibbli u ssir parti mill-esperjenza unika li joffri dan il-post.

# Governanza ambjentali

10 Minkejja li hemm rabta importanti bejn l-ambjent u l-ippjanar, nemmnu li wasal iż-żmien li nindirizzaw appelli minn deċiżjonijiet li jolqtu l-ambjent b'aktar ħeffa. It-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar se jinqasam fi tnejn sabiex ikun hemm tribunal separat iffokat biss fuq kwistjonijiet ambjentali.

11 Ir-rationalisation zones kienu meded kbar ta' art li ddaħħlu fiż-żoni tal-iżvilupp bħala parti mill-pjanijiet lokali tal-2006. Għad fadal ammont konsiderevoli ta' artijiet li ma ġewx żviluppati. Gvern Laburista jikkommetti ruħu li artijiet pubbliċi li jinsabu f'dawn iż-żoni ma jiġux żviluppati għal skop spekulattiv.

12 Se nagħmlu l-emendi legali meħtieġa sabiex il-parks u ġonna li ħloqna fl-aħħar snin jiġu mħarsa mill-iżvilupp. Dan jgħodd l-aktar għal dawk l-artijiet li kienu żviluppabbli u ġew ittrasformati fi spazji miftuħa.

13 Qed inwettqu proġetti ambjentali f'siti tal-Gvern li setgħu jiġu żviluppati u mibnija, fosthom ġonna f'Ħal Lija, Ħal Kirkop u s-Swieqi. Saru wkoll arranġamenti ma' sidien privati sabiex ikunu jistgħu jinħolqu spazji miftuħa f'Ħal Luqa u fiċ-ċentru tal-Fgura. Se jiġu identifikati artijiet oħra sabiex jiġu ddedikati għal spazji miftuħa eqreb ta' fejn wieħed jgħix jew jaħdem.

# Poplu li jgawdi l-kampanja

14 Ġbarna l-informazzjoni kollha dwar parks, ġonna u spazji miftuħa madwar il-pajjiż fl-app Parks in Malta. Din il-pjattaforma qed tintuża minn numru dejjem akbar ta' nies u tipprovdi wkoll informazzjoni dwar attivitajiet għall-familja li jkunu se jsiru f'dawn il-postijiet. Se nkomplu nżidu informazzjoni dwar postijiet rurali oħra madwar Malta flimkien ma' rotot fi spazji pubbliċi addattati għall-hiking u trekking.

15 Qed inwettqu ħidma estensiva sabiex il-ġonna tal-Floriana u ta' Tal-Pietà jingħaqdu f'forma ta' green network li tipprovdi aċċess komdu u sigur għal min iżurhom. Fl-2023 tlestiet l-ewwel fażi tax-xogħlijiet fi Ġnien San Filippu u qed nippjanaw li nagħmlu xogħol ta' restawr ieħor. Sadattant inbeda xogħol ieħor fil-Ġnien tal-Pinetum u nħarġu l-permessi sabiex isiru xogħlijiet oħra ta' riġenerazzjoni fil-Ġnien tal-Milorda.

16 Inbeda l-proċess tal-ippjanar sabiex f'Wied Dalam noħolqu spazju aċċessibbli għall-familji. Ix-xogħol fuq dan is-sit se jara t-trasformazzjoni ta' sit militari f'żona ta' importanza ekoloġika minn fejn jittellgħu inizjattivi ta' edukazzjoni ambjentali.

## Parks naturali madwar il-pajjiż kollu

17 Miexi ġmielu x-xogħol fuq il-Park tal-Inħawi fil-Fgura. Dan se jkun spazju aħdar ieħor ta' 40,000m$^2$ li se joffri ambjent ta' rilassament, passaġġi pedonali u faċilitajiet għat-tfal. Il-proġett se jinkludi wkoll spazju għall-parkeġġ u se jgħaqqad din iż-żona mal-Park ta' San Klement f'Ħaż-Żabbar.

18 Il-Park ta' Bengħajsa huwa żona naturali b'eluf ta' siġar li fetaħ fl-2023. Il-park inħoloq wara deċiżjoni li kien ħa l-Gvern Laburista li jikkonverti spazju industrijali fi spazju aħdar għall-familji. Dan il-post qed inkabbruh b'7,000m$^2$ ieħor u fil-leġiżlatura li jmiss se nkomplu naħdmu sabiex l-ispazju li jgawdu minnu l-familji jerġa' jikber sostanzjalment.

19 Il-Park Nazzjonali tas-Salina huwa post fejn il-pubbliku jista' jgawdi l-ġmiel tan-natura mingħajr ma jħalli impatt fuq l-ekosistemi naturali taż-żona. Fiż-żmien li ġej se nkunu qed inkabbru dan il-park, nirrestawraw ir-razzett, noħolqu mogħdijiet ġodda u nħawlu aktar siġar.

20 Se nwettqu l-aħħar fażi tax-xogħlijiet fuq il-Park Nazzjonali ta' Ta' Qali, inkluż il-ħolqien ta' jogging u cycling track ta' madwar tliet kilometri. Tlesta wkoll ix-xogħol preparatorju sabiex fix-xhur li ġejjin isir xogħol ieħor fil-picnic area, inkluż l-installazzjoni ta' sistema tad-dawl, għamara ta' barra, żewġ ġwiebi għall-ħażna tal-ilma u interventi li jkomplu jindirizzaw l-għargħar.

21 Waqqafna t-trattament tal-iskart f'Marsaskala u żarmajna għalkollox l-Impjant ta' Sant'Antnin. Minfloku qed noħolqu park ta' madwar 23,800m$^2$ li se jinvolvi t-tħawwil ta' siġar maturi u l-ħolqien ta' għadira, spazju għar-rilassament, ċentru għat-tagħlim u spazju għall-esebizzjonijiet. Il-park se jinkludi wkoll serra b'varjetà kbira ta' pjanti li toffri esperjenza edukattiva unika għal min iżurha.

22 Pembroke għandu fost l-isbaħ spazji miftuħa ġewwa pajjiżna. Hawnhekk se noħolqu l-Park ta' San Patrizju b'xogħlijiet li jinvolvu tindif estensiv tal-ispazju viċin is-sit ta' Natura 2000, il-ħolqien ta' spazju għall-picnics u passaġġi aktar aċċessibbli.

23 L-ispazju madwar il-Fortizza Delle Grazie fix-Xgħajra se nittrasformawh f'park li jikkumplimenta din il-binja storika. Il-park se jinkludi spazju għar-rikreazzjoni, tħawwil ta' siġar ġodda u faċilitajiet għal outdoor events.

## Inħarsu l-widien ta' pajjiżna

24 F'Wied Inċita ħloqna park naturali ta' 20 tomna li llum iżuruh eluf ta' familji matul il-ġimgħa kollha. Irridu li aktar nies isibu l-mistrieħ tagħhom f'dawn iż-żoni naturali. Bħalissa qed nagħmlu xogħol sabiex dan il-park jikber b'7,000m$^2$ ieħor. It-tielet fażi ta' dan il-proġett se tibda fil-leġiżlatura li jmiss u l-park ikun jista' jerġa' jitkabbar b'aktar minn 70,000m$^2$ ieħor. Ix-xogħol se jinkludi aktar spazju għall-familji, restawr ta' ħitan u tħawwil ta' siġar tal-frott.

25 Wied Blandun huwa ġawhra naturali li jgħaqqad il-Fgura, Bormla u Raħal Ġdid. Se nagħmlu xogħol fih sabiex jitnaddaf, jiġi ppriservat l-abitat naturali u jitneħħew siġar invażivi. Barra minn hekk se ssir manutenzjoni tal-mogħdijiet bejn il-Fgura u Għajn Dwieli sabiex dawn ikunu jistgħu jintużaw bil-mixi jew bir-rota.

26 Wied il-Qlejgħa ngħata dehra isbaħ, inħolqot mogħdija għall-mixi ta' żewġ kilometri u sar xogħol ta' manutenzjoni estensiv biex tiżdied il-ħażna tal-ilma. Fil-leġiżlatura li jmiss se nibdew it-tieni fażi tax-xogħlijiet f'Wied il-Qlejgħa sabiex inkunu wettaqna riġenerazzjoni tul il-parti kollha użata mill-pubbliku u l-bdiewa tal-madwar.

27 Wettaqna xogħlijiet ta' riġenerazzjoni f'Wied Speranza u l-pubbliku jista' jimxi tul mogħdijiet li jgħaqqdu dan il-wied ma' Wied il-Qlejgħa. Se nwettqu xogħlijiet simili f'Wied il-Għasel u b'hekk noħolqu mogħdija waħda għall-pubbliku li tgħaqqad dawn it-tliet widien f'daqqa.

# Irħula b'ambjent sabiħ

**28** Se nirrestawraw il-pumping station tad-drenaġġ tal-Gżira li hija binja skedata fi Grad 1. L-art ta' madwar il-binja se tiġi ttrasformata fi ġnien, jinħolqu spazji għall-familji u fiha jitħawlu mijiet ta' siġar u pjanti.

**29** Parti oħra miż-żona tal-bosk tal-Imtarfa se jsirulha xogħlijiet biex tiġi msebbħa, jiżdiedu l-passaġġi tal-mixi, jitħawlu siġar indiġeni u jkun hemm mogħdija li tgħaqqad din iż-żona ma' Ġnien is-27 t'April.

**30** Ix-xogħol fuq is-sit ta' Bormla fejn kien se jsir id-dormitorju tal-AUM se jibda din is-sena. Dan l-ispazju miftuħ se jinvolvi t-tħawwil ta' siġar u arbuxelli, loġoġ li jikkumplimentaw il-wirt storiku tal-madwar, bandli u outdoor gym. Il-proġett jinvolvi wkoll parkeġġ taħt l-art sabiex jaqdi l-ħtiġijiet tar-residenti tal-madwar u dawk li jżuru Bormla u l-Isla.

**31** Ix-xogħlijiet fuq il-proġett taċ-ċentru ta' San Ġwann se jibdew fix-xhur li ġejjin. L-ewwel fażi tax-xogħlijiet tinvolvi l-kostruzzjoni ta' parkeġġ taħt l-art. Wara jibda x-xogħol sabiex l-ispazju ta' quddiem il-knisja ma jibqax jintuża għall-karozzi u minfloku jinħoloq ġnien spazjuż fil-qalba ta' San Ġwann.

**32** Il-ġonna ta' Sant'Anton huma pulmun aħdar għal Ħ'Attard u l-bqija taċ-ċentru tal-pajjiż. Bdejna x-xogħol sabiex dan il-post jinżamm fl-istat li jixraqlu, b'restawr tal-passaġġi, il-ħitan u l-funtani. Wara jsir ukoll restawr tal-konservatorju sabiex dan jibda jintuża mill-ġdid għat-tkabbir ta' pjanti differenti.

**33** Is-siġar fi spazji urbani jagħtu dehra isbaħ, joħolqu d-dell u jnaqqsu s-sħana. Se nibdew inizjattiva ta' tħawwil ta' siġar f'toroq ewlenin. Is-siġar se jkunu addattati għal żoni bħal dawn u jitħawlu b'tali mod li ma jnaqqsux l-ispazju rriservat għall-parkeġġ.

**34** Hekk kif jitlesta x-xogħol fuq il-proġett tal-Imsida Creek, se nkunu nistgħu niffukaw fuq it-twettiq tat-tisqif taż-żona ta' barra l-mina ta' Santa Venera. L-għan ta' dan il-proġett huwa li joħloq spazju miftuħ b'numru ta' siġar ġodda f'din iż-żona urbana u traffikuża.

**35** Bħalissa qed jitlestew l-istudji tekniċi b'rabta mal-vija tal-ilma fi Triq il-Qasab f'Birkirkara. Wara jkun jista' jibda x-xogħol fuq spazju miftuħ simili għal dak li wettaqna fi Ġnien il-Wied ta' Ħal Qormi, bi tħawwil ta' siġar u faċilitajiet għat-tfal u l-eżerċizzju fiżiku.

**36** Irridu li l-ħolqien ta' ġonna u spazji miftuħa jippromwovu s-sostenibbiltà, speċjalment fil-ħażna u l-użu tal-ilma. Fix-xhur li ġejjin se nibdew ix-xogħol fuq il-manutenzjoni tal-ġibjuni li hemm fiż-żona Ta' Mlit fil-Mosta u fil-bypass tal-Imqabba. Dawn mhux biss se jibdew jaħżnu ammont akbar ta' ilma iżda se jinħolqu ġonna fl-ispazju ta' fuqhom.

**37** Fl-2023 nidejna l-Community Greening Grant u ġew allokati €10 miljun sabiex jitwettqu proġetti ambjentali fil-komunità. Ġiet irriġenerata ż-żona ta' madwar ir-riserva naturali tas-Simar u f'Santa Venera nħoloq ġnien attrezzat għal persuni li jkunu qed jirċievu l-kura mill-faċilità ta' Hospice Malta. Għaddej xogħol fuq proġetti oħra f'Baħar iċ-Ċagħaq, il-Mellieħa, Ħal Għaxaq u Marsaxlokk. Fil-leġiżlatura li jmiss se toħroġ sejħa oħra ta' din ix-xorta sabiex isiru proġetti oħra f'lokalitajiet li għadhom ma bbenefikawx minn din l-inizjattiva.

**38** Ġnien il-Mediterran f'Raħal Ġdid huwa wieħed mill-akbar ġonna pubbliċi ta' pajjiżna. Hawnhekk se nagħmlu manutenzjoni estensiva tal-passaġġi, nipprovdu faċilitajiet għall-ħażna tal-ilma u nħawlu aktar siġar u pjanti. Dan il-ġnien jista' jintuża għal skop ta' rilassament u rikreazzjoni, inkluż mill-istudenti u l-ħaddiema li jaħdmu fil-kampus tal-MCAST li hemm faċċata tiegħu.





# Ħarsien tal-bijodiversità

39 L-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali dwar il-Bijodiversità qed tassigura l-ħarsien ta' żoni naturali kbar madwar il-pajjiż kollu. Illum 29% tal-art fil-gżejjer Maltin hija protetta ambjentalment. Fiż-żmien li ġej se nagħtu protezzjoni lil aktar żoni naturali madwar il-pajjiż sabiex nilħqu l-mira tal-Unjoni Ewropea li 30% tat-territorju tagħha jiġi protett ambjentalment.

40 Irridu li l-pubbliku jkollu aktar għarfien fuq il-proċess tad-dakkir u kemm dan huwa importanti għall-eżistenża tal-flora ta' pajjiżna, inkluż speċi ta' pjanti rari. Se nniedu strateġija nazzjonali għad-dakkara li se tiġi segwita b'inizjattivi li jħeġġu t-tħawwil ta' pjanti li jipprovdu ikel u kenn lill-insetti, għasafar u speċi oħra ta' dakkara lokali.

41 Ir-Razzett tax-Xitan fil-Mellieħa jinsab bejn żewġ siti ta' Natura 2000 ta' importanza ekoloġika kbira. Din il-binja se nirrestawrawha sabiex isservi ta' ċentru għar-riċerka u t-tagħlim dwar l-ispeċi ta' dakkara lokali. Il-post se jkun jista' jintuża minn riċerkaturi, studenti u nies oħra li jaħdmu flimkien fuq inizjattivi li jħarsu dawn l-ispeċi importanti.

42 Il-pubbliku se jkun jista' jagħti sehem dirett fil-ħarsien tal-ambjent. Se nniedu l-Iskema ta' Servizz Ċiviku Ambjentali biex in-nies ikunu jistgħu jagħmlu sigħat ta' xogħol ma' għaqdiet ambjentali. Il-parteċipazzjoni f'din l-iskema se tiġi rrikonoxxuta u dawk li jieħdu sehem jiksbu esperjenza professjonali fis-settur ambjentali.

# Afforestazzjoni

43 Bejn l-2022 u l-2025 tħawlu aktar minn 57,000 siġra madwar il-pajjiż kollu u saru proġetti ta' afforestazzjoni f'numru ta' postijiet, fosthom Ħaż-Żabbar, il-Kalkara, Ħal Qormi u l-Madliena. Barra minn hekk bdejna nqassmu għexieren ta' eluf ta' siġar sabiex jitħawlu min-nies fl-għelieqi u l-ġonna tagħhom. Din l-inizjattiva se tkompli permezz ta' afforestazzjoni ta' żoni oħra u t-tqassim ta' siġar tal-frott sabiex jitħawlu mill-kunsilli lokali, għaqdiet mhux governattivi u n-nies.

44 Se nagħmlu proġett ta' afforestazzjoni ieħor fiż-żona ta' San Niklaw fis-Siġġiewi. Il-proġett se jsir f'sit ta' aktar minn 100,000m$^2$ fejn kien hemm żewġ barrieri qodma. Minflokhom se noħolqu masġar b'mijiet ta' siġar maturi, mogħdijiet għall-mixi u bankijiet biex jintużaw mill-viżitaturi.

45 Fil-miżbla tal-Magħtab ma għadux jintrema skart bl-addoċċ kif kien jiġri qabel l-2013 u ttieħdu miżuri sabiex jonqos l-impatt viżiv tagħha. Issa se nibdew inizjattiva ta' afforestazzjoni madwar il-kumpless ta' WasteServ maħsub biex itejjeb l-ambjent naturali taż-żona.

46 Mitħna Park se jkun post naturali ieħor aċċessibbli għar-residenti tal-Qrendi u l-Imqabba. Hawnhekk qed nittrasformaw barriera mitluqa fi spazju għall-familji li jkun fih 'il fuq minn mitt siġra ġdida.

47 Qed inwettqu sforz biex jitneħħew siġar invażivi minn żoni naturali bħal Għajn Tuffieħa, l-Aħrax tal-Mellieħa u s-Salina. It-tneħħija ta' dawn is-siġar se titkompla fis-snin li ġejjin u minflokhom jitħawlu siġar indiġeni li huma addattati għall-klima ta' pajjiżna.

48 Il-proġett Nebbieta se jagħti ċ-ċans lil tfal fi skejjel primarji u sekondarji sabiex ikabbru siġar u pjanti li jkunu jistgħu jitħawlu fi bnadi oħra meta jikbru. Se nkomplu naħdmu ma' Nature Trust sabiex aktar skejjel jieħdu sehem f'din l-inizjattiva u t-tfal ikollhom sehem dirett fil-ħarsien tal-ambjent naturali.

## Il-ħajja ta' taħt il-baħar

49 Fl-2026 ir-Ramla l-Ħamra u r-Ramla tal-Mixquqa saru l-ewwel żewġ bajjiet ħielsa mit-tipjip. Din il-miżura tnaqqas drastikament il-plastik mis-sigaretti li jispiċċa fir-ramel u fil-baħar, liema plastik idum snin biex jitmermer. Fis-snin li ġejjin se nżidu aktar bajjiet ramlin li fihom ma jkunx jista' jsir tipjip.

50 Se nibdew proġett pilota f'Kemmuna u l-Qawra bi rmiġġi ekoloġiċi li jnaqqsu l-impatt fuq qiegħ il-baħar u l-abitat marittimu. Se nestendu dan il-proġett f'bajjiet oħra u l-pubbliku jkun jista' jagħmel użu minn dawn l-irmiġġi b'xejn.

51 L-alki jnaddfu l-ilma baħar, jipproteġu l-kosta u jagħtu kenn lil ħafna speċi. Fis-snin li ġejjin se nżidu l-monitoraġġ u t-testijiet fil-baħar sabiex nimplimentaw miżuri effettivi għar-riabilitazzjoni tal-mergħat tal-alki.

52 Ix-xjenza tagħtina opportunità li nirriġeneraw il-ħajja marittima f'żoni marittimi madwar il-gżejjer Maltin. Se naħdmu mal-komunità akkademika sabiex noħolqu abitati naturali ġodda, jiġu mrażżna speċi invażivi u jitneħħa skart li jipperikola il-bijodiversità marittima.

# Nibdlu l-iskart f'riżorsa

**53** Fl-aħħar snin għamilna passi ta' ġgant fit-trattament tal-iskart organiku u l-użu tiegħu fil-ġenerazzjoni tal-enerġija. Dan kien possibbli biss bis-saħħa tal-kooperazzjoni tal-pubbliku fis-separazzjoni tal-iskart. Għalaqna l-proċess tal-akkwist sabiex jibda x-xogħol fuq impjant ġdid ta' €75 miljun li jibdel l-iskart organiku f'enerġija rinnovabbli. Dan se jkun jista' jibdel volumi ogħla ta' skart organiku f'enerġija jew kompost.

**54** Il-pjan tagħna għat-trattament tal-iskart huwa bbażat fuq rati għolja ta' riċiklaġġ u ġenerazzjoni tal-enerġija mill-iskart. Irridu li ammont żgħir ħafna ta' skart biss jibqa' jispiċċa fil-landfills. Se nibqgħu impenjati favur l-iżvilupp tal-impjant tal-waste-to-energy li se jkun kapaċi jipproċessa 192,000 tunnellata ta' skart mhux riċiklabbli u jservi ta' wieħed mis-sorsi ta' enerġija ewlenin ta' pajjiżna.

**55** Fl-2023 bdiet topera faċilità fil-kumpless EcoHive li tissepara kartun u plastik minn skart ieħor sabiex jiġu rriċiklati u użati mill-ġdid. Wara beda jiġi ppjanat proġett sabiex skart goff, bħall-injam u l-metall, ukoll jiġi rriċiklat u mibjugħ. Fis-snin li ġejjin se jkun qed jibda x-xogħol fuq skip facility li tipproċessa madwar 50,000 tunnellata ta' skart goff li jiddaħħal fil-kumpless permezz ta' open-top skips.

**56** Tejjibna l-proċeduri u l-ħinijiet tal-ftuħ taċ-ċentri tal-iskart goff sabiex il-pubbliku jkun jista' jiddisponi minn skart goff b'mod responsabbli. Se nkomplu nippromwovu l-użu tal-ħames ċentri għall-iskart goff f'Malta u Għawdex filwaqt li niftħu ċentru ieħor ta' dan it-tip fin-naħa ta' isfel tal-pajjiż.

# L-ekonomija ċirkolari ta' pajjiżna

**57** Irridu nippromwovu konsum sostenibbli li jnaqqas l-iskart. Se nintroduċu skema ta' rifużjoni lill-konsumatur li tkun ekwivalenti għal 50% tal-ispejjeż relatati max-xogħol tal-idejn tat-tiswija. Dan il-benefiċċju japplika għal firxa wiesgħa ta' prodotti, fosthom għamara, prodotti elettroniċi u apparat domestiku.

**58** Is-servizzi ta' tiswija huma importanti biex il-konsumatur jonfoq anqas u jitnaqqas l-iskart. Irridu nagħtu viżibbiltà akbar lil dan is-settur u se noħolqu lista ċentrali ta' negozji li huma ċċertifikati sabiex jagħmlu xogħol ta' tiswija.

**59** L-użu tal-ilma baħar fil-produzzjoni ta' ilma potabbli jiġġenera salmura li għadha qed tintrema lura fil-baħar. Se nniedu proġett pilota sabiex dan il-materjal jiġi ttrattat u mibdul f'manjesju li jkun jista' jitpoġġa fis-suq.

**60** L-implimentazzjoni tal-Construction and Demolition Waste Strategy wasslet sabiex illum il-parti l-kbira tal-iskart iġġenerat mill-kostruzzjoni qed jiġi sseparat u rriċiklat. Se naħdmu flimkien mas-settur tal-kostruzzjoni sabiex sal-2028 jiġu implimentati l-miri relatati mal-iskavar. Dan se jkun żvilupp importanti ieħor li jżid ir-rata ta' riċiklaġġ u jnaqqas l-ammont ta' skart li jispiċċa fil-barrieri.

**61** Konxji li hemm kuntratturi li jiltaqgħu ma' diffikultajiet sabiex jiddisponu minn materjal iġġenerat mill-kostruzzjoni. Se naħdmu mar-rappreżentanti ta' dan is-settur sabiex tiġi identifikata barriera mitluqa fejn dawn il-kuntratturi jkunu jistgħu jiddisponu skart tal-kostruzzjoni. Parti sostanzjali minn dan l-iskart se tkun tista' tiġi rriċiklata fuq il-post.

**62** Bħalissa l-ħġieġ jiġi sseparat u parti kbira minnu tiġi esportata. Se nniedu riċerka fuq l-użu tal-ħġieġ fil-produzzjoni tas-siment bil-għan li jinħoloq materjal li jkollu prestazzjoni ekwivalenti jew aħjar mis-siment konvenzjonali. Ir-riżultat ta' dan il-proġett jista' jnaqqas id-dipendenza fuq l-esportazzjoni tal-ħġieġ għar-riċiklaġġ filwaqt li jonqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra.

# Il-kaċċa u l-insib

**63** Gvern Laburista biss huwa garanzija li pajjiżna jkompli jiddefendi d-derogi permessi mid-direttivi tal-Unjoni Ewropea u jiġu ssalvagwardjati l-prattiċi tal-kaċċa u l-insib. Fl-istess waqt se naħdmu mal-komunità tal-kaċċaturi u n-nassaba fuq proġetti ta' restawr ambjentali li jappoġġjaw speċi selvaġġi lokali.

**64** Nemmnu li l-ġenerazzjonijiet futuri għandhom ikollhom l-opportunità li jkomplu jipprattikaw attivitajiet rurali b'mod responsabbli u sostenibbli. Se nsaħħu l-proġett tat-tnissil u t-tluq tal-gamiem b'appoġġ dirett lil dawk li jieħdu sehem f'din l-inizjattiva.



15

# Il-bliet u l-irħula tagħna

Il-bliet u l-irħula fejn ngħixu huma l-benniena tas-soċjetà tagħna. Il-post fejn nitrabbew jinfluwenza min aħna u l-istil ta' ħajja li ngħixu. Il-politika tagħna trid tħares il-karatteristiċi tal-irħula tagħna, tassigura governanza lokali effettiva u komunitajiet ħajjin is-sena kollha. Il-ħidma tagħna fuq il-ħarsien tal-ambjent tagħti l-istess importanza lit-toroq, il-pjazez u l-ispazji miftuħa ta' fejn ngħixu.

# Ambjent isbaħ fejn tgħix

**01** Il-framework agreement tad-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi ssarraf f'investiment ta' €10 miljun f'xogħlijiet fi rħula u bliet differenti id f'id mal-Kunsilli Lokali. Dan l-investiment se nkomplu nsostnuh fis-snin li ġejjin, inkluż l-inizjattiva tal-bini tal-bankini madwar il-pajjiż kollu.

**02** Fl-aħħar snin inbidel id-dawl fit-toroq arterjali u ġew installati sistemi aktar moderni li huma aktar effiċjenti u isbaħ. Il-proġett qed jitkompla f'toroq residenzjali bil-ħsieb li d-dawl tat-toroq kollu jkun inbidel sal-2028. Din l-inizjattiva se twassal għal tnaqqis ta' 60% fl-użu tal-enerġija u tnaqqis ta' 3,000 tunnellata ta' emissjonijiet fis-sena.

**03** Irridu li aktar nies jagħmlu l-eżerċizzju fiżiku u aktar nies jixorbu l-ilma. Se nibdew proġett mal-kunsilli lokali sabiex titwaħħal funtana tal-ilma tajjeb għax-xorb f'kull lokalità.

**04** Wara li s-Servizz Pubbliku bidel il-karozzi tiegħu sabiex għandu karozzi ġodda li jaħdmu bl-elettriku, il-kunsilli lokali se jiġu megħjuna sabiex huma wkoll jibdlu l-vetturi tagħhom. Dawn se jirċievu assistenza biex jibdew iħaddmu karozzi li jniġġsu anqas u jinstallaw charging pillars li jkunu jistgħu jintużaw mill-pubbliku wkoll.

**05** Minn Pjazza għal Pjazza kienet inizjattiva sabiħa li ħolqot interess ġdid fl-attivitajiet kulturali fi ħmistax-il raħal madwar Malta u Għawdex. Din l-inizjattiva se tiġi żviluppata f'kalendarju ta' attivitajiet kulturali matul is-sena kollha. L-attivitajiet se jippromwovu artisti lokali u se jittellgħu attivitajiet madwar il-pajjiż.

# Lokalitajiet indaf

**06** Fl-aħħar leġiżlatura sar investiment ta' aktar minn €17 miljun f'vetturi, robots u street washers elettriċi li jintużaw mid-Diviżjoni tat-Tindif u l-Manutenzjoni. Sar ukoll investiment f'tagħmir li jaħdem bl-intelliġenza artifiċjali sabiex jidentifika skart mormi ħażin. L-investiment wassal għal riżultati aħjar fl-indafa pubblika u kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar għall-ħaddiema. Dan l-investiment se nkompluh fis-snin li ġejjin u fl-istess ħin nassiguraw li jitlesta l-proċess tal-elettrifikazzjoni tal-inġenji kollha tat-tindif.

07 Fil-preżent hemm erbgħa u tletin kunsill lokali f'Malta u Għawdex li jużaw is-servizzi tad-Diviżjoni tat-Tindif u l-Manutenzjoni. Din il-kollaborazzjoni wasslet għal aktar serjetà fis-sistema tat-tindif u l-użu ta' inġenji mekkaniċi biex ilaħħqu ma' żoni kbar fi ftit ħin. Fis-snin li ġejjin dan is-servizz se jkun aċċessibbli għal kull kunsill lokali li jkun irid jagħmel użu minnu, inkluż f'Għawdex.

08 L-indafa fil-baħar hija importanti daqs l-indafa fuq l-art. Se noħolqu taqsima marittima fi ħdan id-Diviżjoni tat-Tindif u l-Manutenzjoni sabiex tieħu ħsieb il-kosta, il-bajjiet u l-baħar innifsu. Dan se nwettquh ukoll permezz ta' inġenji apposta, fosthom robots li jiġbru l-iskart minn wiċċ il-baħar u sifters tar-ramel elettriċi.

09 Ġew identifikati numru ta' siti fejn jistgħu jinħolqu kontenituri tal-iskart taħt l-art. Hawnhekk se jiġu installati smart bins li huma mgħammra b'sistema li tiġġenera notifika meta dak il-kontenitur ikun imtela. B'hekk il-ġbir tal-iskart se jsir fil-ħin u jonqsu l-vjaġġi li jsiru mit-trakkijiet tal-iskart.

# Ippjanar li jagħmel sens

10 Il-prijorità tagħna fil-qasam tal-ippjanar hija li jkollna proċess ġust u prevedibbli għal kulħadd. Fl-ewwel xhur tal-leġiżlatura se nibdew il-proċess leġiżlattiv sabiex ma jkunx jista' jibda żvilupp jew bini ġdid sakemm il-permess ikun għadu suġġett għall-proċeduri t'appell.

11 Wara jkun imiss li ntellqu proċess ta' konsultazzjoni estensiv biex nirrevedu l-pjanijiet lokali. Dan l-eżerċizzju jrid iħares art li għadha ma ġietx żviluppata iżda jindirizza kontradizzjonijiet li hemm fil-pjanijiet lokali eżistenti. L-għan aħħari ta' din ir-riforma huwa li jkun hemm aktar uniformità fil-bini kif ukoll ċertezza fil-proċess tal-ippjanar.

12 L-eżerċizzju ta' validazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-iżvilupp jeħtieġ jinbidel biex janalizza s-sustanza tal-iżvilupp propost ukoll. Proġetti li huma assolutament non-starters mil-lat ta' liġijiet u politiki tal-ippjanar se jibdew jiġu rriferuti direttament lill-Kummissjoni tal-Ippjanar. B'hekk proċess li bħalissa jieħu ħafna xhur jibda jieħu ftit ġimgħat u tiġi evitata ħafna ansjetà bla bżonn għall-kunsilli lokali u r-residenti li jgħixu viċin is-sit tal-applikazzjoni. Il-Kummissjoni tal-Ippjanar ikollha l-fakultà li ma taqbilx mal-validazzjoni li ssir u l-applikazzjoni tiġi pproċessata bil-proċedura normali. L-applikant se jkollu d-dritt jagħżel li l-applikazzjoni tgħaddi mill-proċess sħiħ iżda l-Awtorità tal-Ippjanar tkun diġà ppronunzjat ruħha formalment dwar l-iżvilupp propost.

13 Fl-aħħar leġiżlatura bdejna proċess biex inwessgħu ż-żoni ta' konservazzjoni urbana f'numru ta' rħula u jinħolqu buffer zones madwarhom sabiex titħares l-estetika tagħhom. Dan il-proċess se jitkompla fis-snin li ġejjin sabiex jitħarsu aktar żoni UCA f'numru akbar ta' rħula.

14 L-inċentivi biex jiġu rrestawrati binjiet tradizzjonali u storiċi fiż-żoni ta' konservazzjoni urbana taw ħajja ġdida lill-irħula tagħna. Mill-2017 'il quddiem aktar minn 3,600 proprjetà ġew irrestawrati bis-saħħa ta' dawn l-għajnuniet. Introduċejna wkoll allokazzjoni għar-restawr ta' bini skedat li jinsab barra miż-żoni UCA. Fil-leġiżlatura li jmiss se nkunu qed nifirxu dawn l-inċentivi madwar il-pajjiż kollu, b'riżorsi allokati kull sena għal dan l-iskop.

15 Nagħrfu li l-iżvilupp u l-operat ta' guesthouses iħallu l-istess impatt fuq ir-residenti tal-madwar daqs il-lukandi. Il-proċess tal-ippjanar li japplika għall-iżvilupp ta' guesthouses se jkollu l-istess kundizzjonijiet li jgħoddu għal-lukandi.

16 Nagħrfu li r-Rural Policy serviet sabiex numru ta' bdiewa jkollhom strutturi żgħar li huma bżonjużi fix-xogħol tagħhom. Il-proċess tal-ippjanar għal siti li jinsabu barra miż-żoni tal-iżvilupp se jkompli jinbidel sabiex irażżan l-ammont u t-tip ta' żvilupp li jista' jsir fihom. Id-deċiżjonijiet iridu jkunu bbażati fuq il-kategorizzazzjoni tal-bdiewa, l-attività agrikola li tkun se ssir u fatturi oħra li jiddeterminaw jekk binja eżistenti tkunx tista' tintuża bħala residenza, fost oħrajn.

17 Id-DC2015 trid tiġi aġġornata sabiex jiġi assigurat li jkun hemm aktar kwalità fl-iżvilupp u l-ippjanar f'pajjiżna, speċjalment l-estetika, il-kuntest u l-volumi tal-bini.

18 Hemm diversi stadji u proċeduri fil-proċess tal-ippjanar li jwasslu għal dewmien bla bżonn, speċjalment żviluppi ta' natura minuri li jgħaddu mill-istess proċess daqs proġetti ħafna akbar. Ħafna drabi dawn ikunu applikazzjonijiet relatati mal-agrikoltura, tabelli, alterazzjonijiet żgħar ma' faċċati residenzjali jew strutturi li jistgħu jiżżarmaw u ma jidhrux mit-triq. Se naraw li tali proċessi jiġu streamlined mingħajr ma jitnaqqru d-drittijiet ta' terzi u residenti tal-madwar.

19 Fil-leġiżlatura li jmiss se nibdew proċess biex spazji fejn hemm permess għall-imwejjed u s-siġġijiet jiġu mmarkati b'mod permanenti mal-art. Stabbilimenti li ripetutament imorru lil hinn miż-żona allokata għalihom ikollhom il-permess tal-imwejjed u s-siġġijiet irrevokat.

## Settur tal-kostruzzjoni rregolat

20 Gvern Laburista assigura li t-terzi jkunu protetti meta affettwati b'kostruzzjoni viċin tagħhom bl-introduzzjoni tal-helpline 138 u s-servizz ta' periti u avukati b'xejn. Fil-leġiżlatura li jmiss nintroduċu fond għall-ħsarat li jsofru terzi u l-Gvern jidħol għar-responsabbiltà li jirkupra d-danni.

21 Fl-2025 iffirmajna ftehim bejn il-partijiet kollha kkonċernati sabiex jibdew jinkitbu Kodiċi Nazzjonali tal-Bini u Kostruzzjoni taħt il-gwida tal-Kamra tal-Periti. Dan il-proċess se jitlesta fil-leġiżlatura li jmiss u permezz tiegħu nsaħħu l-istandards, il-professjonalità u s-sigurtà fl-industrija.

22 Se nkomplu bid-djalogu mal-Malta Chamber of Construction Management sabiex nirrikonoxxu u nirregolaw din il-professjoni. Dan l-iżvilupp ikompli jibni fuq it-tibdil li għamilna biex kull proġett ikun ippjanat, ikkoordinat u kkontrollat b'mod professjonali mill-bidu sat-tlestija.

23 It-tagħmir li jintuża fil-kostruzzjoni għandu jinżamm f'postijiet addattati u ma għandux jitħalla armat bla bżonn b'inkonvenjent għar-residenti. Se naħdmu flimkien mal-operaturi fis-settur sabiex jinstab sit addattat li jkunu jistgħu jużawh sabiex iżommu fih dan it-tagħmir goff. Barra minn hekk, se nirregolaw l-użu tat-tower cranes billi noħolqu reġistru nazzjonali u ċertifikazzjoni ta' użu.

# Proġetti fl-irħula

24 Bdiet il-ħidma fuq mobile app li tiġbor fiha s-servizzi kollha tal-kunsilli lokali, inkluż servizzi li sa issa kienu pprovduti manwalment. Se nżidu s-servizzi aċċessibbli online filwaqt li l-pubbliku se jkun jista' jagħmel ilmenti u jaqsam proposti fuq kwistjonijiet differenti permezz ta' din il-pjattaforma.

25 Wettaqna konsultazzjoni wiesgħa mal-komunità Furjaniża dwar ir-riġenerazzjoni ta' Triq Sant'Anna u ħiereġ it-tender sabiex jibda r-restawr tal-loġoġ. Il-proġett se jinkludi spazji miftuħa akbar, installazzjoni ta' dwal ġodda u aċċess aħjar għall-mixi.

26 Wettaqna diversi interventi ta' pedestrianisation f'diversi rħula madwar Malta sabiex nagħtu prijorità lill-ispazji miftuħa u l-mixi. Se noħolqu proġett bħal dan fi Pjazza Santa Margerita f'Bormla fejn se jitkabbar il-ġnien eżistenti, isir management aħjar tat-traffiku u jiġu rrestawrati l-binjiet li jinsabu f'dan l-ispazju.

27 Għaddejjin l-ewwel u t-tieni fażi tax-xogħlijiet fil-Marsa, jiġifieri x-xogħol fi Triq is-Salib tal-Marsa, iz-zuntier tal-knisja parrokkjali u t-toroq tal-madwar. Wara se jsir proġett ta' riġenerazzjoni fl-ispazju bejn Triq Dom Mintoff u Triq Balbi, inkluż spazju għall-parkeġġ u faċilitajiet sportivi ġodda.

28 Il-proġetti tal-Gvern fil-komunità qed jilħqu wkoll bosta parroċċi u għaqdiet mhux governattivi. Ħafna drabi dawn ikollhom proġetti ta' fejda għall-komunità iżda ma jkollhomx ir-riżorsi sabiex iwettquhom. Se nkomplu noffru l-appoġġ tagħna fit-twettiq ta' dawn il-proġetti, fosthom il-manutenzjoni tas-sala tal-parroċċa u l-bini mill-ġdid taz-zuntier tal-Knisja ta' San Bastjan f'Ħal Qormi.

29 Sena wara l-oħra l-kunsilli lokali ħadu sehem fi skemi maħruġa mill-Gvern sabiex isir restawr ta' wirt storiku fil-lokalitajiet tagħhom. Se nibdlu l-iskema tar-restawr fi pjan ta' ħidma għal numru ta' snin li jiġbor fih il-bżonnijiet tal-kunsilli lokali dwar ir-restawr. Il-kunsilli ma jkollhomx għalfejn jipparteċipaw fi skema kull sena u jkollhom indikazzjoni meta jkunu se jsiru l-proġetti tar-restawr ippjanati għal-lokalità tagħhom.

30 L-informazzjoni dwar ġibjuni u ċisterni pubbliċi fl-irħula u l-ibliet madwar Malta u Għawdex se tinġabar f'post wieħed. B'hekk inkunu nistgħu nniedu pjan ta' restawr fuq dawn il-ġibjuni u ċisterni bil-għan li sal-2035 ikunu qed jintużaw kollha għall-ħażna tal-ilma.

31 Fl-aħħar snin indirizzajna l-problema tal-għargħar f'diversi nħawi tal-pajjiż. Il-ħidma f'dan is-settur trid tkompli u beħsiebna nestendu l-proġett nazzjonali għat-taffija tal-għargħar b'erba' kilometri oħra. Din l-espansjoni għandha twassal biex jintilef anqas ilma tax-xita u jsir użu minn din ir-riżorsa importanti.

32 Bosta tfal, adolexxenti u żgħażagħ jfittxu spazju li jkun aċċessibbli matul il-ġurnata fejn jagħmlu attivita fiżika jew sport. Se nirriġeneraw sports pitches eżistenti u noħolqu oħrajn ġodda sabiex dawn ikunu jistgħu jintużaw b'xejn mill-pubbliku. Il-faċilitajiet sportivi tal-iskejjel ukoll se jkunu miftuħa wara l-ħin tal-iskola sabiex isir użu minnhom mill-pubbliku.

# Aktar riżorsi disponibbli għall-kunsilli lokali

33 Fl-aħħar snin ittieħdu deċiżjonijiet maħsuba sabiex innaqqsu l-piżijiet tal-kunsilli lokali u dawn jibqagħlhom aktar fondi sabiex jinvestuhom f'servizzi u proġetti li ma setgħux iwettqu qabel. Se nkomplu nsaħħu r-riżorsi tal-kunsilli lokali u ntellqu proċess ta' konsultazzjoni magħhom biex nirriformaw is-sistema tal-allokazzjoni finanzjarja għal-lokalitajiet. Is-sistema l-ġdida trid tirrifletti l-karatteristiċi u l-isfidi partikolari ta' kull lokalità, inkluż il-bidliet fid-daqs tal-popolazzjoni f'perjodi differenti tas-sena, l-attività kummerċjali u l-intensità tal-attività turistika.

34 Il-pjanijiet ta' ħidma annwali għenu sabiex il-kunsilli lokali jfasslu l-prijoritajiet tagħhom u jużaw ir-riżorsi tagħhom b'aktar għaqal. Minkejja dan, xorta waħda għad hemm il-ħtieġa li l-kunsilli lokali jippjanaw aktar fit-tul u jiddependu anqas fuq l-iskemi li joħorġu mill-Gvern. Għaldaqstant il-kunsilli lokali se jibdew jiġu allokati fondi direttament fuq bażi ta' pjanijiet li jmorru lil hinn minn sena waħda.

34 Il-kunsilli lokali se jibdew jirċievu dħul addizzjonali ġġenerat minn parti mill-ekokontribuzzjoni mħallsa mit-turisti. Fil-leġiżlatura li jmiss se jibdew jirċievu wkoll dħul iġġenerat mill-ħlas ta' permessi għall-imwejjed u s-siġġijiet fi spazji pubbliċi u dħul minn attivitajiet li jsiru fil-lokalità.

35 Il-bidla fl-iskeda tal-ġbir tal-iskart qed jgħin lill-pubbliku jissepara l-iskart u jirriċikla aktar. L-esperjenza qed turi li jagħmel aktar sens jekk il-ġbir ta' skart riċiklabbli jibda jinġabar mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi. Il-fondi li se jiġu ffrankati permezz ta' din il-bidla se jingħataw lill-kunsilli lokali xorta waħda.

36 Il-ħolqien tal-Kunsill Nazzjonali għat-Taħriġ għall-Gvern Lokali wassal għal taħriġ professjonali għas-sindki, il-kunsilliera u l-impjegati tal-kunsilli lokali. Fiż-żmien li ġej se jkun qed jingħata aktar taħriġ strutturat u l-istess opportunitajiet ikunu jistgħu jingħataw lill-kunsilliera ġodda li jiġu eletti fl-elezzjonijiet tal-2029.

37 Il-kunsilli lokali taż-żgħażagħ wessgħu l-parteċipazzjoni fuq livell lokali u involvew persuni ġodda fit-tmexxija tal-kunsilli lokali. Se jinħoloq fond sabiex ikun jista' jintuża speċifikament għal proġetti proposti mill-kunsilli lokali taż-żgħażagħ relatati mal-ambjent, l-isports u l-edukazzjoni, fost oħrajn.

# Koordinament effettiv bejn il-kunsilli lokali u l-entitajiet tal-Gvern

38 Il-koordinament bejn l-entitajiet tal-Gvern u l-kunsilli lokali jħalli riżultati aħjar għar-residenti. L-entitajiet u l-aġenziji tal-Gvern li jagħmlu interventi fil-lokalitajiet se jibda jkollhom uffiċjali responsabbli mill-kollaborazzjoni mal-kunsilli lokali. B'hekk il-kunsilli lokali jkunu involuti dejjem aktar fl-ippjanar u t-twettiq ta' proġetti u jsolvu kwistjonijiet li jolqtu r-residenti f'anqas ħin.

39 Illum il-pubbliku għandu mezzi u għodod aktar effiċjenti sabiex iressaq l-ilmenti tiegħu iżda nagħrfu li hemm bżonn isir aktar sabiex jonqos l-inkonvenjent għar-residenti. Se nsaħħu l-infurzar li jsir minn entitajiet differenti, speċjalment dak relatat ma' rimi ta' skart bl-addoċċ, storbju u inkonvenjent ikkawżat minn xogħol f'siti ta' kostruzzjoni.

# Involviment akbar tal-kunsilli reġjonali

40 Il-proċess tal-akkwist huwa impenn essenzjali għall-kunsilli lokali li permezz tiegħu jakkwistaw l-aqwa servizz għar-residenti. Il-kunsilli reġjonali se jingħataw aktar riżorsi sabiex ikunu jistgħu jappoġġjaw lill-kunsilli lokali f'dan ix-xogħol, inkluż għajnuna minn procurement officers fil-ħruġ ta' tenders u materji proċedurali oħra.

41 Fl-isfond tal-ħidma aktar wiesgħa li qed titwettaq mill-kunsilli reġjonali, se naraw li l-kapijiet amministrattivi, eżekuttivi u finanzjarji f'kull wieħed minnhom jingħataw rimunerazzjoni li verament tirrifletti dawn ir-responsabbiltajiet.



16

# Settur tal-enerġija reżiljenti

Il-politika tagħna dwar l-enerġija hija parti mis-suċċess li ksibna fl-ekonomija ta' pajjiżna u l-livell ta' għajxien tal-familji tagħna. Bnejna settur tal-enerġija b'saħħtu, reżiljenti u ddiversifikat. Il-viżjoni tagħna fl-enerġija fil-ħamsa u għoxrin sena li ġejjin hija mibnija fuq enerġija nadifa u rinnovabbli. Ix-xemx u r-riħ jagħtuna opportunità li niġġeneraw enerġija għalina stess filwaqt li nnaqqsu l-impatt tat-taqlib fis-swieq internazzjonali.

# Ġenerazzjoni tal-enerġija stabbli

**01** Il-ħidma fuq l-ewwel offshore windfarm f'pajjiżna bdiet b'mod konkret u qed jiġi analizzat l-interess ta' operaturi differenti sabiex jagħmlu dan il-proġett. Il-ġenerazzjoni tal-enerġija mir-riħ fuq il-baħar intgħażel bħala l-aqwa mudell għal pajjiżna. Is-snin li ġejjin se jkunu kruċjali sabiex jibda x-xogħol fuq dawn l-installazzjonijiet ta' enerġija rinnovabbli b'kapaċità ta' 300MW.

**02** Il-baħar jagħtina spazju għall-ġenerazzjoni tal-enerġija mix-xemx li qatt ma jista' jkollna fuq l-art. Intgħażlu siti adegwati fl-ibħra Maltin fejn ikunu jistgħu jsiru proġetti pilota ta' din ix-xorta. Se nkomplu nagħtu kemm jista' jkun appoġġ lill-Università ta' Malta u msieħba oħra fis-settur privat sabiex pajjiżna jkun minn tal-ewwel fid-dinja li jkollu solar farm fuq wiċċ il-baħar.

**03** Dalwaqt se nlestu x-xogħol fuq it-tieni interconnector bejn Malta u Sqallija. Dan il-proġett se jirdoppja l-kapaċità ta' interkonnessjoni tal-elettriku ta' Malta mal-bqija tal-kontinent Ewropew u jnaqqas aktar l-emissjonijiet.

**04** Irridu li pajjiżna jkompli jlaħħaq mal-ħtiġijiet tal-enerġija li se jkollu fil-futur. Għalhekk se nkomplu l-ħidma li nbdiet sabiex sal-2035 ikollna t-tielet konnessjoni tal-elettriku mal-kontinent Ewropew u Malta wkoll tkun tista' tesporta elettriku lejn is-swieq Ewropej.

**05** Jeħtieġ li l-enerġija rinnovabbli tkun disponibbli wkoll f'perjodi u sitwazzjonijiet differenti. Għaddej il-proċess tal-akkwist relatat mal-faċilitajiet tal-ħażna tal-enerġija fil-batteriji u se nibdew ix-xogħol relatat miegħu ġewwa Delimara u l-Marsa.

**06** Pajjiżna jista' jkun ħolqa ta' enerġija rinnovabbli bejn l-Ewropa u l-Afrika. Il-Gvern diġà żviluppa din l-idea ma' pajjiżi oħra fil-Mediterran u ħareġ sejħa għal sottomissjonijiet dwar konnessjoni tal-elettriku bejn Malta u l-Afrika ta' Fuq. Dawn is-sottomissjonijiet se jiġu analizzati sabiex tiġi determinata l-vijabbiltà u l-passi li jkun imiss dwar dan il-proġett.

**07** L-użu tal-idroġenu jista' jikkontribwixxi biex Malta tilħaq il-miri tad-dikarbonizzazzjoni sal-2050. Tlestew l-istudji u t-tħejjijiet tekniċi marbuta mal-hydrogen-ready gas pipeline u se nkomplu nagħmlu l-każ tagħna għall-fondi tal-Unjoni Ewropea biex isir dan il-proġett.

# L-akbar investiment fid-distribuzzjoni tal-enerġija

**08** Il-Gvern Laburista għamel investiment maġġuri fis-sistema tad-distribuzzjoni tal-elettriku li l-ebda amministrazzjoni oħra ma għamlet bħalu qabel. Il-Partit Laburista biss jagħti garanzija li s-sistema tad-distribuzzjoni tal-elettriku mhix se tiġi pprivatizzata u li l-familji u n-negozji ma jiddaħħlux fi spejjeż ġodda minħabba deċiżjonijiet ħżiena bħal dawn.

**09** Qed noħolqu ċentri ta' distribuzzjoni ġodda fl-Imsida, in-Naxxar u s-Siġġiewi. Fis-snin li ġejjin se nkomplu naħdmu fuq tnax-il ċentru ta' distribuzzjoni ġdid madwar Malta. Dawn se jaqdu bnadi differenti tal-pajjiż, fosthom l-Isptar Mater Dei, Ħal Luqa, il-Mellieħa, l-Iklin u ż-żona tar-Rabat u l-Imtarfa.

**10** Wettaqna xogħlijiet fuq għexieren ta' substations ġodda u ċ-ċentri ta' distribuzzjoni ta' Marsaskala, Ħal Tarxien, l-Imrieħel, St Andrew's u l-Mosta. Se nibqgħu ninvestu f'substations u cables ġodda sabiex jiġi aċċertat li d-distribuzzjoni ta' vultaġġ fid-djar, fil-ħwienet u f'binjiet industrijali tkun waħda stabbli u affidabbli.

# Kontijiet irħas u servizz xieraq

**11** Gvern Laburista raħħas il-kontijiet tad-dawl u tal-ilma u żamm il-prezz stabbli meta l-prezz internazzjonali tal-enerġija għola drastikament. L-għoti ta' dan is-sussidju fuq l-elettriku u l-fuel qabeż il-€1 biljun u għen lill-familji u lin-negozji jibqgħu reżiljenti u kompetittivi. Minkejja l-pressjoni u l-kritika li rċieva l-Gvern fl-aħħar snin, il-Partit Laburista fil-Gvern jibqa' jiddefendi l-politika tal-istabbiltà fil-prezzijiet anke fis-snin li ġejjin.

**12** Fl-aħħar xhur introduċejna smart meters ġodda li jagħtu informazzjoni preċiża lill-konsumaturi fuq il-konsum tal-enerġija tagħhom filwaqt li jgħinuhom itejbu l-użu tal-enerġija. Fis-snin li ġejjin se nkomplu nibdlu l-meters b'mod gradwali madwar il-pajjiż kollu.

**13** L-Enemalta se tkun mgħammra b'control room iddedikata għall-monitoraġġ ta' vultaġġ baxx. Permezz ta' dan l-investiment il-kumpanija se tkun tista' tidentifika u tindirizza ħsarat żgħar f'anqas ħin mingħajr ma tiddependi fuq ir-rapporti tal-pubbliku.

# Enerġija rinnovabbli

14 Pajjiżna beda jimplimenta pjan sabiex iżid il-ġenerazzjoni ta' enerġija ġġenerata mix-xemx minn fuq binjiet pubbliċi. Se nlestu l-proġetti ta' enerġija mix-xemx li bdew isiru fuq skejjel f'Ħal Kirkop, San Ġwann, Ħal Għargħur u l-Wardija u nippjanaw li sal-2030 inkunu wettaqna installazzjonijiet bħal dawn fuq il-binjiet ta' entitajiet governattivi u l-iskejjel kollha. Dan il-proġett se jwassal għal tnaqqis ta' tunnellati ta' emissjonijiet minn madwar il-pajjiż kollu.

15 Nagħrfu li hemm min jixtieq jipproduċi enerġija rinnovabbli iżda ma jistax jagħmel dan minħabba li hemm postijiet, fosthom irziezet u serer, fejn għad ma hemmx konnessjoni adegwata. Għalhekk se ninvestu f'sistemi ta' konnessjoni f'żoni mhux milħuqa u nassiguraw li l-pajjiż jintegra ammont akbar ta' enerġija rinnovabbli fil-provvista tal-elettriku tiegħu.

16 L-użu tal-enerġija rinnovabbli qed indaħħluha fil-proġetti ġodda kollha li jitwettqu mill-Gvern, fosthom l-iskola primarja tal-Imsida, ir-rinnovazzjoni ta' Project House fil-Floriana u l-imħażen tal-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma f'Bulebel, fost oħrajn. Gvern Laburista jikkommetti ruħu li binjiet pubbliċi ġodda jkunu newtrali għall-klima.

17 L-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima, Transport Malta u l-Università ta' Malta qed jaħdmu fuq l-ewwel proġetti ta' solar car ports u ġew identifikati numru ta' parkeġġi pubbliċi li jistgħu jintużaw għall-ġenerazzjoni ta' enerġija mix-xemx. Beħsiebna nibdew l-ewwel proġetti ta' din ix-xorta fiċ-Ċirkewwa, il-Marsa u Birżebbuġa.

18 Il-ġibjuni u l-binjiet tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ġew mgħammra b'pannelli li jiġġeneraw l-enerġija mix-xemx. Se nikkollaboraw ma' sidien ta' ġibjuni privati sabiex dawn ukoll ikunu jistgħu jintużaw bħala solar farms.

# L-użu tal-ilma

19 L-investiment ta' aktar minn €150 miljun li għamilna fis-sistema tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-ilma qed jissarraf f'riżultati pożittivi għan-nies. Illum pajjiżna għandu l-ogħla kwalità ta' ilma tal-vit u l-kwalità hija l-istess f'kull parti tal-pajjiż. Se nkomplu nagħmlu investiment fl-impjanti tar-reverse osmosis kollha filwaqt li nkomplu ninvestu fl-intelliġenza artifiċjali sabiex innaqqsu d-dipendenza tal-pajjiż fuq l-ilma tal-pjan.

**20** Eluf ta' anzjani u persuni vulnerabbli gawdew mill-għajnuniet li ngħataw fl-aħħar snin biex jiġu installati filters li jtejbu t-togħma tal-ilma tal-vit. Il-mira tagħna hija li kull dar f'pajjiżna jkollha filters bħal dawn u allura jonqos drastikament il-konsum ta' ilma tax-xorb mill-fliexken tal-plastik. Se nkomplu nagħtu inċentivi għax-xiri ta' dawn il-filters kif ukoll filter b'xejn lil dawk li jixtru l-ewwel proprjetà tagħhom.

**21** Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ħarġet l-ewwel green bonds imniżżla fuq il-Borża ta' Malta u permezz tagħhom inkiseb finanzjament għal diversi proġetti fl-oqsma tal-ilma u l-enerġija. Issa jmiss li jinħarġu blue bonds u jsir investiment addizzjonali ta' €40 miljun fl-impjanti tar-reverse osmosis, fl-impjanti tat-trattament tad-drenaġġ u f'impjanti ġodda li jiġġeneraw l-enerġija mix-xemx.

**22** Nagħrfu li pajjiżna jeħtieġ li jkompli jsaħħaħ il-produzzjoni ta' ilma potabbli, partikolarment fin-Nofsinhar tal-pajjiż. Se nilħqu lil din il-parti tal-gżira b'impjant tar-reverse osmosis ġdid ġewwa Ħal Far.

**23** Nistgħu nużaw it-teknoloġija sabiex industriji li jinsabu 'l ġewwa mill-kosta jingħataw iċ-ċans li jkollhom faċilità ta' reverse osmosis huma wkoll. Se nagħmlu aktar testijiet fuq il-kunċett ta' inland reverse osmosis, mudell innovattiv li jkun l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu ġo pajjiżna.

**24** Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma wettqet xogħlijiet maġġuri fuq ġibjuni li jintużaw għad-distribuzzjoni tal-ilma, fosthom il-ġibjuni kbar ta' Ħal Luqa, Ta' Ċenċ u l-ġibjuni kollha li jinsabu fl-impjanti tar-reverse osmosis. Se nlestu xogħlijiet oħra fuq il-ġibjuni li hemm ġewwa Ta' Qali, in-Naxxar u l-Ġibjun tal-Fiddien fir-Rabat.

**25** Nistgħu nżidu l-ammont ta' ilma li naħżnu billi nżidu l-faċilitajiet għall-ħażna tal-ilma. Se nibnu ġibjun ieħor f'Tax-Xwieki ġewwa Ħal Għargħar biex jipprovdi provvista adegwata ta' ilma għaċ-ċentru tal-pajjiż.

**26** Ilkoll konxji mill-pressjoni li qed jaffaċċja l-ilma tal-pjan ta' pajjiżna. Minbarra miżuri li jħarsu r-riservi tal-ilma, hemm bżonn naħsbu wkoll f'miżuri li jistgħu jtejbu l-ħażna tal-ilma taħt l-art. Se nissieħbu ma' xjentisti u riċerkaturi sabiex nadottaw miżuri innovattivi li jistgħu jtejbu l-ħażna tal-ilma taħt l-art fil-futur.

**27** Wara x-xogħol li sar fuq il-ħolqien ta' sistemi ta' drenaġġ f'Wied iż-Żurrieq u Ħad-Dingli, se nagħmlu intervent simili fir-Rabat sabiex is-sistema tad-drenaġġ tibda taqdi għall-ewwel darba lir-residenti taż-żoni ta' Raba' Nemel u Ħofret ir-Rizz.

# Familji parteċipi fil-proċess ta' dikarbonizzazzjoni

**28** Nidejna skema ta' panelli fotovoltajċi għall-familji li jgħixu f'appartamenti u ma jkollhomx aċċess għall-bjut. Madwar 500 familja se jkunu jistgħu jixtru tagħmir għall-ġenerazzjoni tal-enerġija mix-xemx li jiġu installati fuq faċilitajiet tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. L-enerġija ġġenerata se titnaqqas mill-kontijiet tal-familji li jipparteċipaw fl-iskema u dawn se jkunu jistgħu jirċievu dħul iġġenerat mill-investiment tagħhom. Beħsiebna nkomplu nestendu dan il-proġett sabiex aktar familji jiġġeneraw enerġija nadifa u jgawdu minn kontijiet orħos.

**29** Se nkomplu nagħtu aċċess għall-enerġija rinnovabbli lil aktar familji billi nintroduċu l-kunċett ta' energy-sharing. Individwi jew familji li ma jkunux jistgħu jagħmlu investiment f'dawn l-installazzjonijiet se jkunu jistgħu jużaw l-enerġija rinnovabbli mhux użata ta' konsumaturi oħra li jipparteċipaw f'din l-iskema. Dawn tal-aħħar ikunu jistgħu jirċievu dħul aħjar fuq l-investiment li jagħmlu u jikkontribwixxu għat-tisħiħ tas-sistema tal-enerġija lokali.

**30** Irridu nħarsu d-drittijiet ta' dawk li investew f'pannelli solari fuq il-bjut tagħhom. Se nagħmlu emendi legali sabiex jingħata kumpens xieraq lil persuni li l-installazzjonijiet tagħhom jiġu affettwati minn żvilupp ġdid li jsir madwarhom.

**31** Il-familji u n-negozji se jkomplu jibbenefikaw minn għajnuniet sabiex jinvestu f'batteriji għall-ħażna tal-elettriku u jiffrankaw il-flus. Bdejna naħdmu fuq proġett sabiex l-Enemalta tkun tista' tixtri enerġija maħżuna f'batteriji fi proprjetajiet residenzjali jew kummerċjali. B'hekk il-proprjetarji ta' dawn il-batteriji jkunu jistgħu jiġġeneraw dħul filwaqt li tonqos il-pressjoni minn fuq il-grid tal-elettriku.

**32** Irrinova Darek bdiet bħala proġett pilota fl-2022 u evolviet fi skema li permezz tagħha ġew irrinnovati 'l fuq minn 500 proprjetà eżistenti madwar il-pajjiż kollu. Qed ngħinu lin-nies jagħmlu investiment ambjentali filwaqt li jiffrankaw il-flus, irrispettivament mid-dħul tagħhom. Din l-iskema siewja se tkompli tiġi mġedda kull sena fil-leġiżlatura li jmiss.

**33** Irridu ninċentivaw bini sostenibbli mill-istadju tal-ippjanar. Se nagħtu rifużjoni sa massimu ta' 100% tat-tariffi tal-ippjanar lil applikanti li jibnu bini sostenibbli skont il-livell ta' ċertifikazzjoni.

34 Il-konsumatur għandu sehem ewlieni fid-dikarbonizzazzjoni ta' pajjiżna. Familji li jibdlu l-air conditioners il-qodma li jkollhom u jagħżlu oħrajn li jħammġu anqas se jibbenefikaw minn rifużjoni sa massimu ta' 25% tal-ispiża li jkunu għamlu.

## Operat industrijali li jħares l-ambjent

35 Fl-2024 waqqafna l-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima, l-ewwel waħda tax-xorta tagħha fl-Unjoni Ewropea, sabiex tikkoordina l-azzjonijiet nazzjonali relatati ma' dan is-suġġett. Il-Fond għall-Azzjoni Klimatika se nużawh sabiex ngħinu operaturi f'setturi ekonomiċi differenti, bħat-trasport, is-settur marittimu u l-avjazzjoni, jagħmlu t-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà.

36 L-industrija ta' pajjiżna wkoll qed tagħti s-sehem tagħha fid-dikarbonizzazzjoni, bil-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli minn installazzjonijiet kummerċjali taqbeż il-ġenerazzjoni minn installazzjonijiet residenzjali. L-intrapriżi, partikolarment dawk fis-settur tal-manifattura, se jkomplu jingħataw assistenza diretta sabiex jagħmlu retrofitting, idaħħlu inizjattivi ta' elettrifikazzjoni, jużaw fuel li jħammeġ anqas u jiġġeneraw enerġija rinnovabbli.

37 Is-settur tal-avjazzjoni wkoll għandu sehem importanti fil-miri tagħna għad-dikarbonizzazzjoni. Hekk kif numru dejjem jikber ta' vapuri qed jużaw l-elettriku meta jkunu sorġuti fil-Port il-Kbir, se nagħtu l-appoġġ meħtieġ lill-Ajruport Internazzjonali ta' Malta sabiex jintuża mudell simili fl-ajruport tagħna. Ajruplani li jkunu weqfin fl-ajruport se jkunu jistgħu jingħataw provvista tal-elettriku mill-grid minflok jużaw inġenji li jniġġsu.

38 Il-qalba għal operat li jħammeġ anqas ma għandhiex tkun ta' piż sproporzjonat għall-intrapriżi żgħar u medji. Dawn se jibqgħu jibbenefikaw minn skemi mfassla apposta għalihom sabiex jiffrankaw l-ispejjeż u jibdlu l-operat tagħhom għal wieħed li jħalli l-anqas impatt possibbli fuq l-ambjent.

39 Il-politika l-ġdida tal-INDIS dwar l-enerġija rinnovabbli se tindirizza l-kwistjoni ta' fabbriki li jaqgħu taħt l-amministrazzjoni tagħha iżda sa issa ma kienx possibbli għalihom li jiġġeneraw enerġija mix-xemx. L-implimentazzjoni ta' din il-politika se tiffaċilita l-installazzjoni ta' panelli fotovoltajċi fuq aktar fabbriki, tnaqqas l-ispejjeż għall-industrija u jsir l-aqwa użu ta' proprjetajiet industrijali.


Start your journey your way. Pay the easy way.
Enjoy the unexpected. Pay with one of the most accepted.
VISA

17

# Pjan ħolistiku għat-trasport

Qed nintegraw il-mezzi kollha tat-trasport pubbliku ta' pajjiżna f'sistema waħda. It-trasport bl-art u bil-baħar irid ikun sinkronizzat sabiex 'il quddiem ikun jista' jingħaqad ma' sistema ta' trasport tal-massa li tgħaqqad bnadi differenti tal-pajjiż. Fl-istess waqt se nkomplu nagħtu inċentivi u noħolqu l-infrastruttura meħtieġa sabiex aktar nies jagħmlu użu minn mezzi alternattivi ta' trasport.

# Malta in motion: sistema integrata ta' trasport

**01** Għal snin twal pajjiżna kellu sistema ta' trasport pubbliku li qdietu, imma li nbniet maż-żmien u b'mezzi tat-trasport li ħafna drabi jaħdmu separatament minn xulxin. B'hekk bħala l-ewwel miżura tat-trasport se ngħaqqdu s-sistemi kollha tat-trasport, bl-art u bil-baħar, biex ikunu integrati kollha flimkien. Qed naħdmu fuq sistema tat-trasport unifikata u effiċjenti tal-mezzi kollha tal-ivvjaġġar. Minn servizzi ta' trasport bil-karozzi tal-linja sa trasport bil-baħar li jkunu jistgħu jingħaqdu lkoll ma' sistema ġdida moderna ta' Rapid Transit System. Din l-integrazzjoni se tnaqqas il-ħin tal-ivvjaġġar, ittejjeb il-konnettività u toffri alternattiva affidabbli għall-karozza privata.

**02** L-integrazzjoni tal-mezzi tat-trasport flimkien hija kruċjali biex twassal għal Rapid Transit System moderna. Qed issir ħidma mad-ditta globali ta' inġiniera ARUP sabiex tinħoloq sistema tat-trasport li tgħaqqad in-naħa ta' fuq u n-naħa ta' isfel ta' pajjiżna. Ir-Rapid Transit System se tkun waħda li tagħmel sens għal pajjiżna u tgħaqqad l-aktar postijiet importanti tal-pajjiż, mill-ajruport, il-Belt Valletta, Ħal Qormi, l-Isptar Mater Dei u l-Università sa San Pawl il-Baħar. Din se tkun sistema hybrid li tgħaddi minn taħt l-art, fil-livell tat-triq jew f'punti elevati mit-triq, kollha rotot li qed jiġu żviluppati diġà, ma jħarbtux parkeġġi u jirrispettaw il-fiżjonomija tal-irħula.

**03** Il-konċessjoni tat-trasport pubbliku tasal fi tmiemha fl-2029 u diġà nbeda x-xogħol biex ikollna konċessjoni ġdida tas-sistema tat-trasport pubbliku tal-linja. Din is-sistema ġdida ta' high-quality bus network se tingħaqad mat-trasport pubbliku bil-baħar u mar-Rapid Transit System. Se jinħolqu rotot tat-trasport pubbliku li mhux bilfors iwasslu kollha għall-Belt Valletta.

**04** Dawn is-servizzi kollha se jkunu aċċessibbli minn post wieħed permezz ta' mobile app li tgħaqqad is-sistema ġdida ta' rapid transit system, tal-linja bil-baħar, is-servizz tal-karozzi bil-y-plates u anke sistemi ta' micro-mobility. Din is-sistema se ttejjeb is-sistema tal-card li teżisti llum u x-xogħol fuqha beda diġà.

**05** Is-servizz tat-trasport pubbliku, tal-linja bil-baħar u r-rapid transit system iridu jiġu kkumplimentati b'servizzi u faċilitajiet ġodda ta' park-and-ride, kemm shuttle buses u anke car parks bħal dawk ippjanati f'Pace Grasso f'Raħal Ġdid, Bormla, Tas-Sliema u Marsaskala.

**06** Fil-leġiżlatura li jmiss se nkunu qed nistudjaw il-possibbilta' li nużaw mezzi ta' trasport innovattivi, komdi u ambjentalment sostenibbli. Trasport bħal cable cars diġà jitħaddem fi bliet oħra madwar l-Ewropa u jwassal ammonti kbar ta' nies mingħajr il-bżonn li jintużaw it-toroq.

## Trasport pubbliku fuq l-art

**07** L-użu tat-trasport pubbliku żdied sostanzjalment wara li s-servizz sar b'xejn fl-2022, speċjalment l-ammont ta' passiġġieri li jużaw is-servizz kuljum. Ir-reviżjoni tan-network tar-rotot tat-trasport pubbliku se ssir wara konsultazzjoni pubblika u diskussjonijiet mal-kunsilli lokali. Se jintużaw vetturi iżgħar biex jagħmlu rotot iqsar u aktar frewkenti fl-irħula stess u bejn raħal u ieħor. Eżempju ta' dan huwa t-trasport ċirkolari f'Marsaskala u Buġibba li se jwassal lir-residenti lejn iċ-ċentru tar-raħal filwaqt li jgħaqqad it-trasport pubbliku bl-art u bil-baħar.

**08** Il-vetturi tat-trasport pubbliku se jingħataw prijorità fit-traffiku bl-użu ta' teknoloġija RFID fit-traffic lights. Dan it-tibdil se jnaqqas l-ammont ta' waqfien filwaqt li jżid l-effiċjenza tar-rotot.

**09** Ikkonkludejna l-proċess biex il-karozzi tal-linja kollha f'Għawdex jibdew jaħdmu bl-elettriku. Dan il-proċess se jitkompla sabiex il-karozzi tal-linja kollha użati f'Malta jkunu jaħdmu bl-elettriku wkoll. Din il-miżura se twassal għal aktar tnaqqis fl-emissjonijiet u kwalità ta' arja aħjar.

**10** Fl-aħħar snin ħdimna mal-Università ta' Malta u l-operatur tat-trasport pubbliku sabiex inniedu proġett pilota b'autonomous buses elettriċi, waħda f'Malta u oħra f'Għawdex. Se nkomplu nsegwu l-benefiċċji ta' dan il-kunċett bil-għan li jibda jintuża f'aktar rotot madwar il-pajjiż.

# Trasport pubbliku bil-baħar

11 Gvern Laburista investa bis-sħiħ fit-trasport bil-baħar minn bnadi differenti tal-pajjiż b'tali mod li dan sar parti essenzjali mis-sistema tat-trasport pubbliku. Ir-rotot eżistenti ġew estiżi u rdoppjati u llum hemm servizzi regolari minn Għawdex, Bormla u Tas-Sliema lejn il-Belt Valletta, kif ukoll minn Tas-Sliema lejn Buġibba u lejn Għawdex. Fix-xhur li ġejjin se jitlestew il-faċilitajiet sabiex it-trasport bil-baħar jibda jopera wkoll minn Marsaskala.

12 Għamilna s-servizz tat-trasport bil-baħar bla ħlas u fl-2025 kien hemm aktar minn 480,000 passiġġier li użaw dan is-servizz permezz ta' tallinja card. Id-domanda għal dan is-servizz qed tkompli tikber u għalhekk se nestendu l-ħinijiet tat-trasport pubbliku bil-baħar sa tard billejl.

13 Sabiex inlaħħqu mad-domanda dejjem tikber għas-servizz tat-trasport bil-baħar, se niżviluppaw pjan sabiex jitkabbar il-moll eżistenti f'Xatt il-Barriera. Hawnhekk jeħtieġ li jinħoloq spazju li jippermetti li żewġ vapuri jkunu jistgħu jużaw il-moll fl-istess ħin u b'hekk tiżdied il-frekwenza tal-vjaġġi u l-affidabbiltà tas-servizz.

14 Ir-riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir trid ittejjeb ukoll it-trasport bejn postijiet differenti fil-port u lil hinn. Se nestendu s-servizz tad-dgħajjes tradizzjonali minn bnadi oħra, fosthom rotot li jgħaqqdu Tas-Sliema u San Ġiljan, il-Kalkara u Bormla, u Birżebbuġa u Marsaxlokk.

# Parkeġġi u trasport privat u kummerċjali

15 It-tisħiħ tas-sistema tat-trasport f'pajjiżna ma jistax ikun komplut mingħajr bidla strutturali fil-mod ta' kif isir it-trasport privat u kummerċjali. Hekk kif il-pajjiż jimxi lejn soluzzjonijiet aktar sostenibbli u intelliġenti, irridu nużaw it-teknoloġija avvanzata sabiex nindirizzaw il-parkeġġ, it-traffiku u l-konġestjoni.

16 Il-pjan Malta in Motion jinkludi wkoll l-ewwel strateġija nazzjonali għall-parkeġġ u ċensiment tal-parkeġġi kollha f'Malta u Għawdex. L-istrateġija se tiffoka fuq network ta' parkeġġi ġodda u anqas tidwir tal-karozzi fiċ-ċentri tal-irħula. Dan jista' jsir billi nagħmlu użu aqwa tal-ispazju għall-parkeġġ fi spazji pubbliċi u oħrajn privati 'l barra miċ-ċentru flimkien ma' rotot tat-trasport pubbliku ċirkulari.

**17** Konxji mill-isfidi ta' parkeġġ li jaffaċċjaw ir-residenti f'diversi rħula madwar Malta u Għawdex, bi wħud jesperjenzaw sfidi akbar minħabba attività kummerċjali estensiva fil-lokalità fejn joqogħdu. F'pajjiżna diġà jeżistu lokalitajiet li jħaddmu sistema ta' spazji ta' parkeġġ riservati għar-residenti f'ħinijiet off-peak. Wasal iż-żmien li flimkien mar-residenti, il-kunsilli lokali u l-komunità kummercjali, jiġu studjati l-bżonnijiet ta' kull lokalità u nintroduċu residents parking scheme biex nagħmlu l-ħajja aktar faċli għar-residenti. Dan il-mudell m'huwa assoċjat bl-ebda mod ma' sistema ta' parkeġġ bi ħlas.

**18** Ħriġna sejħa ta' interess għal sidien ta' parkeġġi privati li jistgħu jagħmlu dawn il-postijiet aċċessibbli għall-pubbliku wara l-ħin tal-ftuħ. Hekk kif titlesta l-evalwazzjoni tal-proposti li saru, se jiġu magħżula siti fejn hemm l-aktar sfidi relatati mal-parkeġġ sabiex ikunu jistgħu jintużaw mill-pubbliku.

**19** Bl-għan li jiġu organizzati aħjar l-ispazji fiż-żoni residenzjali u jiżdied in-numru ta' parkeġġi fl-irħula, se naħdmu mal-kunsilli lokali sabiex jiġu identifikati aktar żoni addattati għall-iżvilupp ta' parkeġġi, preferibbilment taħt l-art. Qed nippjanaw parkeġġi ta' din ix-xorta fil-Qawra, il-Gudja u ż-Żejtun u fuqhom jinħolqu spazji miftuħa għan-nies.

**20** Malta qed timxi 'l quddiem b'mod konkret fl-organizzazzjoni tat-traffiku permezz tat-twaqqif tan-National Traffic Control Centre ġewwa Sa Maison. Dan huwa investiment ta' €6 miljun immirat li jittrasforma l-mod ta' kif jiġi organizzat it-traffiku fil-pajjiż. In-NTCC se jkun qed jirċievi informazzjoni f'ħin reali minn sensors, kameras u radars sabiex jiġu kkontrollati d-dawl tat-traffiku, is-sinjali elettroniċi, it-trasport pubbliku u r-rispons għall-emerġenzi. Barra minn hekk se nkunu qed ninvestu aktar f'din is-sistema sabiex insaħħu s-sigurta' taċ-ċiklisti fit-toroq tagħna.

**21** Qed nesploraw soluzzjonijiet innovattivi għall-ġarr tal-merkanzija permezz tad-drones. Dawn jistgħu jintużaw għall-ġarr ta' pakketti żgħar, inkluż mediċina u prodotti essenzjali oħra, u b'hekk jonqos l-ammont ta' vjaġġi bil-karozzi fit-toroq.

**22** Se ntellqu proġett pilota li jinvolvi rotta speċifika għall-ġarr tal-merkanzija matul il-jum. Din se taħdem b'rotot speċifiċi u gwida lejn rotot li ma jkunux f'kunflitt mal-bqija tat-traffiku.

# Aktar investiment fit-toroq

**23** Flimkien mal-investiment fit-trasport pubbliku u l-użu ta' għodda diġitali biex torganizza t-traffiku, pajjiżna jeħtieġ li jibqa' jinvesti fl-immodernizzar tat-toroq tal-pajjiż. Tlestiet il-junction tal-ajruport u fix-xhur li ġejjin jitlesta wkoll il-proġett tal-Imsida Creek. Issa jmiss li nindirizzaw l-aċċessibbiltà fiż-żona Tal-Barrani bil-ħolqien ta' flyover ġdid, il-kostruzzjoni ta' mina ġdida fil-parti ta' Bir id-Deheb u toroq li jagħtu aċċess dirett lejn iż-Żejtun, Ħal Għaxaq, Marsaxlokk u Birżebbuġa.

**24** Żona oħra li għadha tesperjenza konġestjoni tat-traffiku hija l-junction ta' Paceville. Wettaqna studji fuq l-aċċessibbiltà u l-intensità tat-traffiku f'din iż-żona sabiex id-disinn tal-proġett ġie mtejjeb u jkun jista' jservi aħjar il-ħtiġijiet ta' San Ġiljan, is-Swieqi u Pembroke. Hawnhekk se noħolqu korsiji alternattivi u titjib fil-fluss tat-traffiku lejn dawn il-lokalitajiet.

**25** Għamilna interventi fiż-żona tal-Imgħallaq f'Ħal Qormi sabiex titnaqqas il-konġestjoni tat-traffiku, partikolarment dawk il-vetturi li jkunu sejrin lejn Ħal Luqa. Nagħrfu li hemm bżonn isir aktar xogħol sabiex tonqos il-konġestjoni tat-traffiku f'din il-parti ċentrali tal-pajjiż. Hawnhekk se tinħoloq underpass li se ttejjeb l-andament tat-traffiku fiż-żona, partikolarment it-traffiku li jiġi minn Ħaż-Żebbuġ fid-direzzjoni lejn Ħal Qormi.

**26** Interventi oħra li se naħdmu fuqhom fis-snin li ġejjin jikkonċernaw iż-żona tar-roundabout ta' Burmarrad. Hawnhekk se jsir titjib tal-korsiji eżistenti u jitħaffef l-aċċess minn Burmarrad lejn il-bypass ta' San Pawl il-Baħar u minn Triq il-Kosta lejn Burmarrad.

**27** Fl-aħħar snin sar investiment fit-toroq sekondarji u toroq fil-periferiji tal-irħula sabiex iservu ta' alternattiva għat-toroq arterjali. Dan l-investiment se jkompli f'aktar lokalitajiet, fosthom il-Mellieħa, is-Siġġiewi, l-Imqabba, il-Fgura u San Pawl il-Baħar.

# Infrastruttura marittima

**28** L-attività marittima fil-Port ta' Marsamxett qed tkompli tiżdied u allura rridu niżguraw li jkun hemm strutturi li jipproteġu l-opri tal-baħar u l-infrastruttura tal-port mill-maltemp. Se nniedu studju dwar strutturi protettivi li jistgħu jsiru f'dan il-post bil-għan li jitwettqu dawn ix-xogħlijiet.

**29** Wettaqna l-proċess tal-ippjanar relatat ma' investiment ta' €55 miljun maħsub biex inaqqas l-impatt tal-mewġ fil-Port il-Kbir. Il-Gvern kommess li juża fondi tal-Unjoni Ewropea sabiex jibda dan il-proġett, inkluż il-kostruzzjoni ta' berm, revetment u breakwater ġdid f'Sant'Iermu.

**30** Il-viżjoni għall-elettrifikazzjoni tal-portijiet ma tapplikax biss għall-Port il-Kbir. Bdejna proġett simili fil-Freeport sabiex il-vapuri jkunu jistgħu jitfu l-magni tagħhom meta jkunu wieqfa fil-port. Dan il-proġett se jikkontribwixxi għal tnaqqis fil-ħsejjes għar-residenti tal-madwar kif ukoll tnaqqis ta' 4,000 tunnellata ta' emissjonijiet kull sena.

**31** Il-Port ta' Marsaxlokk huwa kruċjali għal bosta sajjieda u sidien ta' bastimenti. Sar breakwater ġdid fil-Ponta tal-Qrejten iżda hemm bżonn li tingħata protezzjoni akbar lil dan il-port kontra l-qilla tal-baħar. Se ssir manutenzjoni fuq il-breakwater li jinsab fuq in-naħa ta' Delimara u jiġi mtawwal sabiex jipprovdi aktar kenn lill-bastimenti fil-port.

**32** Bdejna proċess sabiex jiġu organizzati aħjar l-irmiġġi tad-dgħajjes. Dan l-eżerċizzju qed iwassal għal organizzazzjoni aħjar tad-dgħajjes, aktar sigurtà u spazju għal irmiġġi ġodda. Se nagħmlu eżerċizzji bħalma sar fil-Bajja tal-Għadira f'bajjiet u portijiet oħra madwar il-pajjiż.

# Infrastruttura għall-mixi u ċ-ċikliżmu

**33** Lestejna l-ewwel proġett ta' Vjal Kulħadd fit-triq li tgħaqqad lil Ħaż-Żabbar u ż-Żejtun. Għaddej xogħol simili ieħor fil-Gudja, ir-Rabat, in-Naxxar, Ħ'Attard, is-Siġġiewi u l-Floriana. Wara jibdew proġetti simili fil-Mellieħa, iż-Żurrieq, Ħal Safi, Ħal Kirkop u l-Mosta, ilkoll maħsuba biex it-toroq jagħtu prijorità lin-nies, iċ-ċikliżmu, l-eżerċizzju fiżiku u t-tgawdija ta' spazji miftuħa. Fis-snin li ġejjin se naħdmu ma' aktar kunsilli lokali u għaqdiet mhux governattivi sabiex inwettqu aktar minn dawn il-proġetti fl-irħula u l-ibliet tagħna.

**34** Bdejna nwettqu l-proġett C-SAM fiż-żona tal-Belt Valletta, il-Pietà u l-Blata l-Bajda fejn qed jinħolqu rotot iddedikati għall-mixi u ċ-ċikliżmu, pontijiet moderni u konnessjonijiet aktar siguri bejn diversi lokalitajiet. Il-fażi li jmiss tal-proġett tinvolvi l-iżvilupp ta' konnessjoni ġdida bejn il-Marsa u Raħal Ġdid u b'hekk insaħħu l-mobbiltà sostenibbli fil-qalba urbana ta' pajjiżna.

**35** Illum għandna 'l fuq minn 70 kilometru ta' toroq u rotot iddisinjati speċifikament għall-mixi u ċ-ċikliżmu. Il-pjan tagħna huwa li nespandu din in-network sabiex noħolqu network nazzjonali ta' rotot għaċ-ċikliżmu li tgħaqqad partijiet differenti tal-pajjiż flimkien.

# Mobbiltà alternattiva

**36** Irridu li aktar nies jużaw il-karozza anqas u jużaw mezzi ta' trasport alternattiv. Se nintroduċu mobility wallet, pjattaforma diġitali li se tgħaqqad flimkien is-servizzi kollha tat-trasport pubbliku, it-trasport bil-baħar, car pooling u l-faċilitajiet tal-park-and-ride. Din l-inizjattiva se jkollha sistema ta' mobility credits li jinkisbu meta jintużaw mezzi ta' trasport alternattivi u jissarrfu meta jinxtraw prodotti u servizzi varji, fosthom trasport alternattiv privat.

**37** Aktar nies qed jużaw muturi żgħar biex imorru minn post għal ieħor. Se nsostnu l-għajnuniet fuq ix-xiri ta' muturi żgħar u noħolqu aktar spazju għall-parkeġġ riservat għal muturi. Barra minn hekk se nneħħu l-ħlasijiet relatati mal-liċenzja biex jinstaqu muturi li l-magna tagħhom ma tkunx akbar minn 350cc.

**38** Se naħdmu flimkien mal-operaturi tal-y-plates u operaturi tal-ġarr tal-passiġġieri sabiex nippromwovu l-kunċett ta' ride sharing. Passiġġieri differenti jkunu jistgħu jużaw is-servizz tal-istess xufier sabiex imorru fl-istess post. Din l-inizjattiva tkun tista' tiġi integrata fil-mobility wallet, tnaqqas l-ispiża lill-passiġġieri u tnaqqas ukoll l-ammont ta' vjaġġi fit-toroq.

**39** Bħalissa l-Gvern jgħin lil kumpaniji privati jixtru cargo e-bikes sa massimu ta' 80% tal-ispiża. L-inċentiv li noffru sabiex wieħed jixtri e-bike se jiżdied għal €1,300 għal żgħażagħ li jkollhom bejn sittax u tmintax-il sena.

**40** L-iskejjel fl-irħula għandhom ikunu aċċessibbli bil-mixi. Se titkompla l-ħidma li bdiet fl-aħħar snin sabiex ikun hemm toroq u bankini aċċessibbli li jwassluk sal-iskola bil-mixi. L-iskejjel se jiġu megħjuna jiżviluppaw il-kunċett ta' walking school bus, inizjattiva li għandha benefiċċju għat-tfal u tnaqqas il-konġestjoni tat-traffiku mill-irħula.

**41** Għaddejjin diskussjonijiet lokalità lokalità sabiex inżidu l-ġbir tal-iskart f'ħinijiet off-peak. Is-sistema l-ġdida trid tnaqqas it-traffiku u tkun konvenjenti għar-residenti. Se nkomplu nagħtu l-appoġġ meħtieġ lill-kunsilli reġjonali u l-kunsilli lokali biex aktar bnadi madwar Malta u Għawdex jagħmlu din il-bidla.

**42** Se nkomplu naħdmu ma' operaturi privati u ħwienet sabiex iżjed deliveries ta' prodotti jsiru f'ħinijiet off-peak jew billejl kull fejn ikun jagħmel sens.

## Trasport nadif

**43** Illum il-karozzi li jużaw enerġija alternattiva qed jiżdiedu b'rata ħafna akbar minn karozzi li jaħdmu bil-petrol u d-diesel. L-għajnuniet li jagħti l-Gvern huma strumentali sabiex il-konsumatur jibqa' jagħżel karozzi li jniġġsu anqas. Fil-leġiżlatura li jmiss se nkunu qed insostnu dawn l-inċentivi filwaqt li nibdlu l-arranġamenti eżistenti sabiex il-konsumatur jiġi megħjun fl-ispiża fil-mument li jkun qed jixtri minflok jirċievi rifużjoni wara.

**44** Mis-sena 2029 'il quddiem kull vettura ġdida li se tintuża għall-ġarr tal-passiġġieri, inkluż karozzi tal-kiri, trid tkun elettrika jew hybrid. Din hija miżura oħra li se tnaqqas l-emissjonijiet mit-trasport tal-passiġġieri u taċċellera l-elettrifikazzjoni tat-trasport f'pajjiżna.

45 L-iskema Green Mobility Scheme hija eżempju konkret kif qed jiġu megħjuna n-negozji sabiex jinvestu f'mezzi ta' trasport aktar indaf. Irridu li din l-iskema tkompli tgħin lin-negozji sakemm il-prattiċi ta' trasport sostenibbli jsiru għażla naturali ta' min ikun qed jinvesti jew jespandi. Fil-leġiżlatura li jmiss se naraw li aktar negozji jingħataw krediti ta' taxxa u jiffrankaw spejjeż jew interessi fuq self li jagħmlu biex jinvestu f'faċilitajiet ta' charging kif ukoll xiri jew kiri ta' vetturi elettriċi.

46 Se nkomplu l-installazzjoni ta' charging pillars fi spazji jew binjiet pubbliċi madwar il-pajjiż kollu. Barra minn hekk, se naħdmu ma' operaturi privati biex jiżdiedu charging pillars f'parkeġġi privati u stabbilimenti kummerċjali wkoll.

47 Se naħdmu fuq proġett pilota li jintroduċi t-teknoloġija vehicle-to-grid ġewwa pajjiżna. Dan il-kunċett jista' jnaqqas l-ispiża għall-konsumaturi u l-karozzi elettriċi jkunu jistgħu jintużaw biex jaħżnu u jiddistribwixxu enerġija nadifa. Il-konsumaturi se jkollhom inċentiv jimlew il-batteriji tal-karozzi tagħhom meta d-domanda għall-elettriku tkun baxxa u jitfgħu elettriku lura fil-grid tal-elettriku meta d-domanda tkun ogħla.

# Ir-riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir

48 Nidejna pjan ambizzjuż biex jiġi rriġenerat il-Port il-Kbir, partikolarment iż-żoni industrijali biswit il-baħar fil-Marsa. Il-pjan jiffoka fuq erba' żoni differenti li se jilqgħu fihom attivitajiet ekonomiċi sostenibbli, spazji ħodor u spazji kulturali. Il-pjan huwa mibni fuq il-prinċipji ta' Viżjoni 2050 u jagħti prijorità lir-restawr tal-wirt storiku, inkluż dak industrijali, il-ħolqien ta' spazji aċċessibbli għall-pubbliku u interventi ambjentalment sostenibbli. Saret konsultazzjoni pubblika relatata ma' dan il-pjan u wara mxejna għat-tieni stadju permezz ta' preliminary market consultation relatat mal-ewwel u l-akbar fażi tal-pjan ta' riġenerazzjoni. Wara tkun tista' ssir l-għażla ta' proġetti għal siti differenti f'din iż-żona, fosthom is-sit fejn kienet il-power station, l-Għolja tal-Ġiżwiti, it-Tined tal-Patata, Mifsud Verandah u Bridge Wharf.

49 Customs House hija waħda mill-binjiet storiċi u fost l-aktar prominenti fil-Port il-Kbir. Din hija parti mill-ewwel fażi tal-pjan tar-riġenerazzjoni u diġà bdew it-tħejjijiet sabiex isir ir-restawr tagħha. Din hija binja tal-poplu u nemmnu li għandha tkun proġett nazzjonali li jintuża bħala spazju kreattiv.

**50** Fil-leġiżlatura li jmiss se toħroġ ukoll sejħa għal proġetti fiż-żona tal-Menqa ġewwa l-Marsa. Din hija t-tieni fażi tal-pjan tar-riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir u tiffoka fuq investiment li jisfrutta l-potenzjal li għandu Flagstone Wharf għal proġetti fil-qasam marittimu. Ix-xogħol fuq din iż-żona jrid jinkludi promenade, spazju għall-għoti ta' servizzi marittimi, faċilitajiet għall-eżerċizzju fiżiku, ħwienet u pjazza ġdida għat-tgawdija tal-pubbliku.

**51** Fl-2024 beda jopera l-Onshore Power Supply fil-Port il-Kbir, proġett li naqqas drastikament l-emissjonijiet fil-port u tejjeb il-kwalità tal-arja ta' ħafna nies li jgħixu f'din il-parti tal-pajjiż. Sadanittant bdiet ħidma sabiex parti oħra tal-Port il-Kbir tkun mgħammra b'din it-teknoloġija u allura l-Port il-Kbir ikun ħieles kemm jista' jkun mit-tniġġis tal-arja kkawżat mill-vapuri.

**52** Fil-leġiżlatura li jmiss se nlestu l-proġett ta' riklamazzjoni tal-art f'Ras Ħanżir. Dan il-proġett se joħloq moll ġdid fil-Port il-Kbir, jespandi l-kapaċità tal-port u jsaħħaħ il-kompetittività tas-settur marittimu ta' pajjiżna.

**53** Il-Bajja tar-Rinella hija l-unika bajja ramlija użata mill-għawwiema fil-Port il-Kbir. Hawnhekk se nagħmlu ħidma sabiex titjieb l-aċċessibbiltà, jitneħħew fdalijiet tal-ġebel u titkabbar il-bajja.



18

# Servizz tas-saħħa eċċellenti

Is-servizz tas-saħħa ta' pajjiżna u l-professjonisti mediċi taw prova darba wara oħra tal-kwalità tal-kura u s-servizz li għandna f'Malta. Il-pjan tagħna fis-saħħa jiffoka fuq il-prevenzjoni, jiġifieri stil ta' ħajja sana li jżomm lil dak li jkun ħieles mill-mard. Se nibqgħu nagħmlu l-aqwa investiment fil-faċilitajiet mediċi tagħna, l-apparat mediku li nużaw u l-għoti ta' servizzi dejjem eqreb taċ-ċittadin.

# Prijorità lill-prevenzjonii

**01** Il-pjan tagħna huwa li parti mill-binja tal-Isptar San Luqa tintuża sabiex fiha jsir ċentru nazzjonali tal-ġenetika li jistħarreġ il-probabbiltà li t-trabi li jitwieldu jiżviluppaw kundizzjonijiet ġenetiċi aktar tard f'ħajjithom. Dan is-servizz ikun jista' jipprovdi gwida personalizzata u kura preventiva liċ-ċittadini li jkunu f'riskju ogħla li jesperjenzaw mard serju jew imwiet prematuri.

**02** Hemm bżonn li aktar nies ikollhom l-opportunità li jagħmlu screening għal kundizzjonijiet bħall-kolesterol, id-dijabete u l-pressjoni. Dawn is-servizzi ma għandhomx ikunu limitati għal bereġ tas-saħħa u se naħdmu ma' għaqdiet volontarji, il-kunsilli lokali u postijiet tax-xogħol sabiex dawn is-servizzi jilħqu l-popolazzjoni kollha.

**03** L-investiment li wettaqna fil-Medical Imaging Department fl-Isptar Mater Dei qed isalva l-ħajjiet u anqas nies qed ikollhom bżonn operazzjonijiet ikkumplikati. Fil-leġiżlatura li jmiss se jitlesta x-xogħol biex jikber l-ispazju f'dan id-dipartiment u jsir ammont akbar ta' testijiet. Se nużaw ukoll teknoloġija avvanzata bħall-photon-counting CT li żżid il-preċiżjoni tar-riżultati u tnaqqas il-livell ta' radjazzjoni użata.

**04** Is-Servizz tas-Saħħa Pubblika qed jagħmel screening għall-mard fost firxa akbar ta' nies u qed jirnexxielu jidentifika mard serju kmieni kemm jista' jkun. Se naħdmu biex rata akbar ta' nies jattendu għat-testijiet u se nnaqqsu l-età tal-mammograms u t-testijiet għall-kanċer fil-musrana għall-persuni li għandhom 45 sena u aktar.

**05** Nagħrfu li jrid isir screening aktar estensiv fost persuni li għandhom riskji ogħla għal saħħithom. Għalhekk se nsaħħu l-isforzi tagħna biex jibda jsir screening għall-kanċer tal-prostata fi rġiel li jagħlqu 55 sena, persuni li jkollhom familjari li jbatu bil-kanċer tal-frixa u screening għall-kanċer fil-pulmun għal persuni li għandhom riskju għoli u għandhom aktar minn 55 sena.

# Teknoloġija għas-servizz tal-pazjent

**06** Pajjiżna introduċa l-ewwel strateġija dwar is-saħħa diġitali u d-data dwar is-saħħa. Il-qofol ta' din l-istrateġija jrid jintlaħaq b'ħidma biex il-qasam tas-saħħa jkollu sistema elettronika waħda li tiġbor fiha l-informazzjoni kollha fuq saħħet il-pazjenti u li tkun aċċessibbli mill-professjonisti mediċi f'kull stadju tal-kura.

07 Is-sistema myHealth biddlet il-mod kif il-pazjenti jaċċessaw is-servizz tas-saħħa pubblika, fosthom informazzjoni dwar tilqim, riżultati, appuntamenti u mediċini. Se nkomplu nżidu l-faċilitajiet disponibbli fuq din il-pjattaforma sabiex dawk li jużawha jkunu jistgħu jaqsmu informazzjoni dwarhom ma' firxa aktar wiesgħa ta' professjonisti mediċi u jingħataw assistenza kif jindirizzaw kundizzjonijiet ta' saħħa kroniċi.

08 L-użu tar-robotika qed jgħinna nagħtu servizz ta' eċċellenza lill-pazjenti b'mard tal-prostata, stonku, imsaren u l-kura ġinekoloġika. Se nwessgħu dan is-servizz permezz ta' aktar tagħmir li jippermetti aktar speċjalitajiet li jużaw din it-teknoloġija. Barra minn hekk, se nsaħħu l-ftehimiet eżistenti ma' sptarijiet privati u nippromwovu l-użu tal-kirurġija robotika f'interventi li jsiru fihom ukoll.

09 It-teknoloġija u l-investiment li sar fil-faċilitajiet tas-saħħa jagħtuna l-opportunità li naħżnu tessuti sabiex ikunu jistgħu jintużaw għal pazjenti oħra. Dawn il-proċeduri avvanzati se jkunu jistgħu jiġu adottati wkoll waqt interventi kirurġiċi li jinvolvu defiċjenza fl-għadam.

10 L-użu sekondarju ta' informazzjoni dwar il-pazjenti qed tagħtina l-opportunità li nagħrfu xejriet relatati ma' mard fil-popolazzjoni Maltija u t-tip ta' kura li rridu nipprovdu għalihom fil-preżent u fil-futur. Se noħolqu l-kunċett ta' Health Data Warehouse fejn tkun tista' tinżamm din l-informazzjoni b'mod anonimu u organizzat.

# Sistema tas-saħħa aċċessibbli kullimkien

11 F'sena l-helpline ġdida 1400 għenet madwar 30,000 persuna sabiex jieħdu l-kura li kellhom bżonn fl-inqas ħin possibbli minn ċentri tas-saħħa u kliniċi privati. Se nużaw sistemi li jaħdmu bl-intelliġenza artifiċjali sabiex isiru evalwazzjonijiet mediċi aktar robusti u preċiżi. Il-professjonisti mediċi u l-ħaddiema fl-isptarijiet tagħna jkunu jistgħu jiffukaw aktar fuq każijiet kumplessi.

12 Ftaħna ċentru tas-saħħa ġdid fir-Rabat, Għawdex u ċ-Ċentru Reġjonali tas-Saħħa Ċensu Moran f'Raħal Ġdid. Issa jmiss li jibda l-proġett tal-multi-modality clinic ġewwa l-Qawra. Din il-faċilità se tnaqqas il-pressjoni minn fuq iċ-ċentru tas-saħħa tal-Mosta u fiha se jkunu jistgħu jsiru operazzjonijiet minuri. Din il-klinika se toffri wkoll servizzi ta' radjoloġija, fiżjoterapija u occupational therapy flimkien ma' servizzi oħra relatati mas-saħħa mentali u s-saħħa sesswali.

13 Iċ-ċentru tas-saħħa tal-Floriana u ċ-Ċentru Nazzjonali tal-Iscreening se jiġu miġbura taħt saqaf wieħed fil-binja tal-Isptar Sir Paul Boffa. Il-binja se tiġi rrinnovata sabiex tilqa' fiha ċentru għat-tilqim u ċentru tas-saħħa primarja modern li jkun miftuħ il-ġurnata kollha.

14 Irridu li aktar nies jirċievu s-servizz tas-saħħa eqreb ta' fejn jgħixu. Iċ-ċentri tas-saħħa ta' Ħal Qormi u l-Gżira se jibdew jibqgħu miftuħa erbgħa u għoxrin siegħa kuljum.

15 Iċ-ċentri tas-saħħa se nużawhom biex nipprovdu servizzi li sa issa kienu aċċessibbli biss mill-Isptar Mater Dei, inkluż testijiet tad-demm u servizz ta' radjografija diġitali. Il-pazjent se jkun jista' jirċievi dijanjosi ta' kwalità tajba u riżultati fi żmien qasir, erbgħa u għoxrin siegħa kuljum.

16 Il-bereġ tas-saħħa jaqdu l-bżonnijiet tal-pubbliku b'servizzi differenti bħal ċertifikati mediċi, tabib tal-familja u teħid tad-demm. Dawn il-bereġ se nkomplu ninvestu fihom bl-aħjar mod, inkluż rinnovar tal-berġa tal-Imġarr u l-ftuħ ta' bereġ ġodda fil-Qrendi u f'Ta' Ġiorni, San Ġiljan.

17 Ftaħna l-ewwel Renal Unit ġdid 'il barra mill-Isptar Mater Dei ġewwa l-Isptar San Vinċenz de Paule. Se nkomplu nnaqqsu l-iskariġġ għall-pazjenti tal-kliewi u ninstallaw aktar magni tad-dijaliżi fi bnadi oħra madwar il-pajjiż.

# Investiment kontinwu fl-Isptar Mater Dei

18 Tlesta x-xogħol preparatorju kollu sabiex fil-leġiżlatura li jmiss isir ix-xogħol fuq il-bini tal-estensjoni tad-Dipartiment tal-Aċċidenti u l-Emerġenza. Id-daqs ta' dan id-dipartiment se jirdoppja sabiex ikun jista' jaqdi volum akbar ta' nies fl-istess ħin. Il-proġett se jinkludi wkoll it-taqsima l-ġdida tal-psikjatrija akuta.

19 Wara li ħloqna l-Medical High Dependency Unit u kif titlesta l-espansjoni tad-Dipartiment tal-Emerġenza, ikun imiss li tiġi estiża t-Taqsima tal-Kura Intensiva. Se jibdew ix-xogħlijiet meħtieġa sabiex din it-taqsima importanti tespandi b'40% u tkun tista' tilqa' fiha numru akbar ta' pazjenti fl-istess ħin.

20 Ir-rilokazzjoni tas-servizzi ta' outpatient 'il barra mill-Isptar Mater Dei tipprovdilna opportunità li noħolqu Mother and Child Unit fl-istess post. Din it-taqsima se tiġbor fiha swali tal-operazzjonijiet iddedikati għall-kura pedjatrika, NPICU akbar, delivery suite u klinika ta' qabel it-twelid.

21 Irridu li jkollna sptar li jlaħħaq mad-domanda tal-preżent u l-futur. L-ispazju li jinħoloq permezz tar-rilokazzjoni tal-Iskola Medika u t-tliet Obstetric Wards jagħtina l-opportunità li noħolqu swali ġodda b'aktar minn 150 sodda addizzjonali.

## Ir-riġenerazzjoni tal-Isptar San Luqa

22 Bdejna l-ewwel fażi tar-riġenerazzjoni tal-Isptar San Luqa b'ħidma biex tiġi rrinnovata waħda mill-blokok prinċipali. Fih se jkun hemm erba' swali li jiġu ttrasformati f'one-stop shop għas-servizz tal-outpatient, fosthom tipi differenti ta' terapija, kura tal-għajnejn, dermatoloġija u operazzjonijiet minuri. Dan il-proġett se jwassal għall-ħolqien ta' faċilitajiet tas-saħħa moderni u jnaqqas il-pressjoni minn fuq is-servizzi eżistenti fl-Isptar Mater Dei.

23 Parti oħra mill-Isptar San Luqa se tiġi rrinnovata sabiex tilqa' fiha u jiġi mmodernizzat id-Dipartiment tal-Kura tas-Snien. L-ispazju fejn jinsab dan id-dipartiment bħalissa fl-Isptar Mater Dei se jintuża sabiex jinħolqu erba' teatri tal-ortopedija u b'hekk innaqqsu l-ħin ta' stennija għal dawn l-operazzjonijiet, speċjalment f'każijiet ta' korrimenti gravi.

24 Fit-tieni fażi tal-proġett, il-binja li kienet tintuża biex tipprovdi servizz ta' outpatient fl-Isptar San Luqa se tiġi mibdula f'Rehabilitation Unit moderna. Minnha se jkunu jistgħu jiġu offruti servizzi ġodda ta' fiżjoterapija u occupational therapy permezz tar-robotika.

25 It-tielet fażi tat-trasformazzjoni ppjanata fl-Isptar San Luqa hija maħsuba biex tkompli tnaqqas il-listi ta' stennija. Din tinvolvi t-twaqqigħ ta' binjiet eżistenti sabiex minflokhom jinħoloq Ambulatory Care Surgical Hospital. Dan se jinkludi swali ta' kontinġenza u faċilitajiet fejn isiru operazzjonijiet li ma jkunux jeħtieġu li l-pazjent idum l-isptar aktar minn ftit ġranet.

# L-aqwa appoġġ lill-pazjenti tagħna

26 Din is-sena se jibda jopera l-Bank tad-Demm u t-Tessuti ġewwa San Ġwann. Dan se jkun mgħammar b'faċilitajiet li se jtejbu l-kwalità tal-ipproċessar tad-demm u servizzi għal pazjenti u donaturi fi proċeduri ta' trapjanti tad-demm, tal-mudullun jew tal-kurdun. Investiment bħal dan se jwassal biex anqas pazjenti Maltin ikollhom bżonn isiefru biex jagħmlu trapjanti tal-mudullun.

27 Fil-preżent il-Gvern iħallas l-ispejjeż biex persuna tmur għal kura barra minn Malta. Il-Gvern iħallas ukoll l-ispejjeż taż-żewġ ġenituri f'każ li l-pazjenti jkunu tfal. Mil-leġiżlatura li jmiss se nibdew inkopru wkoll l-ispiża ta' persuna li tkun qed takkumpanja lill-persuna adulta li tkun qed tirċievi l-kura barra minn Malta.

28 Il-volontiera ta' Dr Klown iwettqu ġid kbir fost pazjenti li jkunu għaddejjin minn mumenti ibsin, speċjalment tfal u persuni li jkunu qed jesperjenzaw uġigħ. Filwaqt li se nkomplu ninvolvu volontiera li joffru l-ħin tagħhom għal pazjenti oħra, se naħdmu sabiex din il-ħidma mal-pazjenti ssir parti mis-servizz tas-saħħa pubblika.

29 Fl-isptarijiet pubbliċi se nużaw is-servizzi ta' play therapists. Dawn mhux biss jgħinu lil tfal rikoverati l-isptar iżda jnaqqsu l-pressjoni minn fuq il-ġenituri u l-infermiera.

30 Fil-leġiżlatura li jmiss se nkomplu nagħtu l-appoġġ kollu tagħna lill-pjan ta' Puttinu Cares biex jibnu Ċentru għat-Terapija Ħolistika għat-Tfal u l-Familji fil-Mosta. Il-Gvern se jkun qed jiffinanzja dan il-proġett maħsub sabiex jagħti sapport lil tfal li jkunu qed jirċievu trattament għall-kanċer. Din se tkun inizjattiva oħra li se tgħin biex anqas pazjenti Maltin ikollhom bżonn imorru barra mill-pajjiż sabiex jirċievu servizzi mediċi.

31 L-ispeċjalizzazzjoni tal-professjonisti mediċi għandha rabta diretta mal-kwalità tal-kura mogħtija lill-pazjenti. Fiż-żmien li ġej se naħdmu biex aktar professjonisti mediċi jispeċjalizzaw fi studji dwar is-sistema immunitarja, il-ġenetika u t-trapjanti tal-mudullun fit-tfal.

32 Il-Partit Laburista jemmen li ma għandu jibqa' l-ebda numerus clausus f'korsijiet relatati mas-saħħa. Se naħdmu sabiex tkun tista' titneħħa din il-limitazzjoni, partikolarment fir-radjografija u d-dentistrija.

# Aċċess għall-mediċini

33 Il-Gvern Laburista indirizza s-sitwazzjoni tal-mediċini out of stock u daħħal sistemi sabiex jiffaċilitaw it-tqassim ta' dawn il-mediċini. Is-sistema tal-ePrescription żiedet l-effiċjenza u naqqset il-karti fis-sistema tal-Ispiżerija tal-Għażla Tiegħek. Se nwessgħu dan is-servizz għall-pazjenti kollha li jkollhom bżonn is-servizz tal-outpatient b'sistema li tinkludi riċetti maħruġa minn operaturi privati u li jistgħu jintużaw fi spiżeriji privati.

34 Fil-leġiżlatura li jmiss se nikkonkludu l-proċess li beda fl-aħħar xhur sabiex il-Gvern jieħu responsabbiltà tal-mediċini kollha li sa ftit ilu kienu jiġu offruti mill-Community Chest Fund.

35 L-Awtorità Maltija għall-Mediċina wettqet proġett pilota sabiex mediċini minn swieq differenti fl-Unjoni Ewropea jkunu aċċessibbli lokalment b'informazzjoni bil-Malti jew bl-Ingliż. Din l-inizjattiva se tkompli tiġi żviluppata sabiex aktar mediċini minn Stati Membri differenti jkunu aċċessibbli f'pajjiżna bi prezzijiet affordabbli.

36 Il-formularju tal-Gvern baqa' jinkludi numru dejjem jikber ta' mediċini. Se nkomplu nżidu aktar mediċini f'din il-lista, fosthom mediċini innovattivi li jittrattaw kundizzjonijiet komuni tal-ġilda li sa issa ma kinux meqjusa bħala ta' theddida għall-ħajja.

# Assistenza lill-pazjenti tad-dijabete

37 Tlesta l-proċess sabiex jingħataw continuous blood glucose monitors lil kull pazjent li jbati bid-dijabete type-1, dijabete tat-tqala u dijabete wara t-tneħħija tal-frixa. Issa ninsabu f'pożizzjoni li nibdew nagħtu continuous blood glucose monitors lill-pazjenti bid-dijabete type-2.

38 L-insulin pumps bdew jitqassmu fl-2025 u ħallew differenza fil-ħajja ta' diversi tfal u żgħażagħ sa tmintax-il sena li jbatu bid-dijabete type-1. Dawn se jibdew jingħataw ukoll lil pazjenti oħra li huma akbar fl-età.

39 Se ninvestu f'tagħmir ieħor modern li jtejjeb l-iscreening tar-retina fost pazjenti dijabetiċi sabiex mard ta' din il-parti tal-għajn ikun jista' jiġi identifikat aktar kmieni u tingħata terapija aħjar.

## Fost l-aqwa kura fid-dinja kontra l-kanċer

40 Fl-2024 inbeda s-servizz innovattiv ta' radjoterapija bl-MR Linac, teknoloġija offruta biss fi ftit ċentri fl-Ewropa. Il-ħidma li qed issir miċ-Ċentru tal-Onkoloġija Sir Anthony Mamo qed twassal biex tiżdied ir-rata ta' persuni li jfiqu mill-kanċer u jkomplu jgħixu ħajja normali. Se nibqgħu nagħmlu investiment maġġuri f'dan l-isptar, fosthom b'brachytherapy unit u żewġ linear accelerators ġodda. Dan it-tagħmir jassigura interventi effettivi kontra l-kanċer bl-inqas impatt possibbli fuq il-kumplament tal-ġisem.

41 Fl-2025 ġie inawgurat l-ewwel PET-CT scanner tax-xorta tiegħu fl-Isptar Mater Dei. Dan l-apparat huwa ħafna aktar preċiż u sensittiv minn dak ta' qablu filwaqt li jnaqqas il-ħin tal-eżaminazzjoni. Fiż-żmien li ġej se nżidu PET-CT scanner ieħor sabiex għall-ewwel darba s-Servizz tas-Saħħa Pubblika jkollu żewġ scanners ta' dan it-tip jaħdmu fl-istess ħin u jiżdied l-ammont ta' pazjenti moqdija kuljum.

## Kura Paljattiva

42 Il-kwalità tal-kura tibqa' kruċjali sal-aħħar mumenti tal-ħajja u se nkomplu nagħtu l-appoġġ kollu meħtieġ lill-faċilitajiet li nfetħu fl-aħħar snin, fosthom il-Palliative Care Unit ta' San Vinċenz de Paule u St Michael Hospice. Fiż-żmien li ġej se nibdew ħidma sabiex tinħoloq faċilità oħra ta' dan it-tip li tkun iddedikata għat-tfal.

43 Malta tipprovdi l-mediċini kollha essenzjali relatati mal-kura paljattiva rrakkomandati mill-Għaqda Dinjija tas-Saħħa. Minkejja dan se nkomplu nespandu l-lista ta' mediċina paljattiva fil-formularju tal-Gvern u nżidu l-għażliet terapewtiċi disponibbli għall-pazjenti.

44 Kulma jmur se nkomplu nwessgħu l-għoti tal-kura paljattiva fil-komunità kif imniżżel fl-Istrateġija dwar il-Kura Paljattiva tal-2025. Il-pazjenti u l-qraba tagħhom se jkunu jistgħu jirċievu aktar servizzi ta' kura u assistenza minn ġewwa darhom bl-għajnuna ta' professjonisti li jaħdmu fil-komunità.

## Mard rari

45 Illum pajjiżna għandu l-ewwel strateġija ddedikata għall-mard rari. Irridu nassiguraw li nidentifikaw mard rari kmieni kemm jista' jkun u għalhekk se nsaħħu l-iscreening sabiex jinkludi firxa aktar wiesgħa ta' mard rari. Il-monitoraġġ se jitkompla fi stadji differenti tal-ħajja u l-pazjenti u min jieħu ħsiebhom se jiġu megħjuna minn professjonisti mħarrġa speċifikament fil-kura u l-appoġġ relatat ma' mard rari.

46 Minkejja li ħafna drabi ma jkunx hemm aktar pazjenti bl-istess mard rari f'Malta stess, xorta waħda jeħtieġ li l-mediċina għal mard rari tkun aċċessibbli b'xejn f'pajjiżna. Se nestendu l-lista ta' orphan drugs għal mard rari disponibbli fuq il-formularju tal-Gvern.

## Saħħa sesswali

47 L-implimentazzjoni tal-Istrateġija għas-Saħħa Sesswali 2025 – 2030 tipprovdi għażla u protezzjoni lin-nies dwar is-saħħa sesswali tagħhom. L-għarfien dwar il-mard trażmess mis-sess u l-bżonn ta' screening relatat miegħu qed jiżdied. L-introduzzjoni tar-rapid HIV testing se nikkonsolidawh b'aktar kollaborazzjoni mal-għaqdiet mhux governattivi u estensjoni tas-servizz f'postijiet oħra fil-komunità.



19

# Provvista tal-ikel b'saħħitha

Pajjiżna għandu ta' ikel bnin u frisk li jasal għand il-konsumatur fi ftit ħin. Is-sigurtà tal-ikel hija kruċjali għal gżira żgħira bħal Malta. Il-provvista tal-ikel tagħna tiddependi mill-appoġġ kontinwu li nagħtu lill-bdiewa, ir-raħħala u s-sajjieda. Irridu niddistingwu l-prodotti uniċi tagħna sabiex nagħtu valur xieraq lill-prodott tal-bidwi Malti filwaqt li nsaħħu l-valur miżjud tas-settur tal-ikel lokali.

# Inħarsu l-biedja lokali

**01** Irridu nsostnu l-ħidma li saret biex is-settur agrikolu ta' Malta jkompli jiġġedded b'aktar investiment u stabbiltà. L-għajnuna finanzjarja lill-bdiewa u r-raħħala se tkompli tiżdied b'fondi nazzjonali u kif ukoll b'fondi tal-Unjoni Ewropea. Il-Gvern se jassigura pakkett finanzjarju tajjeb u kundizzjonijiet favorevoli għall-bdiewa u r-raħħala Maltin matul in-negozjati tal-Politika Agrikola Komuni l-ġdida.

**02** Il-ħolqien ta' Riżorsi Agrikoli Malta u l-ftehim li għandha mal-Awtorità tal-Artijiet wassal sabiex il-bdiewa bdew jingħataw prijorità fl-għoti ta' art agrikola tal-Istat. Issa jmiss li nintroduċu tibdiliet leġiżlattivi sabiex nassiguraw li l-art agrikola tal-Gvern titħares mill-ispekulazzjoni u tiġi allokata lill-bdiewa, speċjalment lil bdiewa żgħażagħ u oħrajn li qed jistudjaw biex jidħlu f'dan is-settur.

**03** Neħħejna t-taxxa tas-suċċessjoni lil sidien li jirtu art agrikola li tkun imqabla lill-bdiewa jew art agrikola li tintiret minn membri tal-familja li jkunu bdiewa. Issa se neżentaw ukoll persuni li jirtu art agrikola privata u jagħmlu arranġamenti biex tinħadem minn bdiewa żgħażagħ jew bdiewa oħra li jkunu jridu jkabbru l-operat tagħhom.

**04** Nagħrfu li hemm bdiewa full-time u part-time li ilhom ħafna snin jaħdmu raba' tal-Gvern iżda ma għandhomx titolu fuqu. Ħafna minn dawn il-bdiewa ma rnexxilhomx jakkwistaw titolu minn skemi li kienu ddaħħlu fil-passat. Se nagħtu serħan il-moħħ lil dawn il-bdiewa permezz ta' skema li tgħin bdiewa attivi jiksbu titolu fuq ir-raba' li jkun ilhom jaħdmu.

**05** Se nistabbilixxu inkubatur tan-negozju li jinkoraġġixxi lill-bdiewa jikkoperaw flimkien, jidentifikaw swieq ġodda u jżidu l-valur tal-prodotti tagħhom.

**06** L-agrikoltura tiddependi mit-tiġdid ġenerazzjonali u għalhekk se noħolqu strateġija speċifika għal dan il-għan. Din se tinkludi inċentivi ġodda u miżuri li jżidu l-flessibbiltà u l-opportunitajiet ta' tagħlim għal dawk li jixtiequ jidħlu fl-agribusiness.

**07** Fil-leġiżlatura li jmiss se tintensifika l-ħidma fuq il-bini ta' pitkalija ġdida u faċilitajiet avvanzati għall-ħażna tal-ikel. Dan il-proġett se jimmodernizza l-proċessi tal-bejgħ u x-xiri, iżid it-traċċabbiltà tal-ħaxix u l-frott u jżid id-disponibbiltà ta' dawn il-prodotti fi ħwienet u supermarkets lokali.

**08** Il-kaxxi l-ħodor tal-ħaxix u l-frott se jinbidlu u minflokhom jintużaw konterituri aktar moderni u prattiċi għall-bdiewa. Fl-istess waqt il-Pitkalija se tintroduċi sistema ġdida biex il-bejgħ u x-xiri jkunu aktar effiċjenti u ġusti mal-bejjiegħa u x-xerrejja.

**09** Sabiex inkomplu nħeġġu l-bdiewa u nsaħħu l-kompetenzi tagħhom, se nipprovdu evalwazzjoni tal-ħiliet, taħriġ u pariri speċjalizzati fuq suġġetti importanti, fosthom il-kura għall-mard tas-siġar tal-frott.

**10** Se nkomplu nħarsu l-ħiliet tradizzjonali fl-agrikoltura fost il-bdiewa u partijiet interessati oħra, inkluż il-bini ta' ħitan tas-sejjieħ, il-prattika tan-newba u l-produzzjoni ta' ikel tipiku. L-MCAST se jipprovdi aktar opportunitajiet sabiex wieħed jitgħallem u jitħarreġ f'dawn il-prattiċi.

**11** Il-bdiewa li għandhom is-serer jeħtieġu appoġġ speċifiku biex iħaddmu prattiċi aktar sostenibbli u b'anqas impatt ambjentali. Barra minn hekk se niffaċilitaw il-ġbir u r-riċiklaġġ tal-plastik u materjali oħra ta' skart li jintużaw fis-serer, inkluż serer użati għat-tkabbir tal-fjuri.

**12** Se nappoġġjaw studji xjentifiċi u l-kummerċjalizzazzjoni sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi uniċi ta' Malta. Għalhekk se nwettqu ħidma biex navvanzaw ir-riċerka fuq il-varjetajiet indiġeni ta' dwieli tal-inbid fiċ-Ċentru tar-Riċerka tal-Buskett u varjetajiet ta' pjanti oħra maħżuna fil-Bank Ġenetiku Nazzjonali, bħal-lariġ ta' Malta.

**13** L-assistenza li tingħata lill-bdiewa kummerċjali se tiġi estiża wkoll għall-bdiewa żgħar u oħrajn mhux kummerċjali. Dawn se jingħataw gwida u riżorsi biex jinvestu fi proċessi innovattivi u jsaħħu l-produzzjoni tagħhom, flimkien ma' skemi ssimplifikati ta' konsulenza u investiment.

**14** Se nħeġġu l-preservazzjoni tal-bijodiversità lokali billi nqassmu aktar siġar tal-frott indiġeni b'xejn lill-bdiewa, is-sidien tar-raba', il-kunsilli lokali u l-iskejjel. Din l-inizjattiva mhux biss se ssaħħaħ l-identità agrikola u kulturali tagħna, iżda tippromwovi prattiċi ta' agrikoltura sostenibbli.

**15** Bosta nies saru jipproduċu ż-żebbuġ f'ammonti differenti, kemm għall-għasir u kif ukoll għall-mejda. Se nniedu kampanja ta' għarfien dwar il-kultivazzjoni tas-siġar taż-żebbuġ kif ukoll il-produzzjoni taż-żebbuġ u ż-żejt taż-żebbuġa.

# L-użu tal-ilma mill-bdiewa u r-raħħala

16 Is-sistema tan-new water bla ħlas se tkompli tiġi estiża f'żoni agrikoli oħra, bit-tlestija tax-xogħol fuq l-infrastruttura f'Birżebbuġa, iż-Żurrieq u rħula oħra fil-madwar. Wara jkun imiss li jibda x-xogħol fuq is-sistema fiż-żoni agrikoli taċ-Ċentru u l-Punent tal-pajjiż sabiex nilħqu l-mira li dan l-ilma jkun disponibbli madwar il-pajjiż kollu.

17 Se nkunu qed nagħtu aċċess ikkontrollat għal spieri pubbliċi li ma għadhomx jintużaw fejn għad ma hemmx provvista diretta ta' new water. B'hekk innaqqsu d-diskrepanzi bejn żoni agrikoli differenti u noffru soluzzjoni ġusta għall-problema tan-nuqqas ta' ilma.

18 Se nagħtu ilma potabbli b'xejn lir-raħħala kummerċjali u naraw li kull razzett ikun imqabbad mal-infrastruttura tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Ir-raħħala se jkollhom provvista sigura għall-bhejjem, filwaqt li nnaqqsu l-użu tal-ilma tal-pjan.

19 L-agrikoltura tista' tkun mezz sabiex innaqqsu mill-ħela tal-ilma tax-xita. Il-bdiewa se jingħataw għajnuna finanzjarja sabiex jibnu strutturi għall-ħażna tal-ilma fl-għelieqi tagħhom.

# Għajnuna lir-raħħala

20 Fil-Biċċerija Pubblika saret trasformazzjoni sħiħa fl-aħħar ftit snin. Se nkomplu ninvestu fl-immodernizzar u t-tkabbir tagħha sabiex tkompli tiddiversifika l-operat u tipprovdi servizzi speċjalizzati għall-industrija tal-laħam, bħall-qatla tas-summien.

21 Bdejna proċess sabiex irziezet abbandunati jiġu allokati lil raħħala ġodda u oħrajn li jridu jespandu l-operat tagħhom. Se nkomplu din l-inizjattiva u magħha nagħtu inċentivi lil dawn ir-raħħala sabiex jirriġeneraw dawn l-irziezet.

22 L-Awtorità tal-Artijiet se tniedi proċess sabiex tagħti titolu lir-raħħala li għandhom irziezet fuq art tal-Gvern u jixtiequ jkomplu jaraw dawn l-irziezet użati fil-futur, inkluż minn membri tal-familja li jkollhom l-istess mestier.

23 Irridu nnaqqsu d-dipendenza tar-raħħala fuq l-importazzjoni u l-ispejjeż marbutin magħha. Se nistudjaw il-vijabbiltà tal-użu ta' ingredjenti lokali għall-għalf tal-bhejjem.

24 Fil-leġiżlatura li għaddiet daħħalna d-Dairy Welfare Scheme sabiex is-settur tal-baqar għall-ħalib jibqa' b'saħħtu u kompetittiv. Se nassiguraw li l-għotjiet u s-sussidji għar-raħħala tal-baqar għall-ħalib jibqgħu disponibbli b'mod kostanti u prevedibbli.

25 Hekk kif għamilna fis-settur tal-ħalib u tal-majjal bi skema ta' kwalità nazzjonali, se nintroduċu identifikazzjoni ċara għal-laħam tat-tiġieġ lokali. Din l-inizjattiva se tipproteġi kemm lill-konsumatur u kif ukoll lir-raħħala minn kompetizzjoni inġusta u frodi fl-ikel.

26 Ksibna ċ-ċertifikazzjoni Majjal ta' Kwalità u investejna f'faċilitajiet moderni tal-ipproċessar fil-Biċċerija Pubblika. Issa jmiss li nappoġġjaw lill-produtturi tal-majjal bi promozzjoni ta' laħam iċċertifikat, inkluż b'aċċess usa' u traċċabbiltà ta' dan il-laħam fir-ristoranti Maltin.

27 Se nħaddmu skemi ta' għajnuna għall-produtturi tal-fniek, inkluż programmi ta' vaċċinazzjoni ssussidjati sabiex niżguraw is-saħħa tal-bhejjem, produttività għolja u reżiljenza fit-tul tas-settur.

28 Il-koperattivi u l-gruppi tal-produtturi tal-ġbejniet tan-nagħaġ se jkomplu jsibu l-appoġġ tal-Gvern biex jikkonsolidaw l-isforzi tagħhom fil-produzzjoni, l-ippakkjar u l-kummerċjalizzazzjoni tat-tikketta tad-denominazzjoni ta' oriġini protetta. Se nallokaw post għal dan il-għan u b'hekk ngħinu lis-settur ikompli jespandi, kemm f'Malta u kemm barra minn xtutna.

29 Fil-leġiżlatura li jmiss se jitlesta x-xogħol li beda diġà biex it-tiġieġa s-sewda, il-mogħża Maltija u l-larinġa Maltija jiksbu status ta' Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta (DOP) u Indikazzjoni Ġeografika Protetta (IĠP). B'hekk inkunu qed inħarsu l-bijodiversità lokali u noħolqu opportunitajiet ġodda għall-bdiewa Maltin.

30 Se ndaħħlu servizz ġdid għar-raħħala Maltin u Għawdxin relatat mal-ġbir ta' bhejjem mejta. Dawn se jiġu ttrasportati b'mod sigur lejn l-impjanti ta' WasteServ. B'hekk inkunu qed innaqqsulhom l-ispejjeż filwaqt li jiġu evitati riskji sanitarji.

## Is-sehem tan-naħal fl-agrikoltura

31 Fl-aħħar snin tajna għajnuna biex ngħinu s-settur tal-apikultura u ngħollu l-prestiġju tal-għasel Malti. Se noħolqu opportunitajiet ġodda ta' żvilupp sostenibbli filwaqt li Kemmuna ssir żona protetta għall-kultivazzjoni tan-naħla tal-għasel endemika.

32 Se nespandu l-programm tat-tnissil tan-naħla Maltija u nqassmu rġejjen tan-naħal ta' kwalità għolja lin-naħħala ta' pajjiżna.

## Ikel bnin u lokali

33 Se nintroduċu sistema ta' grading standardizzata għall-prodotti agrikoli u tal-ikel biex nassiguraw ġustizzja u trasparenza fis-suq għall-bdiewa u l-konsumaturi. Dan hu investiment kruċjali biex il-prodott Malti jiġi stmat b'mod ġust, insaħħu l-fiduċja tal-konsumatur u nippremjaw il-kwalità.

34 Il-proġett tal-Farmers Market ġewwa Ta' Qali se jitlesta fix-xhur li ġejjin. Filwaqt li se jtejjeb bil-bosta l-faċilitajiet użati mill-bdiewa u r-raħħala, dan is-sit se jkun attrezzat biex is-sajjieda wkoll ikunu jistgħu jbigħu l-qabdiet tagħhom direttament lill-konsumatur.

35 Se niftħu l-Food Innovation Hub fil-Marsa sabiex il-bdiewa, is-sajjieda u intraprendituri lokali jiżviluppaw prodotti tal-ikel ta' kwalità għolja. Dan iċ-ċentru modern se jipprovdi ambjent professjonali ta' riċerka u taħriġ li jħeġġeġ l-innovazzjoni u s-sostenibbiltà fil-biedja u s-sajd.

36 Il-konsumatur għandu jkollu għażla bejn prodotti differenti ta' kwalità għolja. Se nistabbilixxu bio-districs u bio-trails f'Malta u Għawdex li jgħaqqdu raba' u rziezet organiċi, siti edukattivi u negozji lokali. Fihom ikunu jistgħu jsiru żjarat iggwidati li jippromwovu l-biedja organika u jsaħħu l-ekonomija rurali.

37 Se nkomplu nużaw il-Malta Food Agency sabiex nagħtu spinta akbar lill-esportazzjoni tal-prodotti tal-ikel lokali barra minn xtutna. B'hekk niftħu orizzonti ġodda għall-produtturi lokali u l-biedja u s-sajd isiru parti mis-suċċess ekonomiku li qed jagħmel pajjiżna.

**38** Nemmnu f'settur tal-produzzjoni tal-ikel li jkun reżiljenti u jiflaħ għal sfidi internazzjonali li jqumu minn żmien għal żmien. Se nfasslu pjan nazzjonali ta' riskju u kontinġenza għall-katina tal-provvista tal-ikel, inkluż miżuri għat-tisħiħ ta' riservi strateġiċi u pjan għal trasport alternattiv sabiex l-ikel ikun jista' jasal f'pajjiżna f'kull ċirkostanza.

**39** Fil-leġiżlatura li jmiss se nsaħħu l-appoġġ lil dawk li jippromwovu l-prodott lokali, partikolarment il-benefiċċji li tikkonsma prodott frisk kemm jista' jkun. L-għajnuna se tagħti prijorità lill-ħaxix, frott u ħut li jkunu inqatgħu jew inqabdu fl-istess ġurnata.

**40** Irridu niċċelebraw il-wirt kulinari uniku ta' Malta u nagħmluh sors ta' kburija nazzjonali u attrazzjoni internazzjonali. Se naħdmu fuq il-ħolqien ta' mużew nazzjonali tal-ikel li minnu jingħataw wirjiet interattivi, dimostrazzjonijiet tat-tisjir u programmi edukattivi, kemm għall-Maltin u kif ukoll għat-turisti.

**41** Wara li rreġistrajna l-ewwel prodotti Maltin bħala Products of Designated Origin, issa jmiss li naħdmu sabiex prodotti oħra bħall-ftira u z-zalzett Malti jingħataw din ir-rikonoxxenza. Barra minn hekk se nagħtu rikonoxximent uffiċjali lill-varjetà endemika Maltija taż-żebbuġ Bidni u ż-żejt prodott minnha bħala Prodott ta' Denominazzjoni ta' Oriġini (PDO). Din l-inizjattiva se tipproteġi l-wirt agrikolu uniku ta' Malta, tgħin lill-bdiewa jiksbu valur miżjud għall-prodotti tagħhom u ssaħħaħ ir-reputazzjoni ta' pajjiżna bħala produttur ta' prodotti agrikoli ta' kwalità.

**42** Se ndaħħlu skema nazzjonali ta' ċertifikazzjoni tal-kwalità tal-ikel li ġej mill-annimali u li jkun joriġina minn irziezet li joffru kundizzjonijiet aħjar għall-bhejjem tagħhom. Inizjattiva bħal din tagħti serħan il-moħħ lill-konsumaturi dwar l-oriġini tal-ikel tagħhom filwaqt li tippremja lill-bdiewa li jħaddnu prattiċi sostenibbli u responsabbli.

# Settur tas-sajd li jrendi

43 Gvern Laburista nieda l-akbar ammont ta' skemi ta' appoġġ dirett għas-sajjieda. Se nkomplu naġġornaw dawn l-iskemi flimkien ma' oħrajn ġodda, inkluż għajnuna għar-restawr ta' bastimenti tal-injam. Is-sajjieda se jkunu jistgħu jibbenefikaw ukoll minn kreditu ta' taxxa sabiex ikunu jistgħu jlaħħqu mal-ispejjeż li jaffaċċjaw u jibqagħlhom aktar qligħ f'idejhom.

44 Is-sajjieda se jkomplu jiġu megħjuna biex jibbenefikaw minn fondi tal-Unjoni Ewropea u jagħmlu investiment fil-bastimenti tagħhom. Il-fondi tal-Unjoni Ewropea immirati għal dan it-tip ta' investiment se jkomplu jiżdiedu, inkluż għajnuniet immirati għat-tibdil tal-magni b'sistemi aktar effiċjenti li jniġġsu anqas. Bis-saħħa ta' hekk inkunu qed intejbu l-kompetittività tas-settur u nnaqqsu l-impatt li jħalli fuq l-ambjent.

45 Il-ħidma tal-Gvern wasslet sabiex il-kwota tat-tonn ta' Malta żdiedet għal darba wara l-oħra. Iż-żidiet fil-kwoti tat-tonn se jkomplu jgħinu l-aktar lil dawk is-sajjieda li l-għajxien tagħhom jiddependi mill-baħar u jixtiequ jkabbru l-operat tagħhom.

46 Irridu naċċertaw ruħna li s-sajjieda ma jesperjenzawx burokrazija eċċessiva. Se ssir analiżi tal-proċessi eżistenti bil-għan li tiġi ssimplifikata l-proċedura għat-trasferimenti tal-liċenzji tas-sajd u l-bastimenti.

47 Is-sajjieda wkoll għandhom ikollhom l-opportunità li jiddiversifikaw u jkabbru n-negozju tagħhom. Hekk kif għamilna fil-biedja bis-servizz ta' AgriConnect, se nipprovdu gwida lis-sajjieda li jkunu jridu jkabbru l-operat tagħhom jew jidentifikaw swieq barranin fejn ikunu jistgħu jesportaw il-qabdiet tagħhom.

48 Is-sostenibbiltà tas-sajd hija essenzjali għall-futur ta' bosta familji u rridu niżguraw li forom differenti ta' sajd jibqgħu vijabbli għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin, fosthom is-sajd bil-konz. Se nintroduċu miżuri ġodda kif namministraw dan is-settur li jkunu bbażati fuq riċerka xjentifika u analiżi ddettaljata ta' ħażniet ta' ħut differenti.

49 Nemmnu fl-importanza li niġbdu aktar żgħażagħ lejn is-settur tas-sajd. Għalhekk se nagħtu prijorità lil sajjieda żgħażagħ fl-għotjiet, inċentivi fiskali u l-allokazzjoni fil-kwoti tal-ħut. Barra minn hekk se niżguraw li l-opportunitajiet ta' finanzjament għalihom jingħataw prijorità fin-negozjati li se jsiru dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akwakultura.

50 Fil-bidu tal-leġiżlatura se ntellqu konsultazzjoni mal-partijiet interessati sabiex naġġustaw l-istaġuni tas-sajd, fosthom is-sajd bit-tartarun jew bl-ixbieki. Dawn il-bidliet iridu jħarsu aħjar l-interessi tas-sajjieda, jippriservaw it-tradizzjonijiet tas-sajd f'Malta u jagħmlu użu responsabbli mill-ħażna tal-ħut fl-ibħra tagħna.

51 Il-ħiliet u l-għarfien huma l-pedament ta' settur tas-sajd sostenibbli. Se naħdmu ma' istituzzjonijiet akkademiċi biex niżviluppaw korsijiet vokazzjonali għal dawk li jkollhom ix-xewqa li jaħdmu bħala sajjieda.

52 It-telf ta' rkaptu tas-sajd fil-baħar huwa problema kemm ekonomika kif ukoll ambjentali. Se niżviluppaw qafas komprensiv kif nindirizzaw din il-kwistjoni, inkluż għajnuna biex jintuża tagħmir li jittraċċa dan l-irkaptu.

53 It-tnaqqis tal-iskart u l-operat tas-sajjieda jistgħu jimxu id f'id. Se nwettqu studji u skemi pilota biex nużaw fdalijiet tal-annimali bħala lixka u b'hekk innaqqsu kemm l-iskart u kif ukoll l-ispejjeż għas-sajjieda.

54 L-iskart fil-baħar huwa theddida li ma nistgħux ninjoraw. Se nerġgħu nniedu inizjattiva li tikkumpensa lil dawk is-sajjieda li jiġbru plastik u skart ieħor mill-baħar.

# Is-sajd għal-lampuki

55 Is-sajd għal-lampuki huwa parti ewlenija mit-tradizzjoni tas-sajd ta' Malta. Irridu naraw li dan il-prodott ikun aċċessibbli fis-suq lokali u bi prezz affordabbli. Għalhekk se nkomplu nagħmlu argumenti b'saħħithom mal-Kummissjoni Ewropea sabiex l-istaġun tas-sajd għal-lampuki jkun jista' jiftaħ qabel il-15 t'Awwissu.

56 Nemmnu li s-sajd għal-lampuki għandu jkun aċċessibbli aktar għal tipi differenti ta' bastimenti, skont id-daqs u l-kapaċità tagħhom. Sistema bħal din tagħtina l-opportunità li nipproponu żoni jew perjodi speċifiċi għas-sajd tal-lampuki. Barra minn hekk, is-sajjieda se jibqgħu jingħataw weraq tal-palm b'xejn għall-kannizzati tagħhom.

57 L-isforzi diplomatiċi li għamel pajjiżna wasslu biex pajjiżi ġirien tagħna ħadu azzjoni kontra sajd illegali għal-lampuki. Se nkomplu niddjalogaw ma' dawn il-pajjiżi filwaqt li nappoġġjaw il-ħidma ta' aġenziji tal-Unjoni Ewropea kontra s-sajd illegali fil-Mediterran.

# Settur tal-akwakultura li jġib valur miżjud

58 Fil-leġiżlatura li jmiss se jkompli x-xogħol fuq il-proġett taċ-Ċentru ta' Riċerka għall-Akwakultura u s-Sajd ġewwa Marsaxlokk. Dan se joffri spazju biżżejjed u faċilitajiet moderni fejn isir it-tnissil ta' speċi ta' ħut differenti kif ukoll riċerka bis-sehem tas-sajjieda nfushom.

59 Fl-aħħar snin Aquatic Resources Malta rnexxielha tnissel speċi differenti ta' ħut, fosthom il-pagri u l-aċċol. Ir-riżultati li nkisbu permezz ta' dawn il-proġetti se nużawhom sabiex dawn l-ispeċi jibdew jiġu kkultivati f'ammonti akbar u esportati lejn swieq barranin.

60 L-akwakultura hija wkoll għodda ta' konservazzjoni. Se jiġu rrilaxxati fil-baħar speċi lokali li qed jiġu mkabbra b'suċċess fiċ-ċentru tal-akwakultura, fosthom ir-rizzi, il-bużaqq u l-gremxula tal-baħar.

61 Nagħrfu l-bżonn li nassistu l-industrija tal-akwakultura biex tindirizza sfidi relatati mal-għalf u l-impatt tiegħu fuq l-ibħra ta' madwarna. Fiż-żmien li ġej se nikkonkludu l-istudji li qed isiru dwar għalf alternattiv u prattiċi oħra favur l-ambjent li tista' tadotta din l-industrija.



# 20

# Ħarsien tal-annimali

L-annimali huma membri tal-familji u l-komunitajiet tagħna. Ħadna deċiżjonijiet u aġġornajna l-liġijiet tagħna sabiex pajjiżna jħares l-annimali kif jixraq. Se nkomplu nsaħħu l-qafas regolatorju ta' pajjiżna flimkien ma' aktar investiment fl-edukazzjoni, l-infurzar u miżuri ta' deterrent. L-għaqdiet mhux governattivi se jingħataw sehem akbar fil-kura li nagħtu lill-annimali abbandunati.

# Ngħożżu l-pets tagħna

**01** Mill-2013 'il quddiem daħlu fis-seħħ sensiela sħiħa ta' liġijiet favur il-ħarsien tal-annimali, regolamentazzjoni fis-settur u standards ogħla għal dawk li joffru servizzi relatati maż-żamma tal-annimali. Se nkomplu naħdmu mal-partijiet involuti sabiex insaħħu l-qafas legali għall-ħarsien tal-annimali. L-emendi se jsaħħu l-infurzar, jipproteġu l-annimali kontra n-negliġenza u jindirizzaw is-sistema tal-fostering tal-annimali mis-santwarji.

**02** Nagħrfu li mhux kull annimal jista' jinżamm bħala pet u n-nuqqas ta' regolamentazzjoni qed toħloq riskji għall-annimali u riskji għas-saħħa pubblika. Se ndaħħlu regolamenti ġodda li joħolqu positive list ta' annimali li jkunu jistgħu jinżammu bħala pets. Din il-lista se tissostitwixxi l-lista eżistenti u tkun aġġornata fuq bażi xjentifika.

**03** Fl-ewwel xhur tal-leġiżlatura ta' Gvern Laburista ġdid jerġa' jiftaħ l-Isptar Veterinarju f'Ta' Qali. Is-servizzi mogħtija minn dan l-isptar se jibnu fuq is-servizzi ta' emerġenza li qed nipprovdu f'Malta u Għawdex. Dan se jkun sptar irrinnovat u mgħammar b'tagħmir modern u ta' livell għoli sabiex jilqa' emerġenzi veterinarji, jipprovdi konsultazzjonijiet bla ħlas għal kull każ ta' emerġenza u jiżgura l-benesseri tal-annimali.

**04** L-Isptar Veterinarju f'Ta' Qali mhux biss se jagħti aktar serħan il-moħħ lis-sidien tal-annimali iżda se jservi bħala teaching hospital għal studenti li jsegwu l-kors tal-mediċina veterinarja tal-MCAST. Il-bidu ta' dan il-kors f'pajjiżna kienet inizjattiva oħra ta' Gvern Laburista u se nibqgħu nagħtu l-appoġġ kollu meħtieġ sabiex fiż-żmien li ġej ikollna l-ewwel grupp ta' studenti li jiggradwaw bħala veterinarji f'Malta stess.

**05** L-annimali jixirqilhom l-ogħla livell ta' servizz tas-saħħa huma wkoll. Se nintroduċu inċentivi għall-kliniċi veterinarji sabiex ikunu jistgħu jinvestu aktar f'tagħmir speċjalizzat. B'hekk inkunu qed niżguraw aċċess għal kura speċjalizzata f'Malta u nindirizzaw riskji f'każijiet ta' emerġenza.

**06** Is-sidien tal-pets għandhom ikollhom aċċess faċli għall-informazzjoni dwar is-saħħa tal-annimali tagħhom. Se nippromwovu użu akbar tal-applikazzjoni MyPet li żżomm fiha dettalji dwar l-annimali, fosthom microchipping, vaċċinazzjonijiet u appuntamenti mediċi.

**07** Daħħalna liġijiet biex inrażżnu t-tgħammir u ż-żamma ta' ċertu razez ta' klieb u nirregolaw is-servizzi mogħtija minn pet groomers u pet sitters. Se nibnu fuq l-ideat li ħarġu mill-proċess ta' konsultazzjoni li sar fl-aħħar leġiżlatura sabiex nintroduċu qafas regolatorju komprensiv u aktar strett dwar it-tgħammir tal-klieb u l-qtates.

**08** L-investiment li qed isir f'parks u ġonna jrid jilħaq lill-annimali wkoll, inkluż il-ħolqien ta' water parks addattati għall-klieb. Dawn l-ispazji għandhom ikunu aċċessibbli għall-annimali, imnaddfa regolarment u fihom ikun hemm ilma u faċilitajiet oħra għall-eżerċizzju tal-annimali.

**09** L-għaqdiet u l-klabbs tal-annimali spiss isibuha diffiċli biex isibu spazju fejn itellgħu wirjiet u attivitajiet oħra. Se nidentifikaw u noħolqu spazju li jkun mgħammar b'faċilitajiet addattati għall-annimali, l-involviment tal-komunità u l-edukazzjoni.

**10** Bosta sidien tal-klieb ifittxu servizzi minn ħwienet li jaċċettaw l-annimali tagħhom. Se naħdmu mar-rappreżentanti tar-ristoranti, lukandi u ħwienet oħra sabiex ikun hemm lista waħda ta' stabbilimenti pet-friendly.

## Annimali abbandunati

**11** Fl-aħħar xhur ġiet identifikata art sabiex isir ċentru ta' rehoming tal-annimali. Fil-leġiżlatura li jmiss se nlestu x-xogħol fuq dan il-proġett li se jilqa' fih annimali abbandunati, inkluż żwiemel u speċi oħra li jeħtieġu faċilitajiet iddedikati għalihom. L-għaqdiet volontarji se jkunu involuti fl-operat ta' dan iċ-ċentru.

**12** L-isforzi bejn il-Gvern, l-għaqdiet volontarji u l-Kummissarju għall-Benesseri tal-Annimali ssarrfu f'żieda ta' adozzjonijiet ta' klieb u qtates abbandunati. Se nintroduċu proċess uniformi għall-adozzjoni li jkun ibbażat fuq standards minimi iżda jippermetti flessibbiltà lil kull organizzazzjoni biex taddatta l-proċeduri skont il-ħtiġijiet tagħha.

**13** Nagħrfu s-sitwazzjoni ta' klieb f'santwarji tal-annimali li tkun diffiċli biex tinstabilhom dar li tilqagħhom. L-għajnuna li tingħata lil min jadotta kelb se tiġi rdoppjata għal dawk li jadottaw kelb li jkun ilu perjodu twil f'santwarju tal-annimali.

**14** Aktar minn 7,400 qattus ġew neutered bejn l-2023 u l-2026. Il-programm tat-tiswija tal-qtates tat-triq se jitkompla filwaqt li se noħolqu neutering clinic għal dan l-iskop. Barra minn hekk, se jsir sforz akbar biex numru akbar minn dawn il-qtates ikunu jistgħu jiġu adottati.

**15** Is-sidien taż-żwiemel isibu diffikultà meta ż-żwiemel tagħhom jikbru jew jirtiraw mill-ġiri. Se nibdew diskussjonijiet mal-għaqdiet li jirrappreżentaw lis-sidien taż-żwiemel bil-għan li jinħoloq fond biex jintuża għaż-żamma ta' żwiemel irtirati.

## Għajnuna kontinwa lill-għaqdiet volontarji u s-santwarji tal-annimali

16 Il-Gvern jalloka ammont ta' fondi kull sena biex jgħin l-operat ta' għaqdiet volontarji u santwarji tal-annimali. Se naħdmu mal-partijiet involuti biex nissimplifikaw l-iskemi ta' finanzjament eżistenti u nagħmluhom aktar effettivi b'appoġġ finanzjarju li jkun jista' jintuża skont il-bżonnijiet li jkollhom il-benefiċjarji f'dak il-mument.

17 Minbarra l-għajnuna kostanti biex l-għaqdiet volontarji jżommu s-santwarji tal-annimali f'kundizzjoni tajba, se nintroduċu skemi li jgħinu lill-għaqdiet volontarji jkollhom aċċess għal art u faċilitajiet b'rati ssussidjati jew b'xejn.

18 Sidien ta' art privata se jingħataw inċentiv biex jissieħbu mal-Gvern u s-settur volontarju sabiex l-art tintuża biex jingħataw kenn u kura adegwata lil annimali abbandunati.

19 Is-settur privat jista' jkollu rwol importanti fil-ħarsien tal-annimali. Għalhekk se ninkludu l-benesseri tal-annimali fl-istrateġija nazzjonali dwar ir-responsabbiltà soċjali korporattiva u nagħtu l-opportunità lin-negozji jappoġġjaw proġetti u inizjattivi li jtejbu l-ħarsien tal-annimali. Id-donazzjonijiet mis-settur privat ikunu jistgħu jinżammu ġewwa Animal Welfare Fund li jintuża għal proġetti mmexxija minn għaqdiet li jaħdmu favur l-annimali.

## Tisħiħ tal-qafas regolatorju dwar l-annimali eżotiċi

20 Il-Gvern Laburista daħħal l-ewwel standards regolatorji dwar iż-żamma u l-benesseri ta' annimali fiż-zoos iżda nagħrfu li għad baqa' xi jsir. Mhux se jinħarġu liċenzji ġodda għal faċilitajiet li jżommu annimali perikolużi u se jkun ipprojbit li annimal perikoluż li jmut jiġi ssostitwit b'annimal perikoluż ieħor.

21 Nemmnu li l-annimali eżotiċi li jinżammu f'zoos jew kollezzjonijiet privati jridu jkunu addattati biex jinżammu f'Malta. Se nintroduċu positive list ta' speċi ta' annimali li huma addattati għall-klima ta' pajjiżna, għandhom bżonnijiet ta' kura addattabbli u mhumiex ta' riskju għall-pubbliku. Din ir-riforma għandha twassal biex gradwalment ma jifdalx annimali perikolużi ġewwa pajjiżna.

22 Id-daqs ta' pajjiżna joħloq sfidi sabiex ikollna faċilitajiet kbar biżżejjed li jżommu ħut u mammiferi oħra tal-baħar ta' ċertu daqs f'parks marittimi. Se nniedu emendi legali bil-għan li ma jinħarġux liċenzji ġodda għal parks marittimi b'dan it-tip ta' annimali kbar.




# 21

# Pajjiż sigur

Malta hija wieħed mill-aktar pajjiżi siguri fid-dinja. Dan ir-riżultat ma ksibniehx b'kumbinazzjoni iżda b'investiment fil-korpi dixxiplinati u t-tisħiħ tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-uffiċjali. Se nkomplu nwettqu proġetti u miżuri li jkomplu jżidu l-fiduċja tan-nies fil-korpi dixxiplinati, jipprevjenu l-kriminalità u jilqgħu għal kull sitwazzjoni ta' emerġenza. Se jibqa' jkollna politika tal-immigrazzjoni fejn il-kontroll ikun f'idejn l-awtoritajiet. B'hekk f'Malta jiġu jaħdmu biss dawk il-persuni li verament għandu bżonn il-pajjiż.

# L-aqwa kundizzjonijiet għall-ħaddiema fil-forzi dixxiplinati

**01** F'din il-leġiżlatura tejjibna l-kundizzjonijiet tax-xogħol u d-drittijiet tal-ħaddiema tal-korpi dixxiplinati b'aktar minn dak imwiegħed fl-2022. L-investiment bla preċedent fil-ħaddiema tal-forzi dixxiplinati se jitkompla u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom se jerġgħu jitjiebu permezz tat-tiġdid tal-ftehimiet kollettivi kollha tagħhom.

**02** Gvern Laburista introduċa kunċett li permezz tiegħu membri li jibqgħu jservu fil-korpi dixxiplinati tejbu l-pensjoni tagħhom bi 23%. Bis-saħħa ta' din il-miżura l-korpi dixxiplinati qed iżommu u jagħmlu l-aqwa użu mill-esperjenza tal-uffiċjali tagħhom għal aktar snin. Dan l-inċentiv se jissaħħaħ fis-snin li ġejjin u l-persentaġġ se jitla' għal 29%.

**03** Il-membri tal-korpi dixxiplinati li jagħmlu disgħa u għoxrin sena servizz tajniehom ukoll l-opportunità li jagħmlu erba' snin ta' servizz oħra u jingħataw allowance mhux taxxabbli kull sena. Din l-allowance hija ekwivalenti għal nofs il-paga ta' sena. Dan il-perjodu se jiġi estiż għal sitt snin u b'hekk il-membri tal-korpi dixxiplinati jkollhom inċentiv biex iservu għal aktar snin addizzjonali u jtejbu d-dħul tagħhom.

**04** L-eks membri tal-korpi dixxiplinati li jieħdu pensjoni tas-servizz u ma jaħdmux bdew jingħataw iż-żieda tal-għoli tal-ħajja kull sena. Fil-leġiżlatura li jmiss l-eks membri tal-korpi dixxiplinati kollha se jibdew jingħataw żieda li tkun ekwivalenti għaż-żieda kollha li tiżdied biha l-pensjoni.

**05** Is-saħħa u l-benesseri tal-membri tal-forzi dixxiplinati huma parti kruċjali mill-istrateġija tagħna sabiex inkomplu niksbu riżultati tajbin. Se noħolqu kumpless sportiv fl-Akkademja tal-Forzi Dixxiplinati fejn il-membri tal-istess forzi jkunu jistgħu jagħmlu użu mill-faċilitajiet ta' dan il-kumpless mingħajr ħlas. Barra minn hekk, l-uffiċjali tal-korpi dixxiplinati se jingħataw aċċess b'xejn għal gyms jew programmi sportivi oħra bil-għan li jżommu ruħhom b'saħħithom fiżikament u mentalment.

**06** Nagħrfu l-ħtiġijiet partikolari tal-uffiċjali tal-korpi dixxiplinati u l-isfidi partikolari li jħabbtu wiċċhom magħhom fil-qadi ta' dmirijiethom. Għalhekk se nipprovdu assigurazzjoni tas-saħħa lill-uffiċjali kollha tal-korpi dixxiplinati sabiex ikollhom aċċess aktar mifrux għas-servizzi tas-saħħa li jkunu jeħtieġu.

## Fost l-aktar pajjiżi siguri fid-dinja

**07** Illum pajjiżna huwa t-tnax l-aktar pajjiż sigur fid-dinja skont il-World Justice Project Rule of Law Index. Irridu nibqgħu mal-aqwa fid-dinja f'dan is-settur u fis-snin li ġejjin se nkomplu nsaħħu r-riżorsi umani fil-Korp tal-Pulizija b'reklutaġġ kontinwu u aktar opportunitajiet ta' taħriġ speċjalizzat lill-uffiċjali.

**08** Il-Pulizija tal-Komunità bdew fl-2019 b'erba' uffiċjali u f'sitt snin estendejna dan is-servizz madwar il-pajjiż kollu. It-timijiet tal-Pulizija tal-Komunità u l-Police Community and Support Officers se nkomplu nkabbruhom bil-għan li nsaħħu l-prevenzjoni tar-reati.

**09** It-tnaqqis fl-indoor crime huwa prijorità wkoll u jeħtieġ li l-pubbliku jkun dejjem aktar ippreparat kontra r-riskju ta' cyberfraud u cyberscam. Se ninvestu f'aktar software speċjalizzat għas-Cyber Crime Unit u nniedu kampanja nazzjonali sabiex nipprevjenu dawn ir-reati milli jiġru.

**10** Il-Pulizija se tieħu rwol proattiv sabiex iżżid dawk li jissejħu online patrols u tieħu azzjoni fejn ikun hemm riskji. Dan il-kunċett qed isir dejjem aktar popolari f'pajjiżi differenti u għandu l-għan li jipproteġi tfal u persuni vulnerabbli minn forom differenti ta' abbuż online.

**11** Il-Gvern Laburista nieda programm ta' xogħol b'saħħtu f'għases u uffiċini tal-Pulizija bil-għan li dawn jiġu rrinnovati u mmodernizzati kollha. Fl-aħħar ftit snin ġew irrinnovati jew miftuħa sbatax-il għassa f'lokalitajiet imferrxin madwar il-pajjiż kollu. Se nlestu x-xogħol li għaddej fuq l-għases tal-Imsida, il-Ħamrun, Ħ'Attard u l-Għadira. Wara jibda xogħol ieħor fuq l-għases ta' Raħal Ġdid, il-Mosta, Tas-Sliema, Ħal Qormi, il-Fgura u r-Rabat, Għawdex sakemm inkunu mmodernizzajna l-għases u l-uffiċini tal-pajjiż kollu.

**12** Fl-aħħar leġiżlatura bdiet il-ħidma fuq records management system. Din is-sistema se tkun għodda importanti oħra li se tgħin lill-Korp tal-Pulizija juża t-teknoloġija u l-analiżi tad-data biex itejjeb l-operat tiegħu u jipprovdi servizz aħjar lill-pubbliku.

13 Se jsiru safety audits f'postijiet fejn ikun hemm ammont ta' lmenti, rapporti jew reati li jkunu 'l fuq mill-medja. Dawn se jiġu segwiti b'miżuri li jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi ta' dawn iż-żoni.

14 Kulma jmur żidna l-faċilitajiet biex il-pubbliku jkun jista' jirrapporta jew jikkomunika mal-Pulizija online. Se nużaw l-istess mezzi teknoloġiċi sabiex insaħħu l-kuntatt tan-nies mal-Pulizija tal-Komunità u nżidu l-effiċjenza ta' kunċetti tradizzjonali bħan-neighbourhood watch.

## Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili

15 Għamilna u se nkomplu nagħmlu investiment fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili li qatt ma sar bħalu qabel. Fl-aħħar snin bdejna proċess ta' mmodernizzar jew bini mill-ġdid tal-istazzjonijiet tat-tifi tan-nar kollha. Wettaqna xogħlijiet fl-istazzjonijiet ta' Kordin u x-Xemxija. It-tlestija tal-istazzjonijiet tat-tifi tan-nar fil-Floriana u fil-Magħtab se tagħtina l-opportunità li nagħtu servizz aqwa madwar il-pajjiż kollu. Wara jkun imiss li jibda l-bini ta' stazzjon tat-tifi tan-nar ġewwa Delimara filwaqt li jiġi identifikat sit għal stazzjon ieħor biex jaqdi ż-żoni tal-Mosta, ir-Rabat u Ta' Qali.

16 Illum id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili għandu l-aqwa tagħmir li qatt kellu. L-investiment se jkompli b'mod kontinwu bil-għan li tintuża l-aktar teknoloġija avvanzata, fosthom tagħmir attrezzat għal inċidenti li jinvolvu karozzi elettriċi.

17 Inkomplu niżguraw li l-uffiċjali tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili jaħdmu f'ambjent kemm jista' jkun sigur. Se nkomplu għaddejjin bl-eżerċizzju sabiex l-istazzjonijiet tat-tifi tan-nar kollha jkollhom spazju u faċilitajiet adegwati biex jevitaw ir-riskju ta' kontaminazzjoni minn sustanzi perikolużi li jinġiebu minn żoni ta' nirien.

18 Ir-riżultati li qed jikseb id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili ma kinux ikunu possibbli mingħajr it-taħriġ kontinwu li jingħata lill-uffiċjali. Se nkomplu ninvestu fit-taħriġ tal-uffiċjali, sew b'taħriġ f'Malta u taħriġ u opportunitajiet oħra barra minn xtutna.

19 Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili se juża l-intelliġenza artifiċjali biex idaħħal aktar uniformità fil-proċess li bih jikseb informazzjoni dwar sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Din is-sistema, bl-użu ta' drones ġodda, tiġi operata mill-istazzjonijiet tat-tifi tan-nar u tgħin lid-Dipartiment jirrispondi aktar malajr għall-perikli li jkun jinsab fihom il-pubbliku.

# Il-Forzi Armati ta' Malta

**20** Bdejna proċess biex isir investiment massiċċ fl-Air Wing tal-Armata. Fil-leġiżlatura li jmiss il-Forzi Armati ta' Malta se jinvestu f'ajruplan u ħelikopter ġodda li se jsaħħu l-kapaċità ta' sorveljanza u salvataġġ.

**21** L-Air Wing tal-Forzi Armati ta' Malta qed tuża hangar ġdid li tlesta fl-aħħar leġiżlatura. Se nagħmlu investiment fi flight simulator ta' livell għoli sabiex jikkonsolida t-taħriġ li qed jiġi offrut lill-piloti u co-pilots tal-armata.

**22** Is-suldati tagħna rriduhom jaħdmu f'ambjent aħjar. Għalaqna ċ-ċentru ta' detenzjoni ta' Ħal Far u qed inwettqu xogħol fuq din il-binja sabiex isservi ta' faċilità oħra għat-taħriġ tal-Forzi Armati ta' Malta.

**23** Se jitkompla l-proċess ta' mmodernizzar fi ħdan il-Forzi Armati ta' Malta, fosthom tagħmir użat għal explosive breaching u underwater remotely operated vehicle li jkun jista' jagħmel operazzjonijiet ta' sorveljanza u tiftix taħt l-ilma.

# Riabilitazzjoni effettiva

**24** Se jibqa' jkun hemm ħabs ordnat u ħieles mid-droga, b'sistema bbażata fuq ir-rispett u b'tentattiv ġenwin ta' riabilitazzjoni. L-investiment li għamilna fl-aħħar snin fir-reklutaġġ u t-taħriġ tal-ħaddiema se jkompli, sew fil-korp dixxiplinat u anke professjonisti oħra.

**25** Ħloqna education hubs fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin sabiex il-priġunieri jitħarrġu f'numru ta' suġġetti u ħiliet minn edukaturi professjonali. Dawn iċ-ċentri se jiksbu liċenzja ta' istituzzjoni edukattiva akkreditata sabiex ikunu jistgħu joffru kwalifiċi rrikonoxxuti lill-priġunieri.

**26** Gvern Laburista ħadem sabiex inħolqu żewġ halfway houses fil-komunità u programmi ta' riabilitazzjoni mid-droga li jippreparaw lill-priġunieri biex jirritornaw lura fis-soċjetà bħala persuni aħjar. Fil-perjodu li jmiss se nsostnu dawn l-inizjattivi u nlestu l-ħidma fuq żewġ halfway houses oħra, inkluż residenza li tilqa' fiha priġunieri nisa.

27 Se nintroduċu inizjattiva bejn l-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi u s-settur privat li tgħin lill-persuni li qegħdin jiskontaw sentenza permezz tat-taħriġ u tippreparahom sabiex jirritornaw lura fis-soċjetà. Min iħaddem se jkun imħeġġeġ jieħu sehem f'din l-inizjattiva u b'hekk il-priġunieri jkollhom ukoll opportunità ta' xogħol u xogħol fiss wara li jiskontaw is-sentenza.

28 Se ninvestu f'estensjoni tal-faċilitajiet sportivi fil-ħabs u noħolqu żona attrezzata b'tagħmir sportiv differenti. L-għan ta' din l-inizjattiva huwa li nippromwovu d-dixxiplina, jissaħħaħ il-benesseri fiżiku u mentali tal-priġunieri filwaqt li jżommu 'l bogħod mill-vizzji.

29 Is-sezzjoni forensika tal-ħabs se tiġi rrinnovata għal waħda aktar moderna. B'hekk insaħħu l-kwalità tas-servizzi offruti fil-qasam tas-saħħa mentali, b'ambjent aktar terapewtiku u addattat għall-bżonnijiet tal-individwi.

# Il-vittmi tal-kriminalità

30 Il-ħidma mal-vittmi tal-kriminalità tikkontribwixxi għal kwalità tal-ħajja tajba u tippromwovi komunitajiet siguri. Il-ħidma f'dan is-settur se nsaħħuha bi strateġija nazzjonali dwar il-vittmi tal-kriminalità li tikkonsolida s-servizzi offruti minn entitajiet differenti u ssaħħaħ is-servizzi fit-tul offruti lill-vittmi.

31 L-Aġenzija għas-Servizz tal-Vittmi tal-Kriminalità qed tgħin tant u tant nies li sfaw vittmi tal-kriminalità. Illum din l-entità qed tgħin ukoll persuni li jgħaddu minn esperjenzi oħra li mhux neċessarjament ikunu marbuta mal-kriminalità. Fis-snin li ġejjin se nkomplu nżidu r-riżorsi tal-Victim Support Agency u niftħu uffiċċju ieħor sabiex nolqtu l-partijiet kollha ta' Malta u Għawdex.

32 It-tagħlima u r-riforma tal-individwu li jkun xellef diffrejh mal-liġi hija importanti daqs id-deterrent tal-kastig. B'kollaborazzjoni bejn il-Victim Support Agency u d-Dipartiment tal-Probation u l-Parole se nniedu servizz ta' medjazzjoni volontarja bejn il-vittmi tal-kriminalità u min ikun għamel ir-reat.

# Kontroll tal-immigrazzjoni f'idejn l-awtoritajiet

33 Il-miżuri tal-Labour Migration Policy ikkontrollaw iż-żieda fl-ammont ta' ħaddiema barranin ġodda u ddaħħlu kundizzjonijiet ġodda li jagħtu prijorità lill-kwalità tal-ħaddiema. Il-ħaddiema barranin se jiġu biss fejn u jekk meħtieġ. It-twettiq ta' din il-politika se jkompli jħalli r-riżultati fis-snin li ġejjin, l-aktar permezz ta' miżuri li jippremjaw lil dawk in-negozji li ma jitilfux ħaddiema u jinvestu fihom kontinwament.

34 Negozji li jkollhom il-ħaddiema mseħbin f'union se jingħataw preferenza meta jiġu biex japplikaw biex iġibu ħaddiema barranin.

35 Daħħalna miżuri ta' integrazzjoni għal dawk il-barranin li se jiġu jgħixu jew jaħdmu fostna, inkluż pre-departure courses u tagħlim tal-Malti. Hekk ukoll saħħaħna l-istrutturi sabiex dawk il-barranin li ma jirrispettawx il-liġijiet ta' pajjiżna jiġu rritornati lejn pajjiżhom. Dan ir-ritmu se jitkompla b'monitoraġġ individwali ta' każijiet fil-qrati li jinvolvu persuni barranin.

# Inkomplu nżommu l-immigrazzjoni irregolari taħt kontroll

36 Il-Gvern Laburista naqqas il-wasliet ta' immigranti irregolari, sfida li ħaddieħor kien qata' qalbu li jindirizza. Dan ma jfissirx li ċ-Ċentru tal-Mediterran ma għadux jaffaċċja pressjoni kawża ta' tluq ta' immigranti irregolari mill-Afrika ta' Fuq. Se nkomplu naħdmu id f'id ma' pajjiżi ġirien tagħna, bħal-Libja u l-Italja, sabiex jinstabu soluzzjonijiet dejjiema għal din il-problema.

37 Malta rnexxielha tnaqqas il-wasliet ta' immigranti irregolari għax investejna fir-ritorn ta' min ma jikkwalifikax għall-protezzjoni u fil-kapaċitajiet ta' sorveljanza. Il-ħidma li qed issir f'dan il-qasam se tiġi kkonsolidata permezz ta' żewġ drones u sistema ta' radars militari li jużaw teknoloġija avvanzata sabiex iħarsu l-kosta u l-baħar tal-madwar.

38 Fl-aħħar ħames snin irnexxielna nindirizzaw il-parti l-kbira tat-talbiet għall-protezzjoni internazzjonali li akkumulaw fis-snin ta' qabel. Se nkomplu nsaħħu l-effiċjenza fl-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali sabiex nagħtu protezzjoni lil min jeħtieġha fl-iqsar żmien possibbli u nħaffu r-ritorn ta' persuni oħra li ma jkunx ħaqqhom jibqgħu f'pajjiżna.

# Pajjiżna mudell fil-qasam taċ-ċittadinanza

39 Minkejja l-ostakli li sibna biex nattiraw persuni b'talent lejn Malta, irnexxielna nsaħħu l-liġi taċ-ċittadinanza sabiex din tirrikonoxxi l-mertu u l-kontribut eċċezzjonali f'pajjiżna. Diversi setturi importanti se jkomplu jgawdu minn dan il-kontribut, fosthom l-isports, il-qasam soċjali, ir-riċerka, is-saħħa, l-edukazzjoni u l-filantropija.

40 L-għoti ta' ċittadinanza lil persuni li għexu għal numru ta' snin ġewwa pajjiżna jrid jippremja lil dawk li jintegraw ruħhom u jikkontribwixxu lejn is-soċjetà Maltija b'metodi differenti. Dawn il-fatturi jridu jibdew jingħataw kunsiderazzjoni daqs iż-żmien li jkun ilu jgħix f'pajjiżna min japplika biex isir Malti.



22

# Ġustizzja effettiva

Il-poplu qed jesperjenza titjib konkret fis-servizzi tal-Qorti. Żidna l-ammont ta' ġudikanti, ħloqna spazji ġodda fejn jinstemgħu l-kawżi u daħħalna tibdil li jindirizza d-dewmien u d-duplikazzjoni tal-proċessi. Ħdimna fuq riformi li kienu ilhom fuq l-ixkaffa għal ħafna snin. Se nkomplu nagħmlu riformi favur sistema ġudizzjarja li tipproteġi lil dawk li jfittxu ġustizzja, bl-aħjar mod u mingħajr dewmien.

# Proċeduri fil-Qorti Ċivili

**01** Gvern Laburista wettaq ir-riformi meħtieġa u introduċa timeframes realistiċi fl-inkjesti maġisterjali. Mekkaniżmu simili se jiddaħħal ukoll bħala parti mir-riforma tal-kompilazzjonijiet. Issa jmiss li bi djalogu miftuħ mal-partijiet ikkonċernati nħarsu lejn l-introduzzjoni ta' timeframes fil-proċeduri ċivili wkoll.

**02** Il-proposti tas-Civil Law Working Group iservu bħala bażi għal tibdil importanti fil-kamp ċivili. Dan it-tibdil jinkludi riforma fil-mandati kawtelatorji, partikolarment salvagwardji kontra abbuż minn sekwestri waqt proċeduri li jkunu għadhom pendenti.

**03** Ħdimna sabiex tiġi implimentata r-riforma tan-notifiki tal-Qorti għall-istituzzjonijiet finanzjarji u se nkomplu naħdmu biex din is-sistema tiġi estiża għal proċeduri ċivili oħra. Din ir-riforma se twassal biex ma jkunx hemm differimenti ta' kawżi bl-iskuża li ma ġewx innotifikati l-persuni kkonċernati.

**04** Fil-leġiżlatura li jmiss se nissoktaw il-ħidma biex inżidu l-effiċjenza u nnaqqsu l-burokrazija mill-qrati tagħna. Se nirriformaw il-proċess ta' xhieda ta' rappreżentanti ta' entitajiet u dipartimenti sabiex dawn ikunu jistgħu jibdew isiru permezz ta' metodi aktar effiċjenti. B'hekk mhux biss inkunu qed innaqqsu l-iskariġġ għax-xhieda iżda nagħmlu l-aqwa użu tar-riżorsi umani u l-ħin allokat għall-kawżi.

# Qorti li sservi lill-familji

**05** Il-Gvern Laburista wettaq l-ewwel fażi tar-riforma fil-Qorti tal-Familja, bidla maħsuba biex issaħħaħ il-proċess ta' medjazzjoni, tistabbilixxi timeframes u ttejjeb il-kriterji tal-kura u l-kustodja u l-manteniment. Fil-fażi li jmiss tar-riforma, il-Qorti tal-Familja se jibda jkollha ġurisdizzjoni fuq każijiet ta' natura kriminali flimkien ma' dawk ċivili. B'hekk il-ġudikant ikollu stampa sħiħa u ċara tas-sitwazzjoni u l-proċeduri kollha pendenti relatati mal-koppja, fosthom il-kura u kustodja, vjolenza domestika, ordnijiet ta' protezzjoni u talb għal ħlas ta' manteniment.

**06** Titlesta l-binja ġdida tal-Qorti tal-Familja li se tikkontribwixxi biex tiżdied l-effiċjenza f'dawn il-proċeduri filwaqt li toffri ambjent aktar seren u addattat għas-sensittività ta' dawn il-proċeduri, lil hinn mill-binja prinċipali tal-Qorti. Dan se jkun spazju li jirrispetta d-dinjità ta' kull membru tal-familja, speċjalment it-tfal.

**07** Irridu li l-medjazzjoni tkun parti aktar importanti tal-proċess fil-Qorti tal-Familja. Għaldaqstant se jinħoloq ċentru ġdid għall-medjazzjoni, 'il barra mill-binja tal-Qorti, sabiex il-familji jkunu jistgħu jiddjalogaw u jippruvaw jilħqu ftehim f'ambjent aktar addattat.

**08** Ħloqna panels speċjalizzati għall-vittmi tal-kriminalità u l-vittmi tal-vjolenza domestika fl-Aġenzija tal-Għajnuna Legali. Se nkomplu nibnu fuq dan il-pass u nintroduċu panel ieħor ta' avukati li jispeċjalizzaw fil-Qorti tal-Minorenni.

# Qorti Kriminali

**09** Fl-aħħar snin pajjiżna beda jaħsad il-frott li ħalla l-proċess ta' trasferiment tal-prosekuzzjoni ta' numru sostanzjali ta' reati mingħand il-Pulizija għal għand l-Avukat Ġenerali. Illum għandna aktar avukati jaħdmu fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali li jipprosekwixxu dwar reati, qed jingħalqu l-kompilazzjonijiet f'anqas ħin u joħorġu numru akbar ta' atti ta' akkuża. Il-proċess ta' trasferiment ta' reati se jitkompla fil-leġiżlatura li jmiss.

**10** Nemmnu li għandu jkun hemm uniformità fl-għoti tas-sentenzi. Se naħdmu mal-ġudikatura biex tiġi adottata politika tas-sentenzjar ċara u strutturata sabiex il-ġustizzja kriminali ssir aktar konsistenti u prevedibbli, kemm għall-pubbliku u kif ukoll għal dawk kollha involuti fil-proċess ġudizzjarju.

**11** Gvern Laburista jimplimenta r-riforma li bdejna fil-proċedura tal-kompilazzjonijiet. Se jiġi stabbilit perjodu ta' sena biex jingħalqu l-proċeduri, jitneħħew ir-rinviji u jinħoloq proċess aktar b'saħħtu għall-preżentazzjoni tal-provi fl-istadju inizjali.

12 Ir-riformi li wettaqna u li se nkomplu nwettqu qed iwasslu biex aktar kawżi jkunu lesti qabel biex jgħaddu għall-istadju tal-ġuri. Wara li żdiedet awla għall-ġurijiet u beda x-xogħol fuq il-binja l-ġdida tal-Qorti Kriminali, se nkomplu nsaħħu l-proċeduri u ninvestu fl-infrastruttura sabiex ikompli jonqos l-ammont ta' ġurijiet pendenti.

13 F'pajjiżna bdiet diskussjoni dwar il-kunċett tal-ħelsien mill-arrest. Fil-leġiżlatura li jmiss se noħolqu proċess ta' konsultazzjoni dwar l-idea ta' linji gwida u emendi leġiżlattivi relatati miegħu. Kwalunkwe tibdil li jsir f'dan il-qasam irid jassigura konsistenza u bilanċ bejn id-drittijiet tal-vittmi u l-preżunzjoni tal-innoċenza.

14 Hemm bżonn li jonqos il-piż minn fuq il-Qorti Kriminali u jitkompla l-proċess ta' depenalizzazzjoni ta' ċertu reati. Dan jista' jsir billi t-tribunali lokali jiġu msaħħa bi struttura amministrattiva u li sservi biex jinħolqu proċeduri aktar spediti u proporzjonati f'dan il-qasam tal-ġustizzja.

# Aktar Drittijiet lill-Vittmi

15 Nemmnu li l-vittmi għandhom ikunu infurmati b'mod proattiv dwar il-proċess ġudizzjarju. Daħħalna aktar drittijiet għall-vittmi fil-proċeduri tal-inkjesti maġisterjali. Issa se naraw li l-informazzjoni li tingħata lill-vittmi waqt proċeduri kriminali ma tingħatax biss fuq talba tal-vittma iżda tkun tassattiva u awtomatika.

16 Qed nagħtu protezzjoni u appoġġ lil persuni involuti waqt il-proċeduri fil-Qorti tal-Familja permezz tal-involviment ta' persuni ta' sostenn. Se nikkunsidraw li dan l-appoġġ jiġi estiż ukoll għal individwi vulnerabbli waqt il-proċeduri tagħhom.

17 Il-vittmi tal-kriminalità se jkunu mħarsa f'kull parti tal-proċess ġudizzjarju. Għalhekk se nwaqqfu taqsima ġdida fi ħdan l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali li tiżgura li l-vittmi jingħataw l-informazzjoni u l-appoġġ li jkollhom bżonn.

# Qorti Kummerċjali

18 Ix-xogħol fuq il-binja l-ġdida tal-Qorti Kummerċjali se jitlesta fil-leġiżlatura li jmiss. Dan il-post se jkun mgħammar bl-aħħar teknoloġija sabiex joffri spazju adegwat li jilqa' fih reġistru tal-Qorti, uffiċini u awli speċjalizzati għall-kawżi kummerċjali.

19 Wara li ħadna l-pass li nwaqqfu Qorti Kummerċjali speċjalizzata, se naraw li nkomplu nimmodernizzaw il-qafas tal-liġi kummerċjali ta' pajjiżna. Se noħolqu timeframes li japplikaw għat-tul tal-proċeduri u li jagħtu serħan il-moħħ u prevedibbiltà lis-settur kummerċjali fejn ikun possibbli.

# Inkomplu nsaħħu l-miżuri alternattivi għar-riżoluzzjoni tat-tilwim

20 Inkomplu nsaħħu l-proċess tal-arbitraġġ permezz tal-introduzzjoni ta' timeframes statutorji li jiggarantixxu serħan il-moħħ kontra d-dewmien u ċertezza fl-użu ta' metodi alternattivi għar-riżoluzzjoni tat-tilwim.

21 Iċ-ċentri tal-medjazzjoni u l-arbitraġġ se joffru għażla akbar ta' servizzi, inkluż l-għoti ta' traskrizzjonijiet fl-istess ġurnata. Il-proċessi se jkunu diġitali kull fejn ikun possibbli u l-partijiet se jingħataw l-għażla li s-seduti tagħhom isiru online.

22 Fil-leġiżlatura li jmiss se nintensifikaw il-ħidma li nbdiet biex jinħoloq ċentru internazzjonali tal-arbitraġġ f'Malta. Dan iċ-ċentru se joffri pjattaforma professjonali u imparzjali biex jiġu riżolti tilwimiet kummerċjali u transkonfinali b'mod effiċjenti u b'anqas spejjeż. Fl-istess waqt iċ-ċentru se jpoġġi lil Malta fuq il-mappa bħala destinazzjoni ta' fiduċja għall-investituri, partikolarment fl-oqsma tal-ġustizzja alternattiva u l-kummerċ globali.

# Servizzi eqreb lejn iċ-ċittadin

**23** Il-Partit Laburista jaqbel mal-appell tal-ġudikatura li jsir studju dettaljat sabiex il-kawżi jitqassmu aħjar u b'mod aktar ibbilanċjat. Irridu naħdmu għal mudell wieħed ċar kif jitmexxew il-kawżi bil-għan li tiddaħħal skeda tal-kawżi li tagħti aktar ċarezza għal min jersaq il-Qorti u għall-avukatura.

**24** Il-proċess tal-kawżi se jkun wieħed diġitali mill-bidu sal-aħħar. Dan se jkun possibbli bl-implimentazzjoni tal-aħħar fażi tal-Court Management Information System li investejna fiha fl-aħħar snin.

**25** Il-ġustizzja trid tkun aċċessibbli għal kulħadd u b'diversi metodi. Se noħolqu chatbot interattiv li jipprovdi informazzjoni ġenerali lill-pubbliku dwar is-servizzi tal-Qorti, id-drittijiet taċ-ċittadini u l-proċeduri legali.

**26** Il-qasam tal-ġustizzja jrid ikun fuq quddiem fl-għoti ta' servizzi diġitali. Se nintroduċu ċertifikat tal-kondotta diġitali li jiffaċilita l-proċess tal-applikazzjoni u l-proċess ta' verifika marbut miegħu. Iċ-ċittadin se jkun jista' jinqeda f'anqas ħin, mingħajr il-bżonn ta' karti u mingħajr il-bżonn li joqgħod jiġbor iċ-ċertifikat fiżikament.

# Il-Ġudikatura

**27** Fl-aħħar leġiżlatura bdejna proċess ta' żvilupp kostituzzjonali sabiex il-Kostituzzjoni ta' Malta tibqa' tirrifletti r-realtajiet soċjali, ekonomiċi u politiċi tal-ġurnata. Dan il-proċess se jissokta fiż-żmien li ġej, inkluż b'aktar proposti leġiżlattivi biex isaħħu l-proċess tal-ħatra tal-Prim Imħallef u jintroduċu sezzjonijiet oħra tal-appell tal-Qorti Kostituzzjonali.

**28** Ħloqna l-kariga ta' Kummissarju għall-Istandards fil-Ġudikatura u se naraw li nkomplu nsaħħu l-istandards u l-etika hekk kif maqbul mal-ġudikatura.

**29** L-investiment fil-korp tal-ġudikatura li sar minn Gvern Laburista wassal biex pajjiżna għandu l-akbar numru ta' ġudikanti fl-istorja ta' pajjiżna u bl-aqwa kundizzjonijiet tax-xogħol. Mhux se nieqfu hawn u l-membri tal-ġudikatura se jkomplu jiżdiedu b'tali mod li n-numru ta' ġudikanti jirrifletti l-ammont ta' kawżi li jsiru u l-ispeċjalizzazzjoni tal-qrati.

30 L-investiment fil-professjoni legali huwa investiment fil-ġudikatura ta' għada. Se nwaqqfu Akkademja tal-Ġudikatura sabiex persuni li jaspiraw li jkunu ġudikanti jiġu mħarrġa sabiex jidħlu fil-ġudikatura. Din l-akkademja sservi wkoll bħala punt ta' referenza għall-Judicial Studies Committee u b'hekk jissaħħaħ it-taħriġ kontinwu li jingħata lill-ġudikatura.

## L-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat

31 Wara li fl-aħħar leġiżlatura Gvern Laburista ffirma l-ewwel ftehim kollettiv għall-uffiċini tal-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat, se nkomplu nieħdu miżuri biex iż-żewġ uffiċċji jkunu mgħammra bi professjonisti legali li jgawdu minn kundizzjonijiet ta' xogħol tajbin u opportunitajiet ta' karriera.

32 Il-prosekuturi se jingħataw taħriġ speċjalizzat f'oqsma ġodda u kontemporanji, fosthom l-intelliġenza artifiċjali. Dawn se jkollhom l-għarfien u l-ħiliet meħtieġa biex jifhmu u japplikaw teknoloġiji li qed jinfluwenzaw kemm ir-reati u kif ukoll il-provi.


23

# It-tmexxija tal-pajjiż

Qatt daqs l-aħħar snin ma saru daqshekk riformi u tisħiħ fil-liġijiet ta' pajjiżna u l-governanza. It-tisħiħ tal-istituzzjonijiet u l-investiment fl-amministrazzjoni pubblika ssarrfu f'rimedji aqwa u servizzi affidabbli għall-pubbliku. Is-servizzi pubbliċi jsiru aktar effettivi b'kollaborazzjoni ma' għaqdiet mhux governattivi u s-soċjetà ċivili li wkoll għandhom il-benesseri tan-nies fiċ-ċentru tal-ħidma tagħhom.

# Proċess kontinwu ta' tisħiħ fil-governanza

**01** Fl-aħħar leġiżlatura tellaqna proċess sabiex insaħħu l-Kodiċi tal-Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati u s-sistema tad-dikjarazzjonijiet tal-assi. Se nkunu qed nagħmlu riforma oħra sabiex il-Kodiċi tal-Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari jiġi aġġornat u jkun jirrifletti l-ħtiġijiet tal-preżent.

**02** Bdejna proċess sabiex insaħħu l-indipendenza tal-ġudikanti li jservu fuq it-tribunali. Fix-xhur li ġejjin se nkunu qed nippreżentaw emendi fil-liġijiet sabiex jissaħħaħ il-proċess tal-ħatra tagħhom, jissaħħu l-istandards u jkun hemm mekkaniżmu uniformi fit-termini tal-ħatra.

**03** Pajjiż demokratiku jissalvagwardja r-rieda tal-maġġoranza kif espress fi proċessi elettorali. Se nressqu 'l quddiem riforma dwar mekkaniżmu ta' żblokk għall-karigi kollha li jkunu jeħtieġu l-appoġġ taż-żewġ terzi tal-membri tal-Kamra tad-Deputati.

**04** Wettaqna l-ewwel pjan ta' azzjoni marbut mal-Istrateġija Kontra l-Frodi u l-Korruzzjoni u saħħaħna l-kollaborazzjoni bejn l-entitajiet u l-awtoritajiet li jipprevjenu u jiġġieldu dawn ir-reati. Il-ħidma f'dan is-settur trid tkompli u fix-xhur li ġejjin se tinkiteb strateġija aġġornata għall-ħames snin li ġejjin.

**05** Fil-leġiżlatura li għaddiet pajjiżna għamel l-ewwel pass sabiex isir membru tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u Kooperazzjoni fl-Ewropa (OECD). Il-preparamenti sabiex pajjiżna jilħaq din il-mira se jkomplu fix-xhur u s-snin ġejjin, inkluż riformi fil-liġijiet ta' pajjiżna u tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-amministrazzjoni pubblika.

# Demokrazija b'saħħitha

**06** Wara li fl-aħħar leġiżlatura ttieħdu miżuri għat-tisħiħ tal-elezzjonijiet f'pajjiżna, issa jmiss li jsiru diskussjonijiet fuq bażi nazzjonali dwar riforma aktar wiesgħa bbażata fuq l-effiċjenza u r-rappreżentanza ekwa. Filwaqt li Għawdex għandu jibqa' distrett għalih waħdu, se nesploraw l-idea li jkun hemm numru anqas ta' distretti.

**07** Gvern Laburista jindirizza b'mod konkret l-abbuż tal-privileġġ Parlamentari u sitwazzjonijiet fejn ċittadin iħossu aggravat b'dak li jingħad dwaru fil-Parlament. Se noħolqu proċedura ta' rimedju li xorta waħda tħares id-dritt tal-membri parlamentari li jitkellmu b'libertà sħiħa fil-Parlament.

**08** Nemmnu f'Parlament b'saħħtu u proċeduri parlamentari moderni. Se nibdew proċess ta' reviżjoni tal-iStanding Orders tal-Kamra sabiex ikun hemm aktar ordni fil-proċeduri parlamentari, fosthom id-diskorsi, il-mistoqsijiet parlamentari u l-ħidma tal-kumitati.

**09** Saħħaħna l-funzjonijiet tal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali sabiex insaħħu d-djalogu soċjali u l-armonija bejn min iħaddem u l-ħaddiema. Se nkomplu nsaħħu l-għajnuna disponibbli għall-korpi kostitwiti, inkluż assistenza biex jagħmlu riċerka fuq suġġetti differenti.

**10** Nagħrfu l-bżonn li pajjiżna jkollu aktar professjonisti fil-qasam tad-djalogu soċjali. Il-Gvern se jniedi boroż ta' studju għal professjonisti li jagħżlu li jispeċjalizzaw f'dan is-settur tant importanti.

**11** Wettaqna konsultazzjoni wiesgħa dwar l-ewtanasja volontarja assistita u daħħalna l-kunċett ta' testment mediku fil-liġi. Il-poplu pparteċipa bi ħġaru u esprima fehmiet differenti dwar din il-kwistjoni. Il-Partit Laburista jemmen li d-diskussjoni dwar dan is-suġġett delikat għandha tkompli u l-poplu għandu jingħata l-opportunità jesprimi l-fehma tiegħu permezz ta' referendum.

## Tisħiħ tal-media u x-xandir pubbliku

**12** Gvern Laburista kien l-ewwel pajjiż li implimenta d-Direttiva Anti-SLAPP. Fis-snin li ġejjin se nkomplu nibnu fuq il-liġi eżistenti sabiex din tkopri kawżi miftuħa f'Malta u jiżdiedu s-sanzjonijiet kontra dawk li jibdew proċeduri b'mod abbużiv.

**13** Fl-aħħar snin wettaqna konsultazzjoni estensiva dwar it-tisħiħ tal-media u l-ħarsien tal-ġurnalisti. Issa jmiss li nressqu abbozzi ta' liġijiet aġġornati li jdaħħlu pieni aktar b'saħħithom kontra min jattakka l-ġurnalisti, il-posponiment ta' spejjeż tal-Qorti, it-tneħħija tal-possibbiltà ta' talba għal mandat kawtelatorju fi proċeduri ta' libell u r-rikonoxximent tal-media fil-Kostituzzjoni.

14 Il-Partit Laburista jemmen fil-libertà tal-espressjoni u fl-aħħar snin iddaħħlu liġijiet li eliminaw iċ-ċensura u neħħew il-libell kriminali. Fl-istess waqt hemm il-ħtieġa li tingħata protezzjoni usa' lil dawk li jisfaw vittma ta' malafama u dikjarazzjonijiet libellużi. Wasal iż-żmien li jiddaħħlu proċeduri ta' libell spediti u rimedji adegwati li jagħmlu aktar sens għaż-żminijiet tal-lum.

15 Il-PBS Campus se jinkludi fih akkademja għall-media li toffri taħriġ akkreditat liż-żgħażagħ fil-ġurnaliżmu, il-produzzjoni u x-xandir.

16 Ix-xandir pubbliku se jkompli jaqdi l-irwol tiegħu li jeduka u jwassal il-fatti b'aktar trasparenza u kontabbiltà. Għal dan il-għan se jibda jippubblika rapport annwali li jagħti rendikont tal-imparzjalità, id-diversità fil-mistiedna u l-kontribut lejn is-settur tal-media u l-industrija kreattiva.

# Servizz Pubbliku modern

17 Sena wara l-oħra s-Servizz Pubbliku kompla jiġi fl-ewwel post fil-klassifika tal-eGovernment. Fl-aħħar xhur bdejna proċess li wassal sabiex mijiet ta' uffiċjali pubbliċi qed jużaw l-intelliġenza artifiċjali fil-ħidma tagħhom ta' kuljum. Sa tmiem l-2027 irridu nkunu ħarriġna lil 8,000 uffiċjal pubbliku fl-użu ta' Microsoft Copilot. B'hekk intejbu l-effiċjenza u nagħtu servizz ta' eċċellenza lill-pubbliku.

18 Il-mira tagħna huwa li pajjiżna jitla' fl-ogħla kategorija tal-Global Cybersecurity Index sal-2035. Komplejna nsaħħu l-protezzjoni tal-infrastruttura diġitali kontra t-theddida globali tal-attakki ċibernetiċi u fis-snin li ġejjin se nagħmlu investiment qawwi ieħor fis-Security Operations Centre tal-MITA.

19 Bħala parti mill-isforzi fit-trasformazzjoni diġitali tas-Servizz Pubbliku se nniedu l-inizjattiva Code for Malta fejn żgħażagħ u tech start-ups ikollhom l-opportunità li jiżviluppaw software u għodod diġitali li jkomplu jtejbu s-servizzi pubbliċi offruti online.

# Aktar investiment fil-ħaddiema tal-amministrazzjoni pubblika

**20** Fl-2025 daħal fis-seħħ l-aqwa ftehim kollettiv għal 33,000 ħaddiem fis-Servizz Pubbliku. Dan il-ftehim u ftehimiet settorjali oħra li ġew iffirmati, fosthom tal-infermiera, il-qwiebel, l-edukaturi u l-korpi dixxiplinati, wassal għal qabża sostanzjali fil-pagi tal-ħaddiema. Il-ftehim kollettiv li jmiss se jerġa' jiġi magħluq fil-ħin u jassigura titjib ieħor fil-pagi, kundizzjonijiet tax-xogħol aqwa u benefiċċji ġodda.

**21** Nemmnu bis-sħiħ fil-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħin għall-familja u tajna prova ta' dan bl-introduzzjoni ta' numru ta' prattiċi moderni tax-xogħol fis-Servizz Pubbliku. Il-pass li jmiss hu li ndaħħlu uniformità fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika u dawn il-prattiċi moderni ta' xogħol ikunu disponibbli fejn għad m'hemmx fl-aġenziji, l-awtoritajiet u entitajiet oħra fis-settur pubbliku.

**22** Qed nagħmlu investiment kontinwu fil-ħiliet tal-ħaddiema tas-Servizz Pubbliku, b'mod partikolari fid-diġitalizzazzjoni, l-intelliġenza artifiċjali u t-teknoloġiji emerġenti. L-Istitut għas-Servizz Pubbliku se jżid l-ammont ta' korsijiet offruti, inkluż studji barra minn xtutna, sabiex ikun jista' jikber aktar l-iskambju ta' ħiliet u prattiċi tajba fl-amministrazzjoni pubblika.

**23** Is-Servizz Pubbliku qed jagħti opportunità lil mijiet ta' studenti sabiex jaħdmu u jiksbu esperjenza tas-suq tax-xogħol. Se ntejbu l-iskemi preżenti u nwessgħu l-eliġibbiltà sabiex noħolqu aktar opportunitajiet għaż-żgħażagħ, kemm fis-sajf u anke matul is-sena akkademika.

# Servizz Pubbliku miegħek il-ħin kollu

**24** Wettaqna ħafna xogħol sabiex inqarrbu s-servizzi pubbliċi lejn iċ-ċittadin. Issa jmiss li nniedu pjattaforma diġitali ġdida minn fejn dak li jkun ikun jista' jirċievi servizz personalizzat skont il-bżonnijiet tiegħu. Din il-pjattaforma mhux biss tipprovdilek informazzjoni dwar is-servizzi governattivi kollha iżda tindikalek u tgħinek tapplika għal servizzi, miżuri u benefiċċji li tkun eleġibbli għalihom.

**25** Iċ-ċittadini Maltin se jkunu jistgħu jużaw digital wallet li żżomm fiha d-dokumenti tal-identità f'format elettroniku. Id-dokumenti diġitali se jkunu jistgħu jintużaw fl-Ewropa minflok id-dokument fiżiku. Il-pjan tagħna huwa li din il-faċilità tintuża sabiex il-pubbliku juża s-servizzi online b'modi aktar effiċjenti u siguri.

**26** Il-pubbliku jista' jaċċessa s-servizzi tal-Gvern online minn fejn irid jew inkella jżur wieħed mill-ħamsa u għoxrin ċentru ta' servizz.gov. Minkejja li s-servizzi diġitali huma mfittxija ħafna, xorta waħda għad hemm min jippreferi jċempel jew jinqeda wiċċ imb wiċċ. Irridu noffru dawn is-servizzi lil kemm jista' jkun nies f'ħinijiet differenti u l-pubbliku se jkun jista' jingħata assistenza mil-linja 153 erbgħa u għoxrin siegħa kuljum.

**27** Se noffru aktar servizzi mill-binijiet tal-kunsilli lokali fejn ma hemmx uffiċini ta' servizz.gov. Barra minn hekk se nniedu mobile service hub li jibda jżur lokalitajiet differenti sabiex jagħti assistenza diretta lill-pubbliku. Dan se jkun jista' joffri wkoll servizz lil persuni li jkollhom sfidi ta' mobbiltà u allura ma jkunux jistgħu joħorġu minn darhom.

# Settur tal-volontarjat parteċipi fit-tmexxija tal-pajjiż

**28** Ikkonsultajna mal-għaqdiet volontarji sabiex tlesta abbozz ta' liġi li jsaħħaħ il-qafas leġiżlattiv tas-settur tal-volontarjat. Il-proċess parlamentari relatat ma' dan l-abbozz ta' liġi se jibda fil-bidu tal-leġiżlatura li jmiss. L-emendi proposti għandhom jassiguraw li jkun hemm kategoriji differenti ta' għaqdiet volontarji, jingħata appoġġ addattat lill-għaqdiet skont il-ħtiġijiet tagħhom u jiġu ssimplifikati l-obbligi ta' rappurtaġġ.

**29** L-emendi leġiżlattivi se jwasslu għal tnaqqis fil-burokrazija għall-għaqdiet volontarji. L-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Għaqdiet Volontarji se jkompli jiżviluppa sabiex isir l-interface għall-organizzazzjonijiet volontarji u b'hekk ma jkunx hemm bżonn li d-dokumentazzjoni tiġi sottomessa ripetutament lil regolaturi u entitajiet oħra.

**30** Fl-aħħar snin ħdimna qatigħ sabiex l-għaqdiet volontarji jinstabulhom binjiet minn fejn jaħdmu, jikkonsolidaw it-titlu tagħhom fuq proprjetajiet tal-Gvern u jħallsu rati ta' kera aktar baxxi. Il-ħidma fuq dawn l-għanijiet se tibqa' għaddejja sabiex kemm jista' jkun għaqdiet volontarji jkollhom spazju minn fejn joperaw. Għaqdiet oħrajn li ma jużawx proprjetajiet tal-Gvern se jirċievu għajnuna finanzjarja li tgħinhom ikopru spejjeż relatati mal-kera jew ix-xiri tal-proprjetà.

**31** Ngħinu wkoll lil dawk l-għaqdiet volontarji li jkollhom proġetti ta' manutenzjoni jew rinnovar fi proprjetajiet tal-Gvern li jkunu qed jintużaw minnhom. L-Awtorità tal-Artijiet se tkun qed tniedi fond ta' €1 miljun fis-sena sabiex tappoġġja dawn ix-xogħlijiet.

**32** Fis-snin li ġejjin se nkomplu ngħinu lill-għaqdiet volontarji fl-ispejjeż tal-operat tagħhom. L-inċentiv relatat mal-kontijiet tad-dawl u l-ilma li daħħalna għall-għaqdiet volontarji li jaħdmu fid-diżabilità u l-ħarsien tal-annimali se nestenduh għall-għaqdiet volontarji kollha. Dawk l-organizzazzjonijiet li jużaw binja se jkomplu jiġu megħjuna sabiex jinstallaw faċilitajiet ta' enerġija rinnovabbli u b'hekk jeħilsu mill-ispejjeż kompletament.

33 Is-Servizz Pubbliku għandu sistema li biha jkollu ħaddiema jaħdmu f'organizzazzjonijiet volontarji. Se ndaħħlu arranġamenti addizzjonali sabiex il-ħaddiema tas-Servizz Pubbliku jkunu jistgħu jaħdmu wkoll f'għaqdiet volontarji għal numru ta' ġranet minflok full-time biss. Barra minn hekk, se nħeġġu kumpaniji privati jidħlu f'arranġamenti simili bħala parti mill-istrateġija ta' responsabbiltà soċjali tagħhom.

34 Nemmnu fil-valur tal-volontarjat barra minn xtutna u l-impatt pożittiv li jħalli fil-formazzjoni taż-żgħażagħ. Irridu li aktar żgħażagħ jieħdu sehem f'esperjenzi ta' volontarjat barra minn xtutna u għalhekk se ntejbu l-inċentivi tal-iskema Youth Volunteer Overseas. Minbarra l-għajnuna relata mal-ispiża tas-safar, l-għajnuna li tingħata lil żgħażagħ li jieħdu sehem se titla' għal €30 kuljum.

# Ħarsien tal-konsumatur

35 Negozji li jipparteċipaw fl-iskema Trust You tal-Awtorità għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur huma obbligati li jħaddnu prattiċi tajbin li jagħtu l-aqwa protezzjoni lill-konsumatur. Fiż-żmien li ġej se naraw li aktar negozji jissieħbu f'din l-iskema filwaqt li nagħtu rikonoxximent akbar lil dawk in-negozji li jagħtu serħan il-moħħ lill-klijenti tagħhom.

36 Se nkomplu ntejbu l-kundizzjonijiet marbuta mas-sigurtà tal-lifts u nindirizzaw sitwazzjonijiet ta' konsumaturi li ma jistgħux jirreġistraw il-lift tagħhom minħabba raġunijiet differenti.

37 Se nniedu consumer wallet sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jżommu l-irċevuti, il-kuntratti u l-garanziji b'mod faċli u sigur f'post wieħed. Din il-pjattaforma se tgħin biex jiġu evitati każijiet fejn il-konsumatur ma jkunx jista' jitlob rimedju mingħand il-bejjiegħ minħabba li ma jkunx żamm dawn id-dokumenti.

**38** L-Awtorità għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur se tintroduċi servizz sabiex tagħti serħan il-moħħ lin-negozjanti li l-prodotti li jimpurtaw ikunu konformi mal-liġi u l-kuntratt tal-bejgħ tagħhom ikun legalment korrett. In-negozjanti li jagħmlu użu minn dan is-servizz se jkollhom anqas skrutinju fuq il-prodotti u s-servizzi li diġà jkunu ġew ivverifikati mill-awtoritajiet Maltin.

**39** Il-kollaborazzjoni mal-għaqdiet tal-konsumatur se nestenduha wkoll għal proġetti u inizjattivi ta' għaqdiet li jirrappreżentaw lill-kummerċjanti. B'hekk nassiguraw li l-partijiet interessati kollha jaħdmu għal kompetizzjoni aktar ġusta u protezzjoni ogħla għall-konsumatur.


24

# Is-sehem ta' Malta fid-dinja

Il-politika barranija tagħna wriet li Malta tista' tagħmel impatt fix-xena internazzjonali li jkun ħafna akbar mid-daqs tagħna. Kburin bin-newtralità tagħna u sodisfatti li dan il-prinċipju ma jżommniex milli nieħdu pożizzjoni favur is-sewwa. Malta mhux biss se tibqa' tkun promotur tal-paċi u d-djalogu iżda pont li jgħaqqad flimkien pajjiżi akbar minna.

# Sigurtà, paċi u newtralità

**01** It-taqlib li seħħ madwar id-dinja wera li Malta hija pajjiż irrispettat li jisma' mingħand kulħadd u jifforma pożizzjonijiet mibnija fuq il-prinċipju. Gvern Laburista ma jilgħabx mal-kunċett tan-newtralità u nsostnu t-twemmin tagħna b'ħidma favur il-paċi u għajnuna umanitarja. Fis-snin li ġejjin pajjiżna se jkompli jkun vuċi u medjatur favur id-diplomazija, il-paċi u l-waqfien mill-ġlied.

**02** Filwaqt li pajjiżna se jibqa' jħaddan il-prinċipju tan-newtralità attiva, se nkomplu ninvestu fil-ħarsien tal-infrastruttura kritika, is-sigurtà marittima u s-sigurtà ċibernetika. Pajjiżna se jkun fuq quddiem f'kull inizjattiva favur it-tisħiħ tas-sigurtà tal-Unjoni Ewropea li tmur lil hinn mill-armamenti.

**03** Fl-aħħar snin ħdimna sabiex illum pajjiżna qed jospita ċ-Ċentru Globali dwar il-Monitoraġġ tas-Sanzjonijiet Marittimi tal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti fuq id-Drogi u l-Kriminalità (UNODC). Dan iċ-ċentru poġġa lil Malta fil-qalba tal-infurzar tal-liġijiet internazzjonali fi żmien ta' tensjonijiet ġeopolitiċi straordinarji. Se nkomplu nagħtu l-appoġġ kollu tagħna lit-tisħiħ ta' dan iċ-ċentru u naħdmu sabiex aktar pajjiżi jsiru membri fih.

**04** Il-kisbiet li għamlet Malta fl-avvanz tad-drittijiet tal-bniedem jagħtuna l-opportunità li naħdmu għal kisbiet simili fuq bażi internazzjonali. Se nsaħħu l-isforzi tagħna sabiex pajjiżna jippreżenta kandidatura b'saħħitha biex inkunu membri fil-Kunsill tad-Drittijiet Umani tan-Nazzjonijiet Uniti bejn l-2032 u l-2034.

**05** Tajna prijorità lil multilateraliżmu effettiv kull darba li pajjiżna ġie fdat fi rwol importanti, fosthom membru tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, Chairperson tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa u Chairman tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u Kooperazzjoni fl-Ewropa. Se nintensifikaw il-ħidma li bdejna sabiex pajjiżna jerġa' jkun membru fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti bejn l-2045 u l-2046.

# Malta madwar id-dinja

**06** Saħħaħna s-servizz barrani tagħna b'żieda ta' ambaxxati, fosthom ambaxxata ġdida fil-Kanada u l-ewwel ambaxxata Maltija fl-Amerka t'Isfel fil-Brażil. Il-kapaċitajiet tas-servizz barrani ta' Malta se nkomplu nsaħħuhom sabiex pajjiżna jkun irrappreżentat b'diversi modi madwar id-dinja kollha.

**07** Irridu li aktar żgħażagħ Maltin jiksbu esperjenzi f'pajjiżi differenti madwar id-dinja. Wara li fl-2025 daħal fis-seħħ working holiday agreement ġdid bejn Malta u l-Ġappun, se nkunu qed naħdmu ma' pajjiżi oħra sabiex iż-żgħażagħ Maltin ikunu jistgħu jgawdu minn dawn l-esperjenzi f'aktar pajjiżi.

**08** Nemmnu li l-organizzazzjonijiet multilaterali huma t-tarka ta' pajjiżi bħal tagħna f'kuntest ta' sfidi ġeopolitiċi ġodda. Dawn l-istituzzjonijiet jassiguraw li pajjiżna jkollu leħen daqs ħaddieħor fil-komunità internazzjonali u jħarsu s-sigurtà u l-aċċess tagħna għal swieq internazzjonali. Malta se tkompli taħdem favur is-sostenn ta' dawn l-istituzzjonijiet sabiex jibqgħu relevanti quddiem l-isfidi ta' issa u tal-ġejjieni.

**09** Malta dejjem kienet minn ta' quddiem fil-kontribut tagħha għall-iżvilupp ta' pajjiżi u reġjuni oħra. L-Assistenza Uffiċjali għall-Iżvilupp se tibqa' immirata lejn dawk il-komunitajiet li l-aktar għandhom bżonn. Din l-assistenza ma għandhiex l-għan li toħloq dipendenzi iżda sħab ġodda għal pajjiżna.

# Malta fl-Unjoni Ewropea

**10** Fl-2030 pajjiżna se jkun qed jassumi l-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għat-tieni darba. Din hija okkażjoni oħra biex pajjiżna juri l-kapaċità fit-tmexxija meta jassumi rwoli internazzjonali importanti. Il-preparamenti għal din l-inizjattiva bdew diġà u pajjiżna se jerġa' jkollu l-opportunità li Malta tfassal l-aġenda tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea daqs kull Stat Membru ieħor.

**11** Se niffurmaw programm ta' ħidma li jindirizza l-prijoritajiet tal-Unjoni Ewropea dak iż-żmien filwaqt li nagħmlu enfasi fuq ir-realtajiet ta' stati membri bħal tagħna. Dan huwa mument ta' għaqda nazzjonali u għaldaqstant se jsir proċess ta' konsultazzjoni estensiv sabiex jiġu ddeterminati l-prijoritajiet ta' pajjiżna.

**12** Bħalissa għaddejjin negozjati fuq il-baġit tal-Unjoni Ewropea għall-perjodu 2028 – 2034. Għal darba oħra qed nagħmlu ħilitna sabiex pajjiżna jkun allokat pakkett ta' fondi tal-Unjoni Ewropea b'saħħtu u li jsostni l-ħtiġijiet ta' pajjiżna. Dawn il-fondi jridu jsostnu t-tkabbir ekonomiku filwaqt li jaċċelleraw it-trasformazzjoni diġitali u t-tranżizzjoni ekoloġika ta' pajjiżna.

**13** Il-baġit tal-Unjoni Ewropea għall-perjodu li ġej se jkun qed iħares lejn prijoritajiet ġodda flimkien mal-prijoritajiet tradizzjonali. Se nkunu qed nippreparaw lil pajjiżna sabiex jaddatta għal dawn il-bidliet u b'hekk insaħħu l-potenzjal tagħna li nassorbu ammont akbar ta' fondi ċentralizzati tal-Unjoni Ewropea.

**14** Għaqdiet mhux governattivi li japplikaw għall-fondi tal-Unjoni Ewropea jidħlu fi spejjeż relatati mal-applikazzjoni u l-ġestjoni tal-proġetti. Se nagħtu taħriġ lill-għaqdiet mhux governattivi sabiex jiffrankaw spejjeż relatati ma' servizzi ta' konsulenza. Barra minn hekk se tiġi pprovduta assistenza finanzjarja lil dawn l-għaqdiet sabiex tgħinhom jaċċessaw fondi tal-Unjoni Ewropea u jwettqu l-proġetti tagħhom.

## Il-Mediterran huwa darna

**15** Fil-leġiżlatura li għaddiet tellaqna politiki ġodda għar-relazzjoni ta' pajjiżna mal-Golf Għarbi u mal-Afrika. Issa jmiss li jkollna strateġija għall-Mediterran li tkun mibnija fuq skambji ekonomiċi, edukattivi u kulturali, fost oħrajn.

**16** Malta kienet strumentali sabiex il-Kummissjoni Ewropea għandha Kummissarju għall-Mediterran. Se nkomplu nisfruttaw dan il-pass importanti sabiex nassiguraw li l-isfidi tal-Istati Membri tan-naħa t'isfel tal-Ewropa jiġu riflessi fil-politika u l-liġijiet tal-Unjoni Ewropea, anke lil hinn mit-terminu ta' din il-kummissjoni.

**17** L-isfidi reġjonali fil-Mediterran se jkomplu jiżdiedu, fosthom elementi kruċjali għas-sigurtà ta' pajjiżna bħat-tibdil fil-klima, is-sigurtà marittima u l-protezzjoni tal-infrastruttura ta' taħt il-baħar. Malta trid tqarreb flimkien il-pajjiżi tal-Mediterran sabiex itejbu l-abbiltà tagħhom li joħorġu b'soluzzjonijiet komuni għall-problemi li jaffettwawhom ilkoll.

**18** Il-mument li qegħdin ngħixu jsejjaħ għal aktar diversifikazzjoni tas-swieq tagħna. L-istrateġija tagħna dwar l-Afrika ta' Fuq tmur lil hinn mill-immigrazzjoni irregolari. Se naħdmu mal-pajjiżi ġirien tagħna fuq livell tekniku u politiku favur integrazzjoni ekonomika aktar b'saħħitha fil-Mediterran.

19 Malta dejjem tat importanza kbira lill-inizjattiva Med 9. Fl-2023 Malta kellha l-presidenza ta' dan il-forum u f'pajjiżna saru laqgħat importanti għall-ewwel darba, fosthom il-laqgħat tal-ministri tal-enerġija u tal-ministri responsabbli mill-qasam diġitali. Fis-snin li ġejjin se nkomplu naħdmu fuq il-prijoritajiet tal-pajjiżi tal-Mediterran sabiex dan ir-reġjun jingħata l-importanza li jixraqlu fit-tfassil tal-politika tal-Unjoni Ewropea.

20 Malta appoġġat il-ħolqien tal-Patt għall-Mediterran tal-Unjoni Ewropea mill-bidu nett. Se nagħtu s-sehem u l-ideat tagħna sabiex nassiguraw li din l-inizjattiva tissarraf fi proġetti konkreti li jsaħħu l-kooperazzjoni u t-tkabbir fil-pajjiżi tal-Mediterran.

## Kummerċ internazzjonali

21 Numru dejjem jikber ta' kumpaniji qed ifittxu ġurisdizzjoniijiet stabbli fejn jirrilokaw l-operat tagħhom. Irridu nikkonsolidaw l-isforzi li qed jagħmlu l-ambaxxati tagħna sabiex jiġbdu l-investiment lejn pajjiżna permezz ta' pakkett ta' inċentivi li jħeġġeġ kumpaniji barranin jiftħu uffiċini reġjonali f'Malta.

22 Irridu li aktar kumpaniji Maltin jieħdu sehem fi proġetti internazzjonali. Għalhekk se nipprovdu assistenza sabiex inqarrbu kumpaniji Maltin lejn dawn l-opportunitajiet ta' investiment. L-assistenza se tinkludi wkoll għajnuna sabiex kumpaniji lokali jingħaqdu f'konsorzja sabiex iwettqu proġetti barra minn xtutna.

## Korp diplomatiku effettiv

23 Ir-realtajiet ġeopolitiċi qed isiru dejjem aktar ikkumplikati u tekniċi. Se nwaqqfu Osservatorju għall-Politika Barranija li jkun attrezzat biex iforni analiżi esperta dwar kwistjonijiet ta' politika barranija u jħarreġ lid-diplomatiċi Maltin f'ħiliet ġodda.

24 L-isfidi internazzjonali kienu ta' prova għall-awtoritajiet ta' pajjiżna kull darba li kien hemm Maltin jgħixu barra f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Se nkomplu ninvestu fir-riżorsi u t-taħriġ tas-servizz konsulari sabiex ikompli jingħata servizz lill-Maltin mad-dinja kollha, inkluż f'pajjiżi fejn ma hemmx rappreżentanza Maltija.













Partit
Laburista